



Edizzjoni bil-Malti

## Informazzjoni u Avviżi

Volum 60

10 ta' Marzu 2017

Werrej

### I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

#### OPINJONIJIET

##### **Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew**

##### **521 Sessjoni Plenarja tal-KESE fl-14 u l-15 ta' Diċembru 2016**

2017/C 075/01	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "L-ekonomija funzjonali" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) . . . . .	1
2017/C 075/02	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-promozzjoni ta' intrapriżi innovattivi bi tkabbir sostanzjali" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) . . . . .	6
2017/C 075/03	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Qafas adatt għat-trasparenza tal-kumpaniji" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) . . . . .	14
2017/C 075/04	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-fatturi bażiċi ewlenin li jinfuwnaw il-Politika Agrikola Komuni wara l-2020" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) . . . . .	21
2017/C 075/05	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "L-applikazzjoni tal-kunċett 'nudge' fil-politiki Ewropej" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) . . . . .	28

### III *Atti preparatorji*

#### IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

##### **521 Sessjoni Plenarja tal-KESE fl-14 u l-15 ta' Diċembru 2016**

2017/C 075/06	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni – Aġenda Ewropea għall-ekonomija kollaborattiva" [COM(2016) 356 final] . . . . .	33
2017/C 075/07	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew – Programm ta' ħidma annwali tal-Unjoni għall-Istandardizzazzjoni Ewropea għall-2017" [COM(2016) 357 final] . . . . .	40

2017/C 075/08	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1286/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar dokumenti bl-informazzjoni ewlenija għal prodotti aggregati ta’ investiment għall-konsumaturi bbażati fuq l-assigurazzjoni fir-rigward tad-data tal-applikazzjoni tiegħu” [COM(2016) 709 final – 2016/0355 (COD)]	44
2017/C 075/09	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 345/2013 dwar Fondi ta’ Kapital ta’ riskju Ewropew u r-Regolament (UE) Nru 346/2013 dwar il-Fondi ta’ Intraprenditorija soċjali Ewropej” [COM(2016) 461 final]	48
2017/C 075/10	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 99/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-programm statistiku Ewropew tal-2013-17, billi jestendih għal 2018-2020” [COM(2016) 557 final – 2016/0265(COD)]	53
2017/C 075/11	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) 2015/1017 fir-rigward tal-estensjoni tad-durata tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi kif ukoll l-introduzzjoni ta’ titjib tekniku għal dan il-Fond u għaċ-Ċentru Ewropew ta’ Konsulenza għall-Investimenti” [COM(2016) 597 final – 2016/0276 (COD)]	57
2017/C 075/12	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill Rieżami/reviżjoni ta’ nofs it-terminu tal-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020 Baġit tal-UE ffukat fuq ir-riżultati” [COM(2016) 603 final] “Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013 li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020” [COM(2016) 604 final – 2016/0283 (APP)] “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2012/2002, Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, EU Nru 1304/2013, (UE) Nru 1305/2013, (UE) Nru 1306/2013, (UE) Nru 1307/2013, (UE) Nru 1308/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, (UE) Nru 652/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill” [COM(2016) 605 final – 2016/0282 (COD)]	63
2017/C 075/13	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva (UE) 2016/1164 fir-rigward ta’ discrepanzi ibridi ma’ pajjiżi terzi” [COM(2016) 687 final — 2016/0339 (CNS)]	70
2017/C 075/14	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali dwar “Proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kundizzjonijiet tad-dħul u tar-residenza ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi għall-finijiet ta’ impjeg b’ħiliet għolja” [COM(2016) 378 final – 2016/0176 (COD)]	75
2017/C 075/15	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-impjeg ta’ ħaddiema fil-qafas ta’ prestazzjoni ta’ servizzi” [COM(2016) 128 final – 2016/0070 (COD)]	81
2017/C 075/16	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta’ applikanti għall-protezzjoni internazzjonali (riformulazzjoni)” [COM(2016) 465 final] u dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar standards għall-kwalifika ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta’ protezzjoni internazzjonali, għal status uniformi għar-rifuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE tal-25 ta’ Novembru 2003 dwar l-istatus ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jkunu residenti fit-tul” [COM(2016) 466 final] u dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi proċedura komuni għal protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE” [COM(2016) 467 final]	97

2017/C 075/17	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta’ gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-Qafas ta’ politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rapportar ta’ emissjonijiet ta’ gassijiet serra u għar-rapportar ta’ informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima” [COM(2016) 479 final – 2016/0230(COD)] u dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta’ gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 għal Unjoni tal-Enerġija reżiljenti u biex jiġu onorati l-impjenji li saru fil-Ftehim ta’ Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u għar-rapportar ta’ emissjonijiet ta’ gassijiet serra u ta’ informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima” [COM(2016) 482 final – 2016/0231(COD)]	103
2017/C 075/18	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet demersali fil-Baħar tat-Tramuntana u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 676/2007 u li jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1342/2008” [COM(2016)0493 final – 2016/0238 (COD)]	109
2017/C 075/19	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomika u Soċjali Ewropew dwar “Il-pakkett tal-avjazzjoni II, li jinkludi Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jstabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill” [COM(2015) 613 final – 2015/0277 (COD)] u dwar “Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – Il-Programm Ewropew tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni” [COM(2015) 599 final]	111
2017/C 075/20	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Pjattaformi Online u s-Suq Uniku Diġitali – Opportunitajiet u Sfidi għall-Ewropa” [COM(2016) 288 final]	119
2017/C 075/21	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Insaħħu r-Reżiljenza tal-UE għaċ-Ċibersigurtà u Nrawmu Industrija taċ-Ċibersigurtà Kompetittiva u Innovattiva” [COM(2016) 410 final]	124
2017/C 075/22	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “It-tisħiħ tar-relazzjonijiet kummerċjali bilaterali bejn l-UE u t-Turkija u l-modernizzazzjoni tal-Unjoni Doganali”	129
2017/C 075/23	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni ‘Lejn Ħajja b’Dinjità: minn dipendenza fuq l-għajnuna għal ħajja indipendenti — Lejn Ħajja b’Dinjità: minn dipendenza fuq l-għajnuna għal ħajja indipendenti” [COM(2016) 234 final]	138
2017/C 075/24	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Politika integrata tal-Unjoni Ewropea dwar l-Artiku” [JOIN(2016) 21 final]	144



## I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

## OPINJONIJIET

## IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

521 SESSJONI PLENARJA TAL-KESE FL-14 U L-15 TA' DIĊEMBRU 2016

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “L-ekonomija funzjonali”**

**(opinjoni fuq inizzjattiva proprja)**

(2017/C 075/01)

Relatur: **is-Sur Thierry LIBAERT**

Bażi legali	Artikolu 29(2) tar-Regoli ta' Proċedura Opinjoni fuq inizzjattiva proprja
Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	21.1.2016
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum
Adottata fis-sezzjoni	4.10.2016
Adottata fil-plenarja	15.12.2016
Sessjoni plenarja Nru	521
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	169/0/3

### 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. B'din l-Opinjoni, il-KESE jesprimi x-xewqa tiegħu li jara lis-soċjetà tidħol fi tranżizzjoni ekonomika biex tgħaddi minn fażi ta' sfruttament żejjed tar-riżorsi u ta' ħela lejn fażi aktar sostenibbli, ibbażata fuq il-valur tal-kwalità iktar milli tal-kwantità, u rikka fl-impjiegi. Il-KESE jafferma r-rieda tiegħu li jara li l-Ewropa tieħu l-inizzjattiva fir-rigward ta' invenzjoni ta' forom ġodda ta' ekonomija.

1.2. Il-KESE jemmen li għandha tiġi appoġġjata l-ekonomija funzjonali sa fejn din tippermetti li jiġu indirizzati l-isfidi kollha jew parti minnhom. Din mhijiex għan fiha nnifisha, iżda mezz biex jintlaħqu għanijiet ġodda tal-mudell ta' konsum.

1.3. Peress li jeżistu ħafna inċertezzi jew fatturi mhux magħrufa fir-rigward ta' dawk li suppost huma benefiċċji ekonomiċi, ambjentali u soċjali tal-ekonomija funzjonali, hemm bżonn ta' valutazzjoni sħiħa ta' tipi ta' prodotti jew ta' servizzi sabiex ikunu jistgħu jiġu definiti l-vantaġġi u fejn applikabbli, il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati fl-ekonomija funzjonali għall-benefiċċju taċ-ċittadini.

1.4. Sussegwentement jeħtieġ li jiġi promoss it-tikkettar li jindika l-impatti (ambjentali, soċjali, ekonomiċi, eċċ.) tal-prodott jew tas-servizz akkwistat skont approċċ tal-ekonomija funzjonali – “aċċess” jew “użu” kontra “sjieda”. Tikkettar bħal dan għandu jippermetti lill-konsumatur ikun jaf jekk huwiex iktar xieraq li jagħżel li jixtri prodott jew servizz u biex jagħmel għażliet informati. Il-kwalità u l-affidabbiltà tal-informazzjoni pprovduta mill-intrapriżi huma kruċjali f'dan ir-rigward. Għalhekk jeħtieġ li jiġu stabbiliti awtoritajiet u mekkaniżmi li jiggarantixxu dan f'għajnejn il-konsumaturi.

1.5. Il-KESE jirrakkomanda li l-Istati Membri u l-partijiet interessati jippromovu l-konsum responsabbli, qabel kolloxx matul il-fażi edukattiva, b'enfasi fuq l-ekonomija funzjonali. Jekk issir b'mod intelliġenti, l-ekonomija funzjonali tista' tgħin biex jingħelbu bosta sfidi attwali marbuta mal-konsum.

1.6. B'mod aktar ġenerali, il-KESE jirrakkomanda li jiġihaffu r-riċerka u r-riżultati fir-rigward ta' metodi ġodda ta' produzzjoni u ta' konsum b'konnessjoni mal-ekonomija funzjonali:

- It-tfassil ekoloġiku tal-prodotti, li jippermetti biex mill-bidu nett tiġi żgurata s-sostenibbiltà tar-riżorsi li jintużaw filwaqt li jitqies l-impatt ambjentali tal-prodotti tul iċ-ċiklu sħiħ tal-ħajja tagħhom. L-ekonomija funzjonali tista' tinvolvi disinji ġodda ta' prodotti, li jkunu jistgħu jissewewew aktar, ikunu modulari, eċċ.
- L-ekonomija ċirkolari, b'rabta mal-Opinjoni tal-KESE dwar il-pakkett dwar l-ekonomija ċirkolari<sup>(1)</sup>, għandha approċċ minn nieqa sa nieqa (“cradle to cradle”) bil-għan li tittrasforma l-iskart ta' intrapriża f'riżorsi għal intrapriża oħra. L-ekonomija funzjonali tista' tippermetti li jiġu vvalutati aħjar il-koprodotti u l-esternalitajiet ta' ċerti kumpaniji għall-finijiet tal-produzzjoni ta' oħrajn.
- L-ekonomija kollaborattiva, b'mod partikolari permezz tal-Opinjoni tal-KESE tal-21 ta' Jannar 2014<sup>(2)</sup>, li l-bażi teoretika tagħha hija l-ekonomija funzjonali. L-iżviluppi ta' dawn il-forom ta' negozji flimkien jistgħu, f'ċerti kundizzjonijiet, jaċċeleraw il-benefiċċji tal-ekonomija funzjonali, b'mod partikolari b'rabta mal-ambjent.
- L-ekonomija għall-ġid komuni, flimkien mal-Opinjoni tal-KESE tas-17 ta' Settembru 2015<sup>(3)</sup>.
- L-ekonomija kollaborattiva, li għet indirizzata b'mod partikolari fl-Opinjoni tal-KESE tat-13 ta' Mejju 2016<sup>(4)</sup>.

1.7. Pakkett leġislattiv Ewropew għandu jipprovdi struttura għal servizzi mogħtija permezz tal-ekonomija funzjonali, b'rabta b'mod partikolari mal-kwistjonijiet ġodda tal-konsum – il-konsum kollaborattiv, l-obsolenza, il-fehim ta' dawn il-mudelli mill-konsumatur, u kuntest legali u fiskali aktar favorevoli għall-kumpaniji innovattivi.

1.8. It-territorjalizzazzjoni tal-ekonomija funzjonali tippermetti li tindirizza l-isfidi ġodda ta' żvilupp reġjonali sostenibbli, permezz tal-esperimentazzjoni ta' mudelli ekonomiċi ġodda. L-ekonomija funzjonali hija utli biex tenfasizza l-assi reġjonali, toħroġ mill-istandardizzazzjoni tal-produzzjoni tal-massa, li hija parzjalment responsabbli għad-diżillużjoni tal-konsum attwali, u tqis ir-riperkussjonijiet kollha tas-sistema ta' produzzjoni. Barra minn hekk, minħabba li d-densità tagħhom twassal għal approċċi bbażati fuq il-pooling tar-riżorsi, il-bliet huma wieħed mit-territorji l-iktar adatti sabiex jiġu żviluppati soluzzjonijiet ta' ekonomija funzjonali.

1.9. Sabiex tiġi indirizzata t-tranżizzjoni fundamentali lejn mudell ekonomiku ġdid b'konsegwenzi prinċipali u sistematiki f'diversi oqsma, huwa rrakkomandat li tinħoloq struttura trasversali permanenti ġdida fi ħdan il-KESE biex jiġu analizzati dawn l-iżviluppi.

1.10. Ser tkun utli pjattaforma għall-iskambju li tagħmel l-inizjattivi tal-ekonomija funzjonali aktar viżibbli fil-livell Ewropew, f'kuntest fejn ma tantx hemm eżempji tajbin u dawn mhux dejjem jirċievu l-attenzjoni li tistħoqqilhom. Din il-pjattaforma tista' tiddaħħal fil-pjattaforma Ewropea dwar l-ekonomija ċirkolari approvata mill-KESE fil-votazzjoni dwar l-Opinjoni tiegħu dwar il-pakkett tal-ekonomija ċirkolari, ippreżentat mill-Kummissjoni Ewropea.

1.11. L-ekonomija funzjonali tista' tippermetti li jerġgħu jingħaqdu l-valuri differenti li jagħmlu l-valur ta' oġġett. Il-valuri ta' użu, iżda wkoll il-valur tax-xogħol, għandhom isibu mezz biex jeżistu flimkien fi ħdan l-ekonomija funzjonali.

1.12. Ser ikun kruċjali li jiġu ċċarati u ssemplifikati l-kwistjonijiet tal-assigurazzjoni relatati mal-mudelli ta' ekonomija funzjonali, u jeħtieġ li dawn ikunu aktar espliċiti għall-konsumatur finali, sabiex ikunu jistgħu jiġu żviluppati s-servizzi l-ħodda tal-ekonomija funzjonali.

<sup>(1)</sup> ĠU C 264, 20.7.2016, p. 98.

<sup>(2)</sup> ĠU C 177, 11.6.2014, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU C 13, 15.1.2016, p. 26.

<sup>(4)</sup> ĠU C 303, 19.8.2016, p. 36.

## 2. Tifsira u kontenut: mis-sjieda għall-użu

2.1. L-ekonomija funzjonali għandha l-għan li tiżviluppa l-użu tal-prodotti minflok is-sjieda tagħhom. Madankollu dan ifisser aktar milli sempliċiment jiġu inkorporati “servizzi” miżjuda ma’ “prodott”. L-ekonomija funzjonali tqis l-isfidi kollha fil-konsum billi jitqies aħjar l-utent finali, mudelli ekonomiċi aktar effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, saħansitra l-għotja ta’ benefiċċji konġunti għar-reġjuni. F’din il-perspettiva, l-intrapriżi ma jbigħux prodott iżda l-funzjonalità tal-prodott, li titħallas skont l-użu. Għalhekk, il-manifatturi għandhom interess a priori li jiżviluppaw prodotti solidi, li jissewew u li jkollhom manutenzjoni faċli fil-kuntest tal-mudell ekonomiku tagħhom, kif ukoll li jiżguraw katina ta’ produzzjoni u loġistika adegwati.

2.1.1. Il-paradigma ekonomika sottostanti turi li l-valur jinsab fil-benefiċċji li joħorġu mill-użu tiegħu, jiġifieri l-valur ta’ użu, iżda wkoll fl-oġġett jew fis-servizz stess jew fil-valur tiegħu f’għajnejn ħaddieħor, jiġifieri l-valur tax-xogħol jew il-valur ta’ skambju.

2.1.2. Fil-mudell ekonomiku tradizzjonali, il-produtturi joħlqu l-valur u l-konsumaturi jeqirduh permezz tal-konsum. Fl-ekonomija funzjonali, l-interessi taż-żewġ partijiet għandhom jallinjaw ruħhom, jew fi kwalunkwe każ jingħaqdu, biex kulħadd iżomm, jew saħansitra joħloq, l-valur. Bir-rivoluzzjoni diġitali attwali, il-produzzjoni u l-isfruttament tad-data li ġejja mill-użi u l-għarfien tal-prodotti huma pereżempju waħda minn dawn ir-riżorsi u l-valuri l-ġodda maħluqa miż-żewġ partijiet.

2.1.3. Id-dimaniki l-ġodda emerġenti madwar il-figura, li għadha ipotetika, tal-“prosumatur” (neoloġiżmu li jindika ż-żewġ rwoli storikament separati tal-produttur u tal-konsumatur), juru kif ir-relazzjonijiet ekonomiċi lineari jew vertikali ħafna qegħdin jinbidlu fi skemi jew strutturi aktar konnessi jew orizzontali.

2.1.4. L-ekonomija funzjonali tista’ tippromovi d-dematerjalizzazzjoni tal-ekonomija, billi tintegra l-ispejjeż kollha fil-prezz finali. Din għandha tippermetti li jiġi promoss id-diżakkoppjament tal-attività ekonomika mill-impatt ambjentali.

2.2. Hemm żewġ skejjeļ ta’ ħsieb, li joffru żewġ mudelli li f’it jew wisq kellhom suċċess fl-applikazzjoni tal-kunċett ta’ ekonomija funzjonali. L-ewwel skola ta’ ħsieb tkopri l-provvista ta’ servizz iffokata fuq l-użu u torbot mal-idea ġenerali ta’ ekonomija tas-servizzi. Din tirrevedi r-relazzjoni ta’ sjieda, iżda f’it li xejn titkellem dwar il-prodotti. It-tieni tikkonċentra fuq l-esternalitajiet tal-ekonomija funzjonali li jistgħu jwasslu għal soluzzjonijiet ġodda, fejn il-bejgħ ta’ oġġetti u ta’ servizzi jidher bħala pakkett integrat (fejn tingħata ħarsa lejn il-kwistjonijiet ta’ xogħol jew tal-produzzjoni tar-riżorsi intanġibbli, inklużi r-riżorsi reġionali) u fejn il-konsumatur huwa parti integrali mis-soluzzjoni ddisinjata.

2.3. L-approċċ li jirrakkomanda l-KESE huwa wieħed bilanċjat. L-idea mhijiex li tiġi promossa b’mod uniformi l-ekonomija funzjonali iżda li din issir biss meta tipprowdi tweġibiet għall-isfidi l-ġodda elenkati.

## 3. Il-kwistjonijiet

3.1. L-ekonomija funzjonali hija interessanti peress li fit-teorija, jew, fi kwalunkwe każ, taħt ċerti kundizzjonijiet, hija kapaċi tindirizza diversi sfidi (kemm jekk ekonomiċi, soċjali, ambjentali kif ukoll kulturali) relatati mal-konsum attwali.

3.2. Fil-kuntest ta’ approċċ integrat, b’mod partikolari fi ħdan ir-reġjuni, tista’ toħloq benefiċċji konġunti jew esternalitajiet pożittivi. Għalhekk, bħala eżempju, permezz ta’ metodi ta’ ħidma abbażi ta’ kooperattivi u dawk trasversali, l-awtoritajiet lokali jinkludu fil-provvista tagħhom tad-dawl pubbliku kunsiderazzjonijiet bħall-prestazzjoni ekonomika, is-sikurezza tal-ispazji pubbliċi, iżda wkoll it-tnaqqis tat-tniġġis tad-dawl, kif ukoll it-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija. Billi jiġu integrati dawn l-għanijiet differenti, aktar milli jkun hemm enfasi fuq parametru wieħed, huwa possibbli li jintlaħqu diversi għanijiet u l-ispejjeż jinżammu taħt kontroll.

3.2.1. Billi jiġu koordinati l-investimenti, l-ekonomija funzjonali hija għodda li tippromovi l-innovazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli, u b’mod partikolari l-innovazzjonijiet teknoloġiċi nodfa jew ekoloġiċi. Dawn tal-aħħar, li ħafna drabi jkunu aktar intensivi fil-kapital mis-soluzzjonijiet konvenzjonali, isibu għalhekk mudell ekonomiku li jippromovi t-tixrid tagħhom permezz tal-konsumaturi li, individwalment m’għandhomx biżżejjed kapaciċitajiet finanzjarji. Pereżempju, kuntratt għall-prestazzjoni tal-enerġija jista’ jippermetti lill-utent li jkollu aċċess għal teknoloġiji u servizzi effiċjenti fl-enerġija li kultant jiswew ħafna flus permezz ta’ ħlas baxx fix-xahar.

3.3. Mil-lat ambjentali, il-metodi tal-konsum attwali bbażati fuq sjieda individwali jwasslu għal użu insuffiċjenti tal-oġġetti u konsegwentement għal ħela sinifikanti ta’ riżorsi naturali (pereżempju, attwalment karozza ma tintużax 95 % tal-ħin, u fil-bliet, ġeneralment tintuża minn f’it aktar minn persuna waħda 1,2).



3.3.1. L-akkwist ta' servizz tal-mobbiltà (siġġu għal numru ta' kilometri partikolari, karozza għal perjodu u kilometraġġ definiti, eċċ.) jgħin jiżied l-użu ta' dawn ir-riżorsi. L-ekonomija funzjonali tista' għalhekk iżżid l-intensità tal-użu ta' bosta beni ta' konsum, u b'hekk jinħolqu aktar valur għal impronta ambjentali baxxa.

3.3.2. L-issettjar tal-prezzijiet tas-servizzi tal-ekonomija funzjonali, li tibni fuq l-ispejjeż kollha tal-prodotti u s-servizzi u mhux biss fuq l-ispejjeż marġinali, jippermetti li l-ispejjeż reali jinftiehm u aħjar mill-utent. Dan jagħti sinjal ta' prezz li l-eqreb li jirrifletti l-impatt reali tal-produzzjoni, u jhegġegħ għalhekk imġiba aktar responsabbli (pereżempju: meta tintxtara siegħa ta' ċar-sharing, l-utent jikkontribwixxi għall-ispejjeż tat-tkagħbir bl-użu, l-assigurazzjoni, il-parkeġġ, il-karburant, eċċ., bl-ispejjeż kollha kkalkulati fuq bażi pro rata. Il-konsumatur għalhekk ser ikun iktar miftuħ għal użu raġonevoli ta' din il-vettura meta mqabbel ma' approċċ ibbażat fuq is-"sjieda" fejn huwa biss il-karburant li jitqies bħala spiża ta' użu).

3.4. F'termini soċjali, sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż ta' aċċess għal prodott jew servizz, sew jekk permezz tal-akkomunament ta' investiment minn diversi partijiet jew billi tiġi limitata l-ispiża tal-użu maħsub għall-ispejjeż għall-aċċess, l-ekonomija funzjonali tista' tippermetti lil għadd kbir ta' konsumaturi jaċċessaw servizzi li qabel ma kienux disponibbli għalihom. Il-kwistjoni kruċjali, minn perspettiva kemm ekonomika kif ukoll legali jew ta' assicurazzjoni, hija għalhekk dik li jiġi identifikat l-investitur jew id-detentur tal-kapital li jsir disponibbli għall-utenti. Dwar dawn il-kwistjonijiet, l-isfidi tal-leġislazzjoni l-ġdida li għandha tinholq jidhru kbar.

3.4.1. Il-kwistjonijiet soċjali huma numerużi, u bl-istess mod bħall-kwistjonijiet ambjentali, għandhom jiġu esplorati serjament sabiex jiġi deċiż jekk l-ekonomija funzjonali hux ser tkun ta' benefiċċju f'dan il-qasam u, fuq kollox, sabiex jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet li bihom għandha tiġi introdotta l-ekonomija funzjonali għal progress soċjali.

3.5. Il-bidla radikali li tinvolvi t-tranżizzjoni minn "proprietà" għal "aċċess" ma hijiex bla konsegwenzi. Hija tinfed il-bidla minn mudell ta' konsum ibbażat fuq il-pretensjoni u x-xewqa imitattiva lejn konsum aktar moderat, li għandu inqas għeruq f'imġiba kompulsiva, u li fi kwalunkwe każ jiddependi inqas fuq is-sjieda ta' beni materjali.

3.6. Id-diġitalizzazzjoni tista' tippermetti li jiġi estiż l-ambitu tal-ekonomija funzjonali, sabiex toħroġ mill-isfera esklużiva, fi kwalunkwe każ oriġinali, tal-B-to-B. Jekk jitnaqqsu b'mod partikolari l-ispejjeż tat-tixrid u tal-implimentazzjoni, is-soluzzjonijiet diġitali jistgħu jipprovdu soluzzjonijiet ta' ekonomija funzjonali lil kulħadd f'oqsma diversi ħafna (mużika, mobbiltà, tagħmir, akkomodazzjoni, eċċ.). F'dawn il-perspettivi, sabiex jiġi żgurati li l-mudell ekonomiku l-ġdid jista' jopera flimkien ma' dak eżistenti, għandhom jiġu żviluppatti u implimentati malajr qafas fiskali u regolatorju adatt.

3.7. Il-ħidma u l-kontributi reċenti juru li l-prattiki ta' ekonomija funzjonali għandhom suċċess u jiġu adottati meta s-soluzzjonijiet itejbu l-esperjenza tal-utent u l-kwalità tal-ħajja tal-konsumatur, aktar milli skont kriterji purament ekonomiċi jew ambjentali. Il-każ tal-ċar-sharing juri li din is-sistema tipprovdi soluzzjoni effettiva fil-kuntest tal-kwistjoni kruċjali tal-parkeġġ fiċ-ċentru tal-belt, kif ukoll standardizzazzjoni, li tipprovdi aċċess immedjat għal katalogu onlajn vast.

#### 4. Ostakli u limiti

4.1. L-ekonomija funzjonali tista' twassal f'xi każijiet għal aċċelerazzjoni fir-rati ta' konsum u ta' tiġdid tal-prodotti. B'hekk, fir-rigward tat-telefonija mobbli jew il-kiri fit-tul b'għażla ta' xiri (hire purchase) ta' vetturi, mhuwiex ċertament ovvju li dawn il-mudelli (ġeneralment kiri fit-tul bl-għażla ta' xiri) fil-fatt jikkontribwixxu biex jestendu l-ħajja ta' prodotti jew itejbu r-riċiklaġġ fl-aħħar tal-ħajja.

4.2. Jekk il-gruppi industrijali kbar huma l-aktar magħrufin biex jimplementaw eżempji konkreti, setturi aktar tradizzjonali bħall-agrikoltura, pereżempju permezz ta' xiri kollettiv, iżda wkoll l-istart-ups, għandhom rwol x'jaqdu sabiex jikkonsolidaw u jxerrdu l-ekonomija funzjonali fi ħdan is-soċjetà. Barra minn hekk jidher li l-SMEs jistgħu jsibu soluzzjonijiet ġodda għall-klijenti tagħhom f'dan il-kunċett u l-applikazzjoni tiegħu. Ċerti strutturi, fil-forma ta' kooperattivi, jistgħu wkoll jippromovu forom ta' governanza aktar orizzontali fejn l-utent huwa totalment involut.

4.3. Billi jitnaqqsu l-ispejjeż ta' aċċess għal prodott jew servizz, l-ekonomija funzjonali tista' tkun ta' benefiċċju għaċ-ċittadini bi dħul modest. B'mod partikolari hija tippermetti adattabbiltà u flessibbiltà fl-aċċess għas-servizzi u l-prodotti. Madankollu, fl-istess ħin, hija tista' twassal biex dawn iċ-ċittadini bi dħul modest ikunu aktar vulnerabbli jekk ma jibqgħux f'pożizzjoni li jħallsu għall-aċċess, l-użu jew l-abbonament għal servizz. Minn din il-perspettiva, u fil-kuntest attwali ta' prekarjetà dejjem tikber f'ħafna pajjiżi Ewropej, is-sjieda tista' tidher preferibbli u għalhekk aktar sikura għaċ-ċittadini prekarji. Barra minn hekk, fir-rigward tal-aċċess għal ċerti beni u servizzi, l-inugwaljanza fl-aċċess mhix biss kwistjoni ta' kapital ekonomiku (riżorsi finanzjarji) iżda wkoll ta' kapital kulturali jew edukattiv (ambjent soċjali, taħriġ).



4.4. Minn perspettiva soċjetali, l-ekonomija funzjonali tista' tagħmel lill-konsumatur, u għalhekk liċ-ċittadin, ftit aktar dipendenti fuq organizzazzjonijiet ekonomiċi jew fuq sistema teknika u ekonomika partikolari. Ladarba wieħed ikun irreġistrat għal servizz partikolari, huwa diffiċli, jekk mhux impossibbli, li jsewwi, jemenda, jimmodifika, eċċ., il-prodott disponibbli. Għalhekk, l-ekonomija funzjonali tista' ssaħħaħ il-kontroll estern jekk l-utenti mhumiex involuti biżżejjed fit-fassil tal-prodotti u s-soluzzjonijiet żviluppati. Għandhom jitfittxu u jiġu promossi mudelli ekonomiċi u amministrattivi li jippromovu l-awtonomija tal-konsumatur (fl-għażliet, fl-imġiba u fl-użanzi tagħhom).

4.5. Id-diġitalizzazzjoni tista' tippermetti li jiġi estiż l-ambitu ta' applikazzjoni tal-ekonomija funzjonali għall-konsumaturi kollha. Madankollu, din tqajjem diversi kwistjonijiet: il-qbid ta' valur minn ċerti pjattaformi, l-ottimizzazzjoni jew l-evitar tat-taxxa, ir-rispett għall-ħajja privata (partikolarment permezz tal-użu tad-data miġbura), il-konċentrazzjoni ekonomika (monopolji ta' pjattaformi) u kwistjonijiet relatati max-xogħol (kif imsemmi fil-paragrafu 1.6).

4.6. Fir-rigward ta' dawn ir-riskji jew ostakli kollha, is-simpliċi bidla għall-"ekonomija tas-servizzi" ma tistax tipproteġi l-ekonomija funzjonali minn riskji bħal dawn. Approċċ aktar integrat tal-ekonomija funzjonali, li minn naħa jiffa' dubju fuq il-governanza tal-intrapriża, ix-xogħol, ir-rabta mar-reġjun, u min-naħa l-oħra jqis il-konsumatur sa mit-fassil tas-servizz u matul iċ-ċiklu kollu tal-ħajja tal-prodott, jista' jippermetti li dawn ir-riskji jingħelbu.

4.7. Madankollu, huma ċertament neċessarji miżuri legali f'rabta ma' ħafna minn dawn il-punti u b'mod partikolari fil-qasam tal-kompetizzjoni jew il-privatezza.

## 5. Għal dinamika Ewropea tal-ekonomija funzjonali

5.1. Huma bosta r-raġunijiet għala l-Unjoni Ewropea għandha tindirizza t-tema tal-ekonomija funzjonali. Dawn huma ta' natura ambjentali, soċjali, kulturali iżda wkoll ekonomika. Barra minn hekk, l-isfidi diġitali, u b'mod ġenerali r-rabta mal-mudelli ekonomiċi ġodda, bħall-ekonomija kollaborattiva, ċirkolari, eċċ., huma importanti hawnhekk, b'mod partikolari b'rabta mal-pass tal-bidla.

5.2. Fl-Ewropa, l-ekonomija funzjonali tidher bħala mezz biex l-intrapriżi jerġgħu joħlqu l-valur miżjud u jippromovu soluzzjonijiet rikki fl-impjeg (partikolarment mill-iktar livell baxx, fil-qasam tal-manutenzjoni, it-tiswija, eċċ., iżda wkoll mill-iktar livell għoli, fit-fassil ta' mudelli ekonomiċi innovattivi u d-disinn ta' servizzi assoċjati), u b'mod partikolari biex tissaħħaħ il-kompetittività ta' ċerti setturi. Bl-iżvilupp ta' servizzi li jirriflettu mill-eqreb possibbli l-bżonnijiet tal-konsumaturi aktar milli produzzjoni standardizzata u li ftit li xejn tkun adattata, hija tista' tgħin biex terġa' tinkiseb il-fiduċja bejn l-intrapriżi u l-konsumaturi u terġa' tingħata tifsira lill-konsum.

5.3. Filwaqt li s-servizzi ta' innovazzjoni tal-intrapriżi l-kbar, l-awtoritajiet reġjonali u għadd kbir ta' esperti jappoġġjaw l-ekonomija funzjonali, huwa ta' stagħġib li wieħed jara kemm huma dgħajfa l-isforzi tal-Ewropa. Minkejja li l-ekonomija funzjonali tinsab fil-qalba tal-ekonomija ċirkolari, bl-ebda mod ma hija msemmija fir-rapport reċenti tal-Kummissjoni bit-titolu "L-ghelug taċ-ċirku" dwar dan is-suġġett.

5.3.1. Minkejja dawn l-inċertezzi u l-limiti, fis-sitwazzjoni politika u ekonomika inċerta attwali fl-Ewropa, l-ekonomija funzjonali hija opportunità biex l-Ewropa tivvalorizza u tiżviluppa l-għarfien u l-kompetenzi ta' bosta atturi.

Brussell, il-15 ta' Diċembru 2016.

*Il-President*  
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew  
Georges DASSIS

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-promozzjoni ta’ intrapriżi innovattivi bi tkabbir sostanzjali”****(opinjoni fuq inizzjattiva proprja)**

(2017/C 075/02)

Relatur: **is-Sur Antonio GARCÍA DEL RIEGO**

Data tad-deċiżjoni tal-Assemblea tal-Plenarja	21.1.2016
Bażi legali	Artikolu 29(2) tar-Regoli ta’ Proċedura Opinjoni fuq inizzjattiva proprja
Sezzjoni kompetenti	Unjoni Ekonomika u Monetarja u Koeżjoni Ekonomika u Soċjali
Adottata fis-sezzjoni	29.11.2016
Adottata fil-plenarja	14.12.2016
Sessjoni plenarja Nru	521
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	220/1/8

**1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tkompli tagħmel sforzi biex jiġu żviluppatti proposti ta’ politika bl-għan li jippromovu l-ħolqien ta’ kumpaniji innovattivi u bi tkabbir sostanzjali u jirrakkomanda li dawn l-inizzjattivi huma mmexxija, ġestiti u kkoordinati minn unità unika responsabbli għall-valutazzjoni, il-monitoraġġ u l-ksib ta’ sinerġiji bejn politiki innovattivi mfasslin minn Direttorati Ġenerali differenti. Dawn il-proposti ta’ politika għandhom isaħħu s-suq uniku, isaħħu ir-raggruppamenti u l-ekosistemi li fihom jinħolqu negozji ġodda innovattivi, jiżviluppaw il-komponent tal-ekwità tas-swieq kapitali Ewropej, iħeġġu iffukar tal-aġenda akkademika fuq l-impjeg għall-futur u jimminimizzaw l-ispejjeż u l-burokrazija involuti sabiex tinbada impriża intraprenditorjali ġdida.

1.1.1. Il-Kummissjoni għandha tkompli fix-xogħol tagħha ta’ tisħiħ tar-regoli eżistenti dwar is-suq uniku: proġetti ta’ armonizzazzjoni fit-tul bħal standards ta’ kontabbiltà u insolvenza, rikonoxximent awtomatiku tal-kwalifiki professjonali u akkademiċi, implimentazzjoni aċċellerata tal-istrategġija tas-suq uniku diġitali u l-użu sħiħ tal-inizzjattiva tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali<sup>(1)</sup> għandhom jgħinu ħafna lill-UE biex tibbenefika mill-potenzjal kollu ta’ suq uniku ġenwin. Regoli kuntrattwali transkonfinali sempliċi u effettivi għandhom jagħtu spinta lill-kummerċ elettroniku transkonfinali, inaqqsu frammentazzjoni legali fil-liġi tal-konsumatur kif ukoll l-ispejjeż ta’ konformità għan-negozju.

1.1.2. Il-finanzjament tal-ekwità għandu jkun estiż aktar biex jappoġġja negozji ġodda fil-fażi tat-tfassil tagħhom. Fost fatturi oħrajn, dan jimplika sistema tat-taxxa aktar newtrali li tittratta d-dejn u l-finanzjament tal-ekwità b’mod ugwali billi tippermetti t-tnaqqis tal-pagamenti kemm tal-imgħax kif ukoll tal-pagamenti tad-dividendi<sup>(2)</sup>. In-negozji ġodda għandhom ikunu jistgħu jużaw pakketti ta’ “opzjoni fuq l-ishma” biex jattiraw u jżommu t-talent.

<sup>(1)</sup> Il-KESE esprima l-appoġġ tiegħu għall-inizzjattivi tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali fl-opinjonijiet tiegħu dwar “Pjan ta’ Azzjoni għal Unjoni tas-Swieq Kapitali” (ĠU C 133, 14.4.2016, p. 17), “Titolizzazzjoni” (ĠU C 82, 3.3.2016, p. 1), u l-“Prospett” (ĠU C 177, 18.5.2016, p. 9).

<sup>(2)</sup> Il-KESE talab ripetutamente għal miżuri biex tiġi eliminata l-inklinazzjoni favur id-dejn fis-sistemi tat-taxxa, pereżempju fl-opinjoni tiegħu “Il-fondi għan-negozju/mekkaniżmi ta’ provvista alternattivi”, (ĠU C 451, 16.12.2014, p. 20).

1.1.3. Għandha tnholoq u tiġi promossa kultura ta' ekwità, li tinkludi inizzjattivi edukattivi u mhux leġislattivi. Is-sistema finanzjarja Ewropea għandha bżonn tiżviluppa prodotti ta' investiment likwidu adattati għal investituri individwali sabiex thegħiġhom jinvestu f'negozji żgħar innovattivi.

1.1.4. It-tnaqqis tal-burokrazija żejda u r-regolamentazzjoni żejda huma wkoll kruċjali biex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi u jiġu evitati spejjeż żejda u ħela ta' ħin għall-intraprendituri.

1.1.5. L-iżvilupp ta' tipi ġodda ta' kollaborazzjoni bejn l-universitajiet u n-negozji li jinvolvu kemm l-industrija kbira kif ukoll kumpaniji iżgħar jeħtieġ li jiġi msaħħaħ u jitħaffef fost l-Istati Membri li jieħdu miżuri ta' politika ġodda bl-għan li jagħmlu l-UE kalamita għat-talent.

1.1.5.1. Il-KESE jhegħeġ lill-Kummissjoni biex tneħħi kull xkiel legali għal skambji bejn studenti u intraprendituri żgħażaġh<sup>(3)</sup>, pereżempju bil-ħolqien ta' programm ta' Erasmus għal intraprendituri żgħażaġh.

1.1.5.2. Sabiex iqajjem sensibilizzazzjoni ta' kumpaniji promettenti, il-KESE jappella għat-twaqqif ta' bażi ta' data ta' informazzjoni appoġġjata minn pjattaformi li huma integrati fiċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment (EIPP)<sup>(4)</sup>. Din għandha tinkludi l-kumpaniji tal-UE bi tkabbir sostanzjali, f'setturi differenti, magħżulin skont kriterji oġġettivi u trasparenti u li jippermettu tqabbil bejn kumpanija u oħra u valutazzjoni komparattiva.

1.1.6. Il-KESE jemmen li l-iskambju u l-evalwazzjoni ta' prattiki tajbin joffru taġhrif utli għal sperimentar b'politiki ġodda<sup>(5)</sup>.

1.2. Il-Fond Ewropew tal-Investiment (EIF) u l-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) huma mitlubin jappoġġjaw kumpaniji innovattivi b'kapital ta' riskju u kapital inizjali speċifiku biex jiffaċilitaw it-trasferiment teknoloġiku mill-universitajiet u ċ-ċentri ta' riċerka. Dawn jistgħu jiġu strutturati fil-forma ta' garanziji tal-ewwel parti tas-self li se jgħinu biex tingħeleb ir-reżistenza inizjali għal finanzjament privat.

1.3. Il-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi (FEIS), fond ta' EUR 21 biljun li jikkonsisti minn garanziji tal-Unjoni Ewropea u kapital tal-Bank Ewropew tal-Investiment għandu jaqdi rwol kritiku biex jgħin lill-proġetti innovattivi jilhqqu skala u jipparteċipaw fis-suq. Barra minn hekk, il-FEIS jista' jkun mudell għal baġits tal-UE futuri, billi jaqleb minn metodu bbażat fuq fondi tradizzjonali għal mudell aktar effiċjenti xprunat mill-investiment, li għandu "jattira" ħafna fondi għal proġetti. Il-FEIS iffinanzja b'suċċess oqsma relattivament riskjużi li faċilment setgħu ġew injorati<sup>(6)</sup>.

1.4. Il-KESE jappella għall-bini ta' għodda ta' investiment usa' biex jiġi stimulat investiment fl-istadju ta' tkabbir, li jinkludi "fondi asimmetriċi" li jipprovdu redditu differenti għal klassijiet differenti ta' investituri ta' assi, u mekkaniżmi vetturi finanzjarji alternattivi, bħall-finanzjament kollettiv<sup>(7)</sup>. Il-ħolqien ta' swieq sekondarji għandu jiġi kkunsidrat sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għal swieq għal SMEs Ewropej.

1.5. Il-Kummissjoni għandha tindirizza l-asimmetriji regolatorji bejn l-Ewropa u l-Istati Uniti rigward it-trattament ta' investiment f'softwer u tneħħi l-limitazzjonijiet regolatorji li jfixklu lis-settur finanzjarju Ewropew milli jinvesti fi żvilupp diġitali.

## 2. Analiżi tas-sitwazzjoni attwali

2.1. L-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) huma element ewlieni tal-ekonomija Ewropea, u b'hekk jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-ħolqien tal-impjiegi u t-tkabbir ekonomiku<sup>(8)</sup>.

<sup>(3)</sup> Ara wkoll l-Opinjoni tal-KESE dwar Universitajiet impenjati fit-tiswir tal-Ewropa (ĠU C 71, 24.2.2016, p. 11).

<sup>(4)</sup> Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti: <http://www.eib.org/eiah/index.htm>. Informazzjoni dwar il-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment: <https://ec.europa.eu/eipp/desktop/en/index.html>.

<sup>(5)</sup> Ara punt 4.

<sup>(6)</sup> Forum Diġitali Ewropew, "From Start-up to Scale-up: Growing Europe's Digital Economy", Sergey Filippov and Paul Hofheinz, 2016, pp. 3-5.

<sup>(7)</sup> *Ibid*, p. 5.

<sup>(8)</sup> Definizzjoni tal-UE tal-SMEs: (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).

2.1.1. Fl-2015 aktar minn 22,3 miljun SME fl-Unjoni Ewropea rrappreżentaw 99,8 % tal-għadd totali ta' intrapriżi mhux finanzjarji, kienu jimpjegaw 90 miljun ruħ (66,9 % tat-total ta' impjegi), iġġeneraw 57,8 % tal-valur miżjud globali <sup>(9)</sup> u pprovdew 85 % tal-impjegi l-ġodda. L-Ewropa għandha tiżgura li jinholq tip ġdid ta' SME biex jikkompensa lill-200 000 li jfallu kull sena <sup>(10)</sup>, li jaffettwa fuq 1,7 miljun ħaddiem. Madankollu, jiswew aktar għal tkabbir ekonomiku futur dawk in-negozji li jixtiequ jkunu innovattivi, jikbru u jesportaw.

2.2. Il-ħolqien ta' negozji ġodda b'rati għolja ta' tkabbir huwa ta' importanza kruċjali minħabba l-enfasi tagħhom fuq l-innovazzjoni f'setturi li qegħdin jikbru malajr b'valur miżjud għoli. Dawn huma l-intrapriżi li ser joħolqu impjegi fil-futur u li jixprunaw it-tkabbir tal-produttività, li huwa ċentrali għat-titjib tal-istandards tal-għajxien. Filwaqt li l-Ewropa qed tirrapporta progress f'xi oqsma, għadha lura fil-pass mill-fażi tal-bidu għal fażi tat-tkabbir, li fl-aħħar mill-aħħar għandu jwassal għal tkabbir u ħolqien tal-impjegi li l-Ewropa għandha bżonn <sup>(11)</sup>.

2.3. Dan ir-rapport fuq inizjattiva proprja jiffoka fuq in-negozji li qegħdin jespandu: kumpaniji b'rata sostanzjali ta' tkabbir bi tkabbir annwali medju ta' impjegati (jew dħul) li huwa ikbar minn 20 % fuq perjodu ta' tliet snin, u b'10 jew iżjed impjegati fil-bidu tal-perjodu ta' osservazzjoni <sup>(12)</sup>. Karatteristika ewlenija tan-negozji li qegħdin jespandu hija li dawn imexxu mudelli tan-negozji li huma skalabbli ħafna. L-iskalabbiltà hija l-kapaċità għat-tkabbir f'termini ta' aċċess għas-suq, dħul, u struttura kkważata minn, pereżempju, replikazzjoni rapida tal-mudell kummerċjali fi swieq differenti jew prattiki ta' ġestjoni ġodda.

2.3.1. Studju tal-OECD ta' 11-il pajjiż <sup>(13)</sup> ikkonkluda li l-kumpaniji li qegħdin jespandu ammontaw għal inqas minn 10 % tad-ditti f'kull wieħed mill-11-il pajjiż iżda ħolqu sa żewġ terzi tal-impjegi ġodda kollha <sup>(14)</sup>.

2.4. L-istartups għandhom it-tendenza li jkunu inqas ta' profitt fi żmien qasir u huma dipendenti fuq il-finanzi esterni. Jekk dawn in-negozji innovattivi ma jkunux jistgħu jiffinanzjaw il-pjani tagħhom għall-espansjoni, ma jirnexxilhomx jespandu u mbagħad il-potenzjal sottostanti għat-tkabbir tal-produttività u l-ħolqien tal-impjieg x'aktarx li se jkun imxekkel.

2.4.1. Analiżi tal-Bank Dinji <sup>(15)</sup> tistma li r-rata medja ta' self improduttiv tal-SMEs fis-swieq żviluppati fl-2007 kienet ta' 6,93 %, jiġifieri aktar mid-doppju ta' self kummerċjali kbir fil-livell ta' 2,54 %. Is-self improduttiv żdied b'mod drammatiku matul il-kriżi fil-Portugall, Spanja, l-Italja u l-Irlanda għal bejn 10 % u 25 %.

2.4.1.1. Il-politiki li jħeġġu lill-banek sabiex jestendu self lil kumpaniji aktar riskjużi, b'mod partikolari ditti fl-istadji bikrija b'kollateral limitat, jistgħu joħolqu sett ta' banek riskjużi, limitazzjoni tal-kreditu u jżidu l-instabbiltà finanzjarja <sup>(16)</sup>.

2.5. L-Ewropa għandha bżonn tiffoka fuq il-funzjonament bla xkiel tat-tranżizzjoni tal-finanzjament, li hija attwalment miksura.

2.5.1. It-tranżizzjoni tal-finanzjament hija magħmula minn 4 kapitoli: il-fażi tal-bidu (finanzjata minn għotjiet, kapital inizjali, familja u ħbieb); fażi tat-tkabbir tal-ekwità (finanzjament kollettiv, mikrofinanzjament, investituri informali); tkabbir sostenut (titolizzazzjoni, ekwità privata, kapital ta' riskju, investituri istituzzjonali, pjazzament ta' dejn privat) u ħruġ (akwizzjoni, swieq ta' ekwità pubblika)

<sup>(9)</sup> [http://www.eif.org/news\\_centre/publications/eif\\_annual\\_report\\_2015.pdf](http://www.eif.org/news_centre/publications/eif_annual_report_2015.pdf).

<sup>(10)</sup> Il-falliment u ċans ieħor għal intraprendituri onesti falluti – Il-politika tal-Kummissjoni Ewropea. Jum l-Intraprenditur, 12 ta' Novembru 2015.

<sup>(11)</sup> Fażi tal-bidu hija normalment definiti bħala impriża intraprenditorjali magħmula biex tfitx mudell kummerċjali skalabbli u li jista' jiġu ripetut. Dawn il-kumpaniji ġodda normalment ikunu innovattivi ħafna, tipikament ibbażati fuq idea, teknoloġiji jew mudelli kummerċjali li ma eżistewx qabel. B'kuntraż, kumpanija "tat-tkabbir" hija waħda li tespandi malajr u tikber f'termini ta' aċċess għas-suq, id-dħul jew in-numru ta' impjegati. Ara l-Octopus High Growth Small Business Report 2015 (London: Octopus, 2015).

<sup>(12)</sup> <https://www.linkedin.com/pulse/20141201163113-4330901-understanding-scale-up-companies>.

<sup>(13)</sup> Ir-Renju Unit, Spanja, l-Italja, l-Istati Uniti, il-Kanada, in-Norveġja, in-Netherlands, id-Danimarka, in-New Zealand l-Awstrija.

<sup>(14)</sup> *Supporting investors and growth firms* – T. Aubrey, R. Thillaye, and A. Reed, 2015, p. 11.

<sup>(15)</sup> <http://siteresources.worldbank.org/INTFR/Resources/BeckDemirgucKuntMartinezPeria.pdf>.

<sup>(16)</sup> *Supporting investors and growth firms* – T. Aubrey, R. Thillaye, and A. Reed, 2015, p. 21.

### 3. Elementi fundamentali għall-iżvilupp ta' ekosistema tal-innovazzjoni favorevoli għall-espansjoni

3.1. L-ekosistemi tal-innovazzjoni ta' suċċess li jrawmu kumpaniji li qed jespandu huma kkaratterizzati minn netwerks interkonnessi b'saħħithom ta' istituzzjonijiet ta' riċerka u edukazzjoni, industriji kbar, investituri ta' kapital ta' riskju, u l-preżenza ta' talent kreattiv u intraprenditorjali <sup>(17)</sup>.

3.1.1. Normalment, impriżi ġodda huma maħluqin f'ċentri ta' teknoloġija mibnjin madwar l-universitajiet tal-ewwel klassi li jaġixxu bħala atturi ewlenin fl-iżvilupp ta' ambjent dinamiku għan-negozju peress li huma sors ta' talent f'termini kemm ta' studenti kif ukoll ta' akkademiċi. Raggruppamenti qawwija u konnessi sew itejbu l-produttività tan-negozju fir-reġjun ta' influwenza tiegħu, jixprunaw id-direzzjoni u l-pass tal-innovazzjoni u jstimulaw il-ħolqien ta' negozji ġodda. L-Istati Uniti u ċ-Ċina, kif ukoll ċerti ċentri fl-Ewropa, qed imexxu battalja fit-tul biex jattiraw talent u kapital u jrawmu l-innovazzjoni.

3.1.2. Madankollu, il-frammentazzjoni tas-suq Ewropew tfixkel it-tranżizzjoni minn negozji ġodda għal negozji li qegħdin jespandu. F'dan ir-rigward, huma essenzjali li tiġi ffaċilitata l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol fl-UE kollha kif ukoll sabiex jiġi attirat talent minn pajjiżi terzi li jservi bħala kalamita, u b'hekk jinħoloq ċirku virtuż.

3.1.3. Jista' jitteggieg programm ta' Erasmus għal intraprendituri żgħażaġh. Dan huwa adattat ħafna għall-prinċipju gwida tat-tkabbir u l-impjegji, u hija inizjattiva li se tiffaċilita l-mobbiltà u tintlaqa' b'mod tajjeb min-negozji.

3.1.3.1. Xi politiki ġew adottati reċentement biex jattiraw talent minn barra l-UE. Il-Karta l-Blu, li ġiet introdotta fl-2009, diġà ħaffet id-dħul ta' ħaddiema tas-sengħa ma' min iħaddem fl-UE <sup>(18)</sup>. Fil-livell nazzjonali, xi pajjiżi Ewropej diġà ħolqu proċeduri tal-viża speċifiċi għal intraprendituri u pajjiżi oħrajn qegħdin jintroduċuhom <sup>(19)</sup>.

3.1.4. Suċċess notevoli fil-każ ta' ċentru tat-teknoloġija huwa Oxbridge, li jirreferi għar-reġjun ta' influwenza li jinkludi l-universitajiet ta' Oxford u Cambridge fir-Renju Unit. Il-komunità ta' teknoloġija avvanzata fir-Renju Unit kompliet tikber u ġġedded ruħha matul il-perjodu twil ta' stagħnar u riċessjoni ekonomika bejn l-2008 u l-2012 <sup>(20)</sup>.

3.1.4.1. Madankollu, ħafna mill-universitajiet Ewropej m'għandhomx l-istatura, l-istruttura, jew l-inklinazzjoni li joħlqu kundizzjonijiet għat-tkabbir ta' negozji intraprenditorjali f'kampus universitarju, jew jippromovu din l-aġenda lill-gvernijiet <sup>(21)</sup>. Il-mexxejja universitarji u l-Gvern għandhom jiżviluppaw rabtiet mal-industrija, l-investment fuffiċċji ta' trasferiment ta' teknoloġija u l-edukazzjoni intraprenditorjali <sup>(22)</sup>.

3.1.5. Spin-offs li jinħolqu bħala konsegwenza tat-trasferimenti teknoloġiċi mill-universitajiet iħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet ta' espansjoni minħabba nuqqas ta' flus u ġestjoni speċjalizzata. Għalhekk huwa essenzjali li huma jstgħu jiddependu fuq l-appoġġ pubbliku istituzzjonali biex jegħlbu l-eżitazzjoni inizjali ta' fornituri ta' finanzjament privat biex jinvestu fi spin-offs bi profil tekniku, peress li dawn huma perċepiti bħala wisq tekniċi u riskjużi u sikwit ma jiġux mifhuma sew.

3.2. Minkejja li għandhom livell simili ta' edukazzjoni, l-Ewropej iwaqqfu negozji ġodda notevolment b'inqas frekwenza mill-Amerikani. Id-diversi raġunijiet għal dan jstgħu jinkludu livell għoli ta' averżjoni għar-riskju, il-piżijiet amministrattivi, kultura sottożviluppata fejn wieħed ikollu ċans ieħor, is-sottożvilupp ta' programmi ta' edukazzjoni intraprenditorjali u nuqqas ta' kultura ta' ekwità privata. Għandha tingħata attenzjoni wkoll għall-iżvilupp bikri ta' kultura intraprenditorjali fil-livell tal-iskola primarja u sekondarja.

<sup>(17)</sup> Tataj, D. "Innovation and Entrepreneurship. A Growth Model for Europe beyond the Crisis", Tataj Innovation Library, New York, 2015.

<sup>(18)</sup> <https://www.apply.eu/directives/>

<sup>(19)</sup> <http://tech.eu/features/6500/European-start-up-visa>.

<sup>(20)</sup> [www.cambridge.gov.uk/sites/default/files/documents/cnfe-aap-io-employment-sector-profile.pdf](http://www.cambridge.gov.uk/sites/default/files/documents/cnfe-aap-io-employment-sector-profile.pdf).

<sup>(21)</sup> Clustering for Growth, How to build dynamic innovation clusters in Europe, p. 11.

<sup>(22)</sup> Ara wkoll l-Opinjoni tal-KESE dwar Universitajiet impenjati fit-tiswir tal-Ewropa (ĠU C 71, 24.2.2016, p. 11).

3.2.1. Fil-fatt, ir-riskju tal-falliment huwa l-akbar biża' tal-Ewropej meta jibdew negozju: 43 % fl-Ewropa vs 19 % fl-Istati Uniti. Fl-Istati Uniti<sup>(23)</sup>, ir-reġim ta' falliment korporattiv li huwa kemmxejn effiċjenti u mhux punittiv, kif ukoll l-aċċettazzjoni akbar, b'mod ġenerali, ta' fallimenti korporattivi, jikkontribwixxu għar-rieda li wieħed jieħu iżjed riskji. L-iżviluppar ta' kultura aktar intraprenditorjali għandha ssir prijorità ta' dawk li jfasslu l-politika kif ukoll tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni.

3.2.1.1. Studju reċenti juri li l-kumpaniji mwaqqfin minn dawk li jerġgħu jibdew mill-ġdid għandhom dħul u tkabbir fl-impjegi oġġla u jkollhom aktar ċans li jiksbu finanzjament estern<sup>(24)</sup>. Fi Spanja, 20 % biss tal-intraprendituri li joħlqu l-ewwel negozju ġdid tagħhom jirnexxu; għal dawk li jerġgħu jippruvaw, ir-rata ta' suċċess titla', sorprendentement, għal 80 %.

3.3. In-negozji innovattivi b'rata għolja ta' tkabbir huma ħafna drabi iktar probabbli li jkunu miċħudin minn self bankarju minħabba li ma jkollhomx il-kapital, li huwa parti ewlenija tal-valutazzjonijiet tal-kreditu tal-banek<sup>(25)</sup>. Il-finanzjament b'ekwiżità għalhekk huwa fundamentali għal negozji ġodda bi pjani ta' espansjoni sinifikanti iżda bi flussi tal-flus mhux ċerti jew previsti b'mod negattiv. Is-self bankarju għandu għalhekk jiġi kkomplementat bit-titjib tad-diversità u flessibilità tas-sorsi ta' finanzjament, b'enfasi speċjali fuq ir-rwol ta' finanzjament ta' ekwiżità.

3.4. Kultura ta' ekwiżità għandha tinholq u tiġi promossa fl-Ewropa, u s-sistemi finanzjarji Ewropej għandhom jiżviluppaw prodotti ta' investiment li huma adattati għal investituri individwali u jipprovdu l-likwidità neċessarja sabiex jkunu jinvestu f'negozji żgħir innovattivi.

3.4.1. Minħabba n-nuqqas ta' finanzjament fi stadju iktar tard, kumpaniji Ewropej ġodda ma jistgħux ilaħħqu mal-pass tat-tkabbir tal-kontropartijiet tagħhom fl-Istati Uniti, u jew jeħtieġ li jiġġeneraw dħul iktar kmieni sabiex jibqgħu ħajjin jew jinbiegħu fi stadju prematur bi skont fil-prezz. Fil-fatt, sal-2009, 5 % biss tal-kumpaniji Ewropej maħluqin mix-xejn mill-1980 kienu fost l-ewwel 1 000 f'termini ta' kapitalizzazzjoni tas-suq. Fl-Istati Uniti dan is-sehem kien ta' 22 %<sup>(26)</sup>.

3.4.1.1. B'mod notevoli, iktar minn nofs il-kapital ta' riskju kollu mogħti madwar id-dinja huwa mogħti fl-Istati Uniti bi 15 % biss fl-Ewropa. Fl-2013, EUR 26 biljun f'kapital ta' riskju kien approvdut fl-Istati Uniti u EUR 5 biljun fl-Ewropa, filwaqt li l-investituri informali pprovdew EUR 6 biljun għal negozji ġodda fl-Ewropa u EUR 20 biljun fl-Istati Uniti.

3.4.1.2. B'hekk, l-UE iġġarrab defiċit kbir fil-każ ta' investituri informali u fondi ta' kapital ta' riskju li huma rispettivament bejn tlieta u ħames darbiet oġġla fl-Istati Uniti. Din hija differenza determinanti peress li dan huwa t-tip ta' kapital li huwa meħtieġ biex jittrasforma kumpaniji f'intrapriżi akbar u aktar ta' suċċess.

3.4.1.3. Ir-raġuni ewlenija ta' din hija l-frammentazzjoni għolja tal-industrija ta' kapital ta' riskju tul il-fruntieri nazzjonali. Fond ta' riskju medju Ewropew, b'madwar EUR 60 miljun huwa biss nofs id-daqs ta' fond medju fl-Istati Uniti, u 90 % tal-investiment ta' kapital ta' riskju tal-UE huwa kkonċentrat fi tmien Membri Stati biss (id-Danimarka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, in-Netherlands, Spanja, l-Iżvezja u r-Renju Unit)<sup>(27)</sup>. Minħabba d-diversità tar-regoli fl-Istati Membri, kumpaniji ta' kapital ta' riskju jiffaċċjaw spejjeż għoljin biex jiġbru fondi madwar l-Ewropa. Għalhekk, huma żgħir u għandhom inqas kapital biex jappoġġjaw negozji li qed jikbru. Kieku s-swieq ta' kapital ta' riskju kienu kbar daqs dawk fl-Istati Uniti, sa EUR 90 biljun ta' fondi addizzjonali kienu jkunu disponibbli għal kumpaniji finanzjarji bejn l-2008 u l-2013<sup>(28)</sup>.

3.4.1.4. Problematiku wkoll huwa n-nuqqas ta' involviment ta' investituri privati. Matul l-aħħar deċenju, is-settur ta' kapital ta' riskju Ewropew sar jiddependi dejjem iżjed fuq l-istituzzjonijiet tas-settur pubbliku, li kkontribwixxew 31 %<sup>(29)</sup> tal-investiment totali fl-2015, iżda ta' 15 %<sup>(30)</sup> biss mill-2007. L-għan m'għandux ikun inqas fondi pubbliċi iżda iżjed sorsi privati. Il-bażi ta' investituri għandha titwessa' u tiġi diversifikata jekk l-industrija trid issir awtonoma fuq medda twila ta' żmien.

<sup>(23)</sup> Il-falliment u ċans ieħor għal intraprendituri onesti falluti – Il-politika tal-Kummissjoni Ewropea.

<sup>(24)</sup> Riċerka mill-Professor Kathryn Shaw fi Stanford Graduate School of Business.

<sup>(25)</sup> *Supporting investors and growth firms* – T. Aubrey, R. Thillaye, and A. Reed, 2015, p. 40.

<sup>(26)</sup> <http://eref.knowledge-economy.net/uploads/documents/Born%20to%20Grow.pdf>.

<sup>(27)</sup> European Commission, Building a Capital Market Union, Green Paper, op. cit.

<sup>(28)</sup> Ibid.

<sup>(29)</sup> <http://www.investeurope.eu/media/476271/2015-european-private-equity-activity.pdf>.

<sup>(30)</sup> [http://www.investeurope.eu/media/340371/141109\\_EVCA\\_FOF\\_scheme.pdf](http://www.investeurope.eu/media/340371/141109_EVCA_FOF_scheme.pdf).



3.4.1.5. Fondi asimmetriċi għandhom jiġu kkunsidrati biex jinċentivaw lil sħubijiet pubbliċi-privati. Dawn huma fondi ta' kapital ta' riskju fejn l-investituri jingħataw kundizzjonijiet u redditi differenti bbażati fuq l-għanijiet ta' investment tagħhom, li jirrikonoxxu l-interessi varji ta' msieħba f'kollaborazzjonijiet differenti. Dawn diġà jeżistu fil-Finlandja, il-Greċja, ir-Renju Unit u n-Netherlands.

3.4.2. Il-ħolqien ta' swieq sekondarji għandu jiġi kkunsidrat sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għal swieq għal SMEs Ewropej. Dawn għandhom jippermettu spejjeż għall-elenkar baxxi u approċċ iżjed speċifiku flessibbli għall-bżonnijiet ta' kumpaniji iżgħar u dinamiċi. Eżempji tajbin huma Alternative Investment Market ta' Londra (AIM), Nouveau Marché ta' Pariġi jew Mercado Alternativo Bursatil (MAB) ta' Madrid. Din is-sistema ta' regolazzjoni flessibbli jista' jkollha vantaġġi u żvantaġġi. Kumpaniji iżgħar jista' jkollhom aċċess aktar faċli għall-borża biex jinneozjaw ishma disponibbli iżda, min-naħa l-oħra, investituri mingħajr esperjenza jistgħu jħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet meta jevalwaw il-profil ta' riskju preċiż ta' kumpanija.

3.4.3. Ir-regolament speċifiku għas-settur xi daqqiet ifixkel il-kapaċità ta' negozji tal-UE biex jinvestu fl-iżvilupp tat-teknoloġija meta mqabblin mal-kontropartijiet tagħhom fl-Istati Uniti. Pereżempju, hemm asimmetrija regolatorja bejn l-entitajiet finanzjarji Ewropej, Amerikani u Żvizzeri rigward l-investimenti meħtieġa fis-sofwer u assi intanġibbli oħrajn li huma kritiċi għall-iżvilupp diġitali.

3.4.3.1. Is-settur bankarju huwa bil-bosta l-akbar settur tal-IT fid-dinja: USD 700 biljun jintefqu fuq innovazzjoni fl-IT – 1 minn kull 5 ewro jintefqu mis-settur finanzjarju u 5 sa 10 % tal-investment<sup>(31)</sup>. Bħala konsegwenza, il-banek huma kemm attur prinċipali fit-trasformazzjoni diġitali kif ukoll il-finanzjatur ewlieni fl-ekonomija diġitali.

3.4.3.2. Madankollu, il-qafas regolatorju qed jippenalizza l-investimenti tant meħtieġa tagħhom fl-IT. Ir-regolament finanzjarju għandu jittratta s-sofwer bħala assi ordinarju u m'għandux jisforza lill-banek tal-UE milli jnaqqsu dan l-investment għal skopijiet ta' rekwiżiti tal-kapital.

3.5. Trattament fiskali differenti madwar l-Istati Membri u bejn tipi differenti ta' finanzjament joħlqu ostaklu għall-iżvilupp ta' swieq kapitali pan-Ewropej, b'impatt fuq l-investituri u l-emittenti.

3.5.1. Il-biċċa l-kbira tas-sistemi ta' taxa korporattiva jippreferu finanzjament bis-self iżjed milli ekwiżità billi jippermettu tnaqqis ta' spejjeż tal-imgħax; m'hemmx tnaqqis għal pagamenti tal-imgħax fil-każ ta' ekwiżità. Dan il-preġudizzju tad-dejn jista' jiġi indirizzat permezz ta' tnaqqis fit-taxxa fuq l-ispiża tal-ekwiżità u l-finanzjament tad-dejn<sup>(32)</sup>.

3.5.1.1. L-inċentivi fiskali għandhom rwol importanti fil-forniment ta' finanzjament ta' kumpaniji fi stadju bikri ta' tkabbir sostanzjali, u diversi gvernijiet madwar id-dinja jippermettu tnaqqis tat-taxxa għal individwi u kumpaniji investiti f'negozji ġodda ta' teknoloġija għolja jew f'fondi ta' kapital ta' riskju kwalifikati<sup>(33)</sup>.

3.5.1.2. Benefiċċju li huwa tradizzjonalment attraenti għall-impjegati u intraprendituri ta' negozji ġodda huwa li jitwaqqfu programmi ta' opzjoni fuq l-ishma peress li ħafna minnhom se jirrinunzjaw il-kumpens tas-salarju. Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, it-trattament tat-taxxa ta' opzjonijiet fuq l-ishma huwa punittiv ħafna peress li huma meqjusin bħala dħul normali u ttaxxati bir-rata marġinali. Għandu jitħeġġeġ trattament tat-taxxa preferut għal opzjonijiet fuq l-ishma, b'mod simili għal *Opzjonijiet ta' stokk għall-impjegati* (ISOs)<sup>(34)</sup> fl-Istati Uniti.

3.5.2. Dan iqum il-flus għall-impriżi li josservaw l-obbligi tal-VAT, b'mod partikolari jekk il-kumpanija tbiegħ oġġetti jew servizzi b'mod transkonfinali. Il-KESE huwa sodisfatt li sar jaf li l-Kummissjoni ħabbret, bħala parti mill-istrategġija tagħha għal Suq Uniku Diġitali, li ser tressaq proposti leġiżlattivi sa tmien l-2016 biex tnaqqas il-piż amministrattiv fuq in-negozji kkawżati minn reġimi differenti tal-VAT. Fost dawn il-miżuri, il-Kummissjoni tipproponi l-introduzzjoni ta' limitu mingħajr VAT biex jgħin lil negozji ġodda u mikrointrapriżi<sup>(35)</sup>.

<sup>(31)</sup> Il-Federazzjoni Bankarja Ewropea, 16 ta' Settembru 2016.

<sup>(32)</sup> Serena Fatica, Thomas Hemmelgarn and Gaëtan Nicodème, "The Debt-Equity Tax Bias: Consequences and Solutions", European Commission Taxation Papers/Working Paper 33-2012: [http://ec.europa.eu/taxation\\_customs/resources/documents/taxation/gen\\_info/economic\\_analysis/tax\\_papers/taxation\\_paper\\_33\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/taxation_customs/resources/documents/taxation/gen_info/economic_analysis/tax_papers/taxation_paper_33_en.pdf).

<sup>(33)</sup> eż. punt 4.3.

<sup>(34)</sup> <https://www.law.cornell.edu/cfr/text/26/1.422-2>.

<sup>(35)</sup> [http://europa.eu/rapid/press-release\\_MEMO-16-1024\\_en.htm](http://europa.eu/rapid/press-release_MEMO-16-1024_en.htm).

3.6. L-isfruttar tal-potenzjal sħiħ tas-suq uniku huwa essenzjali b'tali mod li n-negozji l-ġodda jkunu jistgħu joffru l-prodotti u s-servizzi tagħhom madwar l-UE kollha fi stadju bikri u javvanzaw rapidament biex ikunu jistgħu jikkompetu fis-swieq globali.

3.6.1. Regoli kuntrattwali transkonfinali sempliċi u effettivi għall-konsumaturi u n-negozji huma prijorità fl-istrategġija tas-suq uniku diġitali. Huma se jrawmu kummerċ elettroniku transkonfinali fl-UE billi jeliminaw il-frammentazzjoni legali fil-qasam tal-liġi kuntrattwali tal-konsumatur. It-tneħħija ta' ostakli minħabba differenzi fil-liġi kuntrattwali se tagħti spinta lill-konsum fl-UE ta' EUR 18-il biljun u l-prodott domestiku gross se jiżdied b'EUR 4 biljun mill-livell attwali tiegħu <sup>(36)</sup>.

3.7. Il-piżijiet amministrattivi bla bżonn huma wkoll kawża ta' spejjeż żejda u ineffiċjenza ta' ħin għall-intraprendituri.

3.7.1. Bejn l-2013 u l-2015, l-ispiża medja biex jinbada negozju fl-UE kienet ta' 4,1 % tal-PDG per capita, filwaqt li fl-Istati Uniti kienet 1,17 % <sup>(37)</sup>.

3.7.2. F'termini taż-żmien li jittieħed biex tiġi stabbilita kumpanija fl-UE, bħala medja, ir-reġistrazzjoni tlestiet fi żmien 11,6 jum. Fl-Istati Uniti, tiegħu biss 6 ijiem biex tibda negozju.

3.8. Asimetrija ta' informazzjoni hija raġuni oħra għalfejn l-Ewropa ma tipproduċix biżżejjed kumpaniji bi tkabbir sostanzjali. L-investituri huma neqsin minn viżjoni ġenerali tal-opportunitajiet kollha ta' investiment. Barra minn hekk, investituri mhux Ewropej iħabbtu wiċċhom ma' limitazzjonijiet addizzjonali meta jippruvaw jifhmu l-ispeċifitajiet tas-swieq nazzjonali differenti. Portal dedikat, integrat maċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti (EIAH) u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment (EIPP) <sup>(38)</sup> se jgħin biex jipprovdi viżibiltà għall-proġetti bi tkabbir sostanzjali u jnaqqas l-asimetrija ta' informazzjoni.

#### 4. Eżempji ta' prattiki tajbin fost il-ħafna li attwalment jeżistu

4.1. Għadd ta' pajjiżi żviluppaw prattiki tajbin biex jappoġġjaw negozji ġodda u negozji li qegħdin jespandu. Il-KESE jirakkomanda li l-Kummissjoni tistudja b'reqqa l-possibbiltajiet għall-implimentazzjoni tagħhom fil-livell Ewropew

4.1.1. Il-Ġermanja tesiġi li l-kumpaniji jissieħbu mal-Kamra tal-Kummerċ Ġermaniża (IHK) li min-naħa tagħha tipprovdi appoġġ u tagħti pariri <sup>(39)</sup>.

4.1.2. Skemi ta' garanziji fuq is-self mill-gvern bħal dawk fl-Italja, ir-Renju Unit, il-Polonja u Franza għandhom jiġu esplorati, kif ukoll kofinanzjament mill-pajjiż bħal fil-Ġermanja u l-Iżvezja <sup>(40)</sup>.

4.1.3. Ir-Renju Unit qed jipprovdi skemi ta' inċentivi fiskali biex jiżdied il-fluss ta' fondi f'assi aktar riskjużi permezz tal-iskemi tal-EIS, SEIS u VCT <sup>(41)</sup>.

4.1.4. Ir-reġjun ta' Piemonte fl-Italja żviluppa netwerks fi 12-il raggruppament industrijali filwaqt li għabar flimkien kumpaniji, universitajiet u l-gvern lokali <sup>(42)</sup>.

4.1.5. Fir-reġjun Bask fi Spanja, il-kooperattiva Elkar-Lan tħeġġeġ il-ħolqien ta' kooperattivi oħrajn permezz ta' analiżi sħiħa tal-vijabbiltà tal-proġett, taħriġ, u aċċess għal sussidji u għajnuna finanzjarja <sup>(43)</sup>.

<sup>(36)</sup> [http://europa.eu/rapid/press-release\\_IP-15-6264\\_en.htm](http://europa.eu/rapid/press-release_IP-15-6264_en.htm) (mhux disponibbli bil-Malti).

<sup>(37)</sup> [www.theglobaleconomy.com/USA/Cost\\_of\\_starting\\_business](http://www.theglobaleconomy.com/USA/Cost_of_starting_business).

<sup>(38)</sup> Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 4.

<sup>(39)</sup> <http://www.dihk.de/en>.

<sup>(40)</sup> Supporting investors and growth firms – T. Aubrey, R. Thillaye, and A. Reed, 2015, p. 36.

<sup>(41)</sup> Enterprise Investment Scheme (Skema ta' Investiment fl-Intrapriża – EIS), Seed Enterprise Investment Scheme (SEIS) u Venture Capital Trust (Fond ta' kapital riskjuż – VCT).

<sup>(42)</sup> [cordis.europa.eu/piedmont/infra-science\\_technology\\_en.html](http://cordis.europa.eu/piedmont/infra-science_technology_en.html).

<sup>(43)</sup> [www.elkarlan.coop](http://www.elkarlan.coop).

4.1.6. Id-diġitalizzazzjoni tas-servizzi tal-gvern, kif juri l-każ tal-Estonja, tista' ġġib magħha progress sinifikanti sabiex jiġi ffaċilitat it-tkabbir ta' kumpaniji innovattivi u ta' teknoloġija għolja. Fuq skala pan-Ewropea, l-iżvilupp tal-gvern elettroniku jista' jkollu impatt enormi.

4.1.7. Fl-era tal-ekonomija xprunata mid-data, vantaġġ kompetittiv jista' jiddependi fuq assi intanġibbli, li huma diffiċli biex tevalwa u tivvaluta bl-użu ta' mekkaniżmi finanzjarji tradizzjonali. L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tar-Renju Unit żviluppa modi biex jidentifika u jkejjel dawn l-assi f'termini ta' flussi tal-flus<sup>(44)</sup>.

4.1.8. Fir-Renju Unit, tim dedikat fi ħdan Tech City UK li jismu Future Fifty jappoġġja l-aqwa 50 kumpanija diġitali fl-istadju ta' tkabbir tar-Renju Unit. Il-programm jipprovdi aċċess għal għarfien espert fi ħdan is-settur privat u tal-gvern, jibni rabtiet mal-bażi tal-investituri istituzzjonali tar-Renju Unit u joffri appoġġ adatt biex jgħin lill-kumpaniji jikbru b'pass mgħaġġel u jistabbilixxu l-bażi għal preparazzjoni tal-IPO<sup>(45)</sup>, M&A u espansjoni globali<sup>(46)</sup>.

4.1.9. Fl-2015, il-gvern federali Amerikan implimenta l-iskema STEM, li timmira biex tnebbaħ it-tfal biex jistudjaw ix-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika. Pilastru essenzjali huwa ddedikat biex iħejji l-istudenti għal bżonnijiet futuri fis-suq tax-xogħol<sup>(47)</sup>. Hemm iffukar li dejjem qed jikber fuq ħliet trasferibbli u STEAM, bl- "A" tirreferi għall-Arti.

## 5. Inizjattivi meħudin mill-Kummissjoni Ewropea biex jiġi promoss il-ħolqien u t-tkabbir ta' negozji ġodda

5.1. Il-Kummissjoni Ewropea għamlet sforz notevoli biex tappoġġja l-intraprendituri, tintroduċi diversi inizjattivi f'dawn l-aħħar snin, b'numru ta' Direttorati Ġenerali differenti li jmxexxu l-proċess, jiġifieri, DG CONNECT<sup>(48)</sup>, DG EAC<sup>(49)</sup>, DG GROW<sup>(50)</sup>, DG RTD<sup>(51)</sup> u DG FISMA<sup>(52)</sup>.

5.2. Ħafna minn dawn l-inizjattivi huma reċenti u għadu kmieni wisq biex jiġu evalwati l-effetti tagħhom. Madankollu, il-KESE huwa tal-fehma li l-Kummissjoni qed issegwi d-direzzjoni t-tajba u jħeġġiġha biex tkompli taħdem f'din id-direzzjoni, dejjem f'konsultazzjoni mal-partijiet interessanti Ewropej u nazzjonali rilevanti.

Brussell, l-14 ta' Diċembru 2016.

*Il-President*  
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*  
Georges DASSIS

<sup>(44)</sup> <https://www.gov.uk/government/publications/banking-on-ip>.

<sup>(45)</sup> Offerta Pubblika Inizjali jew tnedija tas-suq azzjonarju.

<sup>(46)</sup> <http://futurefifty.com/>.

<sup>(47)</sup> <https://www.whitehouse.gov/the-press-office/2015/03/23/fact-sheet-president-obama-announces-over-240-million-new-stem-commitmen>.

<sup>(48)</sup> Pjan ta' Azzjoni dwar l-Intraprenditorija 2020

<sup>(49)</sup> Il-Programm Erasmus

<sup>(50)</sup> Strateġija għas-Suq Uniku

<sup>(51)</sup> Orizzont 2020 Il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni.

<sup>(52)</sup> L-Unjoni tas-Swieq Kapitali

**Opinjoni tal-tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Qafas adatt għat-trasparenza tal-kumpaniji”**

**(opinjoni fuq inizjattiva proprja)**

(2017/C 075/03)

Relatur: **Vladimíra DRBALOVÁ**

Deċiżjoni tal-Assemblea tal-Plenarja	21.1.2016
Bażi legali	L-Artikolu 29(2) tar-Regoli ta' Proċedura (opinjoni fuq inizjattiva proprja)
Sezzjoni responsabbli	Sezzjoni Speċjalizzata għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali
Adottata fis-sezzjoni	29.11.2016
Adottata fil-plenarja	14.12.2016
Sessjoni plenarja Nru	521
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	219/3/14

### 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-Kumitat iqis li huwa essenzjali li l-kumpaniji jkunu trasparenti, u jappoġġja l-inizjattivi kollha li jwasslu lejn is-sostenibbiltà u l-prevedibbiltà tan-negozju fit-tul. It-trasparenza hija importanti għall-partijiet kollha, għall-kumpaniji nnifishom, u biex ittejjeb l-immaġni tagħhom u ssaħħa il-fiducia tal-ħaddiema, tal-konsumaturi u tal-investituri.

1.2. Il-Kumitat jirrikonoxxi li ħafna kumpaniji li joperaw fl-UE huma tassew trasparenti. Madankollu, għadd ta' skandli reċenti wrew li hemm bżonn ta' titjib fit-trasparenza sabiex issir ġeneralment parti mill-istrategġiji sostenibbli tal-kumpaniji. L-investituri u l-azzjonisti huma dejjem aktar attenti mhux biss għall-indikaturi tal-profitabilità tal-kumpaniji iżda wkoll għall-indikaturi kwalitattivi tas-CSR<sup>(1)</sup> li jgħinu biex jtnaqqsu r-riskji soċjali u biex jiġi żgurat li l-kumpaniji jistgħu jżviluppaw b'mod sostenibbli. Biex jintlaħqu l-ħtiġijiet tal-impriżi u ta' partijiet interessati oħra, l-informazzjoni trid tkun materjali, u trid tkun li tinġabar b'mod kosteffikaċi.

1.3. Il-Kumitat jinnotta li l-gvernijiet tal-Istati Membri għandhom jimmotivaw u jinkoraġġixxu lill-kumpaniji biex jifhemu li t-trasparenza hija utli peress li hija wkoll opportunità tajba għan-negozju u jappoġġjawhom fl-issodisfar ta' dawn ir-rekwiżiti.

1.4. Il-Kumitat iqis li huwa importanti li ssir enfasi b'mod simultanju kemm fuq l-effikaċja u l-ambitu tal-informazzjoni li qed tiġi ppreżentata u l-kwalità u l-awtenticietà tagħha. It-titjib tat-trasparenza għandu jiffoka kemm fuq ir-riżultati miksuba kif ukoll fuq il-proċess ta' rappurtar u żvelar ta' informazzjoni. Ir-rappurtar għandu jħares 'il quddiem kif ukoll għandu jipprovdi informazzjoni dwar il-prestazzjoni fl-imgħoddi.

1.5. Il-Kumitat jirrakkomanda li l-Kummissjoni tistabbilixxi passi ulterjuri biex tippermetti lill-kumpaniji jissodisfaw l-obbligi ta' trasparenza tagħhom u biex jibqgħu globalment kompetittivi.

1.6. B'mod ġenerali, il-KESE jifhem li kumpaniji żgħar u ta' daqs medju joperaw f'kondizzjonijiet differenti. Għal din ir-raġuni, ir-regoli għalihom għandhom jiġu ssemplifikati biex ikunu jistgħu jirrappurtaw b'mod iktar adegwat sabiex tiġi żgurata trasparenza sħiħa. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-proġett tal-bini ta' kapacià biex jgħin lill-SMEs jilhqun dawn l-isfidi.

<sup>(1)</sup> COM(2011) 681 final.

1.7. Il-Kumitat jemmen li kwalunkwe inizzjattiva ulterjuri dwar l-iżvelar tal-informazzjoni għandha tiffoka fuq l-informazzjoni li verament għandhom bżonn il-partijiet interessati li għandha tinkludi sett komuni ta' indikaturi u fl-istess ħin għandha tqis in-natura tal-kumpanija u tas-settur li fiha hija topera.

1.8. Il-Kumitat jenfasizza li r-responsabbiltà soċjali tal-kumpaniji (CSR) u l-politika ta' trasparenza fi ħdan impriża mhumiex effettivi mingħajr l-impenn tal-impjegati tagħha u għalhekk dawn għandhom jiġu involuti f'konsultazzjonijiet bejn is-sħab soċjali.

1.9. Filwaqt li l-udjenza ta' rappurtar korporattiv qiegħda tiżdied, aktar gruppi ta' partijiet interessati huma interessati f'aspetti oħra ta' affarijiet korporattivi. Għalhekk il-Kumitat jemmen li huwa importanti li jiġi evalwat il-mudell ta' rappurtar attwali u biex dan ikun xieraq għall-iskop tiegħu.

## 2. Kuntest ġenerali

2.1. Fl-2010, il-Kummissjoni ppubblikat **komunikazzjoni li fiha ħamsin proposta għal titjib tas-suq intern**. Hija indikat li n-negozji wkoll għandhom jagħtu sehemhom fi sforz kollettiv billi juru r-responsabbiltà u t-trasparenza tagħhom, kemm fir-rigward tal-impjegati tagħhom u l-azzjonisti tagħhom iżda wkoll lejn is-soċjetà b'mod ġenerali. Il-Kummissjoni enfasizzat li kien hemm lok għal titjib fit-tmexxija tal-intrapriżi, b'mod partikolari l-kompożizzjoni u d-diversità fi ħdan il-bordijiet tad-diretturi, inkluż ir-rappreżentanti tan-nisa, biex jitjiebu l-impjegati, in-negozju u l-kummerċ<sup>(2)</sup>. L-etika tan-negozju u l-valuri ġew rikonoxxuti bħala kontribut għall-irkupru ekonomiku.

2.2. Fl-2011, il-Kummissjoni ppubblikat **strategġija rinnovata tal-UE 2011-2014 għar-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva** (CSR)<sup>(3)</sup> li fiha ressqet definizzjoni ġdida bħala "ir-responsabbiltà tal-intrapriżi għall-impatt tagħhom fuq is-soċjetà". Parti mis-sisien fl-istrategġija kienet pjan ta' azzjoni li jsegwi l-integrazzjoni tar-rappurtar finanzjarju u soċjali.

2.3. Fl-2012, il-Kumitat adotta l-opinjoni tiegħu dwar l-istrategġija rinnovata tal-UE għas-CSR<sup>(4)</sup> li tenfasizza li fil-klima ekonomika u politika diffiċli, l-inizzjattiva ta' politika tas-CSR tipprovdi opportunità sabiex ikun hemm kuntatt pożittiv mal-komunità kummerċjali. Huwa importanti li wara attivitá tas-CSR wieħed jirrikonoxxi motivazzjonijiet differenti. Il-komunikazzjoni toffri deskrizzjoni ta' diversi benefiċċji, li għandhom jiġu promossi aħjar flimkien ma' eżempji ta' prattika tajba biex l-impriżi jiġu infurmati u jiġu mħeġġa jwettqu impenn aktar b'saħħtu lejn is-CSR.

2.4. F'dawn l-aħħar snin, il-Kumitat ipproduċa ħafna opinjonijiet oħra, li jissemmew f'din l-opinjoni. Dawn l-opinjonijiet jenfasizzaw l-importanza tar-responsabbiltà soċjali korporattiva, it-trasparenza tal-kumpaniji, l-iżvelar tal-informazzjoni mhux finanzjarja u l-involvement tal-partijiet interessati rilevanti – l-investituri, il-konsumaturi, l-impjegati u r-rappreżentanti tat-trade union tagħhom, l-NGOs – matul il-proċess. F'din l-opinjoni l-Kumitat jixtieq jagħmel enfasi fuq qafas xieraq għall-proċess kollu.

## 3. Għal kumpaniji soċjalment responsabbli u trasparenti

3.1. Sa ċertu punt il-kriżi ekonomika tal-2008 u l-konsegwenzi soċjali tagħha dgħajfu l-fiduċja taċ-ċittadini fin-negozju, u l-attenzjoni pubblika u tal-investituri ffukat fuq l-imġiba etika u soċjali tal-kumpaniji. Aktar gruppi ta' partijiet interessati issa huma interessati f'aspetti oħra tal-affarijiet korporattivi.

3.2. L-investituri jridu trasparenza u kontroll tal-investment tagħhom u jixtiequ jkunu jafu kif il-flus tagħhom qed jaffettwaw l-ambjent u s-soċjetà b'mod negattiv jew pożittiv. L-aktar sorsi importanti ta' informazzjoni mhux finanzjarja għall-investituri huma r-rapporti tas-sostenibbiltà/tas-CSR u r-rapporti annwali. Dikjarazzjonijiet ta' politika kwalitattiva huma importanti għall-valutazzjoni tal-ħlas finanzjarju, iżda l-indikaturi kwantitattivi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs) huma meqjusa bħala essenzjali.

<sup>(2)</sup> COM(2010) 608 final.

<sup>(3)</sup> COM(2011) 681 final.

<sup>(4)</sup> ĠU C 229, 31.7.2012, p. 77.

3.3. Il-ħaddiema huma dawk li jintlaqtu ħażin l-ewwel mill-kumpaniji li ma jikkunsidrawx ir-regoli legali u n-nuqqas ta' trasparenza tagħhom. U madankollu, l-impjegati għandhom rwol ċentrali fl-iżvilupp tal-kumpaniji tagħhom: is-sigurtà tax-xogħol tagħhom, il-paga tagħhom, is-saħħa tagħhom u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom jiddependu fuq dan. Huma għandhom id-dritt li jirrikjedu trasparenza u li jiġu infurmati u involuti fid-deċiżjoni dwar is-sitwazzjoni finanzjarja u l-politiki soċjali, ambjentali u ekonomiċi fil-kumpaniji tagħhom.

3.4. Il-konsumaturi jridu t-trasparenza u jistennwha f'oqsma speċifiċi li huma importanti għalihom. Huwa verament fl-interess tal-kumpaniji, f'termini ta' relazzjonijiet tagħhom ma' partijiet interessati oħra (ħaddiema, ċittadini u konsumaturi) biex isegwu politika ta' trasparenza. Ta' spiss dan ifisser sempliċiment li l-konsumaturi jingħataw il-fatti li jgħinuhom jagħmlu deċiżjonijiet ta' xiri infurmati. Fl-aħħar nett, huma dawn in-negozji li se jibbenefikaw mil-lealtà ta' konsumaturi aktar infurmati <sup>(5)</sup>. L-industrija tal-ikel hija qasam sensitiv ħafna f'dan ir-rigward. L-aktar riċerka riċenti miċ-Ċentru għall-Integrità tal-Ikel (CFI) <sup>(6)</sup> turi li aktar trasparenza tfisser li l-konsumaturi għandhom fiduċja akbar fl-ikel u tfassal triq ċara biex dan jintlaħaq.

3.5. Minħabba l-globalizzazzjoni, għadd kbir ta' msieħba kummerċjali u partijiet interessati huma interessati f'aktar informazzjoni fuq firxa usa' tal-affarijiet korporattivi minn għadd kbir ta' pajjiżi.

3.6. It-trasparenza tibni fiduċja u n-negozji jeħtieġu l-fiduċja tas-soċjetà. Madankollu, ta' sikwit ikun hemm differenza bejn dak li l-pubbliku jistenna u l-perċezzjoni tiegħu ta' kif in-negozji jgħibu ruħhom. Din id-differenza hija parzjalment ikkawżata minn każijiet ta' mġiba irresponsabbli ta' xi intrapriżi, kif ukoll minn każijiet meta xi intrapriżi jeżaġeraw il-kredenzjali tagħhom fil-kamp ambjentali jew soċjali. Nuqqas ta' kuxjenza pubblika tal-kisbiet tal-intrapriżi u r-restrizzjonijiet li bihom iridu jaħdmu wkoll jikkontribwixxi għal din id-diskrepanza.

3.7. **Din hija r-raġuni għalfejn fl-2009, il-Kummissjoni Ewropea bdiet sensiela ta' sessjonijiet ta' ħidma dwar it-trasparenza korporattiva.** In-negozji Ewropej laqgħu din bħala inizjattiva li għet eżattament f'waqtha – matul il-kriżi, meta t-trasparenza u r-responsabbiltà soċjali korporattiva (CSR) b'mod ġenerali jista' jkollhom il-potenzjal li jgħinu biex terġa' tinkiseb il-fiduċja pubblika fin-negozju, li sa ċertu punt ukoll kienet intlaqtet minħabba l-kriżi li għadha għaddejja. L-inizjattiva mmirata lejn bosta gruppi ta' partijiet interessati (l-impjegaturi, it-trade unions, l-NGOs u l-mezzi tax-xandir) u s-sonda kellha sservi bħala linja gwida għal aktar passi li għandhom jittieħdu mill-Kummissjoni.

3.7.1. Il-lezzjonijiet li ttieħdu mill-inizjattiva:

- Ħafna kumpaniji diġà kisbu riżultati pożittivi fit-trasparenza. Is-CSR issa hija parti mill-istrateġiji tan-negozju tal-kumpaniji.
- L-aċċess għall-informazzjoni huwa importanti għal għadd ta' partijiet interessati, iżda dawn jirrikjedu informazzjoni differenti għal skopijiet differenti. Il-kundizzjonijiet u l-ħtiġijiet fis-setturi differenti jvarjaw.
- L-opinjoni jvarjaw, b'mod partikolari, fir-rigward tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs). Il-biċċa l-kbira tal-interessi l-oħrajn fl-Istati Membri jippreferu bażi ċara ta' indikator, inklużi kwistjonijiet tax-xogħol u dawk ambjentali. Il-fehma tan-negozji hija li jeħtieġ li jkun hemm flessibbiltà u mudell wieħed għal kulħadd mhijiex is-soluzzjoni t-tajba.
- Il-kwistjoni kruċjali għall-SMEs hija l-kapaċità li jipprovdu informazzjoni. Fejn ikun hemm spettru wiesa' ta' partijiet interessati fejn kull waħda tirrikjedi informazzjoni differenti u b'aspettattivi differenti, il-piż amministrattiv fuq l-intrapriżi jista' jkun għoli.
- Il-proċess ta' trasparenza għandu jiffoka kemm fuq ir-riżultati miksuba kif ukoll fuq il-proċess ta' rappurtar u żvelar ta' informazzjoni. Is-CSR tista' tiġi inkorporata fi strateġiji ta' negozju u r-rappurtar integrat huwa mod wieħed kif jista' jsir dan.

<sup>(5)</sup> <https://www.visioncritical.com/5-brands-employed-transparency-marketing-and-won/>

<sup>(6)</sup> Viżjoni ċara ta' trasparenza u kif din tibni l-fiduċja tal-konsumaturi, ir-riċerka dwar il-fiduċja tal-konsumatur fl-2015, iċ-Ċentru għall-Integrità tal-Ikel.



— It-trasparenza u l-prattika li jiġu ppubblikati rapporti tas-CSR huwa valur ulterjuri għall-kumpaniji u l-impjegati tagħhom, għall-benefiċjarji tal-prodotti u s-servizzi tagħhom – li huma l-konsumaturi u ċ-ċittadini – u għall-investituri.

#### 4. Il-Kummissjoni qed iżżid ir-rekwiżiti tagħha dwar it-trasparenza u r-rappurtar mhux finanzjarju

4.1. Fl-Istrateġija tal-UE dwar is-CSR, il-Kummissjoni ssostni li l-iżvelar ta' informazzjoni soċjali u ambjentali, inkluża l-informazzjoni marbuta mal-klima, jista' jiffaċilita l-kooperazzjoni bejn il-kumpaniji u l-partijiet interessati, u l-identifikazzjoni tar-riskji materjali tas-sostenibbiltà. Dan huwa element importanti tar-responsabbiltà li jista' jikkontribwixxi biex tiżdied il-fiduċja tal-pubbliku fl-intrapriżi. Biex jintlaħqu l-ħtiġijiet tal-intrapriżi u ta' partijiet interessati oħrajn, l-informazzjoni għandha tkun materjali.

4.1.1. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi wkoll li numru dejjem jiżdied ta' kumpaniji jiżvelaw informazzjoni soċjali u ambjentali. L-SMEs ta' sikwit jgħaddu din l-informazzjoni b'mod informali u fuq bażi volontarja. Sors wieħed jistma li madwar 2 500 kumpanija Ewropea jipubblikaw ir-rapporti tas-CSR jew rapporti tas-sostenibbiltà, u dan iqiegħed l-UE f'pożizzjoni ta' tmexxija globali <sup>(7)</sup>.

4.2. Fl-2013, il-Kummissjoni, fuq inizzjattiva tal-Parlament Ewropew, fasslet proposta leġislattiva dwar **it-trasparenza tal-informazzjoni soċjali u ambjentali pprovduta mill-impriżi fis-setturi kollha** <sup>(8)</sup>. L-għan tal-emenda għal "direttivi dwar il-kontabilità" kien li jiġi stabbilit rekwiżit għal ċerti kumpaniji kbar (bħalissa madwar 6 000 kumpanija u entità fl-UE) biex jiżvelaw informazzjoni mhux finanzjarja u dwar id-diversità li hija rilevanti fir-rapporti annwali tagħhom.

4.2.1. Id-direttiva f'ċerti pajjiżi hija trasposta fil-liġi nazzjonali f'konsultazzjoni man-negozji, sabiex l-implimentazzjoni tiegħu vantaġġ mill-flessibbiltà ta' direttiva, ma tmurx lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha, tipprovdi sigurtà legali għan-negozji u tissodisfa r-rekwiżiti reali tagħhom. F'dan ir-rigward, il-KESE fassal opinjoni <sup>(9)</sup> li fiha huwa jenfasizza d-dritt li wieħed jibbenefika minn dan il-mekkaniżmu flessibbli u adegwat biex titjeb il-komunikazzjoni mal-azzjonisti, mal-investituri, mal-ħaddiema, u ma' partijiet interessati oħra u jilqa' l-fatt li din il-proposta tindirizza biss lill-kumpaniji l-kbar.

4.2.2. Attwalment, il-Kummissjoni qed tipprepara linji gwida mhux vinkolanti dwar ir-rappurtar mhux finanzjarju abbażi tar-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika. Sabiex tiffaċilita l-konsultazzjoni ta' segwitu mal-partijiet interessati <sup>(10)</sup>, il-KE introduċiet dokument ta' sfond illustrattiv li jiddeskrivi l-prinċipji ewlenin dwar l-iżvelar mhux finanzjarju. L-informazzjoni mhux finanzjarja rrappurtata għandha tkun materjali, affidabbli, ibbilanċjata u li tintfieh, komprensiva u konċiża, strateġika u tħares 'il quddiem, għandha tkun ukoll orjentata lejn il-partijiet interessati, speċifika għall-kumpanija/ għas-settur, kwalitattiva u kwantitattiva, u konsistenti.

4.3. F'konformità mal-Istrateġija Ewropa 2020, li titlob għal titjeb fl-ambjent tan-negozju fl-Ewropa, fl-2014, il-Kummissjoni ppubblikat **proposta għal direttiva, li l-għan tagħha hu li tappoġġja l-ħolqien ta' qafas ta' governanza korporattiva modern u effiċjenti għall-impriżi, l-investituri u l-impjegati Ewropej** <sup>(11)</sup> li tikkorrispondi għall-ħtiġijiet tas-soċjetà tal-lum u għall-ambjent ekonomiku li qed jinbidel.

4.3.1. Il-proposta għandha tikkontribwixxi għas-sostenibbiltà fit-tul tal-kumpaniji fl-UE u għal perspettiva aktar fit-tul tal-azzjonisti li tiżgura kundizzjonijiet ta' ħidma aħjar għall-kumpaniji li l-ishma tagħhom huma nnegozjati fi swieq regolati fl-UE. Fl-opinjoni tiegħu <sup>(12)</sup> l-Kumitat jenfasizza li l-proposta se twassal għal governanza korporattiva u ambjent ta' investment aktar stabbli, u sostenibbli fl-Ewropa u jinnota wkoll li fil-valutazzjoni tal-impatt tagħha, il-Kummissjoni targumenta li l-proposti tagħha se jwasslu biss għal żieda marġinali fil-piż amministrattiv fuq kumpaniji elenkati. Fil-valutazzjoni tad-Direttiva, se jkun importanti li jiġi evalwat dan il-bilanċ.

4.4. F'Ottubru 2015, il-Kummissjoni ppubblikat strateġija ġdida bit-titlu "Kummerċ għal Kulħadd: Lejn politika aktar responsabbli għall-kummerċ u l-investment", li toffri viżjoni tal-politika tal-UE bil-għan li tirrifletti l-ħtieġa ta' politika tal-kummerċ aktar responsabbli u aktar trasparenti.

<sup>(7)</sup> Ara CorporateRegister.com.

<sup>(8)</sup> COM(2013) 207 final.

<sup>(9)</sup> ĠU C 327, 12.11.2013, p. 47.

<sup>(10)</sup> Fis-27 ta' Settembru 2016, il-KE/DG FISMA organizzaw sessjoni ta' ħidma mal-partijiet interessati li tirrelata ma' Linji Gwida Mhux Vinkolanti dwar l-iżvelar ta' informazzjoni mhux finanzjarja fi Brussell.

<sup>(11)</sup> COM(2014) 213 final.

<sup>(12)</sup> ĠU C 451, 16.12.2014, p. 87.

4.4.1. Fil-kapitolu bit-titlu “Politika tal-kummerċ u l-investiment ibbażata fuq valuri”, il-Kummissjoni ttabbar it-tisħiħ tad-drittijiet tal-konsumaturi billi jissaħħu mill-ġdid l-inizjattivi ta’ responsabbiltà soċjali korporattiva u ta’ diliġenza dovuta tul il-katina tal-produzzjoni b’enfasi fuq ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet soċjali – inklużi dawk tax-xogħol – u aspetti ambjentali ta’ ktajjen ta’ valur. Il-Kummissjoni trid tkompli billi ttejjeb id-dimensjonijiet ta’ żvilupp sostenibbli tal-ftehimiet ta’ kummerċ ħieles.

4.4.2. Fl-opinjoni tiegħu <sup>(13)</sup> ffukata fuq xogħol diċenti fil-ktajjen tal-provvista globali (GSCs) Il-Kumitat jgħid: “Il-KESE għandu ħafna esperjenza fil-qasam tas-sostenibbiltà, b’parteċipazzjoni fl-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta’ kapitoli ddedikati fil-ftehimiet ta’ Kummerċ Ħieles (l-FTAs), involviment f’firxa wiesgħa ta’ Kumitati tas-Soċjetà Ċivili li jippermettulu li jipproponi bilanċ ġust bejn ir-rekwiżiti legali meħtieġa fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol, tat-trasparenza, tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni u tal-flessibbiltà meħtieġa tal-MNEs (intrapriżi multinazzjonali) biex jorganizzaw u jiżviluppaw il-ktajjen tal-provvista diġitali (GSCs) tagħhom b’mod effettiv adattat għas-sitwazzjonijiet lokali varji”.

4.4.3. Standards ogħla għall-pubblikazzjoni ta’ rapporti dwar kwistjonijiet mhux finanzjarji jistgħu jkunu kwistjoni importanti fil-politika tal-kummerċ. Ir-regolamentazzjoni fil-livell globali, inklużi l-ftehimiet kummerċjali, għandhom isaħħu t-trasparenza dwar il-pubblikazzjoni ta’ informazzjoni mhux finanzjarja f’pajjiżi bħall-Istati Uniti u ċ-Ċina sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti għall-kumpaniji Ewropej.

4.4.4. Il-KE għandha l-ħsieb li ssaħħaħ l-inċentivi, b’mod partikolari għall-multinazzjonali, li jipprovdu informazzjoni dwar id-diliġenza dovuta, u **approċċ aktar ambizzjuż għal estrazzjoni tal-minerali f’żoni affettwati minn kunflitt** <sup>(14)</sup>, tfittxija għal oqsma ġodda ta’ sħubija msaħħa għal ktajjen ta’ valur responsabbli u l-pubblikazzjoni ta’ ħarsa ġenerali tar-rapporti tal-kumpaniji fil-katina tal-valur responsabbli.

4.4.5. Sa fejn huma kkonċernati r-rekwiżiti tal-Kummissjoni dwar il-kummerċ etiku u l-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, jistgħu jkunu wkoll mistennija rekwiżiti ġodda dwar in-negozji bħala riżultat tal-implimentazzjoni tal-Pjan ta’ Azzjoni tagħha dwar id-Drittijiet tal-Bniedem 2015-2018 <sup>(15)</sup>. Fil-konklużjonijiet tiegħu l-Kunsill Affarrijiet Barranin (Ġunju 2016) jenfasizza r-rwol kruċjali li taqdi t-trasparenza kummerċjali sabiex is-swieq ikunu jistgħu jirrikonoxxu, jinċentivaw u jippremjaw ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem.

4.5. F’Jannar 2016 il-Kummissjoni ppreżentat **il-Pakkett tagħha Kontra l-Evitar tat-Taxxa**, bil-għan li tiżgura tassazzjoni effikaċi u żieda fit-trasparenza fiskali.

4.5.1. Wieħed mill-oqsma li qed jiġu skrutinizzati b’attenzjoni li **se jaffettwaw intrapriżi multinazzjonali u gruppi** huwa **r-rappurtar pajjiż b’pajjiż** (l-obbligu li titħejja dikjarazzjoni li fiha t-tranżazzjonijiet fil-grupp, data dwar dħul, qligħ, taxxa fuq l-introjt mħallsa, eċċ. u tintbagħat lill-awtoritajiet tat-taxxa). F’dan l-istadju, il-pakkett ikopri l-iskambju ta’ informazzjoni bejn l-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri.

4.6. Fil-bidu ta’ April 2016 <sup>(16)</sup>, il-Kummissjoni pproponiet li l-kumpaniji multinazzjonali jippubblikaw rapport separat dwar it-taxxa fuq id-dħul li jħallsu, flimkien ma’ informazzjoni dwar it-taxxa. Kumpaniji multinazzjonali b’fatturat nett konsolidat ta’ aktar minn EUR 750 miljun iridu jissodisfaw dawn ir-rekwiżiti ta’ trasparenza addizzjonali, kemm jekk dawn huma domiċiljati fl-UE jew le. Dan l-obbligu japplika wkoll għall-fergħat u s-sussidjarji tagħhom. F’dan ir-rigward il-Kumitat għadu kif adotta opinjoni dwar il-ġlieda kontra l-evazzjoni tat-taxxa <sup>(17)</sup> li fiha hu jħeġġeġ lill-Kummissjoni tkun aktar ambizzjuża meta tesiġi trasparenza fiskali mill-kumpaniji billi tnaqqas il-limitu ta’ fatturat ta’ EUR 750 miljun jew billi titħejja skeda li tistipula tnaqqis gradwali fil-limitu.

4.6.1. Madankollu l-Kummissjoni għandha tqis il-prinċipji tas-suq intern tal-UE u l-kompetittività tal-Unjoni. Ir-rekwiżiti unilaterali fi ħdan l-UE jistgħu jwasslu għal konsegwenzi mhux intenzjonati jekk intrapriżi li mhumiex fl-UE jkunu ġew eżentati minn dan l-obbligu. Għalhekk, intrapriżi li mhumiex fl-UE għandhom jiġu koperti minn dan l-obbligu permezz tan-negozjar ta’ ftehimiet kummerċjali internazzjonali.

<sup>(13)</sup> ĠU C 303, 19.8.2016, p. 17.

<sup>(14)</sup> JOIN(2014) 8 final.

<sup>(15)</sup> SWD(2015) 144 final.

<sup>(16)</sup> COM(2016) 198 final.

<sup>(17)</sup> ĠU C 487, 28.12.2016, p. 62.

4.7. Il-Kummissjoni Ewropea taħdem ma' organizzazzjonijiet internazzjonali oħrajn, bħalma huma l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni Ekonomika u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD), l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), id-WHO u l-Bank Dinji u ssaħħaħ is-sinerġiji mal-istrumenti tagħhom għal governanza korporattiva tajba, trasparenza u r-responsabbiltà korporattiva<sup>(18)</sup>. Dawn l-istrumenti huma riveduti regolarment u jstabilixxu rekwiżiti ta' responsabbiltà u trasparenza ta' kumpaniji b'politiki soċjali, ambjentali u tad-drittijiet tal-bniedem. Huma jinkoraġġixxu wkoll il-prevenzjoni u l-analiżi tar-riskju u jipprevedu miżuri ta' diliġenza dovuta. L-istrumenti huma primarjament maħsuba għal kumpaniji multinazzjonali, imma huma wkoll intiżi sabiex iservu bħala linji gwida għall-kumpaniji li joperaw fil-livelli nazzjonali. Kwalunkwe reviżjoni ta' tali strumenti għandha tiffoka b'mod partikolari fuq l-implimentazzjoni aħjar tagħhom.

4.8. Iż-żieda globali u l-esiġenzi Ewropej għal trasparenza korporattiva jiġu ttrasferiti lil kumpaniji li joperaw fl-Istati Membri. Ir-rwol tal-KE għandu jkun li tmexxi u tikkoordina l-politiki tal-Istati Membri tal-UE u għaldaqstant tnaqqas ir-riskju ta' approċċi diverġenti<sup>(19)</sup>.

4.8.1. L-istrateġija tal-Kummissjoni għal kummerċ responsabbli u r-rakkomandazzjonijiet għall-Istati Membri spiss twassal għas-suppożizzjoni fil-livell nazzjonali li intraprenditorija u trasparenza responsabbli għandha tiġi amministrata u ssorveljata biss mill-Istat.

4.8.2. In-negozju jaġġraf lilu nnifsu bħala mutur għal imġiba responsabbli u trasparenti. Dan ġie rikonoxxut ukoll fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "L-implimentazzjoni tas-Sħubija għat-Tkabbir u l-Impjieġ: Nagħmlu l-Ewropa punt ta' eċċellenza fir-Responsabbiltà Soċjali tal-Impriżi"<sup>(20)</sup>.

4.8.3. Ir-responsabbiltà ewlenija ta' kull kumpanija hija li toħloq valur mhux biss għall-azzjonisti tagħha, iżda wkoll għall-impjegati tagħha, l-ambjent tagħha u l-komunità tagħha u tiġġenera u tippreserva l-impjieġi. L-Istati Membri għandhom johlolqu l-kundizzjonijiet adatti biex jiffaċilitaw u jappoġġjaw l-isforzi tal-kumpaniji biex ikunu responsabbli u trasparenti.

## 5. It-tfittxija għal qafas adatt dwar ir-rappurtar korporattiv

5.1. Il-Kumitat jirrikonoxxi li r-rappurtar mhux finanzjarju huwa importanti ħafna għal rappurtar korporattiv billi jgħin biex tinħoloq stampa sħiħa tal-affarijiet korporattivi.

5.2. Għall-kumpaniji, l-abmjent regolatorju għan-negozju qiegħed isir dejjem aktar kumpless. Biex ikunu indirizzati aħjar il-bżonnijiet tal-partijiet interessati għandu jiġi stabbilit qafas adegwat għar-rappurtar korporattiv, fl-istess ħin, għandu jiġi evitat piż amministrattiv u finanzjarju żejjed. Is-CSR u t-trasparenza għandhom ukoll jiġu promossi u użati bħala opportunità għall-kumpaniji biex jiġi evitat ir-riskju soċjali u jiġi żgurat l-iżvilupp sostenibbli tagħhom.

5.3. Matul l-aħħar għaxar snin, il-fokus fuq aspetti differenti ta' Informazzjoni Mhux Finanzjarja (NFI) baqa' jżied. Jeżisti numru ta' oqfsa internazzjonali għall-iżvelar ta' informazzjoni soċjali u ambjentali, inkluża l-Inizjattiva Globali ta' Rappurtar (GRI).

5.4. Il-kwistjoni mqajma hija *jekk dawn il-partijiet interessati kollha jistgħux jinqdew permezz tal-istess rapport jew b'sett ta' rapporti?* Għandu jkun hemm taħlita ta' rapporti jew kunċett ta' rapport wieħed komprensiv – bħal pereżempju l-kunċett Core&More<sup>(21)</sup> propost mill-Federazzjoni Ewropea tal-Kontabilisti (FEE) fl-2015?

5.5. Id-diskussjoni ta' rappurtar korporattiv futur teħtieġ li tqis id-differenzi fil-ħtiġijiet ta' informazzjoni ta' gruppi ta' partijiet interessati differenti skont id-daqs u n-natura tal-entità li tirrapporta.

<sup>(18)</sup> Il-prinċipji gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali; id-Dikjarazzjoni Tripartitika tal-ILO dwar il-prinċipji li jikkonċernaw l-intrapriżi multinazzjonali u l-politika soċjali.

<sup>(19)</sup> COM(2011) 681 final.

<sup>(20)</sup> COM(2006) 136 final.

<sup>(21)</sup> Il-futur għal rappurtar korporattiv — il-ħolqien ta' dinamika għal bidla, FEE, Ottubru 2015.

5.6. Peress li l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew jenfasizza fl-opinjoni tiegħu dwar “L-Iżvelar ta’ informazzjoni mhux finanzjarja”, il-Kummissjoni hija mitluba tnedi jew tiffaċilita proċess li jgħib flimkien il-“partijiet interessati multipli”<sup>(22)</sup> sabiex jiġu definiti aħjar il-prinċipji ta’ gwida kif ukoll il-punti ta’ riferiment li se jgħinu għat-tqabbil u, fit-terminu twil, għall-istandardizzazzjoni”.

5.6.1. F’dan ir-rigward, il-Kumitat diġà enfasizza l-bżonn ta’ azzjoni korrettiva kontra t-tfixkil tal-valuri korporattivi minħabba viżjoni fuq perjodu qasir. Fl-opinjoni tiegħu dwar “L-involviment tal-impjegati”<sup>(23)</sup> huwa saħaq ukoll li hemm bżonn li jiġu identifikati mezzi ta’ kif il-politika Ewropea tkun tista’ tegħleb it-tendenza attwali ta’ trasparenza korporattiva fuq direzzjoni waħda fl-interess tal-azzjonisti permezz ta’ fehim usa’ ta’ intrapriża bħala “kumpanija sostenibbli”, li hija fl-interess tal-iżvilupp korporattiv fit-tul.

5.7. Anki jekk il-futur tan-negozju sostenibbli se jkun marbut sew mar-rispett tal-ambjent soċjali u tal-konsumatur, kwalunkwe inizjattiva ulterjuri dwar l-iżvelar tal-informazzjoni għandha tiffoka fuq il-ħtiġijiet reali tal-partijiet interessati.

Brussell, l-14 ta’ Diċembru 2016.

*Il-President*  
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*  
Georges DASSIS

---

<sup>(22)</sup> ĠU C 327, 12.11.2013, p. 47.

<sup>(23)</sup> ĠU C 161, 6.6.2013, p. 35.

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-fatturi bażiċi ewlenin li jinfuwentaw il-Politika Agrikola Komuni wara l-2020”**

**(opinjoni fuq inizjattiva proprja)**

(2017/C 075/04)

Relatur: **is-Sur Simo TIAINEN**

Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	21.1.2016
Bażi legali	Artikolu 29(2) tar-Regoli ta' Proċedura
	Opinjoni fuq inizjattiva proprja
Sezzjoni kompetenti	L-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent
Adottata fis-sezzjoni	24.11.2016
Adottata fil-plenarja	15.12.2016
Sessjoni plenarja Nru	521
Riżultat tal-votazzjoni	188/2/8
(favur/kontra/astensjonijiet)	

### 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Għal nofs seklu, il-PAK għenet fil-bini tal-Unjoni Ewropea. Attwalment, li nerġgħu nżuru s-sisien tagħna għandha tkun opportunità għal viżjoni ġdida fit-tul biex il-PAK tipprovdi gwida ċara u konkreta mhux biss lill-bdiewa, iżda lil miljuni ta' ċittadini. Kif qal b'mod konsistenti l-Kumitat, il-PAK tal-ġejjieni għandha tiddefendi l-mudell agrikolu Ewropew, li huwa bbażat fuq il-prinċipji tas-sovranià tal-ikel, is-sostenibbiltà u r-rispons għall-ħtiġijiet reali taċ-ċittadini Ewropej, humiex bdiewa, impjegati agrikoli jew konsumaturi.

1.2. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon id-diskussjonijiet inizjali dwar il-ġejjieni tal-PAK wara l-2020. Għalkemm l-għanijiet tal-PAK kif stipulati fit-Trattat – li baqgħu ma nbidlux mill-1957 'l hawn – u l-isfidi l-ġodda li trid tindirizza qatt ma kienu daqstant rilevanti, huwa tal-akbar importanza li ssir analiżi bir-reqqa tal-PAK attwali u r-riżultat tar-riforma preċedenti. L-għan ta' din l-Opinjoni huwa li nagħmlu xi suġġerimenti u nieħdu sehem fid-diskussjoni dwar il-ġejjieni tal-PAK.

1.3. L-ewwel nett, fid-dawl tal-kumplessità tal-PAK u d-diffikultà li tiġi implimentata l-aħħar riforma, il-bdiewa jeħtieġu stabbiltà politika u viżjoni fit-tul tal-politika agrikola. B'mod partikolari taħt it-Trattat ta' Lisbona, inevitabbilment ser ikun hemm bżonn ta' għadd ta' snin biex nirriflettu, naqsmu l-għanijiet, niddiskutu l-isfidi u nsibu s-soluzzjonijiet. Għalhekk, l-istituzzjonijiet Ewropej għandhom jilhqgħu ftehim mill-iżjed fis biex jestendu t-terminu tal-PAK attwali b'tal-inqas sentejn.

1.4. Il-PAK għandha tagħti iżjed attenzjoni lill-emerġenza ta' bdiewa nisa u rġiel żgħażagħ u ġodda, mhux biss permezz ta' għodod speċifiċi, iżda wkoll permezz ta' stabbiltà ġenwina fil-politika. Il-bdiewa jeħtieġu iżjed stabbiltà biex ikunu jistgħu jinvestu għal għexieren ta' snin u jilqgħu l-isfida tat-tiġdid tal-ġenerazzjonijiet.

1.5. Il-PAK tal-ġejjieni għandha, minn naħa, tqis id-diversità tal-mudelli tal-biedja u l-ispeċifitàjiet reġjonali u, min-naħa l-oħra, id-diversità tal-għanijiet tagħha: ekonomiċi, soċjali u ambjentali. Il-produzzjoni proprja tal-ikel u l-agrikoltura proprja huma importanti u jagħmlu parti mill-kultura ta' kull nazzjon fid-dinja. Kwalunkwe politika Ewropea tal-ikel għandha tkun ibbażata fuq ikel tajjeb għas-saħħa u ta' kwalità tajba u għandha toħloq sinerġiji mal-PAK. Wieħed mill-prinċipji ewlenin tal-PAK għandu jkun dak li l-agrikoltura tinżamm ħajja u tibqa' sostenibbli f'kull reġjun tal-UE.

1.6. Is-semplifikazzjoni għandha tkun l-ewwel prijorità bażika għall-perjodu li jmiss ta' riforma tal-PAK. L-implimentazzjoni tal-PAK għandha tkun aktar faċli u għandhom jiġu żviluppati sistemi aktar raġonevoli ta' kontroll u sanzjoni. Huwa ta' importanza kbira li jiġi żgurat il-ħlas fil-ħin lill-bdiewa.

1.7. Meta nqisu li l-PAK hija politika b'intervent dirett fil-livell Ewropew u li l-kollass tal-preferenza Komunitarja ser iwassal għal tnaqqis fil-prezzijiet tal-produtturi, jeħtieġ li l-PAK tal-ġejjieni tkun kapaċi tindirizza l-isfidi kollha li tiffaċċja, fosthom it-taqbib fis-swieq. Għalhekk, jeħtieġ li l-qafas ta' politika jiġi orjentat mill-ġdid sabiex jiġu indirizzati dawn l-isfidi l-ġodda kollha, u li jiġu pprovduti għodod adegwati fil-livell Ewropew.

1.8. Fl-2017, il-Kummissjoni Ewropea se tmexxi 'l quddiem il-ħidma tagħha u tikkonsulta b'mod wiesa' dwar is-simplifikazzjoni u l-modernizzazzjoni tal-PAK. Huwa importanti li s-soċjetà ċivili Ewropea taqdi rwol attiv f'dan il-proċess. Il-KESE għandu jwaqqaf grupp ta' studju biex isegwi dan il-proċess u jikkontribwixxi għalih.

## 2. Introduzzjoni

2.1. L-agrikoltura hija ċentrali għall-isfidi strateġiċi, ekonomiċi, ambjentali u soċjali ta' għada. Il-PAK kienet storja ta' suċċess għall-Ewropa, l-iżjed għax il-konsumaturi Ewropej ibbenefikaw minn ikel iżjed sigur bi prezzijiet dejjem jonqsu tul dawn l-aħħar għexieren ta' snin. Madankollu, f'xi oqsma qed niffaċċjaw problemi marbutin mal-bijodiversità, l-ambjent u l-pajsaġġi li jeħtieġ li jiġu indirizzati. Il-produtturi ta' ikel ta' kwalità għolja permezz tal-agrikoltura sostenibbli hija fil-qalba tal-preokkupazzjonijiet taċ-ċittadini u l-konsumaturi. Sabiex jiġu ssodisfati dawn l-aspettattivi, hemm bżonn ta' Politika Agrikola Komuni sabiex jiġu ggarantiti ikel tajjeb għas-saħħa u sigur, kwalità għolja bi prezz ġust, il-ħarsien ambjentali, il-konservazzjoni tal-pajsaġġ u ekonomija dinamika fiż-żoni rurali.

2.2. Meta l-bdiewa jipproduċu l-ikel fis-soċjetà tagħna li hija orjentata lejn is-suq, ħalli b'hekk jiżguraw is-sigurtà tal-ikel, huma jinfluwenzaw ukoll id-disponibbiltà u l-kwalità tal-ilma u l-kwalità tal-arja u l-ħamrija, jew l-ambjent naturali inġenerali, filwaqt li jipprovdu impjieġ fiż-żoni rurali u jippreservaw il-pajsaġġi rurali. Bosta minn dawn il-prodotti sekondarji għandhom jitqiesu bħala beni pubbliċi.

2.3. L-agrikoltura u l-forestrija huma marbutin ma' xulxin mill-qrib peress li jirrappreżentaw parti kbira mill-użu tal-art fl-UE. Għalhekk, il-forestrija ta' spiss tieħu sehem fil-forniment ta' beni pubbliċi.

2.4. Il-fatturi li jinfluwenzaw il-PAK wara l-2020 huma l-ewwel nett l-isfidi li tiffaċċja l-agrikoltura, iżda wkoll il-fatt li hija kwistjoni Ewropea, bi proċess speċifiku ta' riforma u disponibbiltà tal-baġit u, fuq kollox, viżjoni ċara għall-għexieren ta' snin li ġejjin.

2.5. Il-Politika Agrikola Komuni minn dejjem kienet waħda mill-politiki ewlenin tal-UE. B'mod ġenerali, il-PAK hija fl-interess tas-soċjetà ċivili Ewropea. Għalhekk, huwa importanti li l-KESE jkun proattiv fit-tħejjija tar-riforma li jmiss tal-PAK li hija marbuta mal-perjodu wara l-2020.

## 3. L-agrikoltura tiffaċċja sfidi importanti

### *L-isfida tas-sigurtà tal-ikel*

3.1. Fid-dawl tat-tendenzi demografiċi globali mistennija, fl-2050 ser ikun hemm bżonn ta' ikel li jitma' madwar 9 biljun ruħ. Fid-dawl tat-titjib fl-istandards tal-għajxien f'għadd ta' reġjuni tad-dinja, qegħdin nosservaw żieda fid-domanda għall-ikel u tendenza lejn dieti li jinkludu iżjed prodotti mill-annimali. Dawn l-iżviluppi għandhom iwasslu għall-irduppjar tad-domanda għall-ikel fl-2050. L-UE għandha terfa' r-responsabbiltà tagħha għas-sigurtà tal-ikel fid-dinja, iżda l-esportazzjoni tal-prodotti agrikoli Ewropej ma ssolvix il-problema tal-ġuħ fid-dinja. Ta' min jinnota li s-sigurtà tal-ikel għandha tkun ibbażata fuq sistemi sostenibbli tal-ikel lokali. Jeħtieġ li kull nazzjon jerfa' r-responsabbiltà proprja tiegħu għas-sigurtà tal-ikel, ħaġa li hija rakkomandata wkoll mill-FAO. Il-KESE huwa tal-fehma li jeħtieġ li l-UE tiffoka fuq it-trasferiment tal-għarfien u l-iskambju ta' esperjenzi dwar kif iżjed ikel u ikel ta' kwalità aħjar jista' jiġi prodott b'mod sostenibbli u lokalment fi nħawi oħra tad-dinja.

3.2. Fl-istess ħin, l-istennija hija li d-domanda għall-ikel fl-Ewropa ser tibqa' pjuttost stabbli iżda diversa f'dak li jirrigwarda l-kwalità, is-saħħa, l-etika, l-orijini, eċċ.

### *L-isfidi ambjentali*

3.3. L-agrikoltura u l-ambjent huma marbutin mill-qrib ħafna ma' xulxin f'firxa ta' modi fir-reġjuni kollha. L-agrikoltura u l-forestrija huma essenzjali għall-konservazzjoni tan-natura, il-protezzjoni tal-bijodiversità, il-kwalità tal-ilma, il-kwalità tal-ħamrija u inqas tniġġis.



### *L-isfidi għall-enerġija*

3.4. Il-qafas tal-UE għall-klima u l-enerġija stabbilixxa l-mira li l-proporzjon tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli jiżdied għal tal-anqas 27 % tal-konsum tal-enerġija sal-2030. Dan il-proporzjon ser jiżdied fil-ġejjieni. L-agrikoltura u l-forestrija jistgħu jipprovdu l-bijomassa biex tintlaħaq din il-mira fi ħdan ekonomija ta' tkabbir ekoloġiku. Jeħtieġ li jtejbu wkoll l-effiċjenza tagħhom fl-użu tal-enerġija.

### *It-tibdil fil-klima: adattament u mitigazzjoni*

3.5. Fl-20 ta' Lulju 2016, il-Kummissjoni ressqet pakkett ta' proposti leġiżlattivi li jistabbilixxu regoli dettaljati għall-qafas ta' politika tal-UE fil-qasam tal-klima u l-enerġija minn issa sal-2030. Din ser tkun it-tweġiba tal-UE sabiex ittaffi t-tibdil fil-klima skont il-qbil li ntlaħaq fil-ftehim ta' COP21 f'Diċembru 2015. L-agrikoltura u l-forestrija huma parti mis-soluzzjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet u biex jinħażen il-karbonju fil-ħamrija u l-injam. Sabiex nirreaġixxu kif imiss għall-isfida tas-sigurtà tal-ikel u biex jittaffa t-tibdil fil-klima, ser jinħtieġu tkabbir ekoloġiku, approċċ agroekoloġiku u l-intensifikazzjoni sostenibbli fi ħdan produzzjoni agrikola effiċjenti. Barra minn hekk, l-adattament għat-tibdil fil-klima ser ikun kruċjali għall-agrikoltura tal-ġejjieni.

### *Żvilupp rurali bbilanċjat*

3.6. L-agrikoltura u l-forestrija kif ukoll il-forom kollha tal-bijoekonomija marbutin magħhom huma fundamentali biex jinżamm id-dinamiżmu rurali u jissaħħaħ l-iżvilupp rurali bbilanċjat. Dawn huma importanti mil-lat tal-impjeg, il-kultura, il-koeżjoni territorjali u t-turiżmu fiż-żoni rurali fl-UE. Id-depopolazzjoni u t-tixxijiet f'boża żoni remoti, reġjuni muntanjużi jew żoni żvantaġġati għadhom it-tendenza demografika dominanti. Il-politiki pubbliċi, b'mod partikolari l-PAK, għandhom jaġixxu biex iżommu l-agrikoltura u jappoġġjaw lill-produtturi fl-UE, inklużi r-reġjuni bi problemi speċifiċi. Il-ħlasijiet lill-irziezet f'żoni rurali bi żvantaġġi naturali huma essenzjali għall-iżvilupp rurali. Jekk dan ma jsirx, il-biedja f'żoni bħal dawn ma tkunx vijabbli.

3.7. Is-sinerġiji bejn iż-żewġ pilastri tal-PAK huma importanti u għandhom jissaħħu. L-aħħar riforma ssaħħaħ ir-rabta u l-koerenza bejn il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej kollha, u dan għandu jtkompla.

3.8. Il-KESE huwa favur li l-iżvilupp Lokali Mmexxi mill-Komunità (CLLD) jiġi estiż u li jsir obligatorju għall-Fondi SIE kollha sabiex ikun hemm żvilupp bilanċjat taż-żoni rurali. Ir-rikors għall-Gruppi ta' Azzjoni Lokali (GAL) bħala sħubijiet lokali, bil-parteċipazzjoni tal-bdiewa, biex jinstabu u jiġu ffinanzjati proġetti lokali huwa ta' benefiċċju għall-kwalità tal-ħajja tal-popolazzjonijiet. Dan jista' jgħin biex jiġu miġġielda b'mod effettiv id-depopolazzjoni u t-tixxijiet tal-popolazzjoni fiż-żoni rurali tal-UE.

3.9. Biex tinżamm l-agrikoltura, it-tiġdid ġenerazzjonali huwa kwistjoni ewlenija u l-istabbiliment ta' bdiewa żgħażaġh u/jew bdiewa rġiel u nisa ġodda għandu jissaħħaħ permezz tal-għodod kollha disponibbli. Il-pagamenti akkoppjati huma meħtieġa wkoll għal daww is-setturi jew reġjuni fejn tipi speċifiċi ta' biedja jew setturi agrikoli speċifiċi huma partikolarment importanti għal raġunijiet ekonomiċi, soċjali jew ambjentali. Il-PAK għandha tiffoka wkoll b'mod ċar fuq it-tiegħiġ ta' bdiewa u produzzjoni attivi.

### *Il-volatilità tal-prezzijiet u d-dħul*

3.10. L-agrikoltura hija attività ekonomika speċifika li ma tikkonformax mal-liġi ekonomika abitwali. F'ekonomija tas-suq, il-varjazzjonijiet fil-prezzijiet u d-dħul huma r-riżultat ta' ċaqliq fil-provvista u d-domanda. Iżda n-natura tal-ikel bħala bżonn bażiku tfisser li, abbażi tad-definizzjoni tiegħu stess, il-prezz tal-ikel mhuwiex flessibbli. Lanqas ma tistax provvista tal-ikel tirreaġixxi malajr għat-tibdil fil-prezz. Għalhekk, kwalunkwe tibdil mhux mistenni fil-volum tal-produzzjoni ta' spiss jittlob perjodu itwal ta' żmien u tibdil kbir fil-prezz biex jintradd lura l-bilanċ lis-suq. Għal dawn ir-raġunijiet, is-swieq agrikoli jiqiesu bħala volatili ferm. Jistgħu jiġu ttestjati wkoll mekkaniżmi tas-suq innovattivi oħra.

### *Id-domanda tal-konsumatur*

3.11. Il-konsumaturi jitolbu ikel sigur, sostenibbli, nutrittiv u ta' kwalità għolja. Huma jridu wkoll ikel bi prezzijiet raġonevoli u dan issaħħaħ mill-kriżi ekonomika. Bosta konsumaturi japprezzaw it-traċċabbiltà tal-ikel prodott lokalment. L-Ewrobarometru Speċjali 410 juri li l-biċċa l-kbira tal-kontributuri fl-Istati Membri kollha jemmnu li hemm bżonn li jkun jafu minn fejn joriġina l-laħam. Huwa d-dmir tal-partijiet interessati kollha fil-katina tal-ikel li jindirizzaw din l-isfida.

*L-iżvilupp sostenibbli*

3.12. Il-PAK li jmiss, bħal politiki oħra tal-UE, għandha tkun konsistenti mal-għanijiet tal-iżvilupp sostenibbli (SDGs). Il-PAK hija rilevanti għal bosta għanijiet, iżda l-iżjed wieħed rilevanti huwa l-Għan 2: "Jintemm il-ġuħ, tintlaħaq is-sigurtà tal-ikel u nutrizzjoni mtejba u tiġi promossal-agrikoltura sostenibbli".

*L-inċertezzi fil-kummerċ internazzjonali*

3.13. Inevitabbilment, il-kummerċ internazzjonali ser jiżdied fil-ġejjieni. Madankollu, il-projbizzjoni reċenti Russa fuq prodotti tal-ikel li joriġinaw mill-Unjoni Ewropea wasslet għal inċertezzi kbar fir-rigward tal-kummerċ internazzjonali. L-embargo tar-Russja poġġa pressjoni enormi fuq is-swieq agrikoli tal-UE, speċjalment f'ċerti Stati Membri. Il-ġlieda kontra l-isfidi marbutin ma' inċertezzi fil-kummerċ internazzjonali se tkun ta' importanza kbira għall-futur tal-agrikoltura.

*Ċaqliq fis-setgħa tan-negozjar fil-katini tal-provvista tal-ikel*

3.14. F'dawn l-aħħar snin, kien hemm bidla fis-setgħa tan-negozjar fil-katina tal-provvista tal-ikel, l-aktar għall-vantaġġ tas-settur tal-bejgħ bl-immut u xi kumpaniji transnazzjonali u għad-detriment tal-fornituri, b'mod partikolari bdiewa. Il-PAK tal-futur għandha ssaħħaħ is-setgħa tan-negozjar tal-bdiewa.

**4. Fi ħdan l-UE, l-agrikoltura hija kwistjoni Ewropea**

4.1. L-agrikoltura hija prijorità prinċipali għall-UE. L-għanijiet tal-Politika Agrikola Komuni ġew stabbiliti fi-Trattat inizjali ta' Ruma fl-1957. Dawn għadhom validi. Feġġew ukoll sfidi ġodda, bħat-tħassib ambjentali, kwistjonijiet marbutin mal-iżvilupp taż-żoni rurali. kif ukoll kif ukoll kwistjonijiet marbutin mal-kwalità u s-saħħa u l-ġuħ fid-dinja, u t-Trattati għadhom ma ġewx adattati biex jirriflettuhom.

4.2. Il-PAK hija politika Ewropea u integrata fundamentali, li hija dejjem iżjed interkonnessa ma' politiki oħra bħall-impjeg, l-ambjent, il-klima, il-kompetizzjoni, il-baġit, il-kummerċ u r-riċerka b'valur miżjud Ewropew speċifiku.

4.3. Il-PAK hija prerekwiżit biex jinkiseb suq uniku fis-settur tal-ikel fl-UE. L-industrija Ewropea tal-ikel hija l-ikbar settur industrijali fl-UE, u tipprovi 1 fuq minn 5 miljun impjeg.

*It-tħejjija għall-PAK li jmiss*

4.4. Il-kumplessità u s-sussidjarjetà huma kelmiet ewlenija fl-adattament għas-setturi u t-territorji kollha. Dawn l-aspetti ssaħħew fl-aħħar riforma. It-tħejjija u n-negozjar ta' regoli komuni taħt it-Trattat ta' Lisbona, bis-sehem ta' 28 Stat Membru u l-Parlament Ewropew, kienu komputu partikolarment kumpless.

4.5. Għad ma sarux evalwazzjonijiet tal-miżuri attwali ta' politika. L-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-ewwel sena tal-obbligi tal-ekoloġizzazzjoni għadha għaddejjja. L-istess jgħodd għall-Erjas b'Fokus Ekoloġiku. Huwa importanti li ma nġhaġġlux u nidħlu f'riforma oħra tal-PAK mingħajr evalwazzjoni ċara u dettaljata tal-PAK attwali, sabiex nidentifikaw sa liema punt il-miżuri ta' politika laħqu l-għanijiet ta' politika tagħhom. Dan jitlob evalwazzjoni kif imiss, b'mod partikolari għall-miżuri fejn jinħtieġ iżjed żmien biex joħorġu fid-dieher ir-riżultati, eż. l-obbligi tal-ekoloġizzazzjoni.

4.6. Meta nqisu li l-aħħar riforma tnediet fl-2010 u li l-implimentazzjoni tagħha bdiet fl-2015, ir-riforma ħadet ħames snin biex tkun konkluża. Matul il-mandat attwali tal-Kummissjoni u l-PE, mhux ser ikun hemm biżżejjed żmien biex ir-riforma li jmiss tal-PAK tiġi konkluża b'mod li l-implimentazzjoni tkun possibbli fl-2021. Għaldaqstant, jinħtieġ perjodu ta' tranżizzjoni biex il-PAK attwali titkompla għal perjodu suffiċjenti ta' żmien wara l-2020.

*Sussidjarjetà u valur miżjud Ewropew*

4.7. Il-PAK ilha mwaqqfa sa mill-1962 fuq tliet prinċipji bażiċi: l-unità tas-suq, il-preferenza Komunitarja u s-solidarjetà finanzjarja. Is-suq uniku huwa fatt illum il-ġurnata, iżda l-preferenza Komunitarja u s-solidarjetà finanzjarja jridu jiġu affermati mill-ġdid fil-livell politiku.

4.8. Bil-globalizzazzjoni, l-Istati Uniti tuża l-appoġġ pubbliku biex tippromovi l-agrikoltura tagħha permezz tal-konsumaturi bil-programm tal-vawċers tal-ikel u l-“Buy American Act”. L-Unjoni Ewropea għandha timplimenta miżuri reċiproċi u tista' tenfasizza l-importanza strateġika tal-preferenza Ewropea permezz ta' “Buy European Act”.

## 5. Kummenti ġenerali

### *Brexit*

5.1. Il-Brexit ser ikollu impatt kbir fuq l-UE, b'mod partikolari fuq is-suq uniku u l-kummerċ internazzjonali, u għaldaqstant fuq il-ġejjieni tal-PAK. Matul in-negozjati tal-Brexit, jekk ir-Renju Unit ser iħalli l-unjoni doganali tal-UE, il-flussi attwali tal-kummerċ għandhom jintużaw bħala l-kriterju ewlieni biex il-kwota tad-WTO għall-UE-28 titqassam bejn ir-Renju Unit u l-UE l-għda.

### *Kompetittività, produttività u sostenibbiltà*

5.2. Mir-riforma tal-1992 'l hawn, il-kompetittività saret l-ewwel prijorità tal-PAK bl-introduzzjoni tal-pagamenti diretti. Iżda biex jitkomplew il-kompetittività, il-produttività u s-sostenibbiltà, jinħtieġu inċentivi ġodda biex jikkonċentraw fuq il-promozzjoni tal-innovazzjoni (żvilupp, tixrid u użu tat-teknoloġiji ġodda).

5.3. Is-settur tal-biedja jeħtieġ investiment massiv li jista' jinkiseb biss jekk id-dħul mistenni jkun biżżejjed u r-riskji ekonomiċi jkunu jistgħu jiġu ġestiti. Fil-qagħda attwali, huwa indispensabbli li d-dħul tal-azjendi agrikoli jiġi appoġġjat bis-saħħa tal-pagamenti diretti.

### *Il-ġestjoni tar-riskji u l-kriżijiet fl-agrikoltura*

5.4. Il-produtturi tal-UE ma għadhomx iżolati mis-suq dinji u l-volatilità ogħla tiegħu tal-prezzijiet. Barra minn hekk, l-agrikoltura hija soġġetta għal avvenimenti naturali estremi, u iżjed problemi tas-saħħa minħabba żieda fil-mobbiltà tal-beni u l-persuni (pandemiċi) b'telf konsiderevoli għall-produzzjoni. Il-PAK għandha ttiprovdi għodod speċifiċi li jippermettu li s-settur agrikolu jrażżan u jimmaniġġja dawn ir-riskji.

5.5. Hemm xi għodod għall-ġestjoni tar-riskji disponibbli fil-PAK attwali. Il-prezz tal-intervent, il-ħżin privat, il-promozzjoni, is-swieq tal-futuri u l-għodod ipprovduti mill-OKS unika għandhom jinżammu jew jiġu żviluppati.

5.6. Iżda hemm ħtieġa ċara li jiġu żviluppati għodod ġodda:

- **il-mekkaniżmi tal-osservatorju tas-suq** għandhom jiġu żviluppati iżjed. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tiddefinixxi livelli differenti ta' kriżijiet sabiex taġixxi b'mod iżjed effiċjenti fil-prevenzjoni tagħhom. Huwa kruċjali li jkun hemm trasparenza aħjar tas-suq fir-rigward tal-volum tal-produzzjoni u l-prezzijiet biex il-katina tal-provvista tiffunzjona kif imiss.
- Għandu jkun hemm esperimentazzjoni b'sistemi ta' fondi mutwi jew ta' **skemi tal-assigurazzjoni** (għelejjel, fatturat jew dħul) biex jiġi investigat jekk il-kumpaniji tal-assigurazzjoni jew korpi oħra jkunux kapaċi jipprovdu għażliet effiċjenti. Ninnutaw li l-aħħar Farm Bill tal-Istati Uniti introduċiet il-possibbiltà li jintużaw skemi tal-assigurazzjoni, iżda l-ebda msieħeb kummerċjali tagħna mhux qed juża l-kaxxa l-ħadra biex jinforma lid-WTO b'dawn l-għodod tal-assigurazzjoni. Dan ma għandu fl-ebda każ iżjed id-distorsjoni tal-kompetizzjoni bejn il-produtturi. Jinħtieġ ukoll li tiġi determinata l-ispiża ta' dan il-mekkaniżmu.

### *Id-dimensjoni soċjali tal-PAK*

5.7. Il-preokkupazzjonijiet ambjentali huma prijorità evidenti fil-biedja. Għaldaqstant, fl-aħħar riforma ġiet introdotta l-ekoloġizzazzjoni. Dawk responsabbli għat-tfassil tal-politika jenfasizzaw kemm-il darba din l-evoluzzjoni maġġuri tal-PAK. Id-dimensjoni ambjentali tal-PAK hija kemm globali kif ukoll kumplessa peress li l-biedja tittratta mal-ħamrija, l-ilma, il-bijodiversità, il-forestrija u l-emissjonijiet tad-CO<sub>2</sub>. Politika li tkun iżjed effiċjenti għandha tkun tista' tinftiehem aħjar mill-bdiewa, u tkun iżjed fattibbli u sempliċi għalihom.

5.8. Hemm bżonn ta' pagamenti li jikkompensaw lill-bdiewa talli jipprovdu beni pubbliċi (b'mod partikolari servizzi marbutin mal-ekosistema).

*Politika komuni tal-ikel*

5.9. Il-Prezidenza Netherlandiża tal-UE, b'mod partikolari, ippromoviet l-idea ta' politika komuni tal-ikel. Permezz tal-PAK il-ġdida, l-UE tirrikonoxxi li l-agrikoltura Ewropea jeħtieġ li tikseb livelli ogħla ta' produzzjoni sostenibbli ta' ikel sigur u ta' kwalità tajba. Il-PAK tippromovi skemi għat-tqassim ta' frott u ħalib fl-iskejjel għat-tfal tal-iskola, bil-għan li jitħeġġu drawwiet ta' dieta tajba minn età bikrija. Hija tippromovi wkoll il-produzzjoni organika billi tiżgura għażla infurmata b'regoli ċari dwar it-tikkettar u skemi ta' appoġġ speċifiku taħt il-politika għall-iżvilupp rurali.

5.10. Attwalment, il-promozzjoni tas-saħħa pubblika u ta' dieti u stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa hija fil-kompetenza tal-livell nazzjonali. Iżda l-Unjoni Ewropea għandha tiżgura l-aċċess għal ikel tajjeb għas-saħħa u ta' kwalità tajba għaċ-ċittadini kollha tal-Ewropa permezz ta' sistemi sostenibbli tal-ikel. Filwaqt li l-azzjonijiet Ewropej jikkomplementaw u jikkoordinaw l-isforzi nazzjonali, għandhom ikunu żviluppatti aktar sinerġiji bejn il-PAK u kwalunkwe politika Ewropea futura dwar l-ikel.

5.11. Fid-dawl tal-aspettattivi taċ-ċittadini u d-domanda tal-konsumaturi, għandu jsir sforz partikolari biex jiġu żviluppatti Sistemi Lokali tal-ikel u b'hekk ktajjen tal-provvista qosra, b'mod partikolari fis-settur tal-forniment tal-ikel u x-xorb għall-massa.

*Il-politika tal-klima u l-PAK*

5.12. Mill-1990 'l hawn, l-impronta ambjentali tal-agrikoltura ċkienet. Madankollu, għad hemm bżonn li jitnaqqsu l-emissjonijiet agrikoli sal-2030. Dan jeħtieġ li jsir b'konformità ma' mudell Ewropew tal-agrikoltura u permezz ta' politika kosteffiċjenti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet. Hemm potenzjal biex jiżded il-kontenut tal-karbonju fil-ħamrija u sabiex l-enerġija mill-fossili u l-petrokimiċi tiġi sostitwita minn prodotti agrikoli u tal-forestrija.

5.13. L-għanijiet multipli tas-settur agrikolu u tal-użu tal-art, bil-potenzjal aktar baxx tagħhom ta' mitigazzjoni, għandhom jiġu rikonnoxuti, kif ukoll il-ħtieġa li tkun żgurata l-koerenza bejn l-għanijiet tal-UE marbutin mas-sigurtà tal-ikel u t-tibdil fil-klima<sup>(1)</sup>.

*Ir-riċerka, l-innovazzjoni u s-sistemi ta' konsulenza*

5.14. Fil-livell tal-azjendi agrikoli, fl-istazzjonijiet sperimentali u fil-laboratorji, jiġu skoperti innovazzjonijiet importanti l-ħin kollu. Għandhom jiġu intensifikati l-isforzi fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp sabiex jappoġġjaw l-evoluzzjoni tal-biedja lejn sistemi aktar sostenibbli. Huwa kruċjali wkoll li dawn l-innovazzjonijiet jiġu mgħarrfa lil partijiet interessati oħra. Għandhom jiġu promossi s-servizzi tal-estensjoni, il-koooperazzjoni bejn il-partijiet interessati u mezzi oħra għat-tixrid tal-innovazzjoni u l-kondiviżjoni tal-aqwa prattiki.

5.15. Il-programm tal-UE għar-riċerka fil-qasam tal-agrikoltura għandu jissaħħaħ fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss sabiex jitqiesu l-isfidi u l-importanza ġeostrateġika tal-ikel fis-seklu 21. L-ekonomija diġitali tista' tkun "ir-rivoluzzjoni agrikola" li jmiss wara r-rivoluzzjoni ekoloġika tas-seklu 20.

*Il-funzjonament tal-katina tal-provvista*

5.16. Hemm evidenza ċara li l-katina tal-provvista mhux qed taħdem tajjeb fi kważi kull Stat Membru minħabba l-livell għoli ta' konċentrazzjoni iktar 'l isfel fil-katina. Id-distribuzzjoni tal-valur miżjud fost il-partijiet interessati fil-katina tal-provvista tal-ikel hija iġusta.

5.17. Fid-dawl tal-kompetenza tal-UE fi kwistjonijiet marbutin mal-kompetizzjoni u s-suq uniku, din il-problema għandha tiġi indirizzata flivell Ewropew. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tippromovi oqfsa regolatorji Ewropej għat-twaqqif ta' relazzjonijiet kuntrattwali fi ħdan il-katina u possibbiltajiet legali għall-organizzazzjoni ta' azzjoni kollettiva mill-bdiewa. L-organizzazzjonijiet tal-produtturi huma atturi importanti fil-katina tal-provvista tal-ikel u jgħinu biex tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-produtturi. Il-PAK li jmiss għandha ssaħħaħ is-setgħa għan-negozjar tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi. Għandhom jiġu kkunsidrati r-riżultati tal-ħidma mwettqa mit-Task Force tas-Suq Agrikolu.

5.18. Il-PAK għandha tiġi adattata għar-realtà u r-rapidità tat-tibdil ekonomiku. Fil-PAK, jeħtieġ li l-Artikoli 219 sa 222 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jiġu żviluppatti biex ikunu jistgħu jiffunzjonaw u jinkisbu min-naħa tal-Kummissjoni Ewropea u l-produtturi.

<sup>(1)</sup> Punt 2.4, Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, 23-24 ta' Ottubru 2014.

*Il-kummerċ internazzjonali*

5.19. Il-kummerċ dinji u s-swieq miftuħa jsaħħu l-kompetittività u jistgħu jnaqqsu l-prezz tal-ikel. Madankollu, il-kummerċ ġust huwa tal-akbar importanza għall-UE sabiex tikkompeti bl-istess metodi u regoli tal-produzzjoni mal-pajjiżi terzi. L-ostakli nontariffarji jistgħu jipperikolaw l-iżvilupp internazzjonali. Fil-bosta soluzzjonijiet diversi biex tinkiseb sigurtà dinjija tal-ikel, il-kummerċ għandu rwol x'jaqdi fir-rigward taż-żieda tal-esportazzjonijiet agrikoli.

5.20. Madankollu, il-PAK u l-politika kummerċjali għandhom jagħmluha possibbli li l-produtturi Ewropej jikkompetu mal-prodotti impurtati taħt kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni. Għaldaqstant, l-UE għandha tesiġi li l-prodotti impurtati jirrispettaw l-istess standards.

*Il-baġit Ewropew*

5.21. Storikament, il-PAK tiġi ffinanzjata fil-livell Ewropew. Il-PAK tirrappreżenta proporzjon sostanzjali tal-baġit tal-UE (38 % fl-2015), iżda madwar 0,4 % biss tal-infiq pubbliku Ewropew. Il-baġit tal-PAK huwa inqas minn dak tal-Istati Uniti u taċ-Ċina. Barra minn hekk, kien stabbli inkella kien qed jonqos għal għadd ta' snin, minkejja t-tkabbir tal-UE. Il-PAK għandha tirreaġixxi għall-bosta sfidi importanti li ser tiffaċċja fil-futur; jeħtieġ għalhekk li l-baġit għall-politika agrikola jiżdied fil-livell Ewropew.

5.22. Ċerti aspetti speċifiċi tal-baġit Ewropew, bħall-annwalità, jirrappreżentaw limitazzjoni enormi għad-disinn tal-PAK. Il-fondi reċiproċi jew il-miżuri għall-kriżijiet jiġu limitati minn dawn ir-restrizzjonijiet. Barra minn hekk, id-distribuzzjoni tal-baġit hija sors ta' tensjoni politika u tista' twassal għall-ineffičenzja.

*Semplifikazzjoni*

5.23. Is-semplifikazzjoni ilha prijorità għal ħafna snin fil-PAK, b'mod partikolari fl-ewwel snin tal-implimentazzjoni tar-riforma tal-PAK tal-2013. Madankollu, is-semplifikazzjoni għandha tkun l-ewwel prijorità bażika għar-riforma li jmiss. B'mod partikolari, għandhom jittejjbu l-kontrolli adegwati u s-sistemi proporzjonati ta' sanzjoni. Bħalissa, it-tnaqqis tal-pagamenti għall-ekoloġizzazzjoni u l-miżuri ta' kundizzjonalità jistgħu jkunu irraġonevoli u sproporzjonati. Huwa ta' importanza kbira li jiġi żgurat il-ħlas fil-ħin tal-appoġġi diretti.

*L-istruttura tal-PAK*

5.24. Matul dawn l-aħħar għexieren ta' snin, l-istruttura tal-PAK kienet ibbażata fuq żewġ pilastri. Filwaqt li l-Pilastru I huwa ffinanzjat għalkollox mill-UE, il-Pilastru II huwa kkofinanzjat u adattat għall-bżonnijiet ta' kull Stat Membru permezz ta' programmi pluriennali. Id-diversità tal-Istati Membri u r-reġjuni u l-bżonnijiet differenti tagħhom titlob li tinżamm l-istruttura ta' żewġ pilastri fil-PAK tal-ġejjieni.

*It-tħejjija għall-PAK wara l-2020*

5.25. Fil-programm ta' ħidma tagħha tal-2017 ippubblikat fil-25 ta' Ottubru 2016, il-Kummissjoni tgħid li ser taħdem u tikkonsulta b'mod wiesa' dwar is-semplifikazzjoni u l-modernizzazzjoni tal-PAK biex tagħmel l-aqwa kontribut possibbli għall-għaxar prijoritajiet tal-Kummissjoni u għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli. Huwa importanti li s-soċjetà ċivili Ewropea tiġi involuta b'mod attiv f'dan il-proċess.

Brussell, il-15 ta' Diċembru 2016.

Il-President  
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew  
Georges DASSIS

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “L-applikazzjoni tal-kunċett ‘nudge’ fil-politiki Ewropej”**

**(opinjoni fuq inizzjattiva proprja)**

(2017/C 075/05)

Relatur: **is-Sur Thierry LIBAERT**

Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	21.1.2016
Bażi legali	Artikolu 29(2) tar-Regoli ta' Proċedura
	Opinjoni fuq inizzjattiva proprja
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni Speċjalizzata għall-Agricoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent
Adottata fis-sezzjoni	24.11.2016
Adottata fil-plenarja	15.12.2016
Sessjoni plenarja Nru	521
Riżultat tal-votazzjoni	162/3/3
(favur/kontra/astensjonijiet)	

**1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. In-nudges jidhru li huma għodda ta' politika pubblika komplementari għal dawk li diġà jintużaw mill-awtoritajiet pubbliċi Ewropej (l-informazzjoni u s-sensibilizzazzjoni, l-inċentiv finanzjarju, il-leġislazzjoni u l-azzjoni eżemplari). Madankollu jidhru li huma għodda partikolarment interessanti biex jiġu indirizzati ċerti sfidi soċjali, ambjentali u ekonomiċi.

1.2. **Promozzjoni tal-użu tan-nudges fil-politiki pubbliċi** bħala komplement għall-għodod tradizzjonali, u b'mod partikolari bħala bidla fl-approċċ li dawn jipproponu għall-imġiba individwali. Għaldaqstant in-nudges jistgħu jiġu integrati fil-qafas ta' politiki pubbliċi globali u jaċċelleraw l-implimentazzjoni bl-inqas spiża. Il-flessibilità u s-sempliċità tagħhom ifissru li jistgħu jintużaw f'kontesti differenti u minn kategoriji differenti ta' atturi fl-istess ħin: minn korp intergovernattiv; fil-kuntest ta' unitajiet interni f'kull ministeru; mill-awtoritajiet reġjonali; minn NGOs; minn atturi privati, eċċ.

1.3. **Preferenza b'mod partikolari għan-nudges li jissodisfaw l-oġettivi ambjentali, soċjali, eċċ.** (it-tranżizzjoni tal-enerġija/ambjentali, il-ġlieda kontra l-ħela ta' riżorsi, il-benessri soċjali, it-titjib fl-istat tas-saħħa tal-popolazzjoni, eċċ.). Dawn għalhekk jistgħu jitqiesu bħala parti mill-qafas ta' miżuri li jindirizzaw għanijiet kollettivi predefiniti, iżda li għalihom l-għodod tradizzjonali tal-politiki pubbliċi jirriżultaw li mhumiex effettivi u/jew jiswew ħafna.

1.4. **Preferenza għall-iskambju ta' informazzjoni u ta' Prattiki tajbin dwar in-nudges** bejn it-tipi kollha ta' atturi potenzjalment ikkonċernati (l-awtoritajiet pubbliċi, l-awtoritajiet lokali, l-intrapriżi, l-assoċjazzjonijiet, l-NGOs...) fil-livell Ewropew. Jistgħu jiġu previsti pjattaforma li tidentifika l-inizzjattivi u/jew osservatorju iddedikat.

1.5. **Analiżi approfondita tal-impatti divrenzjati tan-nudges** skont il-kulturi, il-profilu soċjoekonomiċi, it-territorji... Dan jgħin sabiex jiġu miġfuma aħjar il-benefiċċji u l-limiti tat-tqassim u t-traspożizzjoni tan-nudges fost il-pajjiżi, is-setturi, eċċ. B'mod partikolari, il-kwistjoni tat-tul tal-impatt tan-nudges fuq l-imġiba jistħoqqilha tiġi studjata aktar bir-reqqa.

1.6. **Identifikazzjoni tal-kondizzjonijiet ġenerali għall-użu tan-nudges** biex jitnaqqsu l-impatti negattivi tagħhom u tiġi żgurata l-aċċettabilità tagħhom mil-lat etiku. Dawn jistgħu jiġu raggruppati fi ħdan karta tal-aħjar Prattiki mfassla flimkien mad-diversi partijiet interessati, li tiġi adottata fil-livell Ewropew u wara applikata mill-pajjiżi membri. Tista' tiġi ppubblikata wkoll gwida li titqassam fost il-partijiet interessati.



1.7. **Introduzzjoni ta' proċeduri ta' informazzjoni** dwar l-użu ta' tipi differenti ta' nudges filwaqt li tiġi żgurata t-trasparenza għall-persuni li għalihom ikunu indirizzati n-nudges. In-nudges għandhom jiġu mifhuma, diskussi u kondiviżi sabiex jiġu aċċettati aħjar. Dan jevita li jkun hemm "konsegwenzi" u riskji ta' manipulazzjoni fl-użu tan-nudges.

1.8. **Adozzjoni ta' kodiċi ta' etika għan-nudges** sabiex jiġi evitat l-abbuż tagħhom għal skopijiet irresponsabbli. L-implimentazzjoni ta' approċċ ta' nudge għandha tosserva erba' kundizzjonijiet: it-trasparenza tal-proċess, il-flessibbiltà għall-persuni kkonċernati, li għandu dejjem ikollhom l-għażla li jaġixxu flimkien f'direzzjoni waħda jew oħra, l-affidabbiltà tal-informazzjoni li tingħatalhom, u li ma tintefax ħtija fuq l-individwi.

1.9. **Tfassil ta' arranġamenti ta' monitoraġġ u evalwazzjoni tan-nudges** skont kriterji differenti (soċjali, ambjentali u ekonomiċi). Dan jista' jitqies bħala l-ewwel fażi ta' ttestjar sabiex tiġi mifhuma l-influwenza eżatta tan-nudge skont in-natura tiegħu, il-pubbliku rilevanti, il-kuntest... Dan jippermetti aġġustament rapidu jekk ir-riżultati tan-nudge jirriżultaw qarrieqa u saħansitra l-abbandon tan-nudge jekk jitqies mhux effikaċi.

1.10. **Promozzjoni** tad-dixxiplini tal-ekonomija komportamentali **fil-korsijiet ta' taħriġ** (inizjali u kontinwu). Dan għandu jtejjeb l-għarfien dwar din l-għodda u jippromovi l-użu għaqli u l-kritika minn diversi atturi tal-pubbliku (ħaddiema taċ-ċivil, impjegati ta' intrapriżi, persuni eletti, eċċ.). Jinvolvi wkoll d-dekompartimentalizzazzjoni tad-dixxiplini akkademiċi peress li l-kunċett tan-nudge huwa bbażat fuq approċċ trasversali.

1.11. **Żgurar ta' ċerta flessibbiltà fl-użu tan-nudges** sabiex il-potenzjal tagħhom jiġi sfruttat bl-aħjar mod. Fil-fatt, bħall-għodod l-oħra għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet pubbliċi, in-nudge mhuwiex għodda mirakoluża jew ġdida għal kollox, iżda jista' jkun komplementari u siewi ħafna biex tiġi żviluppata ċerta mgħiba. L-għan prinċipali tiegħu huwa li, fit-tfassil tal-politiki pubbliċi, titqies id-dimensjoni psikoloġika tal-mgħiba u mhux biss "r-razzjonalità ekonomika".

1.12. **L-organizzazzjoni tal-ewwel konferenza Ewropea dwar il-kunċett tan-nudge fuq inizjattiva tal-KESE**, u din għandha sservi ta' opportunità unika għall-iskambju ta' esperjenzi bejn l-atturi kkonċernati minn din l-għodda fi ħdan l-Unjoni Ewropea.

1.13. **Il-ħolqien fi ħdan il-KESE**, sabiex ilaħħqu mal-bidla radikali lejn mudell ekonomiku ġdid li se jkollu konsegwenzi sistemiċi importanti f'ħafna oqsma, **ta' entità ġdida, permanenti ta' natura orizzontali, li għandha tanalizza dawn l-iżviluppi**, inkluż in-nudge u kwistjonijiet oħrajn relatati bħalma huma l-ekonomija ċirkolari, l-ekonomija kollaborattiva u l-ekonomija ta' funzjonalità.

## 2. Wieħed minn kull ħames għodod għall-awtoritajiet pubbliċi

2.1. Għal tibdil fl-mgħiba tal-individwi, l-awtoritajiet pubbliċi tradizzjonalment jużaw erba' tipi ta' għodod: l-informazzjoni u s-sensibilizzazzjoni; l-inċentiv finanzjarju; il-leġislazzjoni (projbizzjoni jew obbligu) u l-eżempju. Iżda dawn l-erba' għodod urew li għandhom limitazzjonijiet, b'mod partikolari fir-rigward tal-mgħiba u l-konsum responsabbli, jiġifieri anqas konsum ta' riżorsi naturali. Fil-fatt, ħafna drabi għad hemm qabża bejn is-sensibilizzazzjoni tal-individwi u l-mgħiba tagħhom ta' kuljum.

2.2. Ir-raġunijiet għal din id-diskrepanza bejn l-intenzjonijiet u l-azzjoni ġew analizzati mill-ekonomija u x-xjenzi komportamentali, dixxiplina speċjalizzata fuq il-fehim tal-fatturi li jinfluwenzaw l-mgħiba tal-individwi. Skont ir-riċerkaturi ta' din id-dixxiplina, l-azzjonijiet individwali huma ddeterminati minn bosta fatturi. Aħna esseri kumplessi, b'razzjonalità limitata, emozzjonali ħafna, influwenzati mill-oħrajn u mill-interazzjonijiet soċjali iżda wkoll mill-kuntest u l-ambjent li fih nieħdu d-deċiżjonijiet.

2.3. Finalment, id-deċiżjonijiet u l-mgħiba tagħna jirriżultaw prinċipalment minn dak li Daniel Kahneman, li ngħata l-premjum Nobel għall-ekonomija, isejjaħ is-"sistema 1" tagħna: mod ta' riflessjoni fil-biċċa l-kbira inkonxju, awtomatiku u ultraveloċi li jippermettilna nieħdu diversi deċiżjonijiet ta' kuljum bl-inqas sforzi jew riżorsi ta' attenzjoni tagħna, iżda li jiffavorixxi l-isterjotipi u l-assoċjazzjonijiet u fl-istess ħin ibieghedna minn razzjonalità matematika.

## 3. Kunsiderazzjoni tal-mgħiba biex niggwidaw l-għażliet

3.1. L-ekonomija komportamentali għalhekk tikkunsidra li l-mezzi tradizzjonali tal-politiki pubbliċi jistgħu jirriżultaw mhux biżżejjed biex ibiddlu l-mgħiba, peress li dawn ma jqisux d-dimensjonijiet differenti li jistgħu jinfluwenzaw it-tehdid tad-deċiżjonijiet. Huwa abbażi ta' din il-konstatazzjoni li żewġ professuri Amerikani, Richard Thaler (professur tal-

ekonomija f'Chicago u wieħed mill-mexxeja fl-ekonomija komportamentali) u Cass Sunstein (professur tal-liġi f'Harvard) ħarġu l-ewwel ktieb dwar in-nudges<sup>(1)</sup> fl-2008, li huwa bbażat fuq l-idea li bidla fl-imġiba għandha tkun ibbażata fuq inċentivi ħfief. L-awturi jiddefinixxu n-nudge bħala kwalunkwe aspett tal-arkitettura tal-għażla li jimmodifika b'mod prevedibbli l-imġiba tal-persuni mingħajr ma jipprojbixxi l-ebda alternattiva jew ibiddel b'mod sinifikanti l-inċentivi finanzjarji. Biex jitqies bħala nudge sempliċi, l-att għandu jkun jista' jiġi evitat faċilment, peress li n-nudges ma jkollhom l-ebda kwalità obbligatorja.

3.2. In-nudge għandu l-għan li jiżviluppa "arkitettura ta' għażliet", li jenfasizzaw l-għażla li titqies bħala ta' benefiċċju għall-individwu u/jew tal-kollektività, mingħajr ma jibdlu l-għadd jew in-natura tal-għażliet disponibbli. Dan ifisser pressjoni fuq il-konsumatur jew l-utent biex jagħżel l-alternattiva li titqies l-aħjar waħda. Dan għandu tliet karatteristiċi: il-libertà ta' għażla totali li titħalla f'idejn l-individwi, is-simpliċità tal-implimentazzjoni, il-prezz baxx tal-intervent.

3.3. In-nudges qed iqajmu interess dejjem akbar fost l-awtoritajiet pubbliċi f'ċerti pajjiżi, peress li jippreżentaw żewġ vantaġġi kbar: ma jirrestrinġux il-libertajiet individwali u għandhom spejjeż limitati, filwaqt li l-impatt tagħhom jista' jkun sinifikanti. Dawn għalhekk jistgħu jirrappreżentaw għodda komplementari, li tidħol fil-kuntest tal-politiki pubbliċi li għandhom l-għan li l-imġiba individwali ssir aktar "responsabbli" għas-saħħa, l-ambjent, eċċ. Għall-individwu, in-nudge jippermettilu għażla semplifikata li tiffaċilita t-teħid ta' deċiżjoni.

#### 4. In-nudge: kunċett, diversi effetti ta' lieva

4.1. L-għażla prestabbilita. Dan jinvolvi l-proposta ta' soluzzjoni awtomatika prestabbilita, li tkun titqies bħala l-aktar mixtieqa mill-awtorità li tintroduċiha, iżda tkun ukoll l-aktar sempliċi biex tiġi applikata. Hija bbażata fuq il-forza tal-inerzja tal-individwi. Dan huwa l-każ, pereżempju, fid-dikjarazzjonijiet tat-taxxa fuq id-dħul fi Franza fejn, sa mill-2005, jitqies b'mod awtomatiku li kull unità domestika għandha sett tat-televiżjoni. Dan ippermetta li r-rata ta' frodi stmata tinżel minn 6 % għal 1 %. L-għażla prestabbilita qed tintuża wkoll dejjem aktar mill-banek, il-fornituri tal-enerġija u minn intrapriżi oħra li joffru kontijiet elettroniċi minflok f'format stampat, l-istampar fuq iż-żewġ naħat tal-karta, eċċ.

4.2. Dan jirrappreżenta l-forza tal-istandard soċjali, li jitqies bħala fattur determinanti tal-imġiba minn dawk li jappoġġjaw in-nudge. Din il-forza tista' għalhekk tintuża biex tħeġġeġ lill-individwi jaġixxu f'direzzjoni partikolari. B'mod partikolari dan jinvolvi l-promozzjoni ta' mġiba diġà mwettaq mill-maġġoranza tal-individwi u dawk ta' madwarhom (ġirien, kollegi...). Dan il-messaġġ huwa maħsub biex iħeġġeġ lill-individwi biex jaġixxu bl-istess mod biex b'hekk jikkonformaw mal-istandard soċjali. Fl-2011, sar esperiment mill-fornitur tal-enerġija OPOWER fl-Istati Uniti. Fuq il-bażi tal-informazzjoni dwar il-konsum tal-elettriku ta' 600 000 unità domestika, dawn intbagħtettilhom ittra li tindika pereżempju: "ix-xahar li għadda, użajt 15 % iżjed elettriku mill-ġirien tiegħek li jiffrankaw l-enerġija". Tabelli grafiċi kienu jippermettu li l-konsum tal-enerġija jitqabbel ma' dak tal-ġirien u ta' konsumaturi oħra, flimkien ma' "smiley" kument f'każ ta' tnaqqis fil-konsum. Wara dawn l-ittri, ġie rreġistrat tnaqqis medju tal-konsum tal-elettriku ta' 2 % fost l-unitajiet domestiċi parteċipanti, li ġġenera ffrankar totali ta' USD 250 miljun skont OPOWER<sup>(2)</sup>. Għadd kbir ta' esperjenzi simili wasslu għal riżultati li jvarjaw bejn 1 u 20 % ta' tnaqqis fil-konsum tal-enerġija.

4.3. Ir-riskju tat-telf, li għandu l-għan li jenfasizza t-telf (partikolarment dak finanzjarju) li l-individwu jkun qed jirriskja jekk ma jibdilx l-imġiba tiegħu, pereżempju f'termini ta' konsum tal-enerġija. Dan jinkludi pereżempju li lill-konsumatur jintwerielu l-ammont indikattiv li jitlef jekk ma jbidilx il-prattiki tiegħu jew, għall-kuntrarju, is-somma li jista' jiffranka. Din il-viżwalizzazzjoni tat-telf tista' tintwera wkoll b'indikaturi mhux finanzjarji (kaloriji, emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub>...).

4.4. Il-persjoni fuq il-pari, li tikkonsisti pereżempju fl-organizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet li jinkoraġġixxu ċerti Prattiki, bħall-ġlieda kontra l-ħela. Permezz ta' dan, l-NGO Franċiża Prioriterre hija favur sensibilizzazzjoni dwar l-iffrankar tal-enerġija. Għal dan l-għan, torganizza kull sena l-isfida "Familja b'enerġija pożittiva", li fl-2014 gābret madwar 7 500 familja, li kellhom inaqqsu l-konsum tal-enerġija b'8 % biex jirbħu premijiet differenti<sup>(3)</sup>.

4.5. L-użu ta' loġhob u ta' preżentazzjonijiet ta' loġhob. Wieħed min-nudges l-aktar magħrufa ġie stabbilit mill-ajruport ta' Amsterdam: dubbien ta' fittizju ġie miżbugħ fuq ġewwa tal-awrinari, sabiex jinkoraġġixxu lill-irġiel jimmiraw aħjar. Fl-2009 fi Stokkolma, Volkswagen ittrasformat taraġ li jwassal lejn il-ħruġ tal-istazzjoni Odenplan f'tastiera kbira tal-pjanu. Kull għafsa fuq taraġ kienet toħloq nota mużikali<sup>(4)</sup>. L-għan kien li jservi ta' inċentiv biex it-taraġ jintuża minflok it-taraġ mobbli. Fil-Korea t'Isfel, marki fl-art jindikaw ir-riskju ta' piż żejjed tal-persuni li jużaw taraġ mobbli.

<sup>(1)</sup> Thaler Richard & Sunstein Cass, "Nudge: Improving Decisions about Health, Wealth, and Happiness", Yale University Press, 2008.

<sup>(2)</sup> Opower.com.

<sup>(3)</sup> <http://www.prioriterre.org/ong/particuliers/a2210/une-nouvelle-edition-familles-a-energie-positive.html>.

<sup>(4)</sup> <https://www.youtube.com/watch?v=2lXh2n0aPyw>.

4.6. In-nudge jista' jkun orjentat ukoll biex ibiddel il-preżentazzjoni tal-għażla jew id-dehra ta' ċerti prodotti, bl-għan li jiġu enfasizzati dawk li jitqiesu l-aktar tajbin għas-saħħa, l-aktar ekoloġiċi, eċċ. Dan it-tip ta' nudge jista' xi kultant iqarreb lejn il-prinċipju tat-tikketta. Saru wkoll diversi esperimenti f'kantins bl-għan li l-klijenti jitħeġġu jikkonsmaw ikel tajjeb għas-saħħa. Għal dan l-għan, l-ikel tajjeb għas-saħħa kien ippreżentat fil-bidu tal-imwejjed, li f'xi każijiet wassal biex il-konsum tiegħu żdied b'darbtajn meta mqabbel ma' sitwazzjoni fejn kien ippreżentat fin-nofs jew fit-tarf l-ieħor tal-imwejjed. Kantins oħrajn għamlu sforzi biex inaqqsu l-ħela billi naqqsu d-daqs tal-platti użati: dawn tal-aħħar ikunu mimlija xorta, iżda l-ammont li jitqassam huwa iżgħar (peress li l-klijenti dejjem jistgħu jieħdu aktar jekk ikunu jixtiequ) <sup>(5)</sup>.

## 5. Għodda li qiegħda tintuża dejjem aktar mill-awtoritajiet pubbliċi

5.1. Mill-2008, aktar u aktar pajjiżi qed juru interess fil-potenzjal tal-għodod ta' politiki pubbliċi li jaqgħu fil-kategorija tan-nudges, li joffru wegħda tripla, jiġifieri li għall-opinjoni pubblika huma aktar aċċettabbli mill-istandards jew it-taxxi, jiswew ftit, u huma effikaċi. Il-paragrafi li ġejjin jagħtu eżempji mhux eżawrjenti.

5.2. Fl-2010, il-gvern Britaniku taħt David Cameron waqqaf "Behavioural Insights Team", immexxi minn David Halpern u nkarigat biex japplika x-xjenzi komportamentali fil-politiki pubbliċi tar-Renju Unit. Dan it-tim, pereżempju, immodifika l-paġna tas-sit tal-Internet tal-gvern biex titħeġġeġ id-donazzjoni ta' organi. Fiha kien hemm indikat: "Kuljum, eluf ta' persuni li jaraw din il-paġna jiddeċiedu li jirreġistraw" u tqiegħed il-logo tal-NHS (National Health Service), is-sigurtà soċjali tar-Renju Unit. F'sena, ir-rata ta' adefzjoni fil-programm żdiedet minn 2,3 % għal 3,2 % (+ 96 000 sħubija). Mill-2014, in-"Nudge Unit" tiffunzjona b'mod indipendenti u tagħti pariri lil gvernijiet barranin, awtoritajiet lokali, u intrapriżi, eċċ. <sup>(6)</sup>

5.3. L-amministrazzjoni Obama nediet ukoll in-"Nudge Squad" fl-2014 taħt id-direzzjoni ta' Maya Shankar. F'digriet ippubblikat f'Settembru 2015, il-President Obama "ħeġġeġ" lid-dipartimenti u l-aġenziji tal-gvern biex jagħmlu użu mill-kontribut tax-xjenza komportamentali <sup>(7)</sup>. Il-gvernijiet ta' Singapor, tal-Awstralja u tal-Ġermanja waqqfu wkoll timijiet ta' esperti fl-ekonomija komportamentali.

5.4. Fi Franza, mill-2013, is-Segretarjat Ġenerali għall-modernizzazzjoni tal-azzjoni pubblika (SGMAP) u d-Direttorat Ġenerali għall-finanzi pubbliċi (DGFIP) <sup>(8)</sup> qed iżidu l-esperimentazzjoni b'rabta man-nudges.

5.5. Il-Kummissjoni Ewropea ħolqot, fi ħdan iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, Unità tal-Prospettiva Xjentifika dwar ix-xjenzi komportamentali, taħt ir-responsabbiltà ta' Xavier TROUSSARD. Din haġget rapport fl-2016, li jenfasizza li l-politiki pubbliċi fl-Unjoni Ewropea jintegraw dejjem aktar l-benefiċċji tal-ekonomija komportamentali <sup>(9)</sup>. Tqis li huwa mixtieq li jiġu żviluppati l-iskambji dwar dan is-suġġett bejn il-qasam politiku u dak tal-akkademja. B'mod partikolari, hija tirrakkomanda li jżied l-użu tal-għodod tal-ekonomija komportamentali fl-istadji kollha tal-politiki pubbliċi, filwaqt li jittejbu l-komunikazzjoni dwar l-użu tagħhom u l-għarfien dwar l-impatti tagħhom.

## 6. Ir-riskji u l-limitazzjonijiet mhumiex ta' min iwarrabhom

6.1. In-nudge għandu l-limiti tiegħu. Jirrikjedi livell għoli ta' rigorożità fit-tfassil u l-implimentazzjoni, u jqajjem kwistjonijiet kemm tekniċi kif ukoll etiċi. Ma jieħux post l-obbligu li ċ-ċittadin tingħatalu l-informazzjoni u l-approċċi pedagoġiċi maħsuba biex jispjegaw l-għażliet, u lanqas ma jissostitwixxi l-liġi u l-lievi ta' inċentivi ekonomiċi bħala l-mezzi ta' azzjoni tradizzjonali tal-awtoritajiet pubbliċi. Barra minn hekk, ir-riskji u l-limiti marbutin mal-użu tan-nudges m'għandhomx jiġu sottovalutati.

6.2. Bħalissa ftit hemm studji disponibbli dwar l-effikaċja tan-nudges, b'mod partikolari fuq perjodu ta' żmien medju u fit-tul. Xi wħud jenfasizzaw l-eteroġeneità tar-reazzjonijiet individwali fir-rigward ta' din l-għodda. Għalhekk, fl-esperjenza mmexxija minn OPOWER, l-unitajiet domestiċi li l-konsum tal-elettriku tagħhom kien diġà inferjuri mill-medja kellhom it-tendenza li jżiedu meta ġew mgħarrfa dwar il-pożizzjoni tagħhom. Min-naħa l-oħra, għall-abitanti li għarfu li jikkonsmaw ħafna iktar enerġija mill-ġirien tagħhom, in-nudge jista' joħloq sens ta' ħtija jew ta' inferjorità. Skont ċerti studji, l-

<sup>(5)</sup> Liebig Georg, "Nudging to Reduce Food Waste", URL: [http://www.wiwi-experimente.tu-berlin.de/fileadmin/fg210/nudging\\_to\\_reduce\\_food\\_waste\\_Georg\\_Liebig.pdf](http://www.wiwi-experimente.tu-berlin.de/fileadmin/fg210/nudging_to_reduce_food_waste_Georg_Liebig.pdf).

<sup>(6)</sup> Sit tal-Internet tal-unità: <http://www.behaviouralinsights.co.uk/>.

<sup>(7)</sup> "Executive Order – Using Behavioral Science Insights to Better Serve the American People", Ordni Eżekuttiva, 15 ta' Settembru 2015. URL: <https://www.whitehouse.gov/the-press-office/2015/09/15/executive-order-using-behavioral-science-insights-better-serve-american>.

<sup>(8)</sup> Ara l-eżempju "Le nudge: un nouvel outil au service de l'action publique" (In-nudge: għodda ġdida ta' għajuna għall-azzjoni pubblika), 13 ta' Marzu 2014. URL: <http://www.modernisation.gouv.fr/les-services-publics-se-simplifient-et-innovent/par-des-services-numeriques-aux-usagers/le-nudge-au-service-de-laction-publique>.

<sup>(9)</sup> [http://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/bitstream/JRC100146/kjna27726enn\\_new.pdf](http://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/bitstream/JRC100146/kjna27726enn_new.pdf)

aċċettazzjoni tan-nudges tista' tvarja wkoll skont il-valuri u l-opinjoni tal-individwi<sup>(10)</sup>, iżda wkoll skont il-kuntest politiku u kulturali. B'mod aktar ġenerali, l-istudji li saru enfazzjaw l-impatti divrenzjati tan-nudges skont il-pubbliku, il-kulturi u l-kuntesti. Għalhekk huwa meħtieġ li l-effetti tan-nudges jiġu evalwati direttament jew b'mod aleatorju.

6.3. Tqum ukoll il-kwistjoni dwar it-tul tal-impatt tan-nudges. Fil-qasam tal-konsum tal-ilma u tal-elettriku, l-istudji wrew li l-effett ripetut tal-istandards soċjali għandu t-tendenza li jonqos maż-żmien, anki jekk jista' jinżamm wara diversi snin, b'mod aktar ħafif<sup>(11)</sup>. L-effett tan-nudges fuq perjodu ta' żmien twil jiddependi mill-kapaċità tagħhom li jibdlu d-drawwiet b'mod radikali. Ladarba tkun inbidlet għażla prestabbilita, jekk tinżamm, ma hemm l-ebda raġuni biex wieħed jassumi li l-imġiba mhix ser tippersisti. Il-problema hawnhekk hija pjuttost dwar il-possibbiltà ta' aktar bidla, jew ta' varjazzjoni. Fil-fatt jidher li huwa aktar faċli li taxxa jew standard jiġu aġġustati b'mod gradat milli permezz ta' għażla prestabbilita.

6.4. In-nudges jistgħu jkollhom effetti negattivi li jirriżultaw mill-fatt li persuna jista' jkollha tendenza li taġixxi b'mod iktar onest wara li tkun aġixxiet ħażin, u bil-maqlub. Pereżempju, ċerti esperjenzi wrew li x-xiri ta' oġġetti ta' konsum "ekoloġiċi" jista' jkun segwit, f'ċerti ċirkostanzi, minn żieda fil-frekwenza ta' mġiba negattiva bħal qerq jew serq<sup>(12)</sup>. L-isforzi biex jinkoraġġixxu attitudnijiet virtwużi f'ċerti oqsma jista' għalhekk ikollhom konsegwenzi negattivi f'oqsma oħra. Dawn l-impatti negattivi, jekk jimmaterializzaw, jagħmluha ferm diffiċli li jiġi evalwat l-impatt kumplessiv tan-nudges. Huma probabbilment rari ħafna u ma jippreġudikawx l-interess fit-tneġġija ta' inizjattivi ta' nudges. Madankollu, ma għandhiex tiġi eskluża l-possibbiltà ta' dawn it-tipi ta' effetti.

6.5. L-effikaċja ta' nudge hija stabbilita fil-konfront ta' mġiba mixtieqa, u dan iqajjem il-kwistjoni tad-definizzjoni u l-kejl ta' dak li jkun mixtieq. Fil-fatt jista' jkun diffiċli ħafna li wieħed ikun jaf l-opinjoni ta' ċittadini dwar il-kuntest tagħhom stess. In-nudge iqajjem ukoll il-kwistjoni dwar min jiddeċiedi dwar l-għan li jrid jintlaħaq, jiġifieri dak li hu mixtieq għall-individwu u/jew għas-soċjetà. Jekk ikun deċiżur pubbliku, dan jista' jadatta l-għan u, għaldaqstant, in-nudge b'mod opportunistiku, iżda wkoll b'mod inqas intenzjonali, pereżempju minħabba nuqqas ta' informazzjoni.

6.6. Fl-aħħar nett, kultant ikun diffiċli ssir distinzjoni bejn informazzjoni, komunikazzjoni u manipulazzjoni. Għalhekk, fost il-ħafna lukandi li jħajru lill-klijenti tagħhom jergħu jużaw ix-xugamani, hemm minnhom li volontarjament jikkwotaw rati esaġerati ta' utenti li diġà jagħmlu hekk<sup>(13)</sup>. L-għan ta' dawn il-messaġġi ma huwiex li jqarrqu bid-destinatarji, iżda li jagħmlu mezz biex b'xi mod profezzja ssir realtà. Iżda, fil-fatt, il-klijenti jkunu qed jiġu ggwidati biex jibbażaw l-imġiba tagħhom fuq gidba. Dan l-użu ta' gideb, anki jekk iwassal għal bidliet għall-aħjar fl-imġiba, ma jidherx aċċettabbli moralment, u ħafna aktar inqas min-naħa ta' min jieħu deċiżjonijiet pubbliċi. Jista' wkoll jolqot ħażin ir-reputazzjoni ta' min jieħu d-deċiżjonijiet, u jnaqqas l-effikaċja tan-nudges peress li jittratta lill-konsumaturi bħala tfaġġar.

Brussell, il-15 ta' Diċembru 2016.

Il-President  
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew  
Georges DASSIS

<sup>(10)</sup> Costa Dora L. u Kahn Matthey E., "Energy conservation 'nudges' and environmentalist ideology: Evidence from a randomized residential electricity field experiment", *Journal of European Economic Association*, 2013.

<sup>(11)</sup> Ferraro Paul J., Miranda Juan Jose u Price Michael K., "The persistence of treatment effects with norm-based policy", *American Economic Review*, vol. 101, nru 3, Mejju 2011.

<sup>(12)</sup> Mazar Nina u Zhong Chen-Bo, "Do green products make us better people?", *Psychological Science*, 2010.

<sup>(13)</sup> Simon Stephanie, "The Secret to Turning Consumers Green", *The Wall Street Journal*, 18 ta' Ottubru 2010. URL: <http://www.wsj.com/articles/SB10001424052748704575304575296243891721972>.

## III

(Atti preparatorji)

## IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

521 SESSJONI PLENARJA TAL-KESE FL-14 U L-15 TA' DIĊEMBRU 2016

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Aġenda Ewropea għall-ekonomija kollaborattiva”**

[COM(2016) 356 final]

(2017/C 075/06)

Relatur: **is-Sur Carlos TRIAS PINTÓ**Korelatur: **is-Sur Mihai MANOLIU**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 8.12.2016
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum
Adottata fis-sezzjoni	17.11.2016
Adottata fil-plenarja	15.12.2016
Sessjoni plenarja Nru	521
Riżultat tal-votazzjoni	157/1/4
(favur/kontra/astensjonijiet)	

**1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Ix-xenarju emerġenti ta' ekonomija diġitali deċentralizzata jissuġġerixxi li parti sinifikanti mill-iskambji ekonomiċi ġodda bejn pari ser ikunu marbuta mill-qrib mar-relazzjonijiet soċjali u ankrati fil-komunitajiet, li ser iwassal għal trasformazzjoni ta' xi jfisser li jinbeda negozju jew li jkun hemm impjeg, skont il-loġika ta' "demokratizzazzjoni tal-mod kif niproduċu, nikkunsmaw, niggvernaw u nsolvu l-problemi soċjali". Fl-istess ħin għandu jiġi evitat strettament li dan iwassal għal xogħol prekarju jew għall-evazzjoni tat-taxxa, u li l-valur miżjud jiġi ttrasferit bil-kbir mingħand l-aġenti industrijali għal għand is-sidien tal-pjattaformi diġitali privati<sup>(1)</sup>.

1.2. Fid-dawl ta' din il-paradigma ġdida, il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tadotta approċċ kunċettwali aktar dettaljat u inklużiv tal-ekonomija kollaborattiva, sabiex jiġu evitati kunċetti żbaljati li jqisuha bħala ekwivalenti għall-ekonomija diġitali. B'dan il-mod, l-ekonomija kollaborattiva li, bl-istess mod tal-ekonomija soċjali, tadotta dinamika demokratika u parteċipattiva, turi l-karatteristiċi li ġejjin:

- (a) mhux dejjem tiżviluppa f'ambjent diġitali, iżda wkoll f'ambjenti lokali li jippermettu li jiġu enfasizzati r-relazzjonijiet interpersonali (pereżempju l-iskambju ta' oġġetti);

<sup>(1)</sup> ĠU C 389, 21.10.2016, p. 50.



- (b) ta' spiss mhix għall-profitt, u f'bosta okkażjonijiet hija mmotivata minn prinċipji ta' kooperazzjoni u solidarjeta (pereżempju ċerti tipi ta' crowdfunding, bħall-crowdfunding fil-forma ta' donazzjonijiet);
- (c) mhux dejjem issir fuq skala globali jew transnazzjonali, iżda spiss l-ekosistema tagħha tkun tinsab f'kuntesti territorjali aktar ristretti u lokalizzati (pereżempju gruppi li jipproduċu għall-konsum tagħhom);
- (d) mhijiex limitata esklużivament għall-aspett ekonomiku, iżda wkoll għal dak ambjentali u soċjali (pereżempju l-mobilità sostenibbli);
- (e) mhijiex limitata għal forma ġdida ta' prestazzjoni ta' servizzi fuq talba, fejn l-oġġett kondiviż huwa l-kapaċità tax-xogħol, iżda tenfasizza l-aċċess għalihom (pereżempju l-użu kondiviż ta' oġġetti);
- (f) mhijiex ristretta għall-oġġetti tanġibbli u ta' valur ekonomiku għoli, iżda topera fir-rigward ta' kull tip ta' prodott jew servizz (pereżempju banek tal-ħin).

1.3. Fl-aħħar mill-aħħar, l-ekonomija kollaborattiva tħaddan metodi differenti b'kontributi u sfidi differenti. Pereżempju, "l-ekonomija tal-aċċess" tqiegħed fis-suq oġġetti mhux użati biżżejjed, li joħloq offerta akbar għall-konsumatur u użu iżjed effiċjenti tar-riżorsi. Iżda dan iġib miegħu r-riskju li jstimula l-produzzjoni globali permezz tal-effett ta' rikorrenza (rebound effect). Fl-"ekonomija ta' talba baxxa", il-forza tax-xogħol tkun frammentata, li joħloq iżjed flessibbiltà iżda jżid ukoll ir-riskju ta' xogħol prekarju. U l-"ekonomija tar-rigali" (gift economy), fejn l-oġġetti u s-servizzi jiġu kondiviżi b'mod altruwist, issaħħaħ il-komunitajiet, iżda ta' spiss tibqa' inviżibbli għall-amministrazzjonijiet pubbliċi.

1.4. Min-naħa tagħhom, il-pjattaformi diġitali, b'mod partikolari dawk li jostnu attività b'redditu, jistħoqqilhom l-attenzjoni kollha tal-Kummissjoni Ewropea, bil-għan li tirregolarizza u tarmonizza l-attività tagħhom u tiggarrantixxi kundizzjonijiet ekwi, abbażi tat-trasparenza, l-informazzjoni, l-aċċess sħiħ, in-nondiskriminazzjoni u l-użu adegwat tad-data. B'mod konkret, jirriżulta li huwa imperattiv li jiġi ddefinit mill-ġdid il-kunċett ta' subordinazzjoni legali fid-dawl tad-dipendenza ekonomika tal-ħaddiema u sabiex jiġu ggarantiti d-drittijiet tax-xogħol irrispettivament mit-tip tal-attività.

1.5. L-isfida għalhekk hija li jiġu ddefiniti l-forom differenti ta' din l-ekonomija u jiġu proposti approċċi regolatorji differenti distinti<sup>(2)</sup>, waqt li tingħata prijorità lil dawk l-inizjattivi diġitali li huma bbażati fuq il-governanza demokratika, solidali u inklużiva, farmonija mal-innovazzjoni soċjali, li teħtieġ li l-konsumaturi jkunu infurmati dwar il-valuri tal-identità tagħhom u l-forom tagħhom ta' organizzazzjoni u ġestjoni. F'dan ir-rigward, il-KESE jirrakkomanda riċerka kwalitattiva dwar in-netwerk tar-relazzjonijiet stabbiliti mill-aġenti tiegħu proprju fil-kuntest tal-ekonomija kollaborattiva.

1.6. Għalhekk, il-KESE jappella li titfassal metodoloġija speċifika għar-regolazzjoni u l-kejl ta' ekonomija ġdida bi standards differenti. Minn din il-perspettiva, il-valur tal-fiduċja, mil-lat tas-simetrija informattiva, għandu rwol ċentrali. Għandhom jissaħħu wkoll il-kriterji tat-trasparenza, l-onestà u l-oġġettività fil-valutazzjoni tal-prodott jew tas-servizz, waqt li jiġi ssuperat is-sempliċi użu awtomatiku tal-algoritmi.

1.7. Il-KESE jirrakkomanda wkoll li tinħoloq aġenzija indipendenti Ewropea ta' klassifikazzjoni għall-pjattaformi diġitali, b'kompetenzi armonizzati fl-Istati Membri kollha, li tista' tivvaluta l-governanza tagħhom b'rabta mal-kompetizzjoni, l-impjeg u t-tassazzjoni.

1.8. Min-naħa l-oħra, l-approċċ li l-Komunikazzjoni toffri għall-ekonomija kollaborattiva tinjora kwistjonijiet importanti fil-kuntest tal-ekonomija kollaborattiva bħal dawk li huma relatati mal-muniti virtwali u soċjali bħala strumenti operattivi tal-imsemmija ekonomija, jew ukoll f'dak li jirrigwarda l-għarfien, l-informazzjoni u l-enerġija bħala oġġetti tal-prattika tagħha, jew ir-rwol li jiżvolġu fl-ekonomija kollaborattiva l-ħolqien konġunt u l-innovazzjoni teknoloġika, fost affarijiet oħrajn.

1.9. Fid-dawl tal-ġestjoni kumplessa tal-ekonomija kollaborattiva fil-kuntest attwali, il-KESE jirrakkomanda li tiġi garantita koeżistenza bilanċjata tal-mudelli, bil-għan li jiġi żgurat l-iżvilupp sħiħ tagħhom mingħajr ma jinħolqu effetti negattivi fis-suq, speċjalment fir-rigward tal-protezzjoni tal-**kompetizzjoni, it-tassazzjoni u l-impjeg** ta' kwalità. Għal dan il-għan hemm bżonn li jkun hemm qafas adegwat sabiex jiġu segwiti u ssorveljati l-parametri ġodda tal-ekonomija kollaborattiva, bil-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati (organizzazzjonijiet tal-impjegaturi, organizzazzjonijiet tat-trejdjunjins, assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi, eċċ.).

<sup>(2)</sup> ĠU C 51, 10.2.2016, p. 28.



1.10. Fl-aħħar, bil-għan li tiġi indirizzata t-tranżizzjoni għal **ekonomija ġdida** b'konsegwenzi sistemiċi importanti, huwa rrakkomandat li l-KESE joħloq struttura permanenti orizzontali sabiex tanalizza dawn il-fenomeni emerġenti u tgħaqquad l-isforzi tiegħu ma' dawk tal-Kummissjoni Ewropea, il-Kumitat tar-Reġjuni u l-Parlament Ewropew.

## 2. Introduzzjoni u sfond

2.1. Il-kultura soċjali, it-tendenzi tal-konsum u l-forom li bihom jiġu sodisfati l-bżonnijiet tal-konsumaturi għaddejnin minn proċess ta' trasformazzjoni kbira, ta' revizzjoni u razzjonalizzazzjoni tal-konsum minn perspettiva iktar inklużiva, fejn il-fatturi tal-prezz qegħdin jintrabtu mal-impatt ambjentali u l-impronta soċjali tal-prodotti u s-servizzi, u dan kollu jiġi influwenzat mill-effett distruttiv tal-Internet u n-netwerks soċjali.

2.2. Il-pussess ta' beni għall-użu personali, il-munita soda u l-impjeg **fuq il-post**, stabbilit u b'salarju, ser jagħtu lok għall-iskambji virtwali, l-aċċess kondiviż, il-flus diġitali u ż-żieda fil-flessibilità tal-forza tax-xogħol.

2.3. Fit-tranżizzjoni għal forum ġodda ta' produzzjoni u konsum, ċerti setturi tal-attività ekonomika nqabdu f'tsunami qawwi mqanqal mill-ħruġ fid-dieher ta' atturi ġodda, xi wħud immotivati mill-kooperazzjoni u l-impenn lejn il-komunità, oħrajn sempliċement iggwidati mill-opportunità ta' negozju (u mhux dejjem jirrispettaw il-kundizzjonijiet ekwi).

2.4. Peress li ħafna kienu dawk li talbu qafas ġdid għar-regolazzjoni<sup>(3)</sup> tal-konsum kollaborattiv (li jippromovi l-użu tat-teknoloġija diġitali sabiex jittieħed vantaġġ mill-kapaċità żejda deċentralizzata, minflok ma jinħolqu monopolji ċentralizzati ġodda), il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet li tnedi "Aġenda Ewropea għall-ekonomija kollaborattiva" wara li osservat li l-entitajiet nazzjonali u lokali tal-Unjoni kienu qegħdin jindirizzaw is-sitwazzjoni permezz ta' taħlita ta' miżuri regolatorji differenti. Dan huwa minħabba l-fatt li l-konsum kollaborattiv għandu forom differenti skont is-settur ikkonċernat.

2.5. Dan l-approċċ frammentat tal-mudelli ġodda ta' negozju jiġġenera insigurtà (fil-livell ekonomiku jew regolatorju, fir-rigward tal-forza tax-xogħol, eċċ.) u inċertezza (mil-lat tal-fiducia, l-istrumenti ġodda diġitali bħall-blockchains, in-netwerks ta' sigurtà u l-privatezza), il-fornituri ġodda ta' servizzi u l-konsumaturi, billi jillimitaw l-innovazzjoni, il-ħolqien tal-impjeg u t-tkabbir.

2.6. B'hekk, il-Kummissjoni ppubblikat l-linji gwida li ġejjin sabiex tgħin lill-operaturi tas-suq u lill-awtoritajiet pubbliċi tad-diversi Stati Membri:

- **Rekwiżiti ta' aċċess għas-suq:** il-fornituri ta' servizzi għandhom ikunu meħtieġa biss li jiksbu awtorizzazzjonijiet jew liċenzji sabiex jilhqqu l-oġettivi ta' interess pubbliku rilevanti. Il-projbizzjonijiet assoluti ta' attività għandhom jiġu imposti biss bħala l-aħħar rimedju. Il-pjattaformi kollaborattivi m'għandhomx ikunu soġġetti għal awtorizzazzjonijiet jew liċenzji jekk jaġixxu biss bħala intermedjarji bejn il-konsumaturi u dawk li joffru s-servizz inkwistjoni (pereżempju, servizzi ta' trasport jew akkomodazzjoni). L-Istati Membri għandhom ukoll jagħmlu distinzjoni bejn iċ-ċittadini li jipprovdu servizz b'mod okkażjonali u l-fornituri li jaġixxu bħala professjonisti, pereżempju billi jistabbilixxu limiti abbażi tal-livell ta' attività.
- **Reġimi ta' responsabbiltà:** il-pjattaformi kollaborattivi jistgħu jibqgħu eżentati mir-responsabbiltà għall-informazzjoni maħżuna fisem dawk li joffru servizz. Madankollu, m'għandhomx jiġu eżentati mir-responsabbiltà għas-servizzi li joffru huma stess, pereżempju servizzi ta' ħlas.
- **Protezzjoni tal-utenti:** l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-konsumaturi jgawdu minn protezzjoni massima fir-rigward tal-prattiki ta' kummerċ inġusti mingħajr ma jkunu imposti obbligi ta' rappurtar sproporzjonati għall-individwi li jipprovdu servizzi minn żmien għal żmien.
- **Relazzjonijiet ta' impjeg (għal rashom u impjegati):** il-liġi tax-xogħol fil-biċċa l-kbira taqa' taħt il-kompetenza nazzjonali; hija kkomplementata mill-ġurisprudenza u standards soċjali minimi fil-livell tal-Unjoni. L-Istati Membri jistgħu jqisu kriterji bħar-relazzjoni ta' subordinazzjoni għall-pjattaforma, in-natura tax-xogħol u r-rimunerazzjoni biex jiġi deċiż jekk persuna partikolari tistax titqies bħala ħaddiem ta' pjattaforma.

<sup>(3)</sup> Wieħed minn tal-ewwel kien il-KESE (ĠU C 177, 11.6.2014, p. 1).

— **Tassazzjoni:** il-fornituri ta' servizzi tal-ekonomija kollaborattiva għandhom iħallsu t-taxxi. It-taxxi applikabbli jinkludu t-taxxa fuq id-dħul tal-individwi, it-taxxa tal-kumpaniji u t-taxxa fuq il-valur miżjud. L-Istati Membri huma mħeġġa biex ikomplu jissempifikaw u jiċċaraw l-applikazzjoni tar-regoli tat-taxxa għall-ekonomija kollaborattiva. Il-pjattaformi kollaborattivi għandhom jikkooperaw bis-sħiħ mal-awtoritajiet nazzjonali sabiex jirreġistraw l-attività ekonomika u jiffaċilitaw il-ġbir tat-taxxi.

### 3. Osservazzjonijiet ġenerali dwar il-proposta tal-Kummissjoni

3.1. Il-Kummissjoni twassal għal konfużjoni meta titfa' fl-istess keffa l-pjattaformi diġitali u l-ekonomija kollaborattiva, mingħajr ma tagħti definizzjoni kunċettwali li torbot flimkien l-ekonomija kollaborattiva u l-interess ġenerali, mil-lat tar-rikonossiment tal-effetti pożittivi tagħha fl-implimentazzjoni tal-valuri tal-kooperazzjoni u s-solidarjetà.

3.2. Fil-Komunikazzjoni tagħha, il-Kummissjoni ma tindirizzax dak li għandu jkun l-għan prinċipali tagħha u ma tissodisfax l-istennijiet leġittimi tal-partijiet interessati involuti – id-definizzjoni tal-mudell u l-parametri għal qafas legali ċar u trasparenti li fi ħdanu l-forom diversi tal-ekonomija kollaborattiva jistgħu jiġu żviluppati u joperaw fiż-żona Ewropea, jiġu appoġġjati u implimentati u jiksbu l-kredibbiltà u l-fiduċja.

3.3. Min-naħa l-oħra, il-mudell tal-ekonomija diġitali għandu erba' karatteristiċi speċifiċi: id-delokalizzazzjoni tal-attivitàt, ir-rwol ċentrali tal-pjattaformi diġitali, l-importanza tan-netwerks u l-użu massiv ta' data.<sup>(4)</sup> Minkejja li huwa ta' natura differenti, jikkoiċidi ma' sezzjonijiet tal-ekonomija kollaborattiva, peress li ta' spiss joperaw f'ambjenti simili: netwerks kollaborattivi, b'distinzzjoni inqas netta bejn id-dimensjoni personali u professjonali, bejn impjeg stabbli u okkażjonali, bejn impjeg dipendenti u indipendenti, eċċ.

3.4. Biex tiġi ffaċilitata din id-delimitazzjoni kunċettwali, il-KESE jipproponi li l-Kummissjoni Ewropea tinkorpora l-kunċett ta' **"mġiba prosoċjali mhux reċiproka"** tal-ekonomija kollaborattiva, li jistabbilixxi distinzjoni ċara tal-użu kondiviż u mingħajr skop ta' qligħ u jipprovi spazju ta' interazzjoni għall-konsum, il-produzzjoni, il-finanzjament u l-għarfien kollaborattiv.

3.5. Fil-qosor, il-mudell tal-ekonomija kollaborattiva jippresupponi fih innifsu trasformazzjoni mhux biss ekonomika, iżda wkoll soċjali u ambjentali. Il-Komunikazzjoni tindikah b'dan il-mod waqt li tagħmel referenza għas-sostenibbiltà u t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari jew tiddekrivi s-swieq soċjali bħala spazji proprji tal-ekonomija kollaborattiva.

3.6. Jekk jiġu injorati dawn iċ-ċirkustanzi, dan ikun ifisser li qed tiġi indirizzata b'mod parzjali l-importanza li għandhom attwalment l-inizjattivi kollaborattivi, kif iseħħ ukoll jekk l-analiżi tiġi llimitata għall-iskambju ta' servizzi jew għall-pjattaformi kollaborattivi, mingħajr ma jitqiesu aspetti bħar-riċirkolazzjoni u l-iskambju ta' oġġetti, l-ottimizzazzjoni tal-użu ta' assi jew il-bini ta' konnessjonijiet soċjali.

3.7. Fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-inċertezza fl-applikazzjoni tal-oqfsa legali sabiex jiġu rregolati l-inizjattivi tal-ekonomija kollaborattiva, għalkemm id-diffikultajiet li tqajjem il-Kummissjoni huma reali, daqstant huwa reali l-ħsieb ta' "standardizzazzjoni" u "aġġustament" ta' mudell ekonomiku ġdid għall-"kriterji ta' evalwazzjoni tradizzjonali". Dan jista' jkun jeħtieġ sforz għall-produzzjoni ta' kriterji u standards ġodda fit-trattament tagħha tal-leġislażzjoni, ix-xogħol u t-tassazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tat-tranżizzjoni għal mudell ġdid ta' produzzjoni u ta' konsum li jinvolvi definizzjoni mill-ġdid tal-atturi involuti.

3.8. Barra minn hekk, wieħed jista' jtkellem biss dwar **ekonomija ġdida aktar inklużiva li tiġġenera koeżjoni soċjali** jekk iċ-ċittadini kollha jiġu pprovduti bil-kapaċitajiet diġitali u finanzjarji sabiex ikunu jistgħu jaċċessawha u jagħmlu użu minnha. Barra minn hekk, il-politiki pubbliċi għandhom jiżguraw l-aċċessibilità sħiħa għall-persuni l-aktar vulnerabbli għall-esklużjoni diġitali, b'mod partikolari dawk b'diżabbiltà.

3.9. Fl-aħħar nett, il-KESE ma jstax jinjora l-aspetti li ġejjin li mhumiex koperti mill-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni:

— Fid-dibattitu dwar l-ekonomija kollaborattiva ma tistax tintesal-ħtieġa li jiġu indirizzati l-istrumenti operattivi ta' azzjoni bħall-muniti diġitali, virtwali u soċjali. Minħabba l-fattur tal-blockchains, it-tieni ġenerazzjoni tal-utenti tal-Internet, l-intraprendituri u l-operaturi tradizzjonali qegħdin ifasslu modi ġodda għat-twettiq tat-tmien funzjonijiet bażiċi tal-intermedjarji finanzjarji permezz ta' kotba tal-kontabilità mqasma madwar id-dinja, it-teknoloġija u l-bitcoin.

— Jekk nikkunsidraw li l-pilastru bażiċi tat-trasformazzjoni kollaborattiva huma msejsa fuq l-akkoppjament tal-enerġija mal-informazzjoni, fl-ebda każ m'għandha ssir analiżi tal-ekonomija kollaborattiva li tinjora t-trasferiment tal-proprjetà intellettuali mill-għarfien kondiviż u s-softwer b'sors miftuħ, kif ukoll fir-rigward tas-settur tal-enerġija.

<sup>(4)</sup> Charrié J. U Janin L., *Le numérique: comment réguler une économie sans frontière*, 2015. ("Il-qasam diġitali: kif nirregolamentaw ekonomija mingħajr fruntieri").

- L-effetti relatati mas-suq tax-xogħol, bħax-xejra lejn suq tax-xogħol eċċessivament flessibbli, l-erożjoni tas-setgħat ta' negozjar kollettiv għall-ħaddiema tal-ekonomija kollaborattiva, ir-riskju ta' individwalizzazzjoni fis-suq tax-xogħol, in-nuqqas ta' taħriġ, l-effetti (negattivi) possibbli tas-sistemi ta' klassifikazzjoni, u t-trattament tal-algoritmi għandhom jiġu analizzati fil-fond.

#### 4. Osservazzjonijiet speċifiċi dwar il-proposta tal-Kummissjoni: kwistjonijiet ewlenin

##### 4.1. *Rekwiżiti ta' aċċess għas-suq, ekonomiji tal-iskala u "effetti ta' netwerk" lokali*

4.1.1. Il-KESE jifhem li skont il-leġislażżjoni attwali tal-UE, b'mod partikolari d-Direttiva dwar is-servizzi u d-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku, l-Istati Membri għandhom jipromovu l-aċċess għas-swieq kollaborattivi hekk kif għażla aktar varjata tinċentiva l-konsum, minħabba li tistabbilixxi – fejn ikun hemm bżonn – restrizzjonijiet li huma motivati esklużivament mill-interess pubbliku, li għandhom ikunu ġustifikati kif xieraq. Wieħed jista' jistenna li jkun hemm sitwazzjoni ta' kunflitt leġislativ, peress li l-ekonomija kollaborattiva toħloq forum ġodda kif jiġu pprovduti servizzi li tradizzjonalment kienu rregolati ħafna.

4.1.2. Għandu jiġi nnotat f'dan ir-rigward li peress li l-ekonomija kollaborattiva hija taħlita ta' inizjattivi li mhumiex limitati fl-isparju jew fil-ħin, għandha tiġi ttrattata b'mod miftuħ u delokalizzat, u għaldaqstant kwalunkwe limitazzjoni bbażata fuq kriterji territorjali restrittivi tista' tiġġenera kompetizzjoni fiskali u soċjali li toħloq distorsjoni fir-rigward tal-effetti favorevoli tagħha.

4.1.3. Għaldaqstant, ħafna aktar milli sempliċement ikun hemm argument transnazzjonali ta' aċċess għas-suq, l-ekonomija kollaborattiva għandha titqies bħala espressjoni ta' kapaċità awtonoma min-naħa taċ-ċittadini (għadann ta' kapital uman) li għandha ssib il-parallel tagħha f'żewġ kwistjonijiet prinċipali: minn naħa, prinċipju ta' armonizzazzjoni li jevita trattamenti differenti li jiġġeneraw asimmetriji ġodda; min-naħa l-oħra, il-ħtieġa li jkun hemm progress fil-prattiki regolatorji kondiviżi<sup>(5)</sup> (mudelli: regolamentazzjoni bejn il-pari, korpi awtoregulatorji u regolamentazzjoni delegata permezz tad-data).

4.1.4. Bħall-Kummissjoni, il-KESE huwa favur regolamentazzjoni aktar flessibbli tas-swieq tas-servizzi (definizzjonijiet ġodda ta' xogħol fl-ekonomija kollaborattiva) u għalhekk jitlob li ssir evalwazzjoni f'kull Stat Membru tal-ġustifikazzjoni u l-proporzjonalità tal-leġislażżjoni applikabbli għall-ekonomija kollaborattiva skont l-oġettivi ta' **interess pubbliku** (regolamentazzjoni intiża biex tindirizza n-nuqqasijiet tas-suq, li tiffaċilita t-trawwim tal-fiduċja), filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi tad-diversi mudelli ta' negozju u l-istrumenti b'rabta mal-aċċess, il-kwalità jew is-sigurtà.

4.1.5. Bl-istess mod, il-KESE jenfasizza li l-ispeċifitàjiet tal-mudell jipproduċu għodod li jivvalutaw il-klassifikazzjoni u r-reputazzjoni tal-fornituri li, minkejja li jilhqg l-oġettiv ta' interess pubbliku li jnaqqsu għall-konsumaturi r-riskji marbuta mal-assimmetriji fl-informazzjoni, jistgħu jwasslu wkoll għal "għażla avversa" u "periklu morali". F'dan ir-rigward, l-awtoritajiet pubbliċi u l-amministraturi tal-pjattaformi diġitali għandhom jiżguraw il-kwalità u l-affidabbiltà tal-informazzjoni, l-evalwazzjonijiet u l-klassifikazzjoni tal-pjattaformi kollaborattivi, bl-użu ta' korpi indipendenti ta' kontroll.

4.1.6. Il-KESE jaqbel mal-idea li l-istabbiliment ta' limiti li jiddistingwixxu, skont is-settur, il-provvista ta' servizzi professjonali minn persuni mhux professjonisti, tista' tkun utli sabiex tingħeleb il-frammentazzjoni tas-swieq tal-UE. Madankollu, jista' jkun li dan ma jirriżultax daqstant effikaċi jekk jipprova jinkludi l-attivitajiet mhux professjonali bejn il-parijiet.

##### 4.2. *Skemi ta' responsabbiltà u assigurazzjoni*

4.2.1. Il-KESE jifhem li ż-żamma tar-reġim attwali ta' responsabbiltà<sup>(6)</sup> tal-intermedjarji hija essenzjali għall-iżvilupp tal-ekonomija diġitali tal-Unjoni Ewropea.

4.2.2. Sabiex jissaħħu l-kredibilità u l-fiduċja, kruċjali għall-iżvilupp tal-ekonomija kollaborattiva, il-KESE, bħalma tagħmel il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea, ihegġe li jiġu adottati miżuri volontarji restrittivi sabiex jiġi miġġieled il-kontenut onlajn illegali permezz ta' attivitajiet konnessi jew sottostanti, mingħajr ma madankollu jintilef il-benefiċċju ta' eżenzjoni mir-responsabbiltà.

<sup>(5)</sup> ĠU C 303, 19.8.2016, p. 36.

<sup>(6)</sup> Skont id-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku.

4.2.3. Madankollu, il-KESE jtenni li huwa meħtieġ li tiġi indirizzata b'mod estensiv l-attività kollaborattiva irrISPettivament mill-valurċentrali mogħti lill-pjattaformi diġitali, sabiex din ma tiġix imbiegħda mill-ispirtu ta' ċittadinanza li jinspiraha.

#### 4.3. **Protezzjoni tal-utenti**

4.3.1. F'xenarju ġdid fejn jisfumaw il-konfini bejn il-produttur u l-konsumatur ("ġeneraturi li jagħtu setgħa lin-nies, kreaturi konġunti, mikrofinanzjaturi kollettivi, pari, klijenti"), il-KESE huwa favur sistema li tiggarrantixxi d-drittijiet tal-konsumaturi. Madankollu, minħabba l-karatteristiċi partikolari tal-ekonomija kollaborattiva, m'għandhiex tiġi kkonfinata l-pluralità tal-inizjattivi li hija toffri.

4.3.2. Għalhekk, ir-relazzjonijiet multilaterali li tiġġenera għandhom jinkorporaw fihom l-oħrajn idderivati mill-emerġenza tal-figura tal-**prosumatur** (dan huwa l-kontribut ekonomiku l-aktar importanti għall-ekonomija kollaborattiva, u għalhekk għandu jiġi protett, żgurat u ddefinit), li hija msejja biex iżżomm rwol qawwi fl-ekonomija kollaborattiva, kif ukoll fil-proċessi ta' ħolqien ta' valur kondiviż, speċjalment mill-perspettiva tal-ekonomija ċirkolari u tal-funzjonalità.

4.3.3. Il-KESE minn dejjem kien favur il-kundizzjonijiet ugwali fil-kompetizzjoni. Skont il-prinċipji li jirregolaw il-prattiċi kummerċjali żleali, il-fatturi li għandhom jiġu kkunsidrati sabiex jiġu identifikati l-konsumatur u n-negozjant b'mod mhux restrittiv <sup>(7)</sup> huma: **il-frekwenza tas-servizzi, l-iskop ta' qligħ u l-volum tal-kummerċ**.

4.3.4. Il-KESE jappoġġja dan l-approċċ, iżda jwissi li ser ikun meħtieġ li tiġi riveduta l-kunsiderazzjoni tiegħu kif ukoll l-adeqwatezza ta' fatturi oħrajn fl-applikazzjoni ta' kriterji għal kategorizzazzjoni xierqa, b'mod mhux eżawrenti minħabba l-kumplessità u l-varjabbiltà li bihom l-ekonomija kollaborattiva tista' tesprimi lilha nnifisha u d-diffikultà biex jiġi ddelimitat il-futur tagħha (mudell li għandu jkun indipendenti, trasferibbli, universali u favorevoli għall-innovazzjoni).

4.3.5. Il-KESE jtenni li l-aktar mod utli biex tittejjeb il-fiducia tal-konsumaturi huwa li jiżdienu l-kredibilità u l-fiducia tas-servizzi bejn il-pari ("port kenni" għal pjattaformi speċifiċi tal-ekonomija kollaborattiva li jippermetti l-prestazzjonijiet, it-taħriġ, l-assigurazzjoni u forom oħra ta' protezzjoni) permezz ta' servizzi xierqa <sup>(8)</sup> ta' valutazzjoni onlajn, u ċertifikati esterni (tikketta ta' kwalità) u sistema ġdida ta' "arbitraġġ ċivili". Din l-affermazzjoni hija relatata mill-qrib mal-fiducia u r-reputazzjoni tal-iżvilupp armonjuż tal-ekonomija kollaborattiva f'sistema ġdida ta' koordinati ekonomiċi, soċjali u ambjentali.

#### 4.4. **Persuni li jaħdmu għal ħaddieħor u li jaħdmu għal rashom fl-ekonomija kollaborattiva**

4.4.1. Fil-qafas tal-pilastru Ewropew tad-drittijiet soċjali, il-KESE b'mod inekwivoku jappoġġja r-reviżjoni tal-acquis legali sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u protezzjoni soċjali adegwata, ibbażata fuq il-kriterji – kumulattivi – ta' subordinazzjoni tal-offerent tas-servizz, in-natura tax-xogħol u r-remunerazzjoni.

4.4.2. B'mod iktar preċiż, waqt li jiġu rispettati l-kompetenzi nazzjonali, għandu jiġi stabbilit qafas legali għall-ħaddiema, li jiddetermina b'mod preċiż l-istatus rilevanti tal-impjeg: paga deċenti, u d-dritt li jipparteċipaw fin-negozjar kollettiv, il-protezzjoni kontra l-arbitrarjetà, id-dritt li wieħed jilloggja "l barra sabiex il-ħin tax-xogħol diġitali jibqa" fi ħdan il-parametri ta' dinjità, eċċ.

4.4.3. Il-KESE jirrakkomanda analiżi aktar profonda tal-mudelli tax-xogħol tal-ekonomija kollaborattiva li huma relatati mal-aġir prosoċjali mhux reċiproku.

4.4.4. In-natura partikolari tal-ekonomija kollaborattiva bħala mutur tal-impjeg għandha tiġi indirizzata b'mod konverġenti fl-Istati Membri kollha sabiex il-politiki ppromulgati ma jikkawżawx distorsjoni tal-prattika kollaborattiva u jkollhom spirtu aktar intraprenditorjali f'termini ta' inkubazzjoni, indipendenza u infrastruttura.

#### 4.5. **Tassazzjoni**

4.5.1. Il-KESE, konxju tar-riskji ta' ppjanar tat-taxxa aggressiv u opaċità fiskali fil-qasam tal-ekonomija diġitali, jirrakkomanda li tiġi stabbilita sistema ta' kontroll tal-flussi kummerċjali permezz tal-pjattaformi diġitali peress li dawn jistgħu jittraċċaw il-prodott jew is-servizz u jiffaċilitaw il-ġbir tat-taxxi. Il-każ tal-Estonja għall-pjattaformi ta' vetturi ta' użu kondiviż huwa eżempju li għandu jiġi replikat fl-Istati Membri l-oħrajn.

<sup>(7)</sup> Kif tenfasizza l-Kummissjoni, ebda wieħed minn dawn il-fatturi mhuma biżżejjed waħdu sabiex fornitur ikun jista' jitqies bħala kummerċjant.

<sup>(8)</sup> Għandhom ikunu soġġetti għal monitoraġġ u kontroll mill-qrib.

4.5.2. L-aġġustament tat-taxxa, b'mod partikolari tal-VAT, għall-mudelli ta' ekonomija kollaborattiva ser jeħtieġ rieżami sinifikanti. B'mod simili, il-pjattaformi diġitali – li l-benefiċċji tagħhom huma fil-biċċa l-kbira marbuta mal-bejgħ ta' data ta' individwi lill-intrapriżi – iridu jkunu kompletament soġġetti għat-taxxa korporattiva fil-post fejn issir l-attività, bil-għan li tiġi evitata l-kompetizzjoni bejn l-Istati Membri fil-qasam tat-taxxa.

4.5.3. Il-KESE, konxju mill-importanza ta' governanza fiskali tajba, huwa impenjat favur il-ħolqien ta' strumenti *ad hoc* (one-stop shops u skambju ta' informazzjoni onlajn), kif ukoll miżuri ta' semplifikazzjoni amministrattiva, armonizzazzjoni, trasparenza u kooperazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet tat-taxxa.

#### 4.6. **Monitoraġġ**

4.6.1. L-attivitajiet ta' monitoraġġ proposti fil-Komunikazzjoni huma xierqa għall-għan segwit. B'mod partikolari, il-KESE jappella li jissaħħaħ id-djalogu bejn il-partijiet interessati (trejtdjunjins, organizzazzjonijiet tal-impjegaturi, l-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi, eċċ.) bil-għan li jiġu identifikati l-aħjar prattiki u jiġu żviluppati inizjattivi ta' awtoregolazzjoni u regolazzjoni konġunta li jindirizzaw il-parametri l-ġodda tal-ekonomija kollaborattiva<sup>(9)</sup> fil-livell Ewropew (pereżempju, fis-setturi tal-akkomodazzjoni, it-trasport, is-settur tal-proprjetà immobbli kummerċjali, il-kura tas-saħħa u l-provvista tal-enerġija).

Brussell, il-15 ta' Diċembru 2016.

Il-President  
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew  
Georges DASSIS

---

<sup>(9)</sup> ĠU C 303, 19.8.2016, p. 36

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew – Programm ta’ ħidma annwali tal-Unjoni għall-Istandardizzazzjoni Ewropea għall-2017”**

[COM(2016) 357 final]

(2017/C 075/07)

Relatur uniku: **is-Sinjura Elżbieta SZADZIŃSKA**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 17.8.2016
Bażi legali	L-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum
Adottata fis-sezzjoni	17.11.2016
Adottata fil-plenarja	14.12.2016
Sessjoni plenarja Nru	521
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	206/0/3

### 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew jilqa’ b’sodisfazzjon il-programm ta’ ħidma annwali tal-Unjoni għall-istandardizzazzjoni Ewropea għall-2017, li huwa parti minn pakkett komprensiv tal-istandardizzazzjoni.

1.2. Il-pjan annwali propost mill-Kummissjoni jibni fuq il-miżuri previsti fil-pjan tal-2016 – li l-Kumitat diġà esprima l-fehma tiegħu dwarhom f’Opinjonijiet preċedenti – u jikkomplementahom <sup>(1)</sup>.

1.3. Il-Kumitat jenfasizza mill-ġdid l-importanza tal-istandards għat-tisħiħ tal-kompetittività tas-suq intern, għall-iżvilupp ta’ prodotti u servizzi innovattivi, kif ukoll għat-titjib tal-kwalità u s-sigurtà tagħhom, li huwa ta’ benefiċċju għall-konsumaturi, il-ħaddiema, il-kumpaniji u l-ambjent.

1.4. Bħala r-rappreżentant tas-soċjetà ċivili organizzata, il-Kumitat jappoġġja tali sistema ta’ standardizzazzjoni li tissodisfa l-ħtiġijiet kemm tas-soċjetà kif ukoll tal-ekonomija.

1.5. Il-Kumitat jerġa’ jfakkar li l-iżgurar tal-pluraliżmu tas-sistemi Ewropej ta’ standardizzazzjoni permezz tal-inklużjoni tal-organizzazzjonijiet imsemmija fl-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 jiggarrantixxi aktar trasparenza u aċċess aħjar għal din is-sistema. L-involvement tar-rappreżentanti tas-soċjetà fis-sistema ta’ standardizzazzjoni m’għandux ikun limitat għal-livell tal-UE. Dawn il-partijiet interessati għandhom jiġu involuti wkoll fis-sistemi nazzjonali ta’ standardizzazzjoni.

1.6. L-istandards jiġu żviluppati bħala appoġġ għal-leġislazzjoni u l-politiki tal-UE (standards relatati mal-“approċċ leġislattiv għdid”, l-Unjoni tal-Enerġija, eċċ.). Barra minn hekk, l-iżvilupp tad-diġitalizzazzjoni fl-industrija, l-katina tal-provvista u s-servizzi jfisser li l-istandards tal-ICT u tas-servizzi huma essenzjali biex isir negozju fis-setturi differenti tal-ekonomija. F’dan ir-rigward, il-Kummissjoni rrikonoxxiet li l-miżuri f’dawn iż-żewġ oqsma ser ikunu prijorità u dan il-fatt jintlaqa’ b’sodisfazzjon mill-Kumitat.

1.7. Fl-istess ħin, il-Kumitat jinnota wkoll il-ħtieġa li l-kompetittività tal-SMEs tiġi promossa permezz tal-parteċipazzjoni tagħhom fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni tal-istandards, kif ukoll permezz ta’ miżuri edukattivi adegwati bil-għan li jkun hemm sensibilizzazzjoni fir-rigward tal-benefiċċji tal-istandards.

<sup>(1)</sup> ĠU C 303, 19.8.2016, p. 81, Opinjoni dwar Standards Ewropej għas-seklu 21 (INT/794, ĠU C 34, 2.2.2017, p. 86) u Opinjoni dwar Prijoritajiet għall-Istandardizzazzjoni tal-ICT għas-Suq Uniku Diġitali (ĠU C 487, 28.12.2016, p. 92).



1.8. Fir-rigward tan-negozjati TTIP li attwalment qegħdin jitmexxew mill-Kummissjoni, kif ukoll tan-negozjati CETA li diġà ġew konklużi, l-istandardizzazzjoni hija l-fokus tad-diskussjonijiet minħabba s-sistemi differenti involuti. Għalhekk, il-Kumitat jemmen li l-partijiet interessati għandhom jiġu infurmati dwar id-differenzi bejn is-sistemi ta' standardizzazzjoni tal-partijiet fin-negozjati u għandhom jiġu enfasizzati r-riskji u l-benefiċċji potenzjali li jirriżultaw minn dawn id-differenzi.

1.9. Il-Kumitat jappoġġja l-proposta li jiġi stabbilit djalogu interistituzzjonali dwar l-istandardizzazzjoni, li huwa diġà kien esprima f' Opinjoni preċedenti tiegħu <sup>(2)</sup>.

1.10. Huwa jilqa' b'sodisfazzjon ukoll il-proposta tal-Kummissjoni li tagħmel riċerka dwar l-impatt tal-istandards fuq l-ekonomija u s-soċjetà.

## 2. Il-proposti tal-Kummissjoni Ewropea

2.1. B'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tippreżenta l-programm ta' ħidma annwali tal-UE fl-2017 dwar l-istandardizzazzjoni Ewropea.

2.2. Il-programm ta' ħidma annwali huwa parti minn pakkett komprensiv, inkluża l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar standards Ewropej għas-seklu 21, dokument ta' ħidma tas-servizzi tal-Kummissjoni dwar l-istandardizzazzjoni fis-settur tas-servizzi, kif ukoll il-Komunikazzjoni dwar ir-rapport imsemmi fl-Artikolu 24 dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament.

2.3. Il-programm ta' ħidma tal-2017 dwar l-istandardizzazzjoni jikkomplementa l-miżuri previsti fil-programm tal-2016, li ħafna minnhom qegħdin jiġu implimentati attwalment.

2.4. Il-prijoritajiet strateġiċi tal-istandardizzazzjoni Ewropea għall-2017 jinkludu:

- L-istandardizzazzjoni tal-ICT fis-Suq Uniku Diġitali <sup>(3)</sup>;
- l-istandardizzazzjoni tas-servizzi;
- l-iżvilupp ta' standards u dokumenti tal-istandardizzazzjoni mill-organizzazzjonijiet Ewropej ta' standardizzazzjoni fl-oqsma tas-Suq Uniku Diġitali Konness, Unjoni tal-Enerġija Reżiljenti b'Politika dwar il-Bidla fil-Klima li Tħares 'il Quddiem, u Suq Intern Aktar Profond u Aktar Ġust b'Bażi Industrijali Msaħħa;
- kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tal-istandardizzazzjoni;
- l-appoġġ għall-istandardizzazzjoni permezz tar-riċerka xjentifika.

2.5. Barra minn hekk, sabiex tespandi l-bażi ta' evidenza taċ-ċiklu annwali ta' governanza fil-qasam tal-politika tal-UE dwar l-istandardizzazzjoni, il-Kummissjoni ser:

- tanalizza l-impatt ekonomiku u soċjetali tal-istandardizzazzjoni; u
- tistabbilixxi djalogu interistituzzjonali.

## 3. Kummenti ġenerali

3.1. Il-Kumitat jilqa' b'sodisfazzjon il-programm ta' ħidma attwali għall-istandardizzazzjoni, minħabba li l-użu tal-istandards fis-settur tal-produzzjoni u tas-servizzi jikkontribwixxi għal żieda tal-kompetittività fis-suq intern – kif huwa diġà enfasizza kemm-il darba.

3.2. Il-Kumitat jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li ser jitkomplew il-miżuri deskritti fil-pjan annwali preċedenti tal-Kummissjoni, li jippermettu l-kontinwità u l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet tal-istrateġija dwar is-suq uniku.

<sup>(2)</sup> L-Opinjoni INT/794 dwar L-istandards Ewropej għas-Seklu 21 (ĠU C 34, 2.2.2017, p. 86).

<sup>(3)</sup> Is-suġġett tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2016) 176 final tad-19.4.2016, li dwarha l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew fassal l-Opinjoni tiegħu (ĠU C 487, 28.12.2016, p. 92).

3.2.1. Il-programm ta' ħidma annwali tal-2017 jiddeskrivi f'iżjed dettall u jikkomplementa l-prijoritajiet li jinsabu fil-fażi tal-implimentazzjoni, bil-għan li s-sistema Ewropea ta' standardizzazzjoni tiġi adattata għall-kundizzjonijiet li qegħdin jinbidlu tal-qafas internazzjonali u għall-isfidi fis-suq globali.

#### 4. Prijoritajiet strateġiċi tal-istandardizzazzjoni Ewropea

4.1. Fi żmien ta' żvilupp rapidu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni, jinħtieġ li jiġu żviluppati standards adatti għall-iżgurar tal-interoperabbiltà u tas-sigurtà fiċ-ċiberspazju.

4.1.1. It-teknoloġiji bħall-komunikazzjoni 5G, il-cloud computing, l-Internet tal-oġġetti (IoT) u t-teknoloġiji tal-big data jintużaw f'dawn l-oqsma: is-saħħa elettronika, l-enerġija intelliġenti, il-bliet intelliġenti, it-teknoloġiji avvanzati u l-fabbriki intelliġenti, kif ukoll il-vetturi f'network u dawk awtomatizzati u dawn jeħtieġu standards taċ-ċibersigurtà, tal-immaniġġjar tar-riskji u linji gwida ta' kontroll għall-awtoritajiet superviżorji u dawk regolatorji.

4.1.2. Hemm bżonn aktar titjib fil-livell tas-sigurtà, tal-protezzjoni tad-data u tal-aċċessibilità għall-IoT. L-istandardizzazzjoni f'dan il-qasam tista' tkun prerekwiżit għall-interoperabbiltà tal-IoT, kif ukoll għall-iżgurar taċ-ċibersigurtà, il-protezzjoni tad-data u l-aċċessibilità għall-konsumaturi.

4.2. Il-Kumitat jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Kummissjoni ser titlob lill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni biex iwettqu inventarju tal-istandards adatti eżistenti, qabel ma titlob għall-iżvilupp ta' standards ġodda għas-servizzi.

4.2.1. Fl-istess ħin, il-Kumitat jemmen li tkun prattika tajba għall-ħidma futura jekk il-partijiet ikkonċernati jiġu infurmati dwar il-mandati tal-Kummissjoni li għad qed issir ħidma dwarhom u liema mandati tlestew jew ġew sospiżi.

4.2.2. Fil-valutazzjoni tal-istandards eżistenti, huwa importanti li jiġi eżaminat jekk dawn jissodisfawx il-ħtiġijiet speċifiċi tal-gruppi vulnerabbli, pereżempju l-persuni b'diżabbiltà. Pereżempju, l-istandards fir-rigward tal-firem elettroniċi ma jissodisfawx il-ħtiġijiet tal-konsumaturi b'diżabbiltà. F'dan il-każ, huwa ġġustifikat li jiġi rakkomandat l-iżvilupp ta' standard ġdid.

4.2.3. Meta jinbdew proċessi ġodda ta' standardizzazzjoni, il-ħtiġijiet speċifiċi ta' gruppi vulnerabbli, bħall-persuni b'diżabbiltà, għandhom jiġu kkunsidrati, fejn rilevanti, bħala parti mid-definizzjoni tat-termini għall-proċess ta' standardizzazzjoni. Għandha tiġi adottata proċedura ġdida li tippermetti lill-esperti tal-aċċessibilità u lill-organizzazzjonijiet tal-persuni b'diżabbiltà li jipparteċipaw mingħajr ħlas fil-proċessi ta' standardizzazzjoni fejn rilevanti.

4.3. Il-Kumitat enfasizza kemm-il darba l-impatt sinifikanti tal-istandards fuq il-kwalità tal-prodotti u tas-servizzi fis-suq uniku. Għalhekk, huwa jilqa' b'sodisfazzjon il-pjani tal-Kummissjoni li ttejjeb l-iżvilupp tal-istandards għas-servizzi billi tissorvelja l-istandards nazzjonali u l-ħtiġijiet tas-suq u billi tidentifika oqsma li fihom għandhom jiġu żviluppati standards ġodda.

4.3.1. Il-Kumitat jaqbel mar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni li l-korpi nazzjonali tal-istandardizzazzjoni għandhom iqisu d-dimensjoni Ewropea meta jieħdu deċizzjonijiet dwar l-iżvilupp ta' standard nazzjonali għas-servizzi u għandha tikkunsidra jekk ikunx preferibbli li jinholq standard Ewropew. Dan jista' jgħin biex jingħelbu l-ostakli u l-kunflitti potenzjali fis-settur tas-servizzi.

4.4. Iż-żieda dejjem akbar ta' servizzi onlajn kemm privati kif ukoll pubbliċi (fost oħrajn sptarijiet, faċilitajiet ta' kura u trasport intelliġenti) teħtieġ soluzzjonijiet tekniċi li jggarantixxu anonimità akbar għall-konsumaturi u jillimitaw ir-riskju ta' proċessar eċċessiv tad-data tagħhom.

4.5. Il-ħidma futura fir-rigward tal-istandardizzazzjoni għandha tikkontribwixxi għat-titjib fil-kwalità, fl-aċċessibilità u fis-sigurtà tas-servizzi tat-trasport, kif ukoll għat-tnaqqis tal-ambjentali kkawżat mit-trasport.

4.6. Fis-settur tal-enerġija, il-miżuri tal-Kummissjoni huma mmirati lejn l-interkonnessjoni tal-infrastrutturi, id-diversifikazzjoni tas-sorsi tal-enerġija, it-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija u l-promozzjoni ta' teknoloġiji li jirrispettaw il-klima.

4.6.1. Il-Kumitat jaqbel li l-iżvilupp ta' standards komuni għal networks intelliġenti tal-enerġija ser itejjeb l-interoperabbiltà tan-netwerk, u li l-ottimizzazzjoni tal-komponenti kollha ta' dan-netwerk ser tikkontribwixxi sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż u tiżdied l-effettività filwaqt li tgħin biex tintegra s-sorsi tal-enerġija deċentralizzati, inkluża l-enerġija rinnovabbli. Dan ser jippermetti lill-utenti finali biex ikollhom aċċess sħiħ għal sistemi intelliġenti tal-enerġija.

4.7. Il-Kumitat jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li fid-dokument tal-Kummissjoni ser jiġu indirizzati l-problemi li ġejjin: il-bijodegradabbiltà tal-imbagg tal-plastik, il-produzzjoni ta' sustanzi kimiċi sostenibbli magħmula minn materjal sekondarju u l-metodi għall-evalwazzjoni tar-riskji ta' sustanzi li mhumiex elenkati fil-listi rilevanti, iżda li kienu jipproduċu prodotti tal-plastik maħsuba li jiġu f'kontatt mal-ikel.

4.7.1. Fid-dawl tar-riskji għolja involuti, l-istandards għall-oqsma msemmija hawn fuq għandhom jinkludu rekwiżiti stretti relatati mal-protezzjoni tal-konsumatur, kif ukoll tal-ambjent.

## 5. Il-kooperazzjoni internazzjonali

5.1. Il-Kummissjoni tinkoraġġixxi lill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni biex jippromovu standards internazzjonali u Ewropej fid-dinja kollha għall-appoġġ tal-industriji Ewropej u għall-iffaċilitar tal-aċċess għas-suq.

5.2. Minħabba l-fatt li l-ftehim CETA nnegozjat mal-Kanada huwa kontroversjali fl-Istati Membri, u minħabba li n-negozjati TTIP għadhom għaddejjin, l-importanza tal-istandards fil-kummerċ internazzjonali għandha tiġi enfasizzata b'mod kontinwu.

5.2.1. Apparti milli jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-ostakli tekniċi għall-kummerċ, id-djalogu mal-imsieħba mhux Ewropej (iċ-Ċina, l-Indja...) għandu jikkontribwixxi wkoll għall-użu tal-mudell Ewropew tal-istandardizzazzjoni, għall-iskambju tal-informazzjoni fost l-organizzazzjonijiet Ewropej u nazzjonali tal-istandardizzazzjoni u għall-implimentazzjoni tal-istandards tal-ISO u l-IEC u, fis-setturi li fihom l-istandardizzazzjoni internazzjonali mhijiex biżżejjed jew nieqsa għalkollox, għall-implimentazzjoni ta' standards Ewropej.

## 6. L-istandardizzazzjoni bħala promozzjoni tal-innovazzjoni

6.1. Il-Kumitat jilqa' b'sodisfazzjon l-idea li l-istandardizzazzjoni tintrabat mill-qrib mar-riċerka xjentifika u li l-għarfien jinbidel fi standards.

6.2. Id-djalogu bejn l-istituzzjonijiet tar-riċerka u l-kumitati tekniċi CEN u CENELEC u ETSI fil-qafas tal-programm Orizzont 2020 għandu jsaħħaħ l-innovattività.

Brussell, l-14 ta' Diċembru 2016.

*Il-President*  
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*  
Georges DASSIS

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1286/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar dokumenti bl-informazzjoni ewlenija għal prodotti aggregati ta’ investiment għall-konsumaturi bbażati fuq l-assigurazzjoni fir-rigward tad-data tal-applikazzjoni tiegħu”**

[COM(2016) 709 final – 2016/0355 (COD)]

(2017/C 075/08)

Relatur: **is-Sur Daniel MAREELS**

Konsultazzjoni	Kunsill, 17.11.2016
	Parlament Ewropew, 21.11.2016
Bażi ġuridika	Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Suq Uniku, Produzzjoni u Konsum
Data tad-deċiżjoni tal-President	17.11.2016 (Artikolu 57, proċedura ta’ urġenza)
Adottata fil-plenarja	14.12.2016
Sessjoni plenarja Nru	521
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	152/1/2

## 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Fis-sitwazzjonijiet u l-kondizzjonijiet imsemmija hawn taħt, il-KESE jista’ jaċċetta l-proposta tal-Kummissjoni li tipponi b’sena d-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament PRIIP<sup>(1)</sup>, jiġifieri sal-1 ta’ Jannar 2018.

1.2. Ir-Regolament PRIIP jinkludi miżuri bil-għan li tissaħħaħ il-protezzjoni tal-konsumaturi u tal-investituri bl-imnut u terġa’ tinkiseb il-fiduċja tal-konsumaturi fis-settur tas-servizzi finanzjarji billi tiżdied it-trasparenza fis-suq tal-investimenti bl-imnut. B’mod partikolari, dan jobbliga lill-manifatturi tal-prodotti aggregati ta’ investiment għall-konsumaturi bbażati fuq l-assigurazzjoni (PRIIP) biex ifasslu dokument bit-tagħrif ewlieni (KID<sup>(2)</sup>).

1.3. Il-posponiment ġie introdott fuq talba tal-Parlament Ewropew u l-maġġoranza tal-Istati Membri, wara li l-Parlament irrifjuta, nhar l-14 ta’ Settembru 2016, “att delegat”<sup>(3)</sup> tal-Kummissjoni dwar il-PRIIP. Dan l-att delegat kellu l-għan li jiddefinixxi l-istandards tekniċi regolatorji dwar il-KID għall-PRIIP, abbażi tal-abbozz imħejji b’mod konġunt mill-awtoritajiet superviżorji Ewropej.

<sup>(1)</sup> PRIIP hija taqsira tal-kelma Ingliża “packaged retail and insurance-based investment products”. Bil-Malti, din tfisser “prodotti aggregati ta’ investiment għall-konsumaturi bbażati fuq l-assigurazzjoni”.

<sup>(2)</sup> KID hija taqsira tal-kelma Ingliża “key information document”. Bil-Malti, din hija “dokument bit-tagħrif ewlieni”.

<sup>(3)</sup> L-atti delegati ġew introdotti mit-Trattat ta’ Lisbona. L-Artikolu 290 tat-TFUE jippermetti lil-leġiżlatur tal-UE (ġeneralment il-Parlament Ewropew u l-Kunsill) sabiex jiddelega lill-Kummissjoni s-setgħa li tiddelega atti mhux leġiżlattivi ta’ applikazzjoni ġenerali li jissupplimentaw jew jemendaw ċerti elementi mhux essenzjali ta’ att leġiżlattiv.

Pereżempju, l-atti delegati jistgħu jżidu regoli (mhux essenzjali) ġodda jew jinvolvu emenda sussegwenti għal ċerti aspetti ta’ att leġiżlattiv. B’hekk, il-leġiżlatur jista’ jikkonċentra fuq id-direzzjoni u l-oġettivi tal-politika mingħajr ma jidholl f’dibattiti dettaljati żżejjed u ta’ spiss tekniċi ħafna.

Madankollu, id-delega tas-setgħa li tadotta atti delegati hija soġġetta għal limiti stretti. Tabilħaqq, hija biss il-Kummissjoni li tista’ tiġi awtorizzata sabiex tadotta atti delegati. Barra minn hekk, l-elementi essenzjali ta’ qasam partikolari jistgħu ma jkunux soġġetti għal delega ta’ setgħa. Minbarra dan, l-oġettivi, il-kontenut, il-kamp ta’ applikazzjoni u d-durata tad-delega tas-setgħa għandhom jiġu definiti fl-atti leġiżlattivi. Fl-aħħarnett, il-leġiżlatur għandu jstabbilixxi b’mod espliċitu fl-att leġiżlattiv il-kundizzjonijiet li taħtom tista’ tiġi eżerċitata din id-delega. F’dan ir-rigward, il-Parlament u l-Kunsill jistgħu jipprevedu d-dritt li jirrevokaw id-delega jew li jesprimu oġġezzjonijiet għall-att delegat. Ara <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=URISERV:ai0032>.

1.4. Il-KESE wera li hu favorevoli għall-ħolqien ta' PRIIP f'opinjonijiet preċedenti<sup>(4)</sup>, u enfasizza l-importanza ta' att leġislativ li għall-ewwel darba jirregola kull forma ta' prodotti finanzjarji kumplessi u li jippermetti li jitqabblu, irrispettivament mit-tip ta' promotur (il-banek, l-assigurazzjonijiet, il-kumpaniji tal-investment).

1.5. Fl-istess opinjonijiet, il-Kumitat ippropona wkoll li jiġi żviluppat suq finanzjarju uniku, li fih tiċċirkola informazzjoni ċara, preċiża u komparabbli. Ippropona wkoll sistema omoġenea, semplifikata u standardizzata ta' informazzjoni li tiżgura li din l-informazzjoni tkun komparabbli u tinfiem fil-waqt li żżid it-trasparenza u l-effiċjenza tas-suq<sup>(5)</sup>.

1.6. Kieku ġie deċiż li ma jsirx il-posponiment, il-Kumitat iqis li l-oġġettivi ewlenin stabbiliti f'dan il-qasam (ara iktar 'l fuq u iktar 'l isfel) jirriskjaw li jiġu kompromessi, sitwazzjoni li hija meqjusa bħala mhux mixtieqa. Il-Kumitat jaqbel li ż-żieda fit-trasparenza prevista mir-Regolament PRIIP u l-armonizzazzjoni tal-obbligu dwar il-komunikazzjoni tal-informazzjoni huma ta' benefiċċju għas-suq uniku tas-servizzi finanzjarji billi joħlqu kundizzjonijiet ekwi għall-prodotti u l-kanali tad-distribuzzjoni differenti. B'hekk dan ir-regolament ser ikunu ta' benefiċċju mhux biss għall-konsumaturi u għall-investituri bl-innut iżda ser jikkontribwixxi wkoll sabiex terġa' tinkiseb il-fiducia tal-konsumatur fis-settur tas-servizzi finanzjarji. Barra minn hekk, iċ-ċaħda tal-att delegat anqas minn 4 xhur qabel ma jidħlu fis-seħħ it-testi kienet tesponi lill-operaturi tas-suq għal inċertezza legali u problemi serji ħafna ta' implimentazzjoni.

1.7. Fir-rigward tal-għażla tal-perjodu ta' sena, il-Kumitat jemmen, għall-istess raġunijiet, li dan huwa aċċettabbli sakemm id-dħul fis-seħħ tkun tikkoinċidi ma' dik tar-Regolament il-ġdid MiFID II. Għall-Kumitat, hemm bżonn li dan il-posponiment jibqa' eċċezzjonali u uniku u li l-perjodu intermedju jintuża sabiex jiġi stabbilit u ppubblikat l-att delegat definittiv u dan fl-iqsar żmien possibbli. Fil-fatt dan huwa sabiex l-operaturi tas-suq kif ukoll il-konsumaturi u l-investituri bl-innut jiġu pprovduti mill-aktar fis possibbli b'ċarezza u ċertezza.

1.8. Għall-Kumitat, l-għanijiet u l-kisbiet tar-Regolament PRIIP m'għandhomx jiġu kompromessi. Għalhekk huwa meħtieġ li f'dan il-qafas jiġu previsti aġġustamenti possibbli għall-att ddelegat. Dan huwa iktar u iktar il-każ peress li diġà ser issir evalwazzjoni tar-Regolament PRIIP wara sena u li jistgħu jitqajmu xi kwistjonijiet fid-dawl tal-ewwel esperjenzi fir-rigward tal-applikazzjoni u s-segwitu. L-aġġustamenti ta' hawn fuq għandhom, mill-bidu, jikkontribwixxu biex il-fiducia tal-konsumaturi tittejjeb b'mod effettiv. Fl-istess waqt dawn għandhom jibqgħu konformi mar-regoli li huma previsti fir-Regolament futur MiFID.

## 2. Sfond

2.1. Ir-Regolament (UE) Nru 1286/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(6)</sup> (Regolament PRIIP) introduċa miżuri biex tittejjeb it-trasparenza fis-suq għall-investimenti bl-innut. B'mod partikolari, dan ir-Regolament jimponi fuq il-manifatturi tal-PRIIP li jfasslu KID.

2.2. Dan ir-Regolament għandu jagħti lill-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej<sup>(7)</sup> (ASE) is-setgħa li jħejju standards tekniċi regolatorji li jspesifikaw l-elementi tal-KID.

2.3. Wara li l-ASE għaddewha l-abbozz konġunt ta' tagħhom dwar l-istandards imsemmija hawn fuq, il-Kummissjoni adottat, fl-aħħar ta' Ġunju 2016, l-att ddelegat għall-kisba effettiva tal-istandards tekniċi regolatorji stabbiliti.

2.4. Il-Parlament Ewropew (PE) stabbilixxa, f'riżoluzzjoni tal-14 ta' Settembru 2016, oġġezzjonijiet għall-att delegat adottat mill-Kummissjoni<sup>(8)</sup>. Il-PE stieden lill-Kummissjoni tipprovi evalwazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-PRIIP b'diversi għażliet, ix-xenarji ta' prestazzjoni, u l-allert fir-rigward tal-komprensjoni.

2.5. Barra minn hekk, il-PE, flimkien ma' maġġoranza kbira tal-Istati Membri, talab li l-applikazzjoni tar-Regolament tiġi posposta.

<sup>(4)</sup> Ara l-Opinjonijiet tal-KESE (ĠU C 11, 15.1.2013, p. 59, punt 1.2).

<sup>(5)</sup> Ara l-Opinjonijiet msemmija fin-nota nru 4 ta' qiegħ il-paġna, punti 3.2 u 2.3.

<sup>(6)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1286/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2014 dwar id-dokumenti bl-informazzjoni ewlenija għall-prodotti aggregati ta' investment bbażati fuq l-assigurazzjoni (PRIIPs) (ĠU L 352, 9.12.2014, p. 1).

<sup>(7)</sup> B'ASE nfissru l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol, l-Awtorità Bankarja Ewropea u l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq.

<sup>(8)</sup> Ara <http://www.europarl.europa.eu/sides/getDoc.do?pubRef=-//EP//TEXT+TA+P8-TA-2016-0347+0+DOC+XML+V0//MT>

2.6. Il-proposta għal Regolament, attwalment sottomessa għal analiżi, għandha l-għan li tippostponi d-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament b'sena, għall-1 ta' Jannar 2018.

### 3. Osservazzjonijiet u kummenti

3.1. B'mod ġenerali, ir-Regolament PRIIP għandu l-għan li jipproteġi aħjar lill-konsumaturi u lill-investituri bl-innut, b'mod partikolari dawk li jinvestu fil-PRIIPs. Barra minn hekk, iż-żieda fit-trasparenza li hija prevista u l-armonizzazzjoni tal-obbligu dwar il-komunikazzjoni tal-informazzjoni huma wkoll ta' benefiċċju għas-suq uniku tas-servizzi finanzjarji billi joħlqu kundizzjonijiet ekwi għall-prodotti u l-kanali tad-distribuzzjoni differenti. Dan jippermetti wkoll li tiġi rkuprata l-fiduċja tal-konsumaturi fl-industrija tas-servizzi finanzjarji.

3.2. Sabiex jinkisbu dawn l-oġettivi, it-test jeħtieġ li l-manifatturi tal-PRIIP jikkonformaw ma' sett uniformi ta' rekwiżiti dwar l-informazzjoni li jridu jikkomunikaw dwar il-prodotti u li l-klijenti bl-innut u l-investituri jirċievu l-KID dwar il-PRIIP offerti. L-investituri bl-innut iridu jkunu jistgħu jifhmu aħjar in-natura ekonomika u r-riskji ta' prodott partikolari u jqabblu offerti differenti.

3.3. Fil-forma oriġinali tiegħu, kien previst li r-Regolament jidħol fis-seħħ sa tmiem l-2016. Fil-prinċipju, din id-data tapplika wkoll għall-"miżuri ta' implimentazzjoni" adottati mill-Kummissjoni f'nofs l-2016 permezz ta' att delegat abbażi tal-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji mfassla mill-ASE. Dawn l-standards tekniċi regolatorji jikkonċernaw il-preżentazzjoni u l-kontenut tal-KID, il-format standardizzat tiegħu, il-metodu li għandu jintuża sabiex jiġu ppreżentati r-riskji u l-benefiċċji u l-kalkolu tal-ispejjeż, kif ukoll il-kondizzjonijiet u l-frekwenza minima tal-analiżi mill-ġdid tal-kontenut tal-KID u l-kondizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti biex jintlaħqu l-obbligi li jiġi pprovdut dan il-KID lill-investituri bl-innut.

3.4. Filwaqt li l-Kunsill ma qajjimx oġġezzjonijiet għall-att delegat tal-Kummissjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni, dan it-test ġie rifjutat mill-PE fir-risoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Settembru 2016<sup>(9)</sup>.

3.5. Għalkemm jidħol direttament fis-seħħ fi tmiem l-2016 u li t-fassil ta' KID mhuwiex marbut mal-adozzjoni tal-att delegat, il-PE talab fl-istess ħin li jiġi pospost id-dħul fis-seħħ tar-Regolament PRIIP. Maġġoranza kbira ta' Stati Membri wkoll ressqu l-istess talba għall-posponiment. Inġibdet l-attenzjoni għall-fatt li n-nuqqas ta' standards tekniċi ser ikun ta' ostaklu għal applikazzjoni bla xkiel tar-Regolament.

3.6. F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-KESE huwa sodisfatt bil-prinċipju li jiġi pospost id-dħul fis-seħħ tar-Regolament. Kieku dan ma sarx, ikun hemm ir-riskju li l-għanijiet prinċipali (ara iktar 'l fuq u iktar 'l isfel) ma jinkisbu jew jinkisbu biss f'mod insuffiċjenti. Barra minn hekk, l-att delegat inċaħad anqas minn 4 xhur qabel ma jidħlu fis-seħħ it-testi, b'tali mod li kieku l-operaturi tas-suq kienu jiġu esposti għal inċertezza legali u problemi serji ħafna ta' implimentazzjoni.

<sup>(9)</sup> Fir-risoluzzjoni jitqajmu dawn l-argumenti għar-rifjut tal-att delegat:

- "A. billi huwa essenzjali li l-informazzjoni għall-konsumaturi dwar prodotti ta' investiment tkun komparabbli sabiex tippromwovi kondizzjonijiet ekwivalenti fis-suq irrispettivament minn liema tip ta' intermedjarju finanzjarju jipproduċi jew jikkummerċjalizza dawn il-prodotti;
- B. billi t-tneħħija tar-riskju ta' kreditu mill-kalkolu ta' kategorizzazzjoni tar-riskju tal-prodotti tal-assigurazzjoni tista' tiżgwi lill-investituri;
- C. billi t-trattament ta' prodotti li joffru ħafna għażliet għad irid jiġi ċċarat, b'mod partikolari fir-rigward ta' eżenzjoni espliċita mogħtija lill-fondi tal-UCITS skont ir-Regolament (UE) Nru 1286/2014;
- D. billi l-att delegat adottat mill-Kummissjoni fih nuqqasijiet fil-metodoloġija għall-kalkolu ta' xenarji ta' prestazzjoni futura u għalhekk ma jissodisfax ir-rekwiżit skont ir-Regolament (UE) Nru 1286/2014 sabiex jipprovdri informazzjoni li hija 'preċiża, ġusta, ċara u li ma tiżgwidax' u, b'mod partikolari, ma jurix għal ċerti PRIIPs, anki fix-xenarju negattiv, u anke għal prodotti li regolament wasslu għal telfiet matul il-perjodu minimu ta' parteċipazzjoni rakkomandat, li l-investituri jistgħu jitolfu l-flus;
- E. billi n-nuqqas ta' gwida ddetaljata fir-regolament delegat dwar 'allert ta' komprensioni' joħloq riskju serju ta' implimentazzjoni inkonsistenti ta' dan l-element fid-dokument bl-informazzjoni ewlenija fis-suq uniku kollu;
- F. billi l-Parlament jibqa' tal-opinjoni li standardizzazzjoni ulterjuri tal-mument meta allert ta' komprensioni se jintuża għandha tiġi introdotta bħala mandat addizzjonali tal-RTS;
- G. billi, jekk ma jinbidlux, hemm riskju li r-regoli stabbiliti fir-regolament delegat imorru kontra l-ispirtu u l-għan tal-leġislażzjoni, li huwa li tipprovdi informazzjoni ċara, komparabbli, li tintfieh u mhux qarrieqa dwar il-PRIIP lill-investituri fil-livell tal-konsumatur;
- H. billi fl-ittra tat-30 ta' Ġunju 2016 mibgħuta lill-Kummissjoni mill-President tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarij, it-tim tan-negozjar tal-Parlament talab lill-Kummissjoni biex tivvaluta jekk l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1286/2014 għandhiex tiġi posposta."



3.7. Barra minn hekk, il-KESE jfakkar fl-opinjoni aktar bikrija tiegħu dwar il-PRIPs, fejn kien favorevoli għall-proposti rilevanti u d-direzzjoni magħżula <sup>(10)</sup>. F'dik l-okkażjoni, il-Kumitat enfasizza l-importanza ta' att leġiżlattiv li għall-ewwel darba jirregola kull forma ta' prodotti finanzjarji kumplessi u li jippermetti li jitqabblu, irrispettivament mit-tip ta' promotur (il-banek, l-assigurazzjonijiet, il-kumpaniji tal-investment).

3.8. F'dan il-qasam, il-Kumitat ippropona wkoll li jiġi żviluppat suq finanzjarju uniku, li fih tiċċirkola informazzjoni ċara, preċiża u komparabbli <sup>(11)</sup>. Iddikjara wkoll li sistema omoġenea, semplifikata u standardizzata ta' informazzjoni tiżgura li din l-informazzjoni tkun komparabbli u tinfihehem filwaqt li żżid it-trasparenza u l-effiċjenza tas-suq <sup>(12)</sup>. Il-Kumitat issa jżid li l-istandards tekniċi regolatorji tal-futur mill-bidu nett għandhom jikkontribwixxu sabiex il-fiduċja tal-konsumaturi tittejjeb b'mod effettiv. B'hekk, għandu jiġi ċċarat liema prodotti huma kumplessi, il-konsumaturi għandhom jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom b'għarfien u għandha tingħata attenzjoni lill-aspetti relatati mal-ispejjeż u l-prestazzjoni. Sabiex jiġu evitati l-inkonsistenzi, madankollu jeħtieġ li jitqiesu r-regoli li ser ikunu previsti fid-dispożizzjonijiet futuri tar-Regolament MiFID <sup>(13)</sup>.

3.9. Barra minn hekk, il-Kumitat jemmen li l-għażla tal-perjodu ta' sena huwa aċċettabbli jekk il-posponiment jibqa' eċċezzjonali u uniku u li l-perjodu intermedju jintuża sabiex jiġi stabbilit u ppubblikat l-att delegat definittiv. Dan għandu jsir fl-iqsar żmien possibbli sabiex l-operaturi tas-suq, il-klijenti u l-investituri bl-innut jiġu offruti ċarezza u ċertezza kemm jista' jkun malajr.

3.10. Barra minn hekk, billi intgħażel perjodu ta' sena, id-dħul fis-seħħ tar-Regolament PRIIP ser jerġa' jikkoinċidi ma' dak tar-Regolament MiFID II <sup>(14)</sup>, li wkoll ser jkun ta' benefiċċju għall-konsumaturi. L-implimentazzjoni tar-Regolament MiFID II wkoll ġiet preċedentement ittardjata b'sena <sup>(15)</sup> u l-Kumitat kien ta l-approvazzjoni tiegħu <sup>(16)</sup>.

3.11. B'dan il-mod ma jiddgħajfux l-oġġettivi stabbiliti preċedentement, li huma approvati mill-Kummissjoni. Għalhekk huwa meħtieġ li l-aġustament possibbli għall-att delegat jiġu inklużi fil-qafas attwali tal-PRIP.

3.12. Għall-bqija, u fejn neċessarju, jidher aktar adegwat li nistennew l-evalwazzjoni tar-Regolament PRIIP, li minħabba l-posponiment tad-dħul fis-seħħ kif propost attwalment, issa ser issir biss sena wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament PRIIP <sup>(17)</sup>. Għalhekk ser ikun possibbli li jitqiesu l-ewwel esperjenzi fir-rigward tal-applikazzjoni u s-segwitu.

Brussell, l-14 ta' Diċembru 2016.

*Il-President*  
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*  
Georges DASSIS

<sup>(10)</sup> Ara l-Opinjoni msemmija fin-nota nru 4 ta' qiegħ il-paġna, punt 1.2.

<sup>(11)</sup> Ara l-Opinjoni msemmija fin-nota nru 4 ta' qiegħ il-paġna, punt 3.2.

<sup>(12)</sup> Ara l-Opinjoni msemmija fin-nota nru 4 ta' qiegħ il-paġna, punt 2.3.

<sup>(13)</sup> Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).

<sup>(14)</sup> Ir-Regolament il-ġdid MiFID II ser jidħol fis-seħħ fit-3 ta' Jannar 2018, jiġifieri, jumejn wara d-data prevista s'issa għar-Regolament PRIIP modifikat.

<sup>(15)</sup> Ara l-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 600/2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji, ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 dwar l-abbuż tas-suq u r-Regolament (UE) Nru 909/2014 dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli fir-rigward ta' ċerti dati COM(2016) 57 final – 2016/0034 (COD) (<http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1486717110458&uri=CELEX%3A52016PC0057>).

<sup>(16)</sup> Il-KESE approva l-posponiment tad-dħul fis-seħħ tal-MiFID II, ara l-Opinjoni tal-KESE (ĠU C 303, 19.8.2016, p. 91).

<sup>(17)</sup> Ara l-Artikolu 33 tar-Regolament PRIIP, li mhumiex mibdul minn din il-proposta. Dan l-Artikolu jipprevedi reviżjoni tar-Regolament "sal-31 ta' Diċembru 2018".

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 345/2013 dwar Fondi ta’ Kapital ta’ riskju Ewropew u r-Regolament (UE) Nru 346/2013 dwar il-Fondi ta’ Intraprenditorija soċjali Ewropej”**

[COM(2016) 461 final]

(2017/C 075/09)

Relatur: **is-Sur Giuseppe GUERINI**

Korelatur: **is-Sur Michael IKRATH**

Konsultazzjoni	Kunsill tal-Ministri, 27.7.2016 Il-Parlament Ewropew, 12.9.2016
Bażi legali	L-Artikoli 114 u 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Deċiżjoni tal-Assemblea	12.7.2016
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni Speċjalizzata għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali
Adottata fis-sezzjoni	29.11.2016
Adottata fil-plenarja	14.12.2016
Sessjoni plenarja Nru	521
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	117/1/2

## 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jilqa’ l-isforzi tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Istati Membri li twettqu dawn l-aħħar snin biex jingħeleb l-istaġnar ekonomiku. Madankollu, huwa ma jistax ma jitlobx għal aktar determinazzjoni mill-istituzzjonijiet tal-UE fl-istabbiliment u fl-implementazzjoni ta’ strateġija għall-finanzjament tal-ekonomija reali.

1.2. Il-KESE jemmen li huwa importanti li jiġi żgurat li l-investment Ewropew, l-ewwel u qabel kollox, huwa ta’ benefiċċju għall-ekonomija reali li hija karatterizzata mill-innovazzjoni, it-tkabbir u r-responsabbiltà soċjali;

1.3. L-intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju (SMEs) huma s-sinsla tal-ekonomija Ewropea. L-iżgurar ta’ aċċess finanzjarju sodisfaċenti għall-SMEs u għall-kumpaniji li qegħdin jikbru b’rata mgħaġġla huwa għalhekk kruċjali għall-iżvilupp ta’ dawn il-kumpaniji, kif ukoll għall-innovazzjoni, it-tkabbir ekonomiku, l-impjegi, l-iżgurar tal-kompetittività u r-responsabbiltà soċjali Ewropea. Fl-UE, il-finanzjament ta’ krediti huwa s-sors primarju ta’ finanzjament għall-SMEs. Fl-isfond tal-ħtieġa li jinħolqu oqsma ġodda tat-tkabbir u biex l-Ewropa tiegħu l-pożizzjoni ta’ mexxejja tal-innovazzjoni, huwa essenzjali li jiġu adottati modi ġodda ta’ finanzjament għall-appoġġ ta’ negozji ġodda, SMEs innovattivi u għall-intrapriżi b’rata għolja ta’ tkabbir (Scale-ups).

1.4. Il-KESE jippromovi l-espansjoni tal-Fond Ewropew ta’ Kapital ta’ Riskju (EuVECA) u l-Fond ta’ Intraprenditorija Soċjali Ewropew (EuSEF), u jirrimarka li jeħtieġ li tiġi żgurata l-protezzjoni tal-investitur.

1.5. Għalhekk, il-KESE jirrikonoxxi li l-finanzjament ta’ krediti tradizzjonali tal-kumpaniji elenkati taħt punt 1.2 jeħtieġ li jiġi s-supplimentat b’metodi ta’ finanzjament alternattivi bħall-kapital ta’ riskju, il-finanzjament kollettiv, l-ekwità privata eċċ. Għaldaqstant, l-UE għandha tistabbilixxi miżuri konkreti u konsistenti biex, minn naħa waħda tippermetti li l-banek jissodisfaw il-kompitu prinċipali tagħhom tal-finanzjament tal-ekonomija reali, u min-naħa l-oħra ttejjeb il-possibbiltajiet tal-finanzjament tar-riżorsi proprji u tas-suq kapitali b’mod sinifikanti u biex f’dan ir-rigward tnaqqas l-ostakoli tul l-istabbiliment tal-unjoni tas-swieq kapitali.

1.6. Il-KESE jilqa’ u jappoġġja l-inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea għar-reviżjoni tar-Regolament dwar Fond Ewropew ta’ Kapital ta’ Riskju (EuVECA) u tal-Fond ta’ Intraprenditorija Soċjali Ewropew (EuSEF).

1.7. Il-KESE huwa tal-fehma li l-istrument tar-regolament jista' jillimita l-periklu ta' interpretazzjonijiet differenti fil-livell nazzjonali, u b'hekk jiġi promoss il-ħolqien ta' Unjoni tas-Swieq Kapitali. Barra minn hekk, huwa jixtieq li jitneħħew id-differenzi fl-interpretazzjoni li jeżistu fil-livell nazzjonali.

1.8. Il-KESE jistieden lill-Unjoni Ewropea taħdem fuq it-tisħiħ tas-sinerġiji bejn l-oġettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020, bħal pereżempju s-suq uniku diġitali u l-unjoni tal-enerġija/COP 21 u s-sbatax-il oġettiv tan-Nazzjonijiet Uniti għall-iżvilupp sostenibbli, sabiex tipprovi investimenti fit-tul b'aktar effettività. It-tisħiħ tal-integrazzjoni ekonomika għas-sigurtà tal-kompetittività globali tal-UE għandha tkun ukoll il-prijorità tal-istrateġija kollha ta' investiment.

1.9. Il-KESE jinnota li, minflok ma jinvestu fl-ekonomija reali, partijiet mis-settur finanzjarju jippreferu oġettivi ta' investiment alternattivi. Ħafna drabi, dawn jiffavorixxu l-massimizzazzjoni ta' redditu fuq l-investiment b'riskju konsiderevoli ta' spekulazzjoni. Dan huwa appoġġat ukoll permezz ta' regoli tal-ekwità tal-banek Ewropej, li jiffavorixxu b'mod sinifikanti l-investimenti ta' titoli, b'mod partikolari f'bonds tal-gvern, aktar milli l-finanzjament ta' kreditu tal-kumpaniji. Għandu jiġi nnutat ukoll li s'sissa, il-leġislazzjoni tal-UE f'it li xejn affettwat ir-Regolament dwar l-intrapriżi finanzjarji ta' natura purament spekulattiva (Fondi Ħeġġ, shadow banks). Għalhekk, il-KESE jirrakkomanda lill-istituzzjonijiet tal-UE biex jiffavorixxu investimenti produttivi fl-ekonomija reali u biex jiġġieldu kontra l-ispekulazzjoni finanzjarja bi profil ta' riskju għoli. Eżempju attwali ta' dan l-iżvilupp: fil-laqgħa tal-FMI ta' din is-sena f'Washington il-finanzjament tal-ekonomija ekoloġika "Green Finance" kien tema ċentrali. Iċ-Ċiniżi rrikonoxxew kmieni dan il-qasam ġdid u ppromwovewh fil-kuntest tal-Presidenza Ċiniża tal-G20. Għaldaqstant, l-UE ukoll ikollha tieħu miżuri fil-qafas tal-EuVECA/EuSEF, li jippromwovu u jsaħħu l-finanzjament tal-ekonomija ekoloġika (b'segwitu għall-COP 21), sabiex taffaċċja spekulazzjoni bikrija f'dan il-qasam (*green finance*)<sup>(1)</sup>.

1.10. Fil-każ speċifiku tar-Regolament attwali, il-KESE jinnota li attwalment hemm varjetà ta' sorsi ta' finanzjament sostanzjali fil-livell tal-UE, bħal InnovFin taħt Orizzont 2020, COSME jew EaSI, flimkien mal-FSIE u l-FEIS. Għaldaqstant, il-KESE jistenna li ssir koordinazzjoni mill-qrib matul l-orjentazzjoni mill-ġdid tal-EuVECA u l-EuSEF. Huwa importanti li jiġi żgurat li l-kriterji tal-aċċess tal-Kummissjoni, li s'sissa kienu limitati ferm, kif ukoll kundizzjonijiet restrittivi oħrajn, jiġu ffaċilitati b'mod sinifikanti mill-Kummissjoni sabiex titjieb b'mod sostanzjali l-effettività tal-Fond f'konformità mal-oġettivi. Linja gwida għandu jkollha grad għoli ta' flessibilità.

1.11. Il-KESE jittama li r-reviżjoni twassal għal bidliet fir-regoli ta' kreditu tal-Ftehimiet Basel-III, sabiex flimkien mal-fattur għall-appoġġ tal-SME msejjaħ il-*Fattur ta' Sostenn għall-SMEs*, jiġi implimentat ukoll fattur għall-appoġġ ta' intrapriżi soċjali (*Fattur ta' Sostenn għall-Intrapriżi Soċjali*). Dan huwa maħsub biex inaqqas ir-rekwiżiti ta' kapital għar-riskju ta' kreditu fir-rigward ta' impenn finanzjarju fintrapriżi soċjali.

1.12. Sabiex tiġi estiża l-parteċipazzjoni f'tali fondi ta' investiment, il-KESE jipproponi li jiġi permess it-twaqqif ta' "Fond ta' Fondi". Dawn jistgħu jikkontribwixxu għal żieda fl-impenn ta' investituri mhux statutorji – anke fil-forma ta' assoċjazzjonijiet ta' interess, billi jiġi maħluq "Fond ta' Garanzija" iffinanzjat mill-fondi pubbliċi fil-livell tal-UE. Fondi bħal dawn għandhom jappoġġjaw investimenti fintrapriżi u f'istituzzjonijiet b'orientazzjoni soċjali b'saħħitha.

1.13. Il-KESE jqis importanti wkoll li jinħolqu oqfsa li permezz tagħhom l-oġettivi finanzjarji tal-fondi ta' investiment soċjali, bħall-Intrapriżi Soċjali (SE) u l-Organizzazzjoni tas-Settur Soċjali (SSO), ikunu jistgħu jiżviluppaw b'mod pożittiv. Dan jeħtieġ it-tneħħija ta' ostakoli bħal dawn li jagħmluha diffiċli b'mod sostanzjali għal dawn l-atturi biex joperaw f'"ambjent fil-livell tas-suq". B'mod partikolari, huma meħtieġa strumenti innovattivi biex jippermettu lis-settur pubbliku jistabbilixxi inizjattivi soċjali frabtiet kummerċjali ma' SE/SSO.

(1) [www.blackrock.com/corporate/en-mx/literature/whitepaper/bii-pricing-climate-risk-international.pdf](http://www.blackrock.com/corporate/en-mx/literature/whitepaper/bii-pricing-climate-risk-international.pdf).

1.14. Barra minn hekk, il-KESE jhegġegħ l-iffaċilitar tal-aċċess finanzjarju għall-hekk imsejħa “ekonomija tal-anzjani” għall-finijiet tal-opinjoni TEN/584 “L-anzjani onlajn, potenzjal ta’ 25 % tal-popolazzjoni Ewropea” permezz tal-EuVECA, kif ukoll tal-EuSEF. Dan għandu effetti pożittivi fuq il-baġits tal-pajjiżi individwali, minħabba li s-sistema tal-pensjoni tiġi ffaċilitata minn intraprendituri attivi li huma nisa anzjani. Dan joħloq katina tal-valur ġdida, li tiftaħ sorsi ġodda ta’ dħul għall-istat. Dan jgħodd ukoll għan-nisa<sup>(2)</sup> bħala intraprendituri u fundaturi nisa ta’ negozji ġodda, intraprendituri soċjali, eċċ.

## 2. L-għan ewlieni tal-proposta tal-Kummissjoni

2.1. Il-proposta għandha l-għan li tarmonizza l-fondi EuVECA u EuSEF mal-miżuri li diġà ġew miftehma fil-livell tal-UE biex jiġi stimulat l-irkupru ekonomiku (jiġifieri l-Pjan ta’ Investiment għall-Ewropa, Pjan ta’ Azzjoni għall-Bini ta’ Unjoni tas-Swieq Kapitali, il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi).

2.2. Skont il-Kummissjoni, l-aċċess għall-kapital ta’ riskju u għall-kapital għall-intrapriżi soċjali huwa l-aktar ħaġa importanti għall-finanzjament tat-tkabbir tan-negozji ġodda tal-UE, SMEs innovattivi u intrapriżi soċjali.

2.3. Madankollu, l-UE għadha lura meta mqabbla mill-Istati Uniti fir-rigward tas-suq tal-kapital ta’ riskju, u mhux qed tlaħħaq mal-Istati Uniti.

2.4. Għalhekk, il-Kummissjoni ser temenda l-oqfsa tal-EuVECA u tal-EuSEF qabel ir-reviżjoni ppjanata oriġinarjament (2017), sabiex tiżgura li – f’konformità ma’ miżuri oħrajn – dawn jikkontribwixxu aktar għat-tisħiħ tal-appoġġ tal-kapital ta’ riskju u investimenti soċjali fl-UE kollha kemm hi.

2.5. L-emenda proposta tiffoka fuq id-dispożizzjonijiet li ġejjin: i) kif il-fondi jinvestu fl-assi; ii) it-tip u l-mod kif il-manijer tal-fond jamministra l-fond; iii) kif iż-żewġ regolamenti jinteraġixxu ma’ liġijiet eżistenti tal-fondi tal-investiment; iv) ir-rekwiżiti li għandhom jiġu ssodisfati mill-fondi sabiex jużaw il-passaport transkonfinali.

2.6. Il-proposta tal-Kummissjoni hija bbażata fuq l-Artikolu 114 tat-TFUE u hija bbażata fuq valutazzjoni tal-impatt estensiva<sup>(3)</sup>.

## 3. Kummenti ġenerali u speċifiċi

3.1. Il-KESE jilqa’ l-inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea għar-reviżjoni tar-Regolamenti dwar Fond Ewropew ta’ kapital tar-riskju (EuVECA) u tal-Fond ta’ Intraprenditorija Soċjali Ewropew (EuSEF); huwa diġà ikkummenta b’mod pożittiv fl-opinjoni tiegħu dwar il-“Fond Ewropej ta’ kapital ta’ riskju”<sup>(4)</sup> u l-“Fond ta’ Intraprenditorija Soċjali Ewropej”<sup>(5)</sup> fl-ewwel proposti għall-implimentazzjoni fl-2012. Dan huwa wkoll b’mod partikolari fid-dawl tal-“Pjan ta’ azzjoni tal-UE dwar il-ħolqien ta’ unjoni tas-swieq kapitali”<sup>(6)</sup>.

3.2. Il-KESE japprova u jappoġġja l-isforzi għall-infurzar tal-finanzjament ta’ intrapriżi ġodda. Il-gruppi fil-mira huma SMEs, b’mod partikolari negozji ġodda, EPU, li għandhom il-kapaċità għall-innovazzjoni. Dan mhux biss fil-fażi tal-bidu, iżda b’mod partikolari fit-tieni u fit-tielet fażi tat-tkabbir. B’mod partikolari, għandha tingħata prijorità lill-SMEs li jikkbru b’rata mgħaġġla, iżda li huma żgħar wisq għas-suq kapitali u ma jissodisfawx il-kriterji għas-self. Il-fokus fuq intrapriżi li għandhom objettivi soċjali u mudell ta’ negozju sostenibbli (imprenditur soċjali) huwa daqstant importanti.

3.3. Il-KESE jqis li huwa meħtieġ li l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri jimplimentaw miżuri għall-iżvilupp ta’ strumenti ta’ kapitalizzazzjoni, ta’ investiment u ta’ finanzjament għal attivitajiet intraprenditorjali, li jservu biex jissupplimentaw il-kreditu bankarju. Madankollu għandu jiġi rikonnoxxut li bosta banek Ewropej – b’mod partikolari l-banek reġjonali bħall-kooperattivi u l-istituzzjonijiet finanzjarji fl-Istati Membri – implimentaw miżuri għall-appoġġ ta’ intrapriżi ġodda u huma fost l-aktar donaturi importanti għall-impredituri Soċjali għall-negozji ġodda innovattivi<sup>(7)</sup>.

<sup>(2)</sup> <http://www.imf.org/external/pubs/ft/sdn/2013/sdn1310.pdf>.

<sup>(3)</sup> Il-proposta hija bbażata wkoll fuq konsultazzjonijiet pubbliċi preċedenti – rigward il-Green Paper dwar it-Twaqqif ta’ unjoni tas-swieq kapitali (18 ta’ Frar 2015 sat-13 ta’ Mejju 2015), konsultazzjoni pubblika dwar ir-reviżjoni tar-Regolament (UE) Nru 345/2013 u tar-Regolament (UE) Nru 346/2013 (30 ta’ Settembru 2015 sas-6 ta’ Jannar 2016), konsultazzjoni pubblika permezz ta’ esplorazzjoni: Qafas tal-UE għas-servizzi finanzjarji (30 ta’ Settembru 2015 sal-31 ta’ Jannar 2016) u sessjoni ta’ ħidma teknika rilevanti (27 ta’ Jannar 2016).

<sup>(4)</sup> ĠU C 191, 29.6.2012, p. 72.

<sup>(5)</sup> ĠU C 229, 31.7.2012, p. 55.

<sup>(6)</sup> ĠU C 133, 14.4.2016, p. 17.

<sup>(7)</sup> Ara r-rapport tal-Ministeru Taljan għall-iżvilupp ekonomiku, li juri żieda sinifikanti fl-ammont ta’ finanzjament disponibbli minn banek żgħar, b’mod partikolari banek kooperattivi, għal negozji ġodda innovattivi (iċ-ċifri jinsabu iktar ‘il quddiem fit-test).

3.4. Madankollu, għandu jiġi nnutat li ħafna drabi mhux biss l-SMEs ikollhom ftit kapital, iżda wkoll l-impreduturi soċjali u negozji ġodda. Għaldaqstant, dawn ma jkunux jistgħu jissodisfaw il-kriterji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu estremament stretti minħabba s-CRD IV/CRR għas-self bankarju. Dan l-istat mhux sodisfaċenti jhedded li jiġb miegħu aktar issikkar permezz ta' Basel IV.

3.5. F'dan il-kuntest, il-KESE jemmen li l-aġġornament tar-Regolamenti EuVECA u EuSEF huwa xieraq, iżda mhuwiex l-unika miżura meħtieġa. Flimkien mat-titjib ta' dawn ir-Regolamenti, għandhom jittieħdu passi ulterjuri, sabiex tinħoloq kultura finanzjarja dinamika li tindirizza l-forom kollha tal-intrapriżi li attwalment jinsabu fis-suq. Minn naħa waħda, dan isaħħaħ l-intraprenditorija u min-naħa l-oħra jgħin fl-implimentazzjoni tal-pilastru soċjali tal-UE.

3.6. Għandu jiġi nnutat b'mod kritiku li parti mid-dinja finanzjarja ma għandha l-ebda interess fil-finanzjament sostenibbli tal-ekonomija reali, iżda tinvesti b'mod esklużiv fejn jista' jinkiseb rendiment għoli b'mod dirett, ħafna drabi f'perjodu ta' żmien qasir, bħal pereżempju bejn ix-xiri u l-bejgħ mill-ġdid ta' kumpaniji. L-istituzzjonijiet tal-UE ftit li xejn għamlu sforzi biex jillimitaw l-effetti ta' tali fondi tal-investiment/tal-banek ta' natura purament spekulattiva (Fondi Ħeġġ, shadow banks) u biex jissottoponu ruħhom għal reġim regolatorju rigoruż.

3.7. L-istituzzjonijiet tal-UE għandhom jagħmlu l-investimenti fattivitajiet kooperattivi tal-ekonomija reali aktar interessanti – mhux biss fi strumenti finanzjarji – anke permezz ta' inċentivi u għandhom jippreżentaw aġenda dwar żvilupp ambizzjuż.

3.8. Il-KESE huwa tal-istess fehma bħall-Kummissjoni, li permezz tal-iżvilupp ulterjuri tal-Fondi EuVECA u EuSEF, negozji innovattivi u impreduturi soċjali, kif ukoll SMEs jiksibu aċċess għall-kreditu bankarju u l-finanzjament jista' jiġi kkombinat ma' self u kapital ta' riskju f'termini ta' effett pożittiv. Il-KESE jirakkomanda l-iżvilupp ta' "Mod Ewropej tal-finanzjament ta' kapital ta' riskju".

3.9. Fl-analiżi tal-fond tal-kapital ta' riskju Ewropew, għandu jiġi nnutat li 8 mill-11-il fond l-aktar attivi huma appoġġjati minn fondi pubbliċi jew mill-parteċipazzjoni sostanzjali ta' istituzzjonijiet pubbliċi, filwaqt li l-Istati Membri individwali jaġixxu b'mod differenti. Għalhekk, il-KESE jirakkomanda proġetti ewlenin Ewropej, bħall-pjan ta' azzjoni għas-suq uniku diġitali, għall-unjoni tal-enerġija, kif ukoll għat-twaqqif tal-pilastru soċjali tal-UE li jkun orjentat lejn il-Fond.

3.10. Huwa meħtieġ, li l-orjentazzjoni l-ġdida tal-miżuri EuVECA u EuSEF tiġi kkoordinata b'mod mgħaġġel ma' dawn l-istrumenti li ġejjin: a) il-fond ta' investiment Ewropew; b) l-inizjattiva għall-unjoni tas-swieq kapitali; c) il-fond Ewropew għall-investimenti strateġiċi (li dejjem qiegħed isir aktar importanti, iżda li forsi għandu jitqies aktar mis-sistemi ekonomiċi u bankarji nazzjonali, li għandhom mhumieq jagħmlu użu sħiħ mill-potenzjal tiegħu).

3.11. Il-proposta għar-reviżjoni tar-Regolamenti EuVECA u EuSEF tikkontribwixxi biex jintlaħaq l-għan ċentrali tal-politika tal-UE: it-titjib fl-aċċess tal-SMEs u l-intrapriżi soċjali għall-kreditu. Il-KESE għalhekk jemmen li, r-regoli kreditarji rilevanti tal-Ftehim ta' Basel-III, li huma implimentati fl-UE permezz ta' Direttiva (CRD 4) u Regolament (CRR), għandhom jiġu emendati; għalhekk, minbarra l-fattur għall-appoġġ tal-SMEs ("Fattur ta' Sostenn għall-SME"), għandu jiġi inkluż ukoll fattur għall-appoġġ ta' intrapriżi soċjali (Fattur ta' Sostenn għall-Intrapriżi Soċjali) fis-CRR, sabiex jitnaqqsu b'mod drastiku r-rekwiżiti tal-fondi proprji għar-riskju ta' kreditu fl-impenn finanzjarju tal-intrapriżi soċjali. Dawn huma koeffiċjenti li jiġu determinati b'mod faċli, li ma jinvolvux spejjeż għall-finanzi pubbliċi tal-Istati Membri kkonċernati. Il-KESE jemmen li dawn huma essenzjali, minħabba li l-SMEs huma s-sinsla tal-ekonomija tal-UE u dawn jiżguraw il-kompetittività globali tal-UE. Għalhekk dawn huma l-aktar ħaġa importanti għat-tkabbir u għall-impjiegi.

3.12. Wieħed għandu jiftakar li f'ħafna każijiet, mhux biss l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali huma kkaratterizzati minn rabta qawwija mal-komunitajiet lokali, iżda wkoll l-SMEs differenti; dawn jistgħu jkunu interessati li jinvestu, pereżempju f'infrastrutturi soċjali jew fil-provvista tal-enerġija kooperattiva minn sorsi ta' enerġija rinovabbli<sup>(8)</sup>. Il-konfigurazzjoni attwali tar-Regolamenti għall-Fondi EuVECA u EuSEF tippermetti biss il-parteċipazzjoni ta' investituri professjonali. Madankollu, meta jkun hemm il-ħtieġa li tinkiseb espansjoni b'saħħitha tal-investimenti, il-KESE jemmen li għandha tiġi estiża l-firxa tal-investituri li huma potenzjonalment interessati.

<sup>(8)</sup> Fl-Italja, pereżempju, il-banek kooperattivi (Banche di credito cooperativo – BCC) nedew il-konsorzju tal-enerġija "Conorzio BCC Energia" permezz tal-assoċjazzjoni nazzjonali, li fiha aktar minn 110 banek kooperattivi ta' kreditu u jużaw l-akkwist pubbliku biex jiksibu l-enerġija (iġġenerata esklużivament minn sorsi tal-enerġija rinovabbli) fis-suq ħieles b'5-10 % inqas spejjeż. L-enerġija qiegħda tiġi offruta wkoll lill-membri tal-assoċjazzjoni u l-konsumaturi (djar, kumpaniji, awtoritajiet muniċipali) tal-komunitajiet, li l-banek kooperattivi ta' kreditu rispettivi huma attivi fihom.



3.13. Mingħajr preġudizzju għall-ħtieġa li tiġi żgurata protezzjoni xierqa għall-investituri, l-investituri motivati, mhux istituzzjonali huma permessi li jipparteċipaw f'dan il-fond. Diġà hemm metodi alternattivi ġodda tal-“ħolqien ta' aktar kapital” bħal pereżempju iż-żieda ta' finanzjament kollettiv, li ħafna drabi huma kompletament informali u mingħajr regoli ċari. Il-ftuħ moderat tal-Fondi EuVECA u EuSEF jista' jkun ta' interess ukoll għal investituri mhux istituzzjonali, u tista' tiġi inkluża wkoll il-possibbiltà tal-organizzazzjoni ta' investituri mhux istituzzjonali fi gruppi standardizzati.

3.14. Għandha tingħata wkoll attenzjoni lil dawk l-intrapriżi ta' daqs medju (sa 499 impjegat); dawn ma għandhom bl-ebda mod jiġu esklużi, sabiex it-tkabbir tagħhom, li ta' spiss huwa r-riżultat tal-iżvilupp tal-kumpaniji li oriġinarjament bdew bħala SME – jiġi kkonsolidat u jissaħħaħ aktar jekk dan ikun possibbli.

3.15. Il-prinċipju ta' sussidjarjetà jitqies bis-sħiħ f'din il-proposta; miżuri fil-livell tal-UE (minflok fil-livell nazzjonali) bl-għajnuna tal-Fondi EuVECA u EuSEF huma għalhekk milqugħin biex joħlqu qafas armonizzat fil-livell Ewropew, mingħajr ma tiġi limitata b'mod sinifikanti l-libertà tal-Istati Membri fir-rigward tal-approċċ ġenerali dwar is-suġġett tar-riskju ta' kapital. F'dan il-kuntest, il-KESE jilqa' r-Regolament. Qafas armonizzat aktar b'saħħtu jista' jgħin biex tiġi evitata l-konċentrazzjoni tal-kapital ta' riskju f'ċertu Stati Membri u jikkontribwixxi għal firxa ġeografika akbar, kif ukoll għal impatt akbar. Attwalment, l-investimenti fil-forma ta' kapital ta' riskju, jirrappreżentaw biss 0,1 % tal-PDG tal-UE u jiffukaw fuq ftit Stati Membri.

3.16. Soluzzjoni xierqa hi li l-manigġers ta' fondi alternattivi ta' investment jiġu permessi jaċċessaw il-Fondi EuVECA u EuSEF skont id-Direttiva 2011/61/UE, sabiex l-applikazzjoni u l-effetti ta' dawn il-fondi jiġu realizzati b'mezzi ta' kontrorreferenza għar-Regolamenti diġà eżistenti fil-livell Ewropew.

3.17. L-espansjoni kwalitattiva u kwantitattiva tal-aċċess tal-intrapriżi għall-fondi hija kompletament konsistenti mal-approċċ ġenerali tal-Kummissjoni għat-tisħiħ taż-żewġ fondi.

3.18. Tidher sinifikanti wkoll id-deċiżjoni li jinżamm livell minimu ta' investment għall-aċċess tal-fondi. Madankollu, il-mekkaniżmi għandhom jipromwovu l-espansjoni tal-parteciċipazzjoni: proposta possibbli tista' tkun l-istabbiliment ta' “fond ta' fondi” – possibbiltà li tissemma' wkoll fl-analiżi tal-Kummissjoni Ewropea li tinsab fl-anness tal-proposta għar-reviżjoni ta' dawn ir-Regolamenti.

3.19. Għandu jiġi mfaħħar ferm it-tnaqqis propost tal-ispejjeż amministrattivi għar-reġistrazzjoni, b'mod partikolari dawk li jindirizzaw it-tneħħija tal-ostakoli burokratiċi għall-iżvilupp sħiħ tal-miżuri appoġġjati mill-Kummissjoni, sabiex jiġi evitat li l-ispejjeż tal-aċċess ikollhom effett negattiv fuq l-investituri potenzjalment interessati. Dawn tal-aħħar għandhom ikunu jistgħu jikkonċentraw fuq il-potenzjal tal-iżvilupp tal-intrapriżi li jirċievu l-aċċess għall-kapital u mhux fuq l-ispejjeż tal-aċċess għal sistema kumplessa b'mod eċċessiv.

3.20. Ir-Regolament tekniku dwar ir-riżorsi proprji li l-investituri għandu jkollhom sabiex jiksbu aċċess għall-fondi ser jiġi trasferit b'mod korrett lil awtorità teknika bħall-ESMA. Dan huwa l-aħjar mod biex jiġi żgurat Regolament ta' kwalità għolja f'qasam speċjalizzat ħafna. Il-KESE jistenna li dawn ir-regolamenti sekondarji jiġu implimentati fi djalogu mal-partijiet ikkonċernati u bl-involvement tas-sħab soċjali, billi dawn jinġataw l-opportunità li jagħtu s-suġġerimenti u l-kummenti tagħhom dwar verżjoni preliminari tat-testi, fost oħrajn inkluż is-semplifikazzjoni ta' Regolamenti li xi kultant ikunu eżuberanti.

3.21. Il-fondi EuVECA u EuSEF jista' jkollhom rwol importanti fl-orjentazzjoni u t-tqegħid tal-investment, b'mod partikolari fl-oqsma tal-innovazzjoni, l-innovazzjoni soċjali u s-sostenibbiltà ekoloġika, f'konformità mal-punt fokali li dejjem jinżamm mill-Kummissjoni tal-UE. F'dan il-kuntest, l-implimentazzjoni ta' “Fond ta' Garanzija” tista' tkun sinifikanti għall-appoġġ u l-promozzjoni ta' investimenti fl-oqsma li għandhom valur soċjali, politiku u ambjentali għoli, li huma ġestiti mill-fondi pubbliċi u li huma ġestiti l-aħjar fil-livell Ewropew. Il-KESE jenfasizza li l-Kummissjoni Ewropea għandha timpenja ruħha għal miżuri komprensivi, li jħeġġu t-tkabbir għall-iżvilupp ta' strateġija olistika u komprensiva. L-ammont tal-miżuri speċifiċi ma għadux suffiċjenti biex tiżdied il-kompetittività tal-ekonomiji Ewropej f'ambjent globali li dejjem qiegħed isir aktar kumpless.

Brussell, l-14 ta' Diċembru 2016.

*Il-President*  
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*  
Georges DASSIS



**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 99/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-programm statistiku Ewropew tal-2013-17, billi jestendih għal 2018-2020”**

[COM(2016) 557 final – 2016/0265(COD)]

(2017/C 075/10)

Relatur: **is-Sur Petru Sorin DANDEA**

Konsultazzjoni	Parlament Ewropew, 15.9.2016 Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 26.10.2016
Bażi legali	L-Artikoli 304 u 338 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni Speċjalizzata għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali
Adottata fis-sezzjoni	29.11.2016
Adottata fil-plenarja	14.12.2016
Sessjoni plenarja Nru	521
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	221/1/4

## 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE japprova u jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni biex jiġi estiż il-programm statistiku Ewropew (ESP) attwali biex ikopri l-perjodu 2018-2020.

1.2. Il-KESE jaħseb li l-għażla ta' politika preferuta magħżula mill-Kummissjoni hija l-aħjar tweġiba għas-sejħiet mill-utenti tad-data, u se tikkontribwixxi wkoll għall-iżvilupp ta' prodotti statistiċi utli għal dawk li jfasslu l-politika, li b'hekk ikunu saħħew l-appoġġ statistiku meta jsawru l-politiki għas-Semestru Ewropew.

1.3. Il-KESE jaħseb li t-titjib tal-prodotti eżistenti u l-iżvilupp ta' prodotti ġodda huwa neċessarju sabiex jitkejjel il-progress tal-UE rigward is-17-il objettiv u l-169 mira tal-istrategġija tal-iżvilupp sostenibbli tan-NU, u għandu jkun prijorità għas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS).

1.4. Il-KESE jtenni proposta mressqa preċedement<sup>(1)</sup> u jirrakkomanda li l-Kummissjoni taħtaf l-opportunità pprovduta minn dan ir-regolament biex tintroduċi miżuri għall-iżvilupp tar-riċerka statistika fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri, biex b'hekk ikun jista' jiġi evalwat il-valur ekonomiku tal-volontarjat. Il-KESE huwa tal-fehma li l-approċċ metodoloġiku għandu jissejjes fuq il-Manwal dwar il-Kejl tal-Volontarjat tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol.

1.5. Il-KESE jaħseb li l-prodotti statistiċi ġodda proposti mill-Kummissjoni li jkejlu l-globalizzazzjoni għandhom jinkludu sondaġġi statistiċi li jkejlu l-effetti pożittivi jew negattivi fuq is-suq uniku, bħall-impatt tar-rilokazzjonijiet fuq is-suq tax-xogħol tal-UE jew il-presjoni ta' kompetizzjoni mhux ġusta bbażata fuq xogħol bl-irħis u n-nonkonformità mal-istandards tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) dwar ir-relazzjonijiet tal-impjeg, partikolarment fis-settur Ewropew tal-industrija u tas-servizzi.

1.6. Il-KESE japprova l-proposta tal-Kummissjoni biex tibda ħidma esploratorja fuq sondaġġ soċjali futur tal-UE. Dan is-sondaġġ għandu jinkludi wkoll data dwar l-idoneità tas-sistemi tas-sigurtà soċjali u s-sostenibilità tagħhom fis-sitwazzjoni demografika ġdida.

<sup>(1)</sup> Ara l-Opinjoni tal-KESE dwar “Għodod statistiċi biex jitkejjel il-volontarjat” (ĠU C 170, 5.6.2014, p. 11).

1.7. Fid-dawl tal-fatt li żdiedu l-flussi migratorji, il-KESE jirrakkomanda li n-nuqqasijiet fis-sondaġġi statistiċi dwar il-migrazzjoni u l-asil jiġu identifikati malajr, u li jiġu rimedjati. Il-programm dwar l-integrazzjoni tal-istatistika dwar il-migrazzjoni jrid jiġi implimentat bis-sħiħ, f'kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet nazzjonali tal-istatistika.

1.8. Il-KESE jirrakkomanda li l-Istati Membri jsaħħu l-investiment fl-iżvilupp tal-ESS sabiex tkun tista' tittratta d-domanda dejjem tikber għall-istatistika, li għandha tkun kapaċi tiżviluppa u xxerred malajr.

1.9. Il-KESE jtenni l-proposta mressqa f'Opinjoniġiet preċedenti<sup>(2)</sup>, fejn appella lill-Eurostat kif ukoll lill-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika biex ikollhom l-aqwa riżorsi possibbli umani, finanzjarji u tal-IT, peress li dan huwa essenzjali biex jitwettqu l-ħidmiet dejjem aktar diffiċli inerenti fl-għoti ta' informazzjoni statistika ta' kwalità għolja f'perjodu dejjem iqsar ta' żmien.

1.10. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-isforzi li saru mill-Kummissjoni u l-ESS biex titjieb il-kwalità tal-istatistika u biex jiġu żviluppati prodotti statistiċi ġodda m'għandhomx iwasslu għal żieda eċċessiva tal-piż amministrattiv fuq il-fornituri tad-data, l-unitajiet domestiċi u n-negozji.

1.11. Peress li l-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jistgħu jagħtu kontribut ewlieni għat-titjib tal-prodotti statistiċi sabiex ikunu jistgħu jirreaġixxu b'mod aktar effettiv għat-talbiet għal-data, il-KESE jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni rigward id-djalogo regolari li għandu jseħħ bejn l-ESS u l-utenti tad-data.

## 2. Proposta għal Regolament imfassal mill-Kummissjoni Ewropea

2.1. Il-Proposta tal-Kummissjoni Ewropea għal regolament<sup>(3)</sup> li jemenda r-Regolament (UE) Nru 99/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-programm statistiku Ewropew tal-2013-17, billi jestendih għall-2018-2020.

2.2. Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 jistipula li l-programm statistiku Ewropew għandu jipprovdi l-qafas għall-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid ta' statistika Ewropea għal perjodu li jikkorrispondi mal-qafas finanzjarju pluriennali. Ir-Regolament (UE) Nru 99/2013 ikopri biss il-perjodu 2013-2017, filwaqt li l-qafas finanzjarju pluriennali jintemm fl-2020. Konsegwentement, il-programm statistiku Ewropew għandu jiġi estiż sal-2020.

2.3. L-għan tal-proposta huwa li testendi l-ESP biex ikopri l-perjodu 2018-2020 u jipprovdi l-appoġġ finanzjarju li l-ESS teħtieġ sabiex tkun kapaċi:

- tipprovdi informazzjoni statistika ta' kwalità għolja u tagħlaq il-lakuni fl-istatistika li jeħtieġ li jiġu indirizzati bl-aktar mod urġenti, billi tiffoka fuq numru ta' oqsma prijoritarji li jirriflettu l-10 prijoritajiet politiċi tal-Kummissjoni;
- tibni l-kapacià permanenti meħtieġa biex twieġeb aktar malajr għall-ħtiġijiet emerġenti u tadatta l-infrastruttura tal-istatistika sabiex tisfrutta l-potenzjal ta' sorsi ta' data ġodda;
- issaħħaħ is-sħubija fi ħdan l-ESS u lil hinn minnha sabiex tkompli tikber il-produttività tagħha u jiġi żgurat ir-rwol ta' tmexxija tagħha fl-istatistika uffiċjali madwar id-dinja kollha.

2.4. Wara li wettqet evalwazzjoni tal-impatt u konsultazzjoni mal-partijiet interessati<sup>(4)</sup>, il-Kummissjoni għażlet għażla ta' politika ppreferuta minn fost il-ħamsa mħejjija inizjalment. L-opzjoni magħżula 2c għandu jkollha l-aktar impatt favorevoli fuq il-puntwalità, b'azzjonijiet ġodda li jiffukaw fuq it-tisħiħ tal-puntwalità għall-istatistika dwar l-inugwaljanza, il-faqar u l-privazzjoni materjali, u għad-data dwar l-enerġija u l-ambjent.

2.5. Il-baġit allokat għall-estensjoni tal-programm (2018-2020) huwa ta' EUR 218,1 miljun.

<sup>(2)</sup> Ara l-Opinjoni tal-KESE dwar il-"Proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Programm Statistiku Komunitarju" (ĠU C 175, 27.7.2007, p. 8).

<sup>(3)</sup> COM(2016) 557 final.

<sup>(4)</sup> Il-konsultazzjoni saret permezz tal-pjattaforma onlajn "Il-vuċi tiegħek fl-Ewropa" bejn it-23 ta' Lulju u l-15 ta' Ottubru 2015 u ngħatat pubbliċità permezz tal-mezzi ta' komunikazzjoni tal-Eurostat u l-istituzzjonijiet nazzjonali tal-istatistika (NSIs).

### 3. Kummenti ġenerali u speċifiċi

3.1. Peress li l-programm statistiku Ewropew jeħtieġ li jiġi allinjat mal-qafas finanzjarju pluriennali, il-KESE japprova u jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni li jiġi estż l-ESP attwali biex ikopri l-perjodu 2018-2020.

3.2. L-għażla ta' politika ppreferuta magħżula mill-Kummissjoni għandha tallinja aktar mill-qrib l-indikaturi statistiċi mal-10 prijoritajiet politiċi tal-Kummissjoni billi ttejjeb l-istrumenti statistiċi attwali u tiżviluppa prodotti ġodda. Il-KESE jaħseb li din l-għażla hija l-aħjar tweġiba għas-sejħiet mill-utenti tad-data, u se tikkontribwixxi wkoll għall-iżvilupp ta' prodotti statistiċi utli għal dawk li jfasslu l-politika, li b'hekk ikunu saħħew l-appoġġ statistiku meta jsawru politiki għas-Semestru Ewropew.

3.3. Il-KESE jappoġġja l-inizjattiva li jiġu inklużi sondaġġi li jkejlu l-progress dwar l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU fil-prodotti statistiċi l-ġodda. It-titjib ta' prodotti eżistenti u l-iżvilupp ta' prodotti ġodda huwa neċessarju sabiex jitkejjel il-progress tal-UE rigward is-17-il objettiv u l-169 mira tal-istrateġija tal-iżvilupp sostenibbli tan-NU, u għandu jkun prijorità għas-Sistema Ewropea tal-Istatistika.

3.4. Għal żmien twil, il-prodott domestiku gross (PDG) kien l-indikatur statistiku użat fil-livell globali sabiex jikejmel l-iżvilupp. Il-Kummissjoni għarfet il-limitazzjonijiet ta' dan l-indikatur meta ġiet biex tevalwa b'mod korrett l-iżvilupp soċjali jew ambjentali f'Komunikazzjoni <sup>(5)</sup> fl-2009. Il-KESE jtenni l-proposti mressqa f'Opinjoniġiet kemm dak iż-żmien kif ukoll sussegwentement <sup>(6)</sup>, u jqishom bħala pertinenti ħafna għall-Proposta tal-Kummissjoni għal Regolament.

3.5. Il-KESE jtenni proposta mressqa preċedentement <sup>(7)</sup> u jirrakkomanda li l-Kummissjoni taħtaf l-opportunità pprovduta minn dan ir-regolament biex tintroduċi miżuri għall-iżvilupp tar-riċerka statistika fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri, biex b'hekk ikun jista' jiġi evalwat il-valur ekonomiku tal-volontarjat. L-approċċ metodoloġiku għandu jissejjes fuq il-Manwal tal-ILO dwar il-Kejl tal-Volontarjat, li jinkludi deskrizzjoni li tenfasizza tliet karatteristiċi fundamentali. Huwa jinkludi definizzjoni deskrittiva tal-volontarjat li tenfasizza tliet karatteristiċi fundamentali: il-volontarjat huwa definit bħala xogħol li jinvolvi xogħol produttiv, ma jitħallasx, mhuwiex obbligatorju u mhuwiex utli għall-unità domestika tal-persuna li qed tagħmel il-volontarjat.

3.6. Il-kontijiet nazzjonali għandhom iqisu aktar l-indikaturi soċjali u ambjentali. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tkompli bl-isforzi tagħha f'dan il-qasam taħt l-ESP 2018-2020.

3.7. Fir-rigward ta' prodotti statistiċi ġodda li jkejlu l-globalizzazzjoni, il-KESE jaħseb li dawn għandhom jinkludu sondaġġi statistiċi li jkejlu l-effetti pożittivi jew negattivi fuq is-suq uniku, bħall-impatt tar-rilokazzjonijiet fuq is-suq tax-xogħol tal-UE jew il-prijoritajiet ta' kompetizzjoni mhux ġusta bbażata fuq xogħol bl-irħis u n-nonkonformità mal-istandards tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) dwar ir-relazzjonijiet tal-impjeg, partikolarment fis-settur Ewropew tal-industrija u tas-servizzi.

3.8. Il-KESE jaħseb li l-utenti tad-data jistgħu jsiru iżjed fiduċjużi hekk kif il-gvernijiet tal-Istati Membri jimplementaw ir-rakkomandazzjoni <sup>(8)</sup> mfasla mill-ESGAB (Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika) dwar l-istabbiliment tal-CoCS (Impenji dwar il-Fiduċja fl-Istatistika).

3.9. Il-KESE japprova l-proposta tal-Kummissjoni biex tibda ħidma esploratorja fuq sondaġġ soċjali futur tal-UE. Fid-dawl tal-fatt li l-popolazzjoni Ewropea qed tixjeh, dan is-sondaġġ għandu jinkludi wkoll data dwar l-idoneità tas-sistemi tas-sigurtà soċjali u s-sostenibilità tagħhom fis-sitwazzjoni demografika ġdida. Għandhom ukoll jiġu identifikati b'mod rapidu u korreġguti n-nuqqasijiet fis-sondaġġi statistiċi dwar il-migrazzjoni u l-asil.

<sup>(5)</sup> Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew – Il-PDG u lil hinn: Inkejlu l-progress f'dinja li dejjem tinbidel, COM(2009) 433 final.

<sup>(6)</sup> Ara l-Opinjoniġiet tal-KESE dwar "Il-PDG u lil hinn minnu — l-involviment tas-soċjetà ċivili fl-għażla ta' indikaturi komplementarii" (ĠU C 181, 21.6.2012, p. 14) u dwar "Il-PDG u lil hinn – Inkejlu l-progress f'dinja li dejjem tinbidel" (ĠU C 18, 19.1.2011, p. 64).

<sup>(7)</sup> Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 1.

<sup>(8)</sup> <http://ec.europa.eu/eurostat/documents/34693/7723121/ESGAB+Annual+Report+2016>

3.10. Il-KESE jtenni l-proposta mressqa f'Opinjoniġiet preċedenti<sup>(9)</sup>, fejn appella lill-Eurostat kif ukoll lill-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika biex ikollhom l-aqwa riżorsi disponibbli umani, finanzjarji u tal-IT, peress li dan huwa essenzjali biex jitwettqu l-ħidmiet dejjem aktar diffiċli inerenti fl-għoti ta' informazzjoni statistika ta' kwalità għolja f'perjodu dejjem iqsar ta' żmien. Il-KESE jirrakkomanda li l-Istati Membri jsaħħu l-investiment fl-iżvilupp tal-ESS sabiex tkun tista' tittratta d-domanda dejjem tikber għall-istatistika, li għandha tkun kapaċi tiżviluppa u xxerred malajr.

3.11. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-isforzi li saru mill-Kummissjoni u l-ESS biex titjeb il-kwalità tal-istatistika u biex jiġu żviluppati prodotti statistiċi ġodda m'għandhomx iwasslu għal żieda eċċessiva tal-piż amministrattiv fuq il-fornituri tad-data, l-unitajiet domestiċi u n-negozji.

3.12. Il-KESE jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea rigward id-djalogu regolari li għandu jseħħ bejn l-ESS u l-utenti tad-data. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jistgħu jagħtu kontribut importanti għat-titjeb tal-prodotti statistiċi sabiex ikunu jistgħu jirreaġixxu b'mod aktar effettiv għat-talbiet għal data. Fir-rapport annwali tiegħu għall-2016, l-ESGAB għamel proposta dwar dan.

Brussell, l-14 ta' Diċembru 2016.

*Il-President*  
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*  
Georges DASSIS

---

<sup>(9)</sup> Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 2.

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) 2015/1017 fir-rigward tal-estensjoni tad-durata tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi kif ukoll l-introduzzjoni ta’ titjib tekniku għal dan il-Fond u għaċ-Ċentru Ewropew ta’ Konsulenza għall-Investimenti”**

[COM(2016) 597 final – 2016/0276 (COD)]

(2017/C 075/11)

Relatur: **is-Sur Alberto MAZZOLA**

Konsultazzjoni	Kunsill tal-Unjoni Ewropea 26.9.2016 u Parlament Ewropew 3.10.2016.
Bażi legali	Artikoli 172, 173, 175 u 182 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.
Sezzjoni responsabbli	Unjoni Ekonomika u Monetarja u Koeżjoni Ekonomika u Soċjali
Adottat fis-sezzjoni	29.11.2016
Adottat fis-sessjoni plenarja	15.12.2016
Sessjoni plenarja Nru	521
Riżultat tal-votazzjoni	172/0/3
(favur/kontra/astensjonijiet)	

## 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew jappoġġja b'mod qawwi l-inizjattiva tal-Kummissjoni li testendi d-durata u żżid il-finanzjament tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) u jaqbel mal-għan tagħha u l-importanza tagħha għall-iżgurar tal-istabilità u ċ-ċertezza għall-investituri u l-promoturi tal-proġetti. Il-Kumitat huwa wkoll favur l-estensjoni tal-għażla taż-żmien u l-finanzjament tal-FEIS biex tiġi inkluża perspettiva li tkun saħansitra għal żmien itwal, biex ikun żgurat li l-intervent huwa sistematiku u mhux interrott.

1.2. Il-KESE jilqa’ r-riżultati pożittivi tal-ewwel sena tal-FEIS fl-immobilizzar immedjat tal-valur tal-investment previst u jikkunsidra b'mod partikolari t-“tieqa ta’ investment” tal-SME bħala suċċess. L-Osservatorju tas-Suq Uniku tal-Kumitat għandu jwettaq monitoraġġ kostanti tal-użu tal-FEIS għall-SMEs permezz ta’ indikaturi tal-impatt.

1.3. Fil-fehma tal-Kumitat, l-FEIS 2.0 għandu jimmira lejn involviment dejjem akbar tal-kapital privat, u jaqbeż it-62 % miksub fl-ewwel sena. F’dak ir-rigward il-Kumitat jipproponi li jikkunsidra b’attenzjoni l-estensjoni tal-kamp ta’ applikazzjoni tiegħu għal fergħat oħra ta’ finanzi minbarra l-banek: is-suq tal-bonds u l-fondi tal-assigurazzjoni u tal-pensjonijiet. Il-fondi tal-assigurazzjoni u tal-pensjonijiet Ewropej u internazzjonali jista’ jkollhom parti kruċjali fl-investimenti.

1.4. Il-KESE jenfasizza l-importanza li jinżamm enfasi mmexxi mis-suq, li jiġi kkunsidrat b'mod serju l-impatt soċjali u fuq l-impjeggi tal-FEIS, filwaqt li tiġi msaħħa l-addizzjonalità tal-FEIS fil-konfront ta’ strumenti oħra tal-UE u negozju normali tal-BEI. Il-KESE jiddispijaċih li l-FEIS ma jiżgurax li l-fondi ser jiġu investiti f’pajjiżi li l-aktar jeħtiġuhom. Jitlob biex l-FEIS jiżgura kopertura bilanċjata mill-aspett ġeografiku fl-UE kollha, filwaqt li jikkunsidra l-attività ekonomika globali ta’ kull pajjiż, il-ħolqien ta’ impjeggi ġodda u l-karattru mmexxi mis-suq u mid-domanda tal-inizjattiva, mingħajr ma jistabbilixxi kwoti bil-quddiem u jżomm biżżejjed flessibilità fost is-setturi li fih jintuża.

1.5. Il-fehma tal-Kumitat hija li l-FEIS 2.0 għandu jiffoka l-interventi tiegħu stess fuq setturi tal-futur bħall-Industrija 4.0, in-netwerks intelliġenti tal-enerġija, diġitali u tal-infrastruttura tat-trasport u l-protezzjoni ambjentali, proġetti transfruntiera, inklużi proġetti Ewropej fuq skala kbira f’setturi bl-ogħla multiplikaturi ekonomiċi tal-PDG, abbażi tal-ammont tal-potenzjal tal-investment, filwaqt li ma tiġix ittraskurata l-agrikoltura, sabiex jiġi massimizzat l-impatt tat-tkabbir u tal-impjeggi – inkluża l-possibilità li jinfetħu fondi oħra tal-UE, inklużi t-teknoloġiji b’użu doppju marbuta mal-industrija tas-sigurtà u tad-difiża u għandu jemenda l-lista tas-setturi esklużi mill-BEI.

1.6. Il-KESE jirrakkomanda l-appoġġ taċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti (EIAH), li għandu jżid l-operazzjonijiet tiegħu fid-diversi pajjiżi u jassumi rwol proattiv fir-reġjuni li huma l-anqas favoriti b'mod partikolari, isaħħaħ ir-rwol tal-Banek Promozzjonali Nazzjonali kif ukoll il-ħolqien ta' pjattaformi territorjali ta' assistenza. Għandha tiġi kkunsidrata wkoll il-possibilità li l-fondi strutturali u ta' investiment jintużaw biex proġetti tal-FEIS jiġu kofinanzjati bla kskiel u mingħajr ostakoli burokratiċi u biex jiġi żgurat djalogu aħjar mal-awtoritajiet lokali u reġjonali.

1.7. Il-KESE jitlob li tiġi rinforzata d-dimensjoni soċjali tal-użu tal-FEIS bħal fl-edukazzjoni, it-taħriġ u t-taħriġ vokazzjonali għall-ħiliet u t-tagħlim tul il-ħajja, l-iżvilupp ta' industriji kreattivi u kulturali, l-innovazzjoni fil-kura tas-saħħa u l-mediċina, u l-infrastruttura tas-servizzi soċjali, l-akkomodazzjoni soċjali u l-kura tas-saħħa, tat-turiżmu u tal-protezzjoni ambjentali. Il-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa għandu jappoġġja b'mod ċar l-impjenji tal-COP21.

1.8. Il-KESE jirrakkomanda li tiżdied il-viżibilità tal-finanzjament tal-FEIS permezz ta' kampanja ta' informazzjoni kbira fil-prattika madwar l-Unjoni, li jitnieda logo tal-FEIS biex jidher fuq l-inizjattivi finanzjati – b'mod speċjali dawk għall-SMEs – u li jissaħħaħ id-djalogu mal-awtoritajiet lokali u reġjonali.

1.9. Minħabba l-importanza tas-suċċess tal-FEIS għas-soċjetà ċivili u l-marka Ewropea, il-Kumitat jitlob li jiġi kkonsultat b'mod regolari biex jipprovi rapporti ta' informazzjoni dwar operazzjonijiet finanzjarji u ta' investiment u l-funzjonament tal-fond ta' garanzija. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-ħolqien tal-impjegi u lill-impatt ambjentali kif ukoll lill-evalwazzjoni minn esperti indipendenti tal-applikazzjoni tar-regolament u t-tibdil tal-FEIS permezz ta' indikaturi soċjoekonomiċi u ambjentali ċari u billi tiġi ċċarata l-addizzjonalità ta' din l-inizjattiva.

1.10. Fid-dawl tad-diversi effetti pożittivi tal-investiment soċjali, b'mod partikolari fis-suq tax-xogħol u l-finanzi pubbliċi, il-KESE jemmen li għandu jiġi kkunsidrat aktar kif il-Pjan Juncker 2 jista' jintrabat mal-objettivi tal-Pakkett tal-Investiment Soċjali.

## 2. Il-kuntest tal-iżvilupp tal-FEIS: il-qagħda preżenti

2.1. Fit-28 ta' Ġunju 2016, il-Kunsill Ewropew ikkonkluda li "[i]l-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa, b'mod partikolari l-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS), diġà ta riżultati konkreti u huwa pass importanti fil-mobilizzazzjoni ta' investiment privat filwaqt li jsir użu għaqli tar-riżorsi baġitarji skarsi".

2.2. Minn meta ġie ppreżentat il-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa f'Novembru 2014, bdiet terġa' tinkiseb ċerta fiduċja fl-ekonomija u t-tkabbir. Madankollu, għad hemm 22 miljun persuna qiegħda, l-investiment għadu 15 % taħt dak irreġistrat qabel il-kriżi fl-2008 u jinħtieġu EUR 300 biljun aktar ta' investiment kull sena biex jerġgħu jiġu rkuprati l-livelli ta' qabel il-kriżi. Għar-raba' sena konsekuttiva, l-UE qiegħda tirreġistra rkupru moderat, bi tkabbir ta' PDG ta' 2 % fl-2015: għalkemm proġetti akbar ta' investiment ma jistgħux jipproduċu effetti makroekonomiċi mill-ewwel, l-impenn imħaddan bis-sħiħ mal-pjan ta' investiment diġà qiegħed jagħti riżultati tangiċbli.

2.3. Fl-ewwel sena tal-operazzjonijiet tiegħu, il-FEIS wera s-solidità tal-pjan inizjali: implimentat u kosponsorjat mill-Grupp tal-BEI, jinsab fit-triq it-tajba biex iwassal l-objettiv tal-immobilizzar ta' mill-anqas EUR 315 biljun f'investimenti addizzjonali fl-ekonomija reali sa nofs l-2018. Operazzjonijiet approvati f'dik l-ewwel sena kienu jiswew aktar minn EUR 115 biljun, 62 % minnhom iffinanzjati minn investituri privati – fil-15 ta' Novembru 2016, EUR 154 biljun u 49 % tat-total mistenni<sup>(1)</sup>.

2.4. It-teħid mis-suq kien partikolarment rapidu fir-rigward tat-tieqa tal-SME, fejn ir-riżultati tal-FEIS qabżu sew l-aspettattivi: għal din ir-raġuni, it-tieqa żdiedet f'Lulju 2016 b'EUR 500 miljun fi ħdan il-parametri eżistenti tar-Regolament (UE) 2015/1017. Fl-aħħar tal-ewwel sena, l-operazzjonijiet li jibbenefikaw lill-SMEs kienu ġew approvati bl-ammont ta' aktar minn EUR 47 biljun – 64 % ta' dak li kien mistenni għat-tul kollu tat-tliet snin.

<sup>(1)</sup> Ċifri tal-Grupp tal-BEI. 12 ta' Ottubru 2016.



2.5. Inizjattiva konġunta tal-Kummissjoni Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investment, iżda bil-governanza tiegħu stess, il-FEIS qiegħed jgħin ukoll biex jiffinanzja l-proġetti ta' innovazzjoni u infrastruttura f'numru ta' setturi: attwalment, fil-15 ta' Novembru 2016, ir-riċerka u l-iżvilupp (20 %), l-enerġija (22 %), id-diġitalizzazzjoni (12 %), it-trasport (7 %), l-użu ambjentali u effiċjenti ta' riżorsi (4 %), u l-infrastruttura soċjali (4 %).

2.6. Il-Kumitat laqa' t-tnedija ta' Pjan ta' Investment għall-Ewropa u apprezza "il-bidla fit-ton lil hinn mill-awsterità u l-konsolidazzjoni fiskali". Huwa enfasizza li "Il-Pjan ta' Investment huwa pass fid-direzzjoni t-tajba iżda hemm għadd ta' mistoqsijiet serji dwar id-daqs tiegħu meta mqabbel mal-bżonnijiet ta' investment enormi tal-Ewropa, il-livell għoli ta' ingranaġġ mistenni, il-fluss potenzjali ta' proġetti ta' investment adatti, l-involvement tal-SMEs – b'attenzjoni partikolari għall-mikrointrapriżi u l-intrapriżi żgħir – u l-għażla taż-żmien tal-Pjan" <sup>(2)</sup>. Madankollu, il-KESE jiddispaċi li l-FEIS ma żgurax li l-fondi kienu investiti f'pajjiżi fejn l-iktar li kien hemm bżonn. L-Istati Membri li għaddejjin minn proċedura ta' żbilanċ eċċessiv skont il-parti korrettiva tal-Patt ta' Stabbiltà ma jistgħux jibbenefikaw minn xi flessibilità (ECOFIN 2012 u ECOFIN 2014).

2.7. Il-Kumitat ibbenefika mill-esperjenza u l-opinjoni, fil-biċċa l-kbira pożittivi dwar il-FEIS, ta' rappreżentanti tal-insieba soċjali u tas-soċjetà ċivili organizzata fis-seduta ta' smiġh li saret fl-10 ta' Novembru 2016.

### 3. Il-proposti tal-Kummissjoni

3.1. Il-Kummissjoni tipproponi li testendi d-durata tal-FEIS b'sentejn oħra – sal-2020 – u żżid il-garanzija tal-UE minn EUR 16 sa 26 biljun u l-kontribuzzjoni tal-BEI minn EUR 5 sa 7,5 biljun – l-għan huwa li jiġi xprunat l-investment għal madwar EUR 500 biljun matul dan it-tul ta' żmien. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni tipproponi li l-fond ta' garanzija jiżdied b'EUR 1,1 biljun, sa EUR 9,1 biljun. Din iż-żieda se tiġi ffinanzjata l-aktar b'fondi tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF) u d-dħul minn operazzjonijiet tal-BEI relatati mal-FEIS.

3.2. Ġew imfassla objettivi strateġiċi pluriennali tal-FEIS 2.0 għall-appoġġ ta' investment għal tkabbir f'konformità mal-prijoritajiet baġitarji tal-UE għas-setturi prijoritarji li ġejjin:

- l-infrastruttura strateġika b'investimenti diġitali u tal-enerġija f'konformità mal-politiki tal-UE;
- l-infrastruttura tat-trasport f'ċentri industrijali, l-ambjent, l-edukazzjoni, u r-riċerka u l-innovazzjoni;
- l-investimenti li jagħtu spinta lill-impjegi, b'mod partikolari permezz tal-finanzjament tal-SMEs u miżuri għall-impjieg taż-żgħażaġh;
- il-kapital uman, il-kultura u s-saħħa.

3.3. Skont il-Kummissjoni Ewropea, l-inizjattiva għandha tippermetti lill-BEI u lill-FEIS iwettqu operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investment ta' volum akbar f'dawn l-oqsma, u fil-każ tal-BEI, fi proġetti aktar riskjużi iżda ekonomikament sostenibbli bis-saħħa tal-garanzija tal-UE li jirċievi. L-effett multiplikatur involut huwa kapaċi jiġġenera investment ta' EUR 15 fi proġetti għal kull euro ta' garanzija – b'total ta' mhux anqas minn EUR 500 biljun bejn issa u l-aħħar tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali attwali.

3.4. It-tibdil ewlieni li l-Kummissjoni tipproponi għar-Regolament 2015/1017 jikkonċerna:

- it-tisħiħ tal-addizzjonalità tal-proġetti, inklużi proġetti ta' infrastruttura tranfruntiera u servizzi relatati, li ġew identifikati speċifikament bħala li jipprovdu addizzjonalità;
- iż-żieda fil-penetrazzjoni tal-FEIS f'reġjuni li jkunu għadhom lura u/jew ta' tranżizzjoni u li tkun aktar faċli li jiġu kombinati l-Fondi Strutturali u ta' Investment Ewropej (FEIS), l-Orizzont 2020 u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa mal-appoġġ tal-FEIS;
- l-appoġġ għal reġjuni li jkunu għadhom lura u ta' tranżizzjoni permezz ta' referenza espliċita għal kwalunkwe industrija li altrimenti ma tkunx koperta fl-objettivi ġenerali;
- konċentrazzjoni akbar tal-FEIS fuq proġetti biex jiġu sodisfatti l-għanijiet tal-COP 21 u prijoritajiet ta' tibdil fil-klima;

<sup>(2)</sup> Opinjoni tal-KESE dwar Pjan ta' Investment għall-Ewropa (ĠU C 268, 14.8.2015, p. 27).

- il-possibilità li jiġu inklużi proġetti ta' investiment relatati mad-difiża fl-FEIS, minħabba l-effett multiplikatur ekonomiku;
- il-promozzjoni tal-għanijiet ta' diversifikazzjoni settorjali u ġeografika tal-FEIS filwaqt li jiġi salvagwardjat l-enfasi mmexxi mis-suq;
- aktar trasparenza fil-proċess ta' governanza tal-FEIS.

#### 4. Kummenti ġenerali

4.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew jappoġġja b'mod qawwi l-inizjattiva tal-Kummissjoni li testendi kemm idurata u kif ukoll il-finanzjament tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS), filwaqt li jaqbel mal-għan u l-importanza tagħha fil-promozzjoni tal-iżvilupp tal-investiment fl-Unjoni Ewropea. Il-Kumitat itenni l-pożizzjoni li ħa qabel<sup>(3)</sup> dwar il-ħtieġa għal pjan Ewropew għat-tkabbir u l-impjiegi li jinkorpora FEIS aktar ambizzjuż flimkien ma' programmi ta' tkabbir Komunitarji oħra, b'mod speċjali l-Orizzont 2020, is-CEF u l-Fondi Strutturali. Il-KESE jappoġġja l-ftuħ ta' Fondi oħra tal-UE biex tiġi appoġġjata finanzjarjament il-garanzija ta' investiment fis-setturi speċifiċi tagħhom.

4.2. Dawn il-programmi ta' għotja kif ukoll l-investimenti pubbliċi jridu jinżammu u ma jiġux imminati fl-ispeċifiċità tagħhom għall-importanza tagħhom u l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom għat-tkabbir u l-impjiegi.

4.3. Il-KESE jilqa' r-riżultat pożittiv tal-ewwel sena tal-FEIS fl-immobilizzar immedjat tal-valur tal-previżjoni tal-investiment – filwaqt li għadu jistenna analiżi kwalitattiva u kwantitattiva aktar preċiża tar-riżultati – u jikkunsidra t-“tieqa ta' investiment” tal-SME bħala suċċess. Iwassal dak li qal il-Kumitat dwar ir-rwol tal-FEIS fir-rigward tal-kapital ta' riskju u l-ħtieġa li jiġi ffinanzjat it-tkabbir tal-ħolqien tal-impjiegi u tan-negozju, b'mod speċjali l-SMEs<sup>(4)</sup>.

4.4. Il-fehma tal-Kumitat hija li s-suċċess tal-FEIS għall-SMEs huwa parzjalment riżultat ta' problemi persistenti fil-mekkaniżmu għat-trasferiment ta' fondi mill-banek għall-kumpaniji, kif muri mid-depożiti li baqgħu ma ntmessux fil-BĊE; f'dan ir-rigward, l-Osservatorju tas-Suq Uniku tal-KESE għandu jimmonitorja b'mod kostanti l-użu tal-FEIS għall-SMEs permezz ta' indikaturi tal-impatt.

4.5. Fil-fehma tal-Kumitat, l-FEIS 2.0 għandu jimmira lejn involviment dejjem akbar tal-kapital privat, li, jekk ikun possibbli, jaqbeż it-62 % miksuba fl-ewwel sena. F'dak ir-rigward il-Kumitat jipproponi li jikkunsidra b'attenzjoni l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tiegħu għal fergħat oħra ta' finanzi minbarra l-banek: is-setturi finanzjarji, is-suq tal-bonds u l-fondi tal-assigurazzjoni u tal-investimenti<sup>(5)</sup>. Il-KESE jaqbel mal-ħtieġa ta' fond addizzjonali mmirat primarjament lejn l-immobilizzar tal-investiment privat. Fil-livell Ewropew, investituri istituzzjonali jimmaniġġjaw assi bl-ammont ta' EUR 13 500 biljun<sup>(6)</sup>, li minnhom anqas minn 1 % huma investiti fl-infrastruttura.

4.6. Il-KESE jitlob lill-istituzzjonijiet Ewropej biex jirriflettu dwar il-possibilità li tiġi permessa aktar flessibilità għall-Istati Membri f'sitwazzjonijiet diffiċli biex iżidu l-investimenti pubbliċi, biex jiffinanzjaw permezz tal-infrastruttura tal-FEIS u r-riċerka, l-edukazzjoni ta' kwalità għolja, il-kura tat-tfal, il-kura tas-saħħa u s-servizzi soċjali.

4.6.1. Biex jiżiedu dawn il-fondi hemm bżonn ta' bidla fir-regoli tas-suq uniku għall-kapital, bħad-Direttiva Solvibilità II, li jfjixklu l-investiment fl-infrastruttura mill-fondi Ewropej tal-assigurazzjoni u tal-pensjonijiet. Fil-Kanada, pereżempju, is-sehem ta' dawn il-fondi fl-investiment fl-infrastruttura – inkluża l-infrastruttura Ewropea – jilħaq 1il-15 % tal-assi mmaniġġjati. Pjattaforma ffinanzjata mis-CEF, il-BEI u l-fondi tal-assigurazzjoni tista' ttaffi dawn il-problemi u tiggarrantixxi l-użu proprju ta' dawn il-fondi.

4.7. Fil-fehma tal-Kumitat, huwa importanti għas-suċċess tal-FEIS 2.0 li jinżamm il-karattru mmexxi mis-suq tiegħu u li tissaħħaħ l-addizzjonalità tal-FEIS fil-konfront ta' strumenti oħra tal-UE u l-attività ewlenija tal-BEI: kull proġett individwali ewlieni m'għandux biss ikun konsistenti mal-politiki tal-UE, iżda għandu jiġi ġġudikat ukoll fuq il-merti tiegħu stess u r-riżultati ekonomiċi mistennija.

<sup>(3)</sup> Ara n-nota nru 1 f'qiegħ il-paġna.

<sup>(4)</sup> Opinjoni tal-KESE dwar *It-tkabbir u d-dejn sovrani fl-UE: żewġ approċċi innovattivi* (ĠU C 143, 22.5.2012, p. 10).

<sup>(5)</sup> Ara n-nota nru 1 f'qiegħ il-paġna.

<sup>(6)</sup> Pjan ta' Azzjoni tal-UE nagħmlu l-aħjar użu minn skemi finanzjarji ġodda.

4.8. Il-KESE jaqbel dwar in-neċessità li tiġi appoġġjata l-addizzjonalità tal-proġetti appoġġjati mill-FEIS biex b'hekk jiżiedu l-bankabilità/finanzjabilità ta' proġetti aktar riskjużi. Barra minn hekk, il-kriterji ta' ammissibilità jridu jinkludu r-rekwiżit li proġetti appoġġjati jindirizzaw fallimenti tas-suq u sitwazzjonijiet ta' investiment mhux ottimali, u li l-proġetti transfruntiera u servizzi oħrajn relatati huma speċifikament identifikati bħala proġetti li jissodisfaw intrinsikament ir-rekwiżit ta' addizzjonalità, biex b'hekk jiġi żgurat li l-pjan ta' investiment jerġa' jagħti spinta b'mod effettiv lill-ekonomija tal-Ewropa u jippromwovi l-ħolqien tal-impjiegi u l-koeżjoni ekonomika u soċjali.

4.9. Il-KESE jitlob bis-saħħa biex il-FEIS jintuża b'mod aktar intensiv fl-edukazzjoni, it-taħriġ, u-taħriġ vokazzjonali għall-ħiliet u tul il-ħajja, fl-iżvilupp tal-industriji kreattivi u kulturali, il-kura tas-saħħa u l-infrastruttura soċjali u tat-turiżmu.

4.10. Il-Kumitat isostni li l-FEIS irid jimxi lejn kopertura bilanċjata ġeografikament fl-UE kollha li tikkunsidra l-attività ekonomika globali ta' kull pajjiż u l-etos immexxi mis-suq u mid-domanda tal-inizjattiva, mingħajr ma jstabbilixxi kwoti bil-quddiem u filwaqt li jżomm biżżejjed flessibilità fl-allokazzjoni tal-fondi bejn is-setturi. Il-KESE jaqbel li jkun loġiku li jissaħħaħ iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti (EIAH) sabiex iżid l-operazzjonijiet tiegħu stess fid-diversi pajjiżi. Japprova wkoll il-possibilità li l-fondi strutturali u ta' investiment jintużaw biex proġetti tal-FEIS jiġu kofinanzjati mingħajr xkiel u mingħajr ostakoli burokratiċi.

4.10.1. Ir-rwol taċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti (EIAH) u dak tal-Banek Promozzjonali Nazzjonali għandu jiġi estiż mhux biss biex jipprovdi servizzi ta' assistenza teknika aktar immirati fil-livell lokali fl-UE kollha, iżda anke biex tiġi żgurata komunikazzjoni aħjar bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-FEIS 2.0.

4.10.2. Ir-rwol tal-banek promozzjonali nazzjonali, fis-suċċess tal-FEIS huwa essenzjali wkoll. L-UE u l-gvernijiet nazzjonali, permezz tal-FEIS, għenu u jeħtieġ li jibqgħu jagħtu dejjem aktar appoġġ għall-proġetti kemm f'żona ġdida kif ukoll f'siti abbandunanti li kieku ma jkunux vijabbli finanzjarjament. Dan huwa partikolarment minnu għal proġetti b'riskju ta' domanda/użu mhux kwantifikabbli. Dan ir-riskju jista' jiġi mmitigat permezz tal-użu parzjali ta' garanziji provduti mill-banek promozzjonali nazzjonali, li f'ħafna każijiet jistgħu ibiddu tranżazzjoni mhux kummerċjabbli għal waħda kummerċjabbli għall-investituri istituzzjonali.

4.11. Il-KESE jaqbel mal-idea li: "il-kontribuzzjonijiet għall-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) mill-Istati Membri ma jiġux inklużi fil-kalkoli tad-defiċit tal-baġit" u jixtieq jara dan il-prinċipju estiż għall-programmi ta' investiment, pereżempju fil-forma ta' regola tad-deheb proprja għall-investiment pubbliku strateġiku.

4.12. Fil-fehma tal-Kumitat, kemm biex jiġi xkattat l-investiment Ewropew kif ukoll biex jiġi attirat l-investiment barrani <sup>(7)</sup> – li għandu jiġi previst fir-Regolament fuq bażi reċiproka – u biex jinkiseb b'mod effettiv ingranaġġ ta' 1 għal 15 bejn il-garanzija u l-investiment, mhux biss iridu jergħu jingħataw spinta l-ekonomija u t-tkabbir tal-Ewropea, iżda trid tiġi aċċellerata wkoll l-implimentazzjoni sħiħa tat-tielet pilastru tal-pjan ta' investiment billi jsiru riformi strutturali, jitneħħew l-ostakoli għall-investiment, u tiġi inkorporata l-kontribuzzjoni tal-FEIS.

4.13. Il-KESE jirrakkomanda li l-finanzjament tal-FEIS għandu jsir aktar viżibbli permezz ta' kampanja ta' informazzjoni kbira fil-prattika u li l-logo tal-FEIS, b'mod partikolari fil-każ tal-SMEs, jitqiegħed fuq kull kuntratt ta' finanzjament li jinkludi l-appoġġ tal-FEIS. Il-Kumitat jikkunsidra l-monitoraġġ tal-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment u tat-tmexxija u l-ħidma tal-fondi ta' garanzija bħala importanti għas-soċjetà ċivili kollha li jirrappreżenta u għall-awtoritajiet lokali u reġjonali – kif inhi importanti wkoll l-evalwazzjoni minn esperti indipendenti tal-applikazzjoni tar-Regolament tal-FEIS u l-emendi għalih. Il-KESE għalhekk jitlob li rapporti ta' dan it-tip jiġu ppreżentati mhux biss lill-Parlament u lill-Kunsill, iżda anke lill-KESE u l-KtR.

<sup>(7)</sup> Ara, pereżempju, il-programm Ċiniż *One Belt One Road* (Ċinturin Wieħed Triq Waħda).

## 5. Kummenti speċifiċi

5.1. F'termini ta' setturi prijoritarji, l-FEIS 2.0 għandu jipprovdi finanzjament bilanċjat u flessibbli, abbażi tal-volum tal-investiment potenzjali, lid-diversi setturi tal-ekonomija u b'mod speċjali lill-enerġija u d-diġitalizzazzjoni, l-ekonomija ċirkolari u l-għanijiet tas-COP 21, in-netwerks tat-trasport u transfruntiera sostenibbli, kif ukoll setturi bħall-agrikoltura, il-bijoeconomija, il-manifattura u servizzi f'reġjuni li jkunu għadhom lura u ta' tranżizzjoni sabiex isir l-aħjar impatt possibbli fuq l-impjegji, inklużi teknoloġiji b'użu doppju relatati mal-industrija tas-sigurtà u d-difiża li jappoġġjaw il-varar ta' bażi industrijali u teknoloġika tad-difiża Ewropea (EDTIB) unika b'saħħitha u definita b'mod aktar ċar b' "koordinazzjoni akbar u pjanar komuni, bil-ħsieb li nimxu lejn Unjoni Ewropea tad-Difiża" <sup>(8)</sup>.

5.1.1. Il-Kumitat jirrakkomanda b'mod speċjali l-appoġġ tad-diġitalizzazzjoni tal-industrija tal-manifattura (Industrija 4.0), l-iżvilupp sikur u uniformi tal-cloud networks u ċ-ċentri tad-data.

5.2. Sa fejn hija kkonċernata l-governanza tal-FEIS, il-KESE jemmen li jkun loġiku li ssir rotazzjoni tar-rappreżentanza mill-Kummissjoni Ewropea, minbarra d-DĠ ECFIN, u l-BEI fil-kumitat ta' tmexxija sabiex jiddaħħlu rappreżentanti ta' DĠs f'setturi bħat-trasport, id-diġitalizzazzjoni u l-ambjent, sabiex jiġi promoss il-finanzjament ibbilanċjat fis-setturi kollha. Il-kumitat għall-investiment li jiddeċiedi liema proġetti se jiġu appoġġjati mill-garanzija tal-UE jrid ikun ukoll indipendenti għalkollox u jieħu deċiżjonijiet trasparenti mingħajr indħil mill-BEI, il-Kummissjoni Ewropea jew kontributori pubbliċi jew privati oħra. Għandu jiġi estizukoll biex jinkludi esperti speċifiċi għas-settur li jistgħu jipprovdu għarfien speċjalizzat dwar is-sitwazzjoni tas-swieq ġeografiċi għal intervent.

5.3. Il-FEIS għandu ħafna aktar finanzjament minn inizjattivi Komunitarji oħra u bħala tali jippermetti investiment fi proġetti Ewropej fuq skala kbira li jiswew aktar minn EUR 10 biljun, appoġġjati prinċipalment minn kapital privat <sup>(9)</sup>. Biex jiġu implimentati dawn il-proġetti, il-Kumitat huwa tal-fehma li r-rwol proattiv tal-Kummissjoni jeħtieġ li jissaħħaħ sabiex ikun jista' jappoġġja t-tneċċija konġunta ta' diversi programmi Ewropej u jiġi determinat il-qafas regolatorju xieraq, b'mod speċjali fis-settur tat-trasport, l-enerġija u n-netwerks tal-ITC, li għandhom l-ogħla multiplikaturi ekonomiċi tal-PDG.

5.4. Fil-fehma tal-KESE, il-FEIS għandu jiffoka aktar fuq l-ekonomija diġitali kollaborattiva fl-Ewropa, bil-promozzjoni tal-Pjattaformi ta' Investiment Ewropew biex jitrawwem it-tkabbir ta' negozji li jkunu għadhom kemm fetħu f'dan is-settur biex jinħolqu impjegji ta' kwalità. Ser jiġu garantiti d-drittijiet tal-ħaddiema, kif ukoll il-protezzjoni tal-konsumatur.

Brussell, il-15 ta' Diċembru 2016.

*Il-President*  
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew  
Georges DASSIS

<sup>(8)</sup> Ara l-opinjoni tal-KESE dwar "L-Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-Politika Estera u ta' Sigurtà" (ĠU C 264, 20.7.2016, p. 1).

<sup>(9)</sup> Pereżempju: is-sistema Ewropea ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru, is-Sistema ta' Tmexxija tat-Traffiku Ferrovjarju Ewropew (ERTMS), is-Sewqan Konness u Awtomatiku, il-grilja interkonnessa lil hinn mill-Kosta tal-Baħar tat-Tramuntana għall-parks oleiċi, Komputazzjoni ta' Prestazzjoni Għolja Gigabyte industrijali, u l-implimentazzjoni tal-broadband madwar l-Ewropa.

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill Rieżami/reviżjoni ta’ nofs it-terminu tal-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020 Baġit tal-UE ffukat fuq ir-riżultati”**

[COM(2016) 603 final]

**“Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020”**

[COM(2016) 604 final – 2016/0283 (APP)]

**“Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2012/2002, Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, EU Nru 1304/2013, (UE) Nru 1305/2013, (UE) Nru 1306/2013, (UE) Nru 1307/2013, (UE) Nru 1308/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, (UE) Nru 652/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill”**

[COM(2016) 605 final – 2016/0282 (COD)]

(2017/C 075/12)

Relatur: **is-Sur Stefano PALMIERI**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 20.4.2016 Kunsill, 9.12.2016
Bażi legali	L-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropa
Kummissjoni kompetenti	Sezzjoni għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali
Deċiżjoni tal-Uffiċċju tal-President-za	20.9.2016
Adottata fis-sessjoni plenarja	14.12.2016
Sessjoni plenarja Nru	521
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	169/5/9

## 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jifhem l-isforzi tal-Kummissjoni fil-proposta tagħha dwar ir-reviżjoni ta’ nofs it-terminu tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) 2014-2020, u japprezza l-introduzzjoni ta’ dispożizzjonijiet dwar il-flessibbiltà sabiex tindirizza l-kriżijiet mhux mistennija tas-snin riċenti. Iqis, madankollu, li l-qafas propost mhuwiex biżżejjed biex jindirizza l-isfidi u l-prijoritajiet tal-Unjoni Ewropea (UE), b’mod partikolari fir-rigward tal-proġett politiku Ewropew li bħalissa qed jitqajmu dubji dwaru.

1.1.1. Illum is-soluzzjoni għall-isfidi u l-kriżijiet globali għandha bilfors tikkostitwixxi rispons flivell Ewropew. Għal din ir-raġuni, il-KESE jemmen li l-QFP attwali u dak wara l-2020 għandhom jikkonċentraw ir-riżorsi proprji b’mod adatt u jallokawhom għall-programmi li:

- jippermettu r-rilanċ tal-iżvilupp ekonomiku, soċjali u ambjentali (inkluż il-ftehim ta’ Pariġi dwar it-tibdil fil-klima), l-impjeg u l-kompetittività;
- jistgħu jirreaġixxu għall-kriżi tal-migrazzjoni u tar-refugiati, għall-kwistjonijiet ta’ sigurtà interna, għall-emerġenzi barranin u għall-kriżi fis-settur agrikolu.

1.2. Għall-KESE, ir-reviżjoni ta’ nofs it-terminu tal-QFP 2014-2020 u d-diskussjoni dwar l-QFP ta’ wara l-2020 għandhom jitmexxew f’konformità sħiħa mal-Artikolu 3 tat-Trattat ta’ Lisbona, filwaqt li jiġi żgurat li ċ-ċittadini tal-UE jiġu garantiti kundizzjonijiet ta’ għajxien deċenti li jħarsu l-benessri tagħhom, u mal-Artikolu 311 tat-TFUE, li abbażi tiegħu “l-Unjoni għandha ttipprovdi għaliha nnifisha l-mezzi meħtieġa sabiex tikseb l-għanijiet tagħha u ttwettaq b’suċċess il-politika tagħha”.

1.3. Il-KESE jikkundanna b'mod partikolari l-kriżi ta' solidarjetà fi ħdan l-UE li għandha tiġi indirizzata u solvuta. Mhuwiex aċċettabbli li ċerti Stati Membri jaċċettaw il-prinċipju ġust tas-solidarjetà fl-eżerċizzju tal-allokkazzjoni tar-riżorsi tal-QFP 2014-2020 u, fl-istess ħin, ma jkunux lesti biex jindirizzaw l-emerġenza ta' refuġjati u migranti.

1.4. Il-kapaċità tal-UE li tindirizza l-isfidi preżenti u futuri se tiddependi fuq in-natura kwalitattiva u fuq id-dimensjoni kwantitattiva tal-istrategġiji ta' intervent tagħha. Id-dibattitu dwar il-QFP għandu jiffoka fuq il-funzjonalità tiegħu – kemm f'termini ta' riżorsi allokatu kif ukoll l-istruttura tal-baġit – dwar kif l-UE tingħata l-mezzi meħtieġa biex issegwi l-prijoritajiet strateġiċi tagħha mingħajr ma żżid il-piż fiskali għaċ-ċittadini u n-negozji, jiġifieri dwar kif tista' tipprovdi "valur miżjud" fil-livell Ewropew mingħajr ma jiżdied il-piż fuq iċ-ċittadini. Valur miżjud Ewropew li dwaru hemm kunsens politiku wiesa' biex jingħata appoġġ għall-azzjoni tal-UE f'mod li jiġu garantiti benefiċċji reali għaċ-ċittadini tagħha.

Fost l-elementi bl-akbar valur miżjud Ewropew, il-KESE jidentifika: il-kontribut għall-finanzjament tal-investimenti kbar u tal-innovazzjoni (Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi – FEIS); l-isfruttar tal-benefiċċji potenzjali tal-migranti u r-refuġjati għall-ekonomija, is-suq tax-xogħol u d-dinamiżmu tas-soċjetà; il-monitoraġġ u s-segwitu fl-implimentazzjoni taċ-ċiklu 2014-2020 tal-Fondi Strutturali u ta' investiment Ewropej (FSIE); it-tisħiħ tal-pilastru soċjali. Strument speċifiku jista' jkun utli u neċessarju sabiex jindirizza l-qgħad fost iż-żgħażaġh, l-impjeg prekarju u l-fenomeni ta' żgħażaġh barra mill-edukazzjoni, impjeg jew taħriġ (NEET).

1.4.1. Rigward l-aspett kwantitattiv tar-reviżjoni tal-QFP, il-KESE jaqbel maż-żieda ta' riżorsi għal xi kategoriji ta' nfiq meqjusa effikaċi ħafna, jiġifieri l-Orizzont 2020, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF), Erasmus +, COSME u Wifi4EU, kif ukoll l-estensjoni tal-FEIS u l-Inizjattiva favur l-Impjeg taż-Żgħażaġħ (YEI).

1.4.2. Il-KESE jaqbel ukoll dwar approprjazzjonijiet ġodda biex jindirizzaw il-kriżi tal-migrazzjoni (gwardja tal-fruntiera u l-kosta Ewropea, Europol, aġenzija għall-asil, sistema komuni tal-asil ta' Dublin, appoġġ ta' emerġenza fi ħdan l-UE u sistema ta' dħul/ħruġ) u l-kundizzjonijiet ta' instabbiltà politika u ekonomika fil-pajjiżi ġirien (il-qafas ta' sħubija, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-assistenza makrofinanzjarja, mandat ta' finanzjament estern għall-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI), aġġustament tekniku tal-allokkazzjonijiet tal-politika ta' koeżjoni).

1.5. Dwar il-parti kwalitattiva tar-reviżjoni tal-QFP, il-Kumitat jaqbel mal-għan li jiġu stabbiliti regoli finanzjarji ġenerali u settorjali iktar sempliċi u flessibbli, u għalhekk japprezza b'mod partikolari s-semplifikazzjoni tar-reqwiziti amministrattivi applikabbli għall-benefiċjarji tal-fondi Komunitarji, u tar-reqwiziti tal-kontroll, l-awditjar u r-rappurtar.

1.5.1. Madankollu, l-introduzzjoni ta' prinċipji dwar infiq aħjar (better spending) u bbaġitjar ibbażat fuq il-prestazzjoni (performance based budgeting) ma għandhiex bilfors isservi biex tnaqqas l-infiq f'setturi jew programmi li l-valutazzjoni tagħhom tkun inqas evidenti minn ta' oħrajn, minħabba li l-benefiċċji tagħhom jirriżultaw fuq perġodu ta' żmien twil jew diffiċli jiġu kwantifikati. Dan jista' jkun partikolarment ta' ħsara għal programmi bħall-Orizzont 2020, is-CEF u COSME.

1.5.2. Il-KESE huwa favur inċentivi li jistgħu jippromovu l-infiq responsabbli, minn naħa waħda, u sistema ta' monitoraġġ adatta u f'waqtha għall-għanijiet fl-oqsma ta' politika differenti tal-baġit tal-UE, min-naħa l-oħra.

1.6. Rigward id-dibattitu dwar il-proposta għall-QFP ta' wara l-2020, il-KESE jitlob li diġà minn issa ssir valutazzjoni bir-reqqa tar-riżultati tal-baġit attwali, anke fid-dawl tar-reviżjoni ta' nofs it-terminu, filwaqt li ssir diskussjoni dwar il-prijoritajiet li jridu jiġu indirizzati u l-modifiki neċessarji.

1.7. Il-KESE jemmen li jkun utli li d-durata tal-QFP li jmiss tiġi allinjata maċ-ċiklu politiku tal-Kummissjoni u tal-Parlament. Jaqbel mal-proposta li tiġi stabbilita durata ta' 5 + 5 snin b'reviżjoni ta' nofs it-terminu obligatorja għal xi kwistjonijiet li jeħtieġu programmazzjoni fit-tul (b'mod partikolari, il-politiki ta' koeżjoni u tal-iżvilupp rurali) u, għall-elementi l-oħra kollha, durata ta' nofs terminu ta' 5 snin allinjata mal-elezzjonijiet Ewropej.



1.8. Il-KESE jappoġġja l-isforzi tal-Kummissjoni biex tintroduċi tipi ġodda ta' riżorsi proprji u l-ħidma li qed issir mill-Grupp ta' Livell Għoli dwar ir-Riżorsi Proprji. Madankollu, ikun jaqbel li l-proposti li se jitfasslu mill-Kummissjoni dwar is-sistema ta' riżorsi proprji jiġu diskussi u deċiżi matul l-2017 bl-involvement adatt tal-KESE għat-tħejija tal-QFP ta' wara l-2020.

1.8.1. F'dan il-kuntest, il-KESE jtenni l-ħtieġa li l-UE jkollha sistema ta' riżorsi proprji awtonoma, trasparenti u ġusta, filwaqt li titnaqqas is-sistema tal-kontribuzzjonijiet nazzjonali tal-Istati Membri iżda mingħajr ma tiżded il-persjoni fiskali, b'mod partikolari għaċ-ċittadini l-aktar żvantaġġati. Il-KESE jenfasizza, barra minn hekk, l-importanza tal-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa permezz ta' trasparenza akbar <sup>(1)</sup>, u kontra kull forma ta' kompetizzjoni fiskali inġusta bejn l-Istati Membri.

1.8.2. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni sabiex tfassal mingħajr dewmien stima baġitarja dwar it-telf li jirriżulta mill-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE.

1.9. Il-Kumitat jaqbel mal-messaġġ li l-Unjoni għandna bżonn ta' aktar Ewropa (u aħjar) u mhux inqas Ewropa <sup>(2)</sup>. Il-kriżi fl-UE hija kkawżata minn nuqqas ta' viżjoni strateġika għall-gejijeni tal-Ewropa. Hemm riskju li din il-kriżi tigrava jekk l-QFP ta' wara l-2020 ma jindirizzax il-kawżi tagħha, relatati mad-defiċit demokratiku, id-defiċit tal-istat tad-dritt u l-impatt fuq gruppi soċjali u setturi produttivi "telliefa" fil-globalizzazzjoni. L-Unjoni trid tikseb mill-ġdid viżjoni pożittiva tal-futur tagħha biex tikkompeti mal-atturi prinċipali dinjija, u dan jirrikjedi QFP ambizzjuż li kapaċi jindirizza l-isfidi li hemm quddiemna.

1.10. Sabiex jintlaħqu b'mod effettiv l-għanijiet tal-QFP, il-baġit tal-UE il-ġdid għandu jkun eżemplari, effiċjenti, effikaċi u trasparenti, sabiex jikseb il-kredibbiltà f'għajnejn iċ-ċittadini Ewropej u juri biċ-ċar il-vantaġġi tal-Ewropa kif ukoll l-ispiża marbuta man-non-Ewropa.

## 2. Kummenti ġenerali

2.1. Il-pakkett propost mill-Kummissjoni Ewropea fil-kuntest tar-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) 2014-2020 huwa marbut ma' modifiki regolatorji u riallokazzjoni ta' riżorsi ta' EUR 12,8 biljun sa tmiem il-perjodu, inkluż l-abbozz ta' baġit 2017, immirat lejn it-tkabbir u l-impjeg, il-migrazzjoni u s-sigurtà. B'mod partikolari, ir-reviżjoni tippredvi:

- fil-parti kwantitattiva, aktar riżorsi għall-programmi meqjusa prijoritarji u aktar effikaċi, bħalma huma l-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS);
- fil-parti kwalitattiva, is-semplifikazzjoni tar-regoli ġenerali u settorjali u aktar flessibilità għall-implimentazzjoni tal-fondi Komunitarji, b'enfasi fuq ir-riżultati (Baġit iffokat fuq ir-riżultati).

2.2. Il-KESE diġà osserva <sup>(3)</sup>, u jtenni f'din l-Opinjoni, li dan jinvolvi l-bilanċ miksub fl-2013 mill-Kummissjoni Ewropea dwar il-QFP, bilanċ bejn żewġ ħtiġijiet opposti f'kuntest soċjali, ekonomiku u politiku kumpless. L-ewwel ħtieġa hija r-rieda ta' ċerti Stati Membri li jillimitaw in-nefqa pubblika minħabba l-kriżi ekonomika u finanzjarja. It-tieni kienet in-neċessità li jiġu indirizzati b'mod adatt u effikaċi l-isfidi ambizzjużi li l-Unjoni Ewropea (UE) qed tiffaċċja, li joriġina mit-Trattat ta' Lisbona kif ukoll mill-Istrateġija Ewropa 2020.

2.3. Ir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP issa tinsab f'sitwazzjoni differenti fir-rigward ta' ċerti aspetti, meta mqabbla mal-2013. L-UE għadha f'qagħda diffiċli minħabba l-konsegwenzi qawwija li għad hemm f'ċerti Stati Membri, minħabba l-kriżi finanzjarja u ekonomika, speċjalment fuq id-dħul baxx u medju, flimkien man-nuqqas ta' rispons komuni għal din l-istess l-kriżi fil-livell Komunitarju. Iżda ma' dan żdied inkwiet ġdid, ta' natura soċjali, politika u istituzzjonali, inklużi l-attakki terroristiċi reċenti li sehnew fl-Ewropa.

2.3.1. L-ewwel nett, hemm fluss dejjem akbar ta' migranti u refuġjati lejn l-Ewropa, li qed jaħarbu mill-gwerra u l-faqar fl-Afrika ta' Fuq u fil-Lvant Nofsani, li qed iqajjem tħassib fost l-opinjoni pubblika fl-Ewropa, speċjalment fil-pajjiżi tal-Mediterran u tal-Balkani li jirċievu l-impatt inizjali u fil-pajjiżi ta' destinazzjoni li jintalbu jiffaċilitaw l-integrazzjoni tagħhom.

<sup>(1)</sup> Opinjoni tal-KESE dwar it-trasparenza fiskali pubblika (rapport skont il-pajjiż) (ĠU C 487, 28.12.2016, p. 62).

<sup>(2)</sup> "...billi tisposta l-indikatur tas-sussidjarjetà lejn aktar Ewropa u ta' kwalità aħjar", Opinjoni tal-KESE dwar "Analiżi aġġornata tal-prezz tan-non-Ewropa" (ĠU C 351, 15.11.2012, p. 36).

<sup>(3)</sup> Opinjoni tal-KESE dwar *Il-Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju multiannwali għas-snin 2014-2020* (ĠU C 229, 31.7.2012, p. 32).

2.3.2. It-tieni nett, hemm xettiċiżmu mifruż dwar il-kapaċità tal-politika, u għaldaqstant tal-Istati Membri u tal-UE, li jsostnu l-benessri ekonomika u l-koeżjoni soċjali<sup>(4)</sup>, u dan flimkien mat-talba biex jingħata aktar spazju lill-gvernijiet nazzjonali, sewwa sew fi żmien storiku meta, bil-maqlub, l-UE għandha taġixxi bħala attur globali.

2.3.3. It-tielet nett, ir-referendum dwar il-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE, l-hekk imsejjaħ Brexit, jagħmilha ċara li l-UE mhix għażla garantita u irriversibbli, minbarra li joħloq problemi istituzzjonali u finanzjarji ġodda dwar il-QFP, minħabba li Stat Membru wieħed se joħroġ mill-Unjoni.

2.4. Fdan il-kuntest ta' tibdil mgħaġġel, il-valutazzjoni dwar l-effikaċja tal-QFP tiddependi fuq il-konformità sħiħa mal-prinċipji bażiċi tal-ordni Komunitarju, b'mod partikolari mal-Artikolu 3 tat-Trattat ta' Lisbona, li l-għan tiegħu huwa li ċ-ċittadini tal-UE jiġu garantiti kundizzjonijiet ta' għajxien deċenti li jħarsu l-benessri tagħhom<sup>(5)</sup>, u mal-Artikolu 311 tat-TFUE, li abbażi tiegħu "l-Unjoni għandha tipprovdi għaliha nnifisha l-mezzi meħtieġa sabiex tikseb l-għanijiet tagħha u twettaq b'suċċess il-politika tagħha".

2.5. Il-kapaċità tal-UE li tindirizza l-isfidi preżenti u futuri se tiddependi fuq in-natura kwalitattiva u fuq id-dimensjoni kwantitattiva tal-istrategġija ta' intervent tagħha. Dan ifisser fehim dwar liema huma s-setturi fejn l-aħjar isir infiq sabiex ikun hemm tkabbir, impjeg u jiġu indirizzati l-isfidi ġodda; taħt liema forma l-infiq ikun aktar effikaċi; b'liema mod tista' titwettaq valutazzjoni serja u mhux sempliċiment formali dwar l-investimenti; u fl-aħħar, kif jistgħu jiġu kkomunikati l-azzjonijiet tal-istituzzjonijiet Ewropej f'kuntest ta' fiduċja baxxa min-naħa taċ-ċittadini<sup>(6)</sup>.

2.6. Għal dawn ir-raġunijiet illum jista' jingħad li, filwaqt li wieħed jista' jifhem l-isforzi tal-Kummissjoni fil-proposta għar-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP 2014-2020, il-qafas propost xejn mhu biżżejjed biex jindirizza l-isfidi u l-prijoritajiet tal-UE.

### 3. Kummenti speċifiċi

3.1. Dwar il-parti kwalitattiva tar-reviżjoni tal-QFP, il-Kumitat jaqbel mal-għan li jiġu stabbiliti regoli finanzjarji ġenerali u settorjali iktar sempliċi u flessibbli, u għalhekk japprezza b'mod partikolari s-semplifikazzjoni tar-rekwiżiti amministrattivi applikabbli għall-benefiċjarji tal-fondi Komunitarji, u tar-rekwiżiti tal-kontroll, l-awditjar u r-rappurtar.

3.2. Madankollu, l-introduzzjoni ta' prinċipji dwar infiq aħjar (better spending) u bbaġitjar ibbażat fuq il-prestazzjoni (performance based budgeting) ma għandhiex bilfors isservi biex tnaqqas l-infiq f'setturi jew programmi li l-valutazzjoni tagħhom tkun inqas evidenti minn ta' oħrajn, minħabba li l-benefiċċji tagħhom jirriżultaw fuq perjodu ta' żmien twil jew diffiċli jiġu kwantifikati. Dan jista' jkun partikolarment ta' ħsara għal programmi bħall-Orizzont 2020, is-CEF u COSME.

3.2.1. Il-KESE huwa favur incettivi li jistgħu jippromovu l-infiq responsabbli u effikaċi, minn naħa waħda, u sistema ta' monitoraġġ adatta u f'waqtha għall-għanijiet fl-oqsma ta' politika differenti tal-baġit tal-UE, min-naħa l-oħra.

3.3. Madankollu, dan waħdu ma jidherx li huwa biżżejjed biex jirreaġixxi b'mod konkret għal-livell dejjem jikber ta' inkwiet ekonomiku, soċjali u politiku, filwaqt li jagħti spinta mill-ġdid għat-tkabbir, l-impjeg u l-pilastru soċjali. Dan huwa iktar u iktar minnu fin-nuqqas ta' riżorsi addizzjonali f'oqsma fejn il-baġit Komunitarju għandu valur miżjud meta mqabbel ma' politiki li jistgħu jinvolvu Stati Membri individwali.

3.4. Kif ġie dikjarat f'opinjonijiet preċedenti tal-KESE, l-isfidi li qed tiffaċċja l-UE mhux biss jitolbu iżda jesigū żieda fid-daqs tal-baġit tal-UE<sup>(7)</sup>.

<sup>(4)</sup> Terz biss taċ-ċittadini Ewropej jafdaw l-UE u l-istituzzjonijiet tagħha. European Commission, *Public Opinion in the European Union – Standard Eurobarometer 85*, May 2016, <http://ec.europa.eu/COMMFrontOffice/publicopinion/index.cfm/Survey/getSurveyDetail/instruments/STANDARD/surveyKy/2130>

<sup>(5)</sup> "The Union's aim is to promote peace, its values and the well-being of its peoples....".

<sup>(6)</sup> Mid-term review/revision of the multiannual financial framework 2014-2020 An EU budget focused on results, SWD(2016) 299 final. (Mhux disponibbli bil-Malti).

<sup>(7)</sup> Opinjoni tal-KESE dwar *Il-Qafas Finanzjarju Multiannwali għas-Snin 2014-2020* (ĠU C 229, 31.7.2012, p. 32).

3.5. It-tweġiba għal dawn l-isfidi titlob l-ewwel nett appoġġ u inċentivi qawwija għall-investimenti, kemm pubbliċi kif ukoll privati. Fl-2014 il-livell tal-investimenti kien ta' 15 % anqas minn dak fl-2007, eżatt qabel il-kriżi finanzjarja u ekonomika kbira, ekwivalenti għal tnaqqis ta' EUR 430 biljun meta mqabbel mal-ogħla livell, u ta' madwar EUR 300 biljun meta mqabbel mal-medja tal-aħħar snin. Ta' min jinnota li ħames pajjiżi waħidhom (Spanja, l-Italja, il-Greċja, ir-Renju Unit u Franza) jirrappreżentaw 75 % ta' dan it-tnaqqis<sup>(8)</sup>.

3.6. Biex tindirizza indirettament in-nuqqas ta' investiment, il-Kummissjoni ipproponiet u nediet l-FEIS, li permezz tal-BEI għandu jikkatalizza riżorsi privati komplementari għal dawk tal-Komunità. Il-valutazzjoni tiegħu tiddependi fuq kemm hu kapaċi jappoġġja proġetti li huma addizzjonali għal dawk li jiġu ffinanzjati normalment. L-ewwel analizzjiet juru, madankollu, li l-maġġoranza tal-proġetti tal-FEIS jixbhu ħafna lil proġetti oħra li normalment jiġu ffinanzjati mill-BEI, speċjalment f'reġjuni aktar żviluppati<sup>(9)</sup>. Il-KESE jappella għal enfasi ikbar fuq proġetti verament innovattivi, li fihom riskju, li ma jistgħux jiġu ffinanzjati b'mod ieħor u kapaċi jiżguraw tkabbir reali fl-ekonomija u fl-impjeg fl-UE.

3.7. Il-kriżi tal-migranti u tar-refuġjati mhijiex biss kwistjoni ta' obbligu ta' akkoljenza. Ir-riżorsi allokatati mill-UE jistgħu jservu wkoll biex jibdlu r-riskji għas-sigurtà interna f'opportunitajiet, filwaqt li jisfruttaw il-benefiċċji potenzjali għall-ekonomija, is-suq tax-xogħol u d-dinamiżmu tas-soċjetà. Il-KESE, l-istess bħall-Parlament Ewropew<sup>(10)</sup>, iqis li r-riżorsi allokatati taħt l-intestaturi 3 ("Sigurtà u ċittadinanza") u 4 ("Ewropa Globali"), b'mod partikolari għall-kriżi tar-refuġjati u l-għajjnuna esterna, jistgħu ma jkunux biżżejjed fix-xhur u s-snin li ġejjin, u jitlob għaldaqstant reviżjoni sabiex jiżiedu l-limiti ta' nfiq previsti.

3.7.1. Barra minn hekk, f'dan ir-rigward, il-KESE jikkundanna l-kriżi ta' solidarjetà fi ħdan l-UE li għandha tiġi indirizzata u solvuta. Mhuwiex aċċettabbli li xi Stati Membri jaċċettaw il-prinċipju ġust tas-solidarjetà fl-eżerċizzju tal-allokkazzjoni tar-riżorsi tal-QFP 2014-2020 u, fl-istess ħin, ma jkunux lesti biex jindirizzaw l-emerġenza ta' refuġjati u migranti.

3.8. Il-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment (FSIE) huma fil-qalba tal-Istrateġija Ewropa 2020 u l-oġġettivi tagħha, b'baġit ta' EUR 454 biljun għaċ-ċiklu ta' programmazzjoni 2014-2020. Dawn jirrappreżentaw l-istrument ewlieni ta' investiment tal-UE, u jistgħu jikkontribwixxu għat-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien ta' impjegi ġodda ta' kwalità għolja, permezz ta' koeżjoni soċjali u territorjali akbar. L-implimentazzjoni taċ-ċiklu hekk kif jibda għandha tiġi mmonitorjata u segwita mill-qrib mill-istituzzjonijiet Ewropej sabiex jiġi żgurat li jintlaħqu r-riżultati mistennija kif miftiehem bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri u r-reġjuni. Dan jimplika bilfors l-koinvolvement qawwi tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-partijiet soċjali rrappreżentati fil-KESE.

3.9. Il-qgħad fost iż-żgħażaġh (madwar 20 % tal-forza tax-xogħol, għalkemm b'differenzi sinifikanti fost l-Istati Membri<sup>(11)</sup>), l-impjeg prekarju u l-fenomeni ta' żgħażaġh barra mill-edukazzjoni, impjeg jew taħriġ (NEET, 19 % tal-popolazzjoni ta' bejn 20 u 34 sena<sup>(12)</sup>), għadhom fl-livelli mhux aċċettabbli, b'detriment għal-livell ta' edukazzjoni tagħhom u, b'mod ġenerali, għall-kapital uman tal-Ewropa. Biex tindirizza dan, fil-kuntest tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE), l-Inizjattiva favur l-Impjeg taż-Żgħażaġħ għandha tissaħħaħ u tiġi ffinanzjata b'aktar riżorsi, biż-żieda fil-limiti ta' nfiq previsti fl-intestatura 1B ("Koeżjoni soċjali u territorjali").

3.10. Fl-aħħar nett, għandna tiġi solvuta l-kwistjoni tal-pagamenti b'lura. Id-distakk li żviluppa f'dawn l-aħħar snin bejn l-impenji ta' nfiq u l-pagamenti li jsiru lill-Istati Membri laħaq kważi EUR 25 biljun sal-aħħar tal-2014, u sa tmim l-2016 għandu jasal fi stadju ta' aġġustament. L-effetti negattivi tal-arretrati ta' nfiq jaffettwaw lill-benefiċjarji kollha tal-baġit tal-UE, inklużi n-negozji, l-istituzzjonijiet tar-riċerka u l-awtoritajiet lokali. B'baġit li diġà huwa limitat ħafna meta mqabbel mal-PDG Ewropew, jidher li mill-inqas huwa meħtieġ jiġi żgurat il-ħlas fil-ħin tal-impenji li saru, filwaqt li jittieħdu l-miżuri adatti kollha biex jiġi evitat li din is-sitwazzjoni ttul jew terġa' tiżviluppa fil-QFP li jmiss.

<sup>(8)</sup> Kummissjoni Ewropea – Bank Ewropew tal-Investment, *Why does the EU need an investment plan?* ("Għalfejn l-UE teħtieġ pjan ta' investiment?"), 2015.

<sup>(9)</sup> G. Claeys – A. Leandro, *Assessing the Juncker Plan after one year*, Bruegel.org, Mejju 2016.

<sup>(10)</sup> Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Lulju 2016 dwar it-tnejjja tar-reviżjoni postelettorali tal-QFP 2014-2020: L-input tal-Parlament qabel il-proposta tal-Kummissjoni (P8\_TA-PROV(2016)0309).

<sup>(11)</sup> Eurostat, Unemployment statistics ([http://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php/Unemployment\\_statistics](http://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php/Unemployment_statistics)).

<sup>(12)</sup> Eurostat, Statistika dwar żgħażaġh li la huma f'impjeg u lanqas f'edukazzjoni jew taħriġ ([http://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php/Statistics\\_on\\_young\\_people\\_neither\\_in\\_employment\\_nor\\_in\\_education\\_or\\_training](http://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php/Statistics_on_young_people_neither_in_employment_nor_in_education_or_training)).

3.11. Il-KESE għalhekk jaqbel maż-żieda ta' riżorsi għal xi kategoriji ta' nfiq meqjusa li huma effikaċi ħafna, jiġifieri l-Orizzont 2020, COSME, Erasmus +, u Wifi4EU, kif ukoll l-estensjoni tal-FEIS u l-YEI.

3.11.1. Il-KESE jaqbel ukoll dwar approprjazzjonijiet ġodda biex jindirizzaw il-kriżi tal-migrazzjoni (gwardja tal-fruntiera u l-kosta Ewropea, Europol, aġenzija għall-asil, sistema komuni tal-asil ta' Dublin, appoġġ ta' emerġenza fi ħdan l-UE u sistema ta' dħul/ħruġ) u l-kundizzjonijiet ta' instabbiltà politika u ekonomika fil-pajjiżi ġirien (il-qafas ta' sħubija, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-assistenza makrofinanzjarja, mandat ta' finanzjament estern għall-Bank Ewropew tal-Investment (BEI), aġġustament tekniku tal-allokazzjonijiet tal-politika ta' koeżjoni).

#### 4. Il-qafas finanzjarju pluriennali għal wara l-2020

4.1. Sal-1 ta' Jannar 2018, il-Kummissjoni Ewropea se tippreżenta l-proposta għal QFP ta' wara l-2020. Il-KESE jitlob li diġà minn issa ssir valutazzjoni bir-reġa tar-riżultati tal-baġit attwali, anke fid-dawl tar-reviżjoni ta' nofs it-terminu, filwaqt li ssir diskussjoni dwar il-prijoritajiet li jridu jiġu indirizzati u l-modifiki neċessarji. L-għan huwa li l-QFP ikun jikkorrispondi għall-isfidi u l-prijoritajiet fit-tul tal-UE.

4.2. Il-kriżi fl-UE toriġina min-nuqqas ta' viżjoni strateġika tal-ġejjieni tal-Ewropa. Hemm riskju li din il-kriżi tigrava jekk l-QFP ta' wara l-2020 ma jindirizzax il-kawżi taġġha, relatati mad-defiċit demokratiku, id-defiċit tal-istat tad-dritt u l-impatt fuq gruppi soċjali u setturi produttivi "telliefa" fil-globalizzazzjoni. Jekk ir-regoli fiskali tal-UE naqqsu l-kapaċità tal-Istati Membri li joperaw b'mod indipendenti, filwaqt li ħolqu inċertezzi fis-suq tax-xogħol u fis-sistema soċjali, s'issa ma ħolqux sistemi ta' sigurtà soċjali fil-livell tal-UE għaċ-ċittadini u lanqas sistema ekonomika Ewropea verament innovattiva u kompetittiva li kapaċi tikkompeti mal-isfidi globali<sup>(13)</sup>.

4.3. Għalhekk huwa kruċjali li tingħata attenzjoni akbar fil-QFP il-ġdid, inklużi riżorsi ġodda, għall-prijoritajiet strateġiċi importanti għall-Ewropa, li huma deċiżivi għall-eżistenza tal-UE stess, jiġifieri:

- l-istimolu tat-tkabbir u l-impjeg, speċjalment għaż-żgħażaġh, b'mod partikolari għal ħiliet ġodda marbuta mal-iżvilupp tal-informatika u t-telekomunikazzjonijiet (l-ewwel nett "l-Internet tal-oġġetti" jew l-Industrija 4.0);
- il-ħolqien ta' fondi adatti għal taħriġ mill-ġdid biex jindirizzaw il-bidliet kbar li qed iseħħu fis-sistema ta' produzzjoni u fis-suq tax-xogħol, li jirriżultaw mit-teknoloġiji ġodda, u jiffaċilitaw il-ħolqien ta' professjonijiet ġodda u fl-istess ħin jeliminaw oħrajn;
- l-eliminazzjoni tad-distakk fl-investment li ġabet magħha l-kriżi ekonomika u finanzjarja u l-indirizzar tal-effetti tal-kriżi li għad hemm, partikolarment għal dawk li għandhom dħul baxx jew medju, u aggravati bil-politiki ta' awsterità fil-pajjiżi taż-żona tal-euro;
- is-sostenibbiltà ambjentali, anke b'segwitu għall-Ftehim ta' Pariġi dwar it-tibdil fil-klima, b'involvement akbar tar-riżorsi tal-politika agrikola komuni (PAK) u għall-ħtieġa ta' riallokazzjoni tal-ħaddiema u l-professjonisti affettwati mid-dekarbonizzazzjoni progressiva tal-ekonomija;
- is-segwitu għall-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE, sabiex ma ssirx ħsara għall-ekonomija tal-Istati Membri l-oħra u għall-opportunitajiet tal-impjeg taċ-ċittadini Ewropej;
- l-ġħajnuna esterna lill-pajjiżi tal-viceinat u l-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw li jħarsu lejn l-Ewropa bħala mudell ta' referenza u attur globali.

<sup>(13)</sup> P. De Grauwe, *What Future for the EU After Brexit?*, CEPS, Ottubru 2016.

4.4. Dwar ir-riforma tad-durata tal-QFP, il-KESE, l-istess bħall-Parlament Ewropew<sup>(14)</sup>, iqis li jkun utli li din tiġi allinjata maċ-ċiklu politiku tal-Kummissjoni u tal-Parlament, sabiex il-kampanja elettorali għall-elezzjonijiet Ewropej ikollha fiċ-ċentru tagħha d-dibattitu dwar il-prijoritajiet tal-baġit Komunitarju. Jaqbel mal-proposta li tiġi stabbilita durata ta' 5 + 5 snin b'reviżjoni ta' nofs it-terminu obbligatorja għal xi kwistjonijiet li jeħtieġu programmazzjoni fit-tul (b'mod partikolari, il-politiki ta' koeżjoni u tal-iżvilupp rurali), u għall-elementi l-oħra kollha durata ta' nofs terminu ta' 5 snin allinjata mal-elezzjonijiet Ewropej.

4.5. Ikun jaqbel li l-Kummissjoni tfassal mill-aktar fis possibbli – anke fid-dawl tal-proposta tal-QFP ta' wara l-2020 – analiżi dettaljata tal-effetti tal-Brexit f'termini ta' impatt fuq id-dħul u n-nefqa mill-UE<sup>(15)</sup>.

4.6. Barra minn hekk, fiż-żona tal-euro, baġit adatt għandu jkun jista' jindirizza l-problemi speċifiċi tal-Istati Membri li jadottaw l-euro. Kif diġà proposta mill-KESE, "għandna b'żonn nimxu lejn baġit proprju suffiċjenti għaż-żona tal-euro, b'regoli maqbuli b'mod konġunt; dan hu l-uniku mod biex jittieħdu passi lejn politika fiskali komuni u jiġu assorbiti kwalunkwe skossi li jistgħu jseħħu fil-ġejjieni"<sup>(16)</sup>.

4.7. Fuq in-naħa tad-dħul, il-QFP il-ġdid għandu jqis il-proposti li qed jitfasslu mill-Grupp ta' Livell Għoli dwar ir-Riżorsi Proprji pprevedut minn Mario Monti, u li sa tmiem l-2016 huwa mistenni r-rapport finali dwaru, flimkien mal-proposta leġislattiva li qed titħejja mill-Kummissjoni dwar il-kwistjoni.

4.7.1. Il-KESE jemmen li huwa importanti b'mod partikolari baġit ġdid bi prevalenza ta' riżorsi proprji mmirati sew u sostenibbli fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet nazzjonali, li għall-kuntrarju, isaħħu l-prinċipju żbaljat tar-"ritorn ġust". Għal dan l-għan, il-KESE jtenni l-pożizzjoni li adotta f'opinjonijiet preċedenti<sup>(17)</sup>, u jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea dwar ir-riżorsi proprji, fejn id-dħul imur direttament fil-baġit tal-Unjoni Ewropea mingħajr ma jgħaddi mill-Istati Membri. Bis-sistema l-ġdida hemm b'żonn jiġi evitat li tiżdied il-pessjoni fiskali u speċjalment li jiżdied il-piż aktar minn kif inhu fil-preżent fuq iċ-ċittadini l-aktar żvantaġġati u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

4.7.2. Għandha tiġi stabbilita bażi komuni konsolidata tat-taxxa korporattiva (BKKT) sabiex iżżid it-trasparenza fiskali, tgħin fil-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa u ttejjeb il-ħolqien tal-impjiegi, l-investiment u l-kummerċ fl-UE.

4.8. Il-Kumitat jaqbel mal-messaġġ li l-Unjoni għandna b'żonn ta' aktar Ewropa (u aħjar) u mhux inqas Ewropa. Sabiex jintlaħqu b'mod effettiv l-għanijiet tal-QFP, il-baġit tal-UE il-ġdid għandu jkun eżemplari, effiċjenti, effikaċi u trasparenti, sabiex jikseb il-kredibbiltà f'għajnejn iċ-ċittadini Ewropej u juri biċ-ċar il-vantaġġi tal-Ewropa kif ukoll l-ispiża marbuta man-non-Ewropa.

Brussell, l-14 ta' Diċembru 2016.

*Il-President*  
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*  
Georges DASSIS

<sup>(14)</sup> Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 10.

<sup>(15)</sup> L-Institute for Fiscal Studies jistma li l-kontribut medju annwali nett tar-Renju Unit għall-baġit tal-UE ilaħħaq madwar EUR 8 biljuni. Ara. Institute for Fiscal Studies, 2016, The Budget of the EU: a guide. IFS Briefing Note BN 181. Browne, J., Johnson, P., Phillips, D.

<sup>(16)</sup> Opinjoni tal-KESE għal-leġislatura Ewropea li jmiss dwar "L-ikkompletar tal-UEM – Il-proposti tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għal-leġislatura Ewropea li jmiss" (ĠU C 451, 16.12.2014, p. 10).

<sup>(17)</sup> Opinjoni tal-KESE dwar "Ir-Reviżjoni tal-Baġit tal-UE" (ĠU C 248, 25.08.2011 p. 75).



**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva (UE) 2016/1164 fir-rigward ta’ diskrepanzi ibridi ma’ pajjiżi terzi”**

[COM(2016) 687 final — 2016/0339 (CNS)]

(2017/C 075/13)

Relatur ġenerali: **is-Sur Mihai IVAȘCU**

Konsultazzjoni	Kunsill, 21.11.2016
Bażi legali	Artikolu 115 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni Speċjalizzata għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali
Adottat fis-sessjoni plenarja	14.12.2016
Sessjoni plenarja Nru	521
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	176/1/4

### 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jilqa’ l-isforzi kontinwi tal-Kummissjoni biex tiġi miġġielda l-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva, fil-forma ta’ Direttiva kontra l-Evitar tat-Taxxa <sup>(1)</sup>, li hija marbuta mill-qrib mal-proġett BEPS tal-OECD <sup>(2)</sup> u t-talbiet minn partijiet interessati Ewropej, bħas-soċjetà ċivili, l-Istati Membri u l-Parlament Ewropew.

1.2. Għalkemm huwa diffiċli li titwettaq analiżi ekonomika preċiża tal-impatt tad-diskrepanzi ibridi, kif stqarret ukoll l-OECD, il-KESE jemmen li l-adozzjoni tal-Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva (UE) 2016/1164 fir-rigward ta’ diskrepanzi ibridi ma’ pajjiżi terzi <sup>(3)</sup> (minn issa ’l quddiem: id-Direttiva) se żżid b’mod sinifikanti d-dħul mitt-taxxa fuq l-introjtu korporattiva (CIT) fl-Istati Membri kollha.

1.3. Il-KESE jqis li din id-Direttiva se tilħaq il-potenzjal sħiħ tagħha biss jekk regoli simili jkunu implimentati f’pajjiżi terzi ukoll. L-eżistenza ta’ ambjent ta’ kundizzjonijiet indaqs u ġust fil-politika fiskali globali hija tal-akbar importanza għal implimentazzjoni effettiva. Mingħajr dan, is-suq uniku jista’ jitlef xi ftit l-attrazzjoni tiegħu għall-benefiċċju ta’ swieq li huma inqas regolati, filwaqt li l-impatt pożittiv tad-Direttiva jkun minimizzat.

1.4. Il-KESE jaqbel li d-diskrepanzi għandhom jiġu indirizzati biss meta waħda mill-intrapriżi assoċjati għandha kontroll effettiv fuq intrapriża assoċjata oħra, permezz tal-parteċipazzjoni f’termini ta’ drittijiet tal-vot, proprjetà kapitali jew id-dritt għal profitt ta’ 50 % jew aktar.

1.5. Il-Kumitat huwa tal-fehma li għandha tingħata attenzjoni speċjali għal diskrepanzi importati li jimminaw l-effettività ta’ regoli maħsuba biex jeliminaw id-diskrepanzi ibridi u jemmen li hija meħtieġa aktar kjarifika sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni koerenti fl-Istati Membri kollha.

1.6. Fir-rigward ta’ perjodi differenti għall-kontabilità tat-taxxa li jinsabu f’għurisdizzjonijiet differenti, il-KESE jaqbel li d-differenzi taż-żmien m’għandhomx ikunu sors ta’ diskrepanzi fir-riżultati tat-taxxa. Madankollu, il-persuna taxxabli għandha tħabbar il-ħlas fiż-żewġ għurisdizzjonijiet, f’perjodu ta’ żmien raġonevoli.

1.7. Filwaqt li jappoġġja l-approċċ attwali dwar id-diskrepanzi ibridi, il-KESE huwa tal-fehma li l-Istati Membri għandhom iħarsu wkoll lejn il-kawżi tal-arranġamenti ibridi, jaġhlu l-lakuni potenzjali u jwaqqfu l-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva, aktar milli sempliċement ifittxu li jiksbu d-dħul fiskali.

<sup>(1)</sup> COM(2016) 26 final.

<sup>(2)</sup> L-erożjoni tal-bażi u t-trasferiment tal-profitt (BEPS) jirreferi għal strateġiji ta’ evitar tat-taxxa li jisfruttaw il-lakuni u d-diskrepanzi fir-regoli tat-taxxa biex jittrasferixxu b’mod artifiċjali l-profitti għal lokalitajiet fejn it-taxxa hija baxxa jew ma teżistix, <http://www.oecd.org/ctp/beps/>.

<sup>(3)</sup> COM(2016) 687 final.



1.8. Il-KESE jirrakkomanda lill-Istati Membri kollha biex jikkunsidraw il-possibbiltà li jintroduċu u japplikaw sanzjonijiet għal persuni taxxabli li jibbenefikaw minn diskrepanzi ibridi, sabiex jiġu evitati u/jew indirizzati dawn il-prattiki.

1.9. Il-KESE jipproponi li l-Kummissjoni jkollha l-għan li tħejji rapport ġenerali li jiddeskrivi l-istat tal-implimentazzjoni tad-Direttiva fl-Istati Membri kollha kif ukoll l-istampa globali fir-rigward tal-arranġamenti ibridi.

1.10. Il-KESE jemmen li l-Istati Membri jridu jaqsmu informazzjoni rilevanti u l-aħjar Prattiki sabiex jitħaffew il-proċess u sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni uniformi.

## 2. Kuntest tal-opinjoni, inkluża l-proposta leġislattiva kkonċernata

2.1. F'Jannar 2016, il-Kummissjoni ressqet il-pakkett kontra l-evitar tat-taxxa, bħala parti mill-Aġenda għal tassazzjoni korporattiva aktar ġusta u aktar effiċjenti<sup>(4)</sup>. Il-Pakkett fih miżuri konkreti biex tiġi evitata l-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva, tingħata spinta lit-trasparenza fiskali u jinħoloq ambjent ta' kundizzjonijiet ugwali għan-negozji kollha fl-UE.

2.2. Il-pakkett huwa magħmul minn komunikazzjoni ġenerali<sup>(5)</sup> li telabora dwar il-kuntest politiku, ekonomiku u internazzjonali tal-ġlieda kontra l-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva u mill-komponenti ewlenin tal-pakkett: direttiva dwar l-evitar tat-taxxa<sup>(6)</sup>, direttiva li temenda d-direttiva dwar il-kooperazzjoni amministrattiva<sup>(7)</sup> (DAC), rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-trattati dwar it-taxxa<sup>(8)</sup> u komunikazzjoni dwar strateġija esterna tal-UE<sup>(9)</sup> dwar il-kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi fil-qasam tal-governanza fis-settur tat-taxxa.

2.3. Fit-12 ta' Lulju 2016, il-Kunsill tal-ECOFIN ħareġ dikjarazzjoni dwar id-diskrepanzi ibridi, u talab lill-Kummissjoni Ewropea tressaq proposta għal regoli konsistenti u mhux inqas effikaċi minn dawk rakkomandati fir-rapport tal-BEPS tal-OECD dwar l-Azzjoni 2 fir-rigward ta' diskrepanzi ibridi li jinvolvu pajjiżi terzi. Ħafna mill-Istati Membri ntrabtu li jimplimentaw dawn ir-rakkomandazzjonijiet.

2.4. Id-Direttiva hija emenda tad-Direttiva kontra l-evitar tat-taxxa u parti minn pakkett li jinkludi l-proposta għal Bażi Komuni Konsolidata għat-Taxxa Korporattiva (BKKTK) u Proposta dwar Bażi għat-Taxxa Korporattiva Komuni (CCTB), u r-regoli dwar id-diskrepanzi ibridi dwar dawn il-proposti jiġu korrelati ma' dawk f'din id-Direttiva.

2.5. Fid-dawl tal-appoġġ tal-Istati Membri u d-dikjarazzjonijiet tal-Kunsill ECOFIN dwar dan is-suġġett, il-Kummissjoni ħejjiet proposta sabiex tiġi emendata d-Direttiva (UE) 2016/1164 fir-rigward ta' diskrepanzi ibridi ma' pajjiżi terzi, bħad-diskrepanzi ibridi ta' stabbilimenti permanenti, trasferimenti ibridi, diskrepanzi importati u diskrepanzi ta' residenza doppja.

2.6. Peress li l-Istati Membri ma jistgħux ikunu marbuta minn gwida, jeħtieġ li jiġu adottati regoli vinkolanti biex jiżguraw li dawn jindirizzaw b'mod effettiv dawn id-diskrepanzi. Azzjoni indipendenti mill-Istati Membri sempliċement iżżid il-frammentazzjoni fis-suq intern, tippermetti li jippersistu d-diskrepanzi u twaqqaf b'mod sinifikanti l-ġbir tat-taxxa.

2.7. Il-proposta tal-Kummissjoni hija maħsuba biex tindirizza sitwazzjonijiet ta' diskrepanza attribwibbli għal differenzi fil-karatterizzazzjoni ġuridika ta' entità jew strument finanzjarju. Barra minn hekk, din il-proposta tindirizza sitwazzjonijiet ta' diskrepanza li jirriżultaw minn regoli differenti dwar it-trattament ta' preżenza kummerċjali bħal stabbiliment permanenti. Skont ir-regoli f'din il-proposta, l-Istati Membri ser ikunu obbligati li jirrifjutaw it-tnaqqis ta' pagament minn kontribwent jew li jeħtieġu li l-kontribwent jinkludi pagament jew qligħ fid-dħul taxxabli tiegħu, skont il-każ.

2.8. Fl-aħħar nett, din id-Direttiva ma timplikax armonizzazzjoni sħiħa, iżda hija limitata għall-indirizzar ta' pjanifikazzjoni fiskali aggressiva li tuża arranġamenti ibridi, billi tindirizza sitwazzjonijiet fejn hemm tnaqqis fi stat wieħed mingħajr l-inklużjoni fil-bażi tat-taxxa fuq id-dħul tal-istat l-ieħor jew in-nontassazzjoni tad-dħul fi stat wieħed mingħajr l-inklużjoni tagħha fl-istat l-ieħor, kif ukoll jitranġaw każi ta' tassazzjoni doppja.

<sup>(4)</sup> [http://ec.europa.eu/taxation\\_customs/business/company-tax/anti-tax-avoidance-package\\_en](http://ec.europa.eu/taxation_customs/business/company-tax/anti-tax-avoidance-package_en).

<sup>(5)</sup> COM(2016) 23 final.

<sup>(6)</sup> COM(2016) 26 final.

<sup>(7)</sup> COM(2016) 25 final.

<sup>(8)</sup> C(2016) 271 final.

<sup>(9)</sup> COM(2016) 24 final.

### 3. Kummenti ġenerali

3.1. Il-KESE jirrikonoxxi li s-sistemi tat-taxxa korporattiva attwali tfasslu skont ir-realtajiet ekonomiċi tal-ġenerazzjonijiet ta' qabilna, meta n-negozji kienu fiżikament u legalment marbuta mas-swieq lokali. Peress li dan m'għadux il-każ ġenerali, il-qafas fiskali għandu jiġi adattat għall-ambjent internazzjonali u l-isfidi attwali.

3.2. Il-KESE japprezza l-isforzi kontinwi tal-Kummissjoni f'dan il-qasam, fil-forma ta' Direttiva kontra l-Evitar tat-Taxxa, li hija marbuta mill-qrib mal-proġett BEPS tal-OECD u t-talbiet minn partijiet interessati Ewropej, bħas-soċjetà ċivili, l-Istati Membri u l-Parlament Ewropew.

3.3. Il-KESE jappoġġja l-konklużjonijiet u r-regolamenti tal-BEPS OECD/G20 introdotti permezz ta' din id-Direttiva.

3.4. Il-KESE jirrikonoxxi li l-proposta ssegwi l-arranġamenti ibridi identifikati fir-Rapport Azzjoni 2 tal-OECD dwar il-BEPS <sup>(10)</sup> u ma tindirizzax sitwazzjonijiet fejn ftit jew l-ebda taxxa mhi mħallsa minħabba rata ta' taxxa baxxa jew minħabba sistema fiskali speċifika tal-ġurisdizzjoni.

3.5. L-arranġamenti ibridi huma meqjusa bħala teknika użata b'mod mifruq tal-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva, użati minn intrapriżi multinazzjonali (MNEs) li jistabbilixxu uffiċċji legali jew kummerċjali f'diversi pajjiżi, kemm jekk qed nitkellmu dwar l-Istati Membri jew pajjiżi terzi. Peress li d-Direttiva tal-Kunsill 2016/1164 attwalment tindirizza biss diskrepanzi ibridi li jseħħu fil-livell tal-Istati Membri, il-KESE jaqbel mal-ħtieġa li tiġi emendata b'regoli speċifiċi għal każi fejn pajjiżi terzi huma involuti, u dan biss sabiex jiġi protett is-suq uniku. Madankollu, il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li r-regoli applikabbli fl-UE huma dipendenti fuq jekk il-pajjiżi terzi japplikax regoli dwar id-diskrepanzi ibridi għas-sitwazzjoni speċifika.

3.6. Il-KESE diġà indika li l-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva tagħmel ħsara lill-bażi fiskali tal-Istati Membri b'EUR 50 sa 70 biljun fis-sena <sup>(11)</sup>, b'diskrepanzi ibridi li jirrappreżentaw persentaġġ sinifikanti u b'impatt negattiv importanti fuq id-dħul mit-taxxa, kif ukoll il-kompetizzjoni, il-ġustizzja u t-trasparenza. Għalkemm huwa diffiċli li titwettagħ analiżi ekonomika preċiża tal-impatt tad-diskrepanzi ibridi, kif stqarret ukoll l-OECD, il-KESE jemmen li l-adozzjoni ta' din id-Direttiva se żżid b'mod sinifikanti t-taxxa fuq l-introjt korporattiva (CIT) fl-Istati Membri kollha.

3.7. Ma saret l-ebda valutazzjoni tal-impatt għal din il-proposta, fir-rigward tad-Direttiva li qed temenda, minħabba rabtiet qawwija mar-rapport komprensiv tal-OECD dwar il-BEPS, id-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni <sup>(12)</sup>, li jipprovdni analiżi importanti, il-konsultazzjonijiet li saru diġà, kif ukoll it-talba tal-Istqarrija tal-Kunsill biex din id-Direttiva titressaq sa Ottubru 2016. L-Istati Membri għandhom l-obbligu li jadottaw il-liġijiet, ir-regoli u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva, u jikkomunikawhom lill-Kummissjoni Ewropea, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2018. Il-KESE jaqbel li l-ebda valutazzjoni tal-impatt mhi meħtieġa f'dan l-istadju.

3.8. Il-Kummissjoni hija mitluba tevalwa u tirrapporta lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva erba' snin wara li tidħol fis-seħħ. Madankollu, il-KESE jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tevalwa l-istatus tal-implimentazzjoni kull sena, b'valutazzjoni ta' implimentazzjoni ppreżentata lill-Kunsill sena wara d-data tal-iskadenza proposta. Din il-valutazzjoni tal-implimentazzjoni għandha tinkludi studju tal-istatus tal-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni fl-Istati Membri kif ukoll studju komprensiv dwar pajjiżi terzi li jkunu implimentaw jew qegħdin fil-proċess tal-implimentazzjoni tar-regolamenti tal-OECD dwar il-BEPS u l-pożizzjoni tas-suq uniku tal-UE fl-istampa globali. Barra minn hekk, il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni tinkludi fir-rapport kull każ ta' disturb tal-oqfsa leġislattivi nazzjonali, jiġifieri riżultati oħra fiskali, kummerċjali jew regolatorji, jekk dawn iseħħu.

3.9. Wara l-valutazzjoni tal-implimentazzjoni, il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni tfassal evalwazzjoni tal-impatt wiesgħa tal-effetti tad-Direttiva fuq is-suq uniku. Dan l-istudju għandu jitwettagħ malli l-informazzjoni meħtieġa mill-Istati Membri tkun disponibbli.

<sup>(10)</sup> <http://www.oecd.org/ctp/neutralising-the-effects-of-hybrid-mismatch-arrangements-action-2-2015-final-report-9789264241138-en.htm>.

<sup>(11)</sup> ĠU C 264, 20.7.2016, p. 93.

<sup>(12)</sup> SWD(2016) 345 final (mhux disponibbli bil-Malti).

#### 4. Kummenti speċifiċi

4.1. Din id-Direttiva żżid definizzjoni komprensiva tal-intrapriżi assoċjati li jinkludu entitajiet li huma parti mill-istess grupp konsolidat għal finijiet ta' kontabilità u intrapriżi li għandhom rwol importanti fil-ġestjoni tal-kontribwent jew li fihom il-kontribwent għandu influwenza sinifikanti. Il-KESE jaqbel li d-diskrepanzi għandhom jiġu indirizzati biss meta waħda mill-intrapriżi assoċjati għandha kontroll effettiv fuq intrapriża assoċjata oħra.

4.2. Il-KESE jappoġġja r-regoli addizzjonali introdotti b'din id-Direttiva. Madankollu, l-eżistenza ta' ambjent ta' kundizzjonijiet indaqs u ġust fil-politika fiskali globali hija tal-akbar importanza għal implimentazzjoni effettiva. Mingħajr dan, is-suq uniku jista' jitlef xi ftit l-attrazzjoni tiegħu għall-benefiċċju ta' swieq li huma inqas regolati.

4.3. Il-KESE huwa tal-fehma li, fis-sitwazzjoni fejn diskrepanza ibrida hija disponibbli, investimenti transkonfinali ċertament huma ppreferuti, meta mqabbla mal-investimenti domestiċi, u dan jikkawża tfixkil evidenti fis-suq uniku.

4.4. Il-Kunsill ippropona l-31 ta' Diċembru 2018 bħala d-data ta' skadenza għall-Istati Membri biex jinkorporaw id-Direttiva fl-oqfsa leġislattivi tagħhom. Il-KESE jqis il-limitu taż-żmien raġonevoli, iżda jirrakkomanda li l-progress fl-implimentazzjoni għandu jiġi sorveljat b'attenzjoni, b'tali mod li l-Istati Membri kollha jilhqgħu l-miri tad-Direttiva sal-skadenza proposta. Jekk l-azzjonijiet ma jiġux applikati b'mod konsistenti, il-kompetittività tal-intrapriżi Ewropej fil-livell tal-UE tista' tiġi serjament ippreġudikata.

4.5. Peress li l-pjan ta' azzjoni tal-BEPS huwa ftehim stabbilit bi ftehim mingħajr dispożizzjonijiet vinkolanti u mhux l-Istati Membri kollha tal-UE huma membri tal-OECD, il-KESE jqis ta' valur l-appoġġ tal-Istati Membri li mhumiex fl-OECD fil-koordinazzjoni u l-implimentazzjoni tal-proġett dwar il-BEPS. Madankollu, il-KESE jirrakkomanda li tingħata attenzjoni partikolari għall-proċess ta' implimentazzjoni f'dawn il-pajjiżi, fir-rigward ta' kemm din id-Direttiva kif ukoll id-Direttiva kontra l-Evitar tat-Taxxa nnifisha.

4.6. Sanzjonijiet għal kontribwenti mhumiex proposti fid-Direttiva, peress li hija kompetenza tal-Istati Membri li japplikawhom jew le. Il-KESE jirrakkomanda lill-Istati Membri li jinvestigaw din il-kwistjoni fid-dettall u japplikaw azzjonijiet koerċittivi, jekk iqisu li dan se jipprevjeni u/jew jindirizza d-diskrepanzi ibridi.

4.7. Billi d-Direttiva kontra l-Evitar tat-Taxxa ma tindirizza tipi oħra ta' diskrepanzi, bħal diskrepanzi ta' stabbilimenti permanenti ibridi, trasferimenti ibridi, ibridi importati u ibridi b'residenza doppja, il-KESE huwa tal-fehma li l-espansjoni tal-Artikolu 9 trid tkun dettaljata sew.

4.8. Fir-rigward ta' perjodi differenti għall-kontabilità tat-taxxa li jinsabu f'ġurisdiżjonijiet differenti, il-KESE jaqbel li d-differenzi taż-żmien m'għandhomx ikunu sors ta' diskrepanzi fir-riżultati tat-taxxa. Madankollu, sabiex jiġi evitat tnaqqas mingħajr inklużjoni, il-kontribwent għandu jħabbar il-ħlas fiż-żewġ ġurisdiżjonijiet, f'perjodu ta' żmien raġonevoli.

4.9. Il-KESE jirrakkomanda li l-Istati Membri kollha jħarsu aktar mill-qrib lejn il-kawżi ewlenin tad-diskrepanzi ibridi, jagħlqu l-lakuni potenzjali u jipprevjenu l-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva milli sseħħ, aktar milli sempliċement ifittxu li jiksibu l-introjtu tat-taxxa.

4.10. Il-Kumitat huwa tal-fehma li għandha tingħata attenzjoni speċjali għal diskrepanzi importati li jimminaw l-effettività ta' regoli maħsuba biex jeliminaw id-diskrepanzi ibridi. Il-KESE jappoġġja l-isforzi tal-Kummissjoni biex tiġġieled kontra tnaqqis doppju jew tnaqqis mingħajr inklużjoni, iġġenerat minn diskrepanzi importati kif stabbilit fl-Artikolu 9(4) u (5), iżda jqis li hemm bżonn ta' aktar kjarifiki.

4.11. Fl-aħħar nett, il-KESE jirrakkomanda li l-Istati Membri kollha jaqsmu l-għarfien u l-aħjar Prattiki rilevanti matul il-perjodu ta' implimentazzjoni, sabiex jitħaffef il-proċess u jiġi żgurat li huwa koerenti.

Brussell, l-14 ta' Diċembru 2016.

*Il-President*  
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*  
Georges DASSIS

---

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali dwar “Proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kundizzjonijiet tad-dħul u tar-residenza ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi għall-finijiet ta’ impjeg b’hliliet għolja”**

[COM(2016) 378 final – 2016/0176 (COD)]

(2017/C 075/14)

Relatur: **is-Sur Peter CLEVER**

Konsultazzjoni	Il-Parlament Ewropew, 4.7.2016
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Konsultazzjoni	Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 20.7.2016
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza
Adottata fis-sezzjoni	22.11.2016
Adottata fil-plenarja	14.12.2016
Sessjoni plenarja Nru	521
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	195/0/7

## 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Fl-isfond tal-bidla demografika, l-UE tiddependi wkoll fuq il-migrazzjoni ta’ ħaddiema bi kwalifiki għolja biex tiżgura t-*tkabbir* u l-prosperità. L-attivazzjoni tal-potenzjal tas-suq tax-xogħol nazzjonali – li bla dubju hija importanti fil-politika nazzjonali – mhijiex suffiċjenti għal dan il-għan; pjuttost, hemm bżonn ta’ strateġija komuni Ewropea għar-reklutaġġ tal-ħaddiema tas-sengħa, peress li fil-kompetizzjoni globali għall-ħaddiema tas-sengħa, l-Ewropa tista’ tpoġġi lilha nniġfisha f’pożizzjoni aħjar bħala entità sħiħa mill-Istati Membri individwali.

1.2. Strateġija komuni għar-reklutaġġ tal-ħaddiema tas-sengħa minn pajjiżi terzi għandha tiġi mfassla b’mod olistiku u għandha tkopri l-oqsma rilevanti kollha mill-indirizzar inizjali tal-ħaddiema tas-sengħa li huma interessati li jemigraw sal-indirizzar tal-intitolament tal-pensjoni. Għalhekk, għandhom jiġu kkunsidrati wkoll immigranti li inizjalment iwettqu parti mill-istudju universitarju tagħhom fil-pajjiż. Barra minn hekk, għandhom jiġu kkunsidrati wkoll l-impatti tal-migrazzjoni tal-ħaddiema tas-sengħa fil-pajjiżi ta’ oriġini u dawn għandhom jiġu appoġġjati fl-iżvilupp ulterjuri tas-sistema edukattiva tagħhom.

1.3. Barra minn hekk, huwa importanti li jintlaħaq l-usa’ kunsens possibbli li jippermetti li l-Istati Membri jirrikonoxxu din l-istrateġija u bħala riżultat ta’ dan, jimplementaw il-miżuri adottati fil-livell tal-UE. Huwa importanti li jiġi żgurati involviment mill-qrib tal-imsieħba soċjali nazzjonali u Ewropej. Fl-impjegar ta’ ċittadini minn pajjiżi terzi għandhom jiġu żgurati t-ttrattament ugwali u n-nondiskriminazzjoni.

1.4. Qasam ċentrali ta’ politika koerenti dwar il-migrazzjoni tal-ħaddiema huwa l-politika dwar l-ammissjoni. B’hekk, regolamenti komuni jistgħu jiffaċilitaw l-aċċess taċ-ċittadini minn pajjiżi terzi għas-swieq tax-xogħol Ewropej, iżda fl-istess ħin jirrappreżentaw interferenza fis-sovranità nazzjonali. Għalhekk, f’dan l-istadju, għandhom jiġu vvalutati l-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta’ armonizzazzjoni ulterjuri. Armonizzazzjoni sħiħa tal-politika ta’ ammissjoni tidher li mhijiex utli u meħtieġa f’dan l-istadju attwali.

1.5. Fid-dawl tas-sitwazzjoni attwali, l-abbozz tar-regolament dwar il-Karta Blu proposta mill-Kummissjoni Ewropea jmur lil hinn wisq, minħabba li dan ineħħi l-opportunità lill-Istati Membri biex iżommu r-rotot tal-aċċess speċifiċi u mfassla għalihom ibbażati fuq il-ħtiġijiet tagħhom għal dawk il-ħaddiema bi kwalifiki għolja. Madankollu, huwa xieraq li tittieħed azzjoni sabiex fil-ġejjieni, il-Karta Blu tintuża aktar fil-pajjiżi tal-UE, fir-rigward tal-ammissjoni ta' ħaddiema bi kwalifiki għolja minn pajjiżi terzi. Bl-istess mod bħall-Karta Ħadra tal-Amerika, huma mbagħad jistgħu jiffurmaw marka li tagħmel lill-UE reġjun fil-mira attraenti għall-immigranti bi kwalifiki għoljin.

1.6. B'mod ġenerali, il-proposta tal-Kummissjoni għar-reviżjoni tal-Karta Blu hija waħda pożittiva, peress li din tagħmel il-Karta Blu l-mod ta' aċċess fl-UE l-aktar attraenti u b'mod partikolari tiffaċilita l-mobbiltà tad-detenturi tal-Karta Blu fi ħdan l-UE. F'dan il-kuntest għandu jintlaqa' ħafna l-fatt li ser jinħolqu possibbiltajiet aħjar għall-residenzi bi skop ta' negozju fi Stati Membri oħrajn tal-UE.

1.7. Il-faċilitazzjoni tal-għoti hija korretta. Madankollu, it-tnaqqis tas-salarju jrid jiġi ferm ikkontestat. Għandu jiġi miċħud livell aktar baxx mill-medja tad-dħul għal dawk b'ħiliet għolja.

1.8. L-istess japplika għall-possibbiltà fakultattiva li grad universitarju jiġi sostitwit permezz ta' esperjenza professjonali xierqa. Hawnekk għandu jerġa' jiġi kkunsidrat it-tnaqqis fl-esperjenza professjonali meħtieġa minn ħames snin għal tliet snin, kif ukoll indikazzjoni dwar liema kriterji huma utli biex titwettagħ il-valutazzjoni.

## 2. Kuntest – L-importanza tal-migrazzjoni tal-ħaddiema bi kwalifiki għolja għall-Unjoni Ewropea u l-ħtieġa ta' strateġija Ewropea għar-reklutaġġ tal-ħaddiema tas-sengħa

2.1. Il-politika dwar il-migrazzjoni għandha diversi għanijiet. Wieħed mill-għanijiet huwa l-istabbilizzazzjoni tal-bażi tax-xogħol f'pajjiżi li huma affettwati ħafna mit-tibdil demografiku. Għan ieħor huwa l-adozzjoni tar-responsabbiltà soċjali fid-dinja, fil-forma ta' akkoljenza tar-refuġjati. **Fid-dawl tal-kumplessità tas-suġġett, din l-opinjoni tiffoka fuq l-immigrazzjoni tal-ħaddiema bi kwalifiki għolja minn pajjiżi terzi.**

2.2. Mingħajr l-immigrazzjoni minn pajjiżi terzi, fiż-żewġ deċennji li ġejjin, il-bidla demografika ser twassal għal tnaqqis sinifikanti fil-popolazzjoni fl-età tax-xogħol fl-UE. Fl-istess ħin, in-numru ta' persuni anzjani ser jiżdied b'mod sinifikanti. **Żvilupp bħal dan iġib miegħu sfidi kbar** għat-tfassil tal-finanzi pubbliċi, minħabba li hemm inqas kontributori (netti) f'paragun ma' aktar benefiċjarji (netti) tas-servizzi pubbliċi. Barra minn hekk, in-nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol huma ta' theddida.

2.3. Sabiex dawn il-konsegwenzi negattivi tal-bidla demografika jkunu jistgħu jiġu kkontrollati, il-potenzjali attwali tal-ħaddiema bi kwalifiki għolja fl-Istati Membri tal-UE għandhom jitjiebu. Għalhekk, jeħtieġu sforzi qawwija, b'mod partikolari fir-rigward tal-gruppi fil-mira soċjalment żvantaġġati, sabiex dawn jikkwalifikaw għas-suq tax-xogħol. Il-mobbiltà fi ħdan l-Unjoni Ewropea tista' tikkontribwixxi fuq perjodu ta' żmien medju għall-istabbilizzazzjoni tal-bażi tal-ħaddiema fil-pajjiżi li huma l-aktar affettwati mit-tibdil demografiku. Din il-mobbiltà intra-Ewropea għadha mhux qed tiġi uttilizzata sal-punt li tkun legalment u operattivament possibbli. Madankollu, dawn it-tnejn flimkien mhumiex biżżejjed. **Barra minn hekk, għandu jkun hemm strateġija fit-tul għall-promozzjoni tal-immigrazzjoni legali tal-ħaddiema tas-sengħa kkwalifikati minn pajjiżi terzi.**

2.4. Attwalment, **is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol fl-Istati Membri tal-UE hija differenti ħafna.** Filwaqt li ċerti pajjiżi għandhom nuqqas ta' ħaddiema tas-sengħa, pajjiżi oħra huma kkaratterizzati minn qgħad qawwi. Dan wassal biex issir distinzjoni fundamentali bejn id-domanda għal ħaddiema migranti u l-opportunitajiet ta' integrazzjoni għal migranti minn pajjiżi terzi. **Għalhekk, l-istrateġija dwar l-immigrazzjoni tal-Istati Membri individwali għandhom jifasslu b'mod differenti.**

2.5. Fl-istess ħin hija meħtieġa kooperazzjoni aktar b'saħħtiha fir-rigward tar-reklutaġġ tal-ħaddiema bi kwalifiki għolja għas-swieq tax-xogħol Ewropej. Bil-kontra ta' dawk il-persuni bi kwalifiki baxxi, il-persuni bi kwalifiki għolja għandhom l-opportunità li jemigraw lejn pajjiżi oħra, b'mod partikolari fiż-żoni Anglo-Sassoni u peress li dawn il-persuni huma mfittxija ħafna minn dawn il-pajjiżi, l-Ewropa tinsab f'kompetizzjoni. **Għaldaqstant, 31% biss tal-immigranti bi kwalifiki għolja minn Stati Membri mhux tal-UE fl-OECD jagħżlu Stat Membru tal-UE.** Ostakolu ewlieni għall-migrazzjoni ta' ħaddiema bi kwalifiki għolja fl-UE huwa n-nuqqas ta' għarfien tal-lingwa lokali tal-pajjiżi rispettivi. Ostakolu ieħor huwa li speċjalment il-pajjiżi membri żgħar fid-daqs u li huma barra mill-Ewropa ta' spiss mhumiex magħrufa u għalhekk huma ikkunsidrati b'mod żbaljat bħala anqas attraenti.



2.6. F'dan il-kuntest, l-UE għandha rwol importanti x'tissodisfa, dak li tgħaqqad flimkien l-attivitajiet tal-Istati Membri għar-reklutaġġ tal-ħaddiema tas-sengħa bi kwalifiki għolja minn pajjiżi terzi biex b'hekk dan isir aktar effettiv. Barra minn hekk, meta l-Istati Membri jippreżentaw ruħhom kollettivament bħala Ewropa, dan iġib miegħu vantaġġi sinifikanti fil-kompetizzjoni tal-ħaddiema tas-sengħa li huma mobbli fil-livell internazzjonali. **Sabiex tiżdied l-attrazzjoni tal-UE bħala reġjun fil-mira għall-immigranti bi kwalifiki għolja minn pajjiżi terzi, hemm il-bżonn ta' strateġija li għandha l-għan li tirrekluta ħaddiema tas-sengħa**, minħabba li b'hekk biss l-UE tista' tiżviluppa u ttejjeb l-istatus tagħha fil-kompetizzjoni globali għal ħaddiema bi kwalifiki għolja.

2.7. Is-suċċess ta' strateġija Ewropea għar-reklutaġġ tal-ħaddiema tas-sengħa, madankollu, jiddependi ħafna fuq sa fejn din tqis iċ-ċirkostanzi nazzjonali u tiddependi wkoll fuq **l-impenn tal-Istati Membri tal-UE fir-rigward ta' din l-istrateġija**. Għalhekk, għandu jkun hemm l-akbar kunsens possibbli għal qafas legali meħtieġ dwar il-migrazzjoni tal-ħaddiema tas-sengħa billi jitqiesu l-miżuri rilevanti.

### 3. Komponenti ta' strateġija Ewropea għar-reklutaġġ tal-ħaddiema tas-sengħa

3.1. Bħala parti minn strateġija komuni għall-promozzjoni tal-immigrazzjoni legali tal-ħaddiema bi kwalifiki għolja, għandhom jitfasslu miżuri fil-livell Ewropew **dwar l-indirizzar u t-tqegħid ta' ħaddiema tas-sengħa minn pajjiżi terzi. Bażi tad-Dejta Ewropea għall-persuni b'talent**, simili għal dik fil-EURES, li permezz tagħha daww il-ħaddiema tas-sengħa minn pajjiżi terzi li huma interessati li jemigraw ikunu jistgħu jirreġistraw billi jużaw il-kwalifiki tagħhom u li permezz tagħha jkunu jistgħu jiġu kkuntattjati direttament minn impjegaturi interessati, tidher promettenti ħafna f'dan il-każ. Komponenti oħra ta' strateġija Ewropea għar-reklutaġġ tal-ħaddiema għandhom ikunu **l-provvista ta' servizzi ta' informazzjoni** dwar l-Unjoni Ewropea, id-dispożizzjonijiet rispettivi dwar l-immigrazzjoni u s-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol fl-Istati Membri. Barra minn hekk, għandu jkun hemm **qafas adegwat għall-mobbiltà** tal-ħaddiema bi kwalifiki għolja minn pajjiżi terzi fi ħdan l-UE, **approċċ ikkoordinat għar-rikonoxximent tal-kwalifiki** minn pajjiżi terzi u t-twaqqif ta' **kultura Ewropea li tagħti merħba**, li topponi r-riżentiment tal-popolazzjoni lokali lejn l-immigranti. Dan il-qafas għandu jiġi żviluppat bl-involvement tal-imsieħba nazzjonali u soċjali Ewropej.

3.2. Għalhekk, l-istrateġija dwar il-promozzjoni tal-immigrazzjoni legali tal-ħaddiema bi kwalifiki għolja minn pajjiżi terzi m'għandhiex tikkunsidra biss persuni li jaslu fl-Istati Membri tal-UE bħala persuni li lestew kompletament l-istudju tagħhom, iżda wkoll daww il-persuni li jridu jlestu b'suċċess l-istudju tagħhom jew parti mill-istudju tagħhom hemmhekk. F'dan il-kuntest, **għandhom jintlaqgħu ħafna** l-faċilitazzjonijiet implimentati fir-rigward tal-attivitajiet sekondarji tal-istudenti permezz **tad-Direttiva l-ġdida tal-UE dwar ir-residenza taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' studju u riċerka (Direttiva (UE) 2016/801)** u l-possibbiltà li wara t-tmiem tal-istudju, dawn jistgħu jibqgħu fil-pajjiż mill-inqas disa' xhur wara li jiggradwaw biex ifittxu post tax-xogħol. Dan għandu jkun akkumpanjat b'informazzjoni speċifika u pariri mogħtija lill-universitajiet, lill-istudenti minn pajjiżi terzi sabiex dawn ikunu infurmati dwar il-prospetti tas-suq tax-xogħol tagħhom fl-UE.

3.3. Ċittadini ta' pajjiżi terzi legalment reġistrati fl-UE **m'għandhomx jiġu diskriminati**. Dawn għandhom ikunu remunerati bl-istess mod bħar-residenti tal-lokal u għandhom jiġu ttrattati bl-istess mod fil-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom.

3.4. **L-indirizzar tal-ħaddiema tas-sengħa għandu jsir b'attenzjoni**, minħabba li bosta pajjiżi ta' tluq potenzjali huma maħkuma minn nuqqas ta' professjonisti bi kwalifiki għolja. F'dan il-kuntest għandu jiġi evitat **l-eżodu ta' mħuħ**. Madankollu, immigrazzjoni temporanja ta' ħaddiema tas-sengħa fil-kuntest ta' **ċirkolazzjoni tal-imħuħ** tista' tikkontribwixxi għall-iżvilupp ekonomiku f'dawn il-pajjiżi. F'dak il-każ, għandu jkun żgurat li ritorn temporanju lejn il-pajjiż ta' oriġini ma jwassalx awtomatikament għat-tneħħija tal-permess tax-xogħol eżistenti fl-Istat Membru tal-UE; Fi kwalunkwe każ, strateġija mmirata lejn ir-reklutaġġ tal-ħaddiema tas-sengħa minn pajjiżi inqas żviluppata, għandha tkun akkumpanjata b'miżuri ta' żvilupp li jappoġġjaw il-pajjiż ta' oriġini, u li jkomplu jżviluppaw is-sistema edukattiva tagħhom. Din il-politika ta' żvilupp hija fl-interess tal-pajjiż ta' oriġini, u ma jistax ikollha l-għan li żżid il-potenzjal għal aktar reklutaġġ ta' professjonisti kkwalfikati minn dawn il-pajjiżi.

3.5. Sabiex l-immigrazzjoni illegali tiġi limitata, l-UE qed tippjana biex tikkonkludi aktar **sħubijiet dwar l-immigrazzjoni ma' pajjiżi importanti ta' oriġini u ma' daww ta' tranżitu**. Tali sħubijiet għandhom jintużaw ukoll għall-promozzjoni tal-immigrazzjoni legali. S'issa, is-sħubijiet dwar l-immigrazzjoni f'it li xejn intużaw fil-prattika. Għaldaqstant, jistgħu jiġu konklużi miżuri mmirati lejn l-iżvilupp tal-ħaddiema tas-sengħa fil-pajjiżi sħab u lejn l-iffaċilitar tal-immigrazzjoni lejn l-Ewropa (skont il-kwota). L-immigrazzjoni illegali tista' tiġi indirizzata billi tinħoloq alternattiva legali għal daww il-ħaddiema interessati li jemigraw, li fil-prinċipju, titlob aktar investment fit-taħriġ, li jista' jkollha effett pożittiv ukoll fuq il-livell edukattiv fil-pajjiż ta' oriġini.

#### 4. Ir-rekwiżiti u l-limitazzjonijiet ta' politika konsistenti dwar l-ammissjoni

4.1. Il-politika dwar l-ammissjoni hija parti importanti mill-istrategġija għar-reklutaġġ tal-ħaddiema tas-sengħa. Din mhux biss tirregola l-aċċess għaċ-ċittadini tal-pajjiżi terzi fis-suq tax-xogħol tal-Istati Membri rilevanti, iżda tirregola wkoll sa liema punt huma mobbli fi ħdan l-UE u sa fejn huma jistgħu jgħibu magħhom membri familjari jew jingħaqdu magħhom aktar tard. Dawn it-temi huma ta' importanza kbira wkoll sabiex l-UE tkun tista' tattira ħaddiema tas-sengħa minn pajjiżi terzi.

4.2. **It-twaqqif ta' Regolament uniformi li huwa validu madwar l-UE għall-għoti tal-awtorizzazzjoni ta' residenza** jista' jippreżenta **intervent qawwi fis-sovranià nazzjonali**. Aktar ma l-intervent ikun wieħed b'saħħtu, il-qafas nazzjonali dwar id-drittijiet tar-residenza aktar ser ikun wieħed armonizzat u b'hekk jibqa' ftit marġini ta' ġestjoni fl-Istati Membri. Għalhekk, id-deċiżjoni fir-rigward tal-kriterji uniformi dwar l-ammissjoni għandha tkun preċeduta minn kunsiderazzjoni bir-reqqa bejn il-vantaġġi ta' regoli għall-UE kollha u d-differenza bejn il-ħtiġijiet u l-interessi nazzjonali.

4.3. **Il-ħtiġijiet tal-ħaddiema minn pajjiżi terzi huma differenti ferm bejn l-Istati Membri individwali tal-UE**. Għalhekk, l-Artikolu 79 tat-TFUE b'mod ġust jippermetti li l-livell Ewropew jiżviluppa politika komuni dwar l-immigrazzjoni, iżda ma jagħtix id-dritt lill-Istati Membri biex jistabbilixxu politiki nazzjonali dwar l-ammissjoni li huma invalidi. Dan huwa minħabba l-fatt li l-kriterji ta' eliġibbiltà nazzjonali għall-migrazzjoni ekonomika minn pajjiżi terzi huma b'mod ġenerali aktar adatti għall-karatteristiċi speċifiċi tas-swieq tax-xogħol nazzjonali. Verifiki tas-suq tax-xogħol jistgħu jkunu wkoll importanti għall-ġestjoni tal-immigrazzjoni u għandhom jibqgħu għad-diskrezzjoni tal-Istati Membri.

4.4. **Madankollu, xorta waħda huwa meħtieġ b'urġenza qafas komuni**, minħabba li l-ekonomiji tal-Istati Membri tal-UE huma marbuta ferm ma' xulxin fir-rigward tas-suq intern Ewropew. Għaldaqstant, ħafna kumpaniji għandhom siti ta' produzzjoni f'diversi pajjiżi tal-UE u jikkumerċjalizzaw il-prodotti u s-servizzi tagħhom madwar l-UE. Barra minn hekk, il-kumpaniji ta' spiss iridu jħaddmu wkoll impjegati bi kwalifiki speċifiċi minn pajjiżi terzi f'perjodu ta' żmien qasir f'diversi pajjiżi tal-UE. Jekk dawn ma jkunux fil-kamp tal-applikazzjoni tad-Direttiva dwar trasferimenti intrakorporattivi (l-hekk imsejħa Direttiva ICT) u ma jawtorizzawx l-awtorizzazzjoni ta' residenza xierqa sabiex ikunu jistgħu jsibu impjeg f'pajjiż ieħor tal-UE, dawn jagħmluha diffiċli biex iċ-ċittadini minn pajjiżi terzi jsibu impjeg. L-immigranti jiffaċċjaw problemi simili meta huma stess jkunu jridu jsiru indipendenti f'pajjiż tal-UE u meta jixtiequ, jew ikollhom, jaħdmu mal-kumpaniji tagħhom f'bosta pajjiżi tal-UE. **Din il-ħtieġa tal-mobbiltà għaċ-ċittadini minn pajjiżi terzi bi kwalifiki għolja għandha tingħata l-akbar importanza.**

#### 5. Esperjenza rigward il-Karta Blu tal-UE u l-ħtieġa ta' riforma

5.1. Flimkien ma' strumenti oħra, il-Karta Blu tal-UE hija komponent importanti ta' strategġija komuni għar-reklutaġġ tal-ħaddiema tas-sengħa bi kwalifiki għolja. **Din toffri potenzjali kbar għar-reklutaġġ ta' ħaddiema tas-sengħa minn pajjiżi terzi**, peress li din, b'mod simili għall-Karta Ħadra tal-Amerika, tista' tirrappreżenta strument tal-kummerċjalizzazzjoni għall-promozzjoni tal-UE bħala reġjun tal-immigrazzjoni. Barra minn hekk, din tagħmilha aktar faċli għall-ħaddiema bi kwalifiki għolja li huma interessati li jemigraw, biex jevalwaw l-oportunitajiet tagħhom ta' aċċess għas-swieq tax-xogħol Ewropej, peress li għall-inqas, fl-Istati Membri kollha tal-UE, l-istruttura tapplika skont l-istess kriterji. B'hekk, din tista' tippromovi wkoll l-immigrazzjoni lejn l-UE.

5.2. Madankollu, **il-Karta Blu hija ta' suċċess b'mod differenti fl-Istati Membri tal-UE individwali**. Filwaqt li din f'pajjiż, bħal pereżempju fil-Ġermanja, hija komponent importanti mill-istrategġija għar-reklutaġġ tal-ħaddiema tas-sengħa, pajjiżi oħrajn bilkemm jagħmlu użu minnha jew ma jużawha xejn u jkomplu jiddependu bħal qabel, primarjament fuq l-awtorizzazzjoni ta' residenza. Fl-2015, 14 600 minn 16 800 Karta Blu nħarġu għall-ewwel darba fil-Ġermanja. Dan jikkorrispondi għal sehem ta' kważi 90 %. Fl-ebda Stat Membru ieħor tal-UE, l-ammont ma kien aktar minn 1 000. F'għadd ta' pajjiżi tal-UE, saħansitra nħarġu inqas minn għoxrin Karta Blu. Dan jinkludi wkoll pajjiżi li jinsabu f'qagħda tax-xogħol relattivament tajba, bħan-Netherlands u l-Iżvezja.

5.3. Għalhekk, bosta Stati Membri tal-UE ma jużawx il-Karta Blu tal-UE bħala strument strateġiku għar-reklutaġġ ta' ħaddiema tas-sengħa bi kwalifiki għolja minn pajjiżi terzi. B'konsegwenza ta' dan, il-Karta Blu tal-UE tista' ma tiġix rikonoxxuta bħala marka għall-politika komuni dwar l-immigrazzjoni tal-UE minn ħaddiema tas-sengħa interessati li jemigraw minn pajjiżi terzi u għalhekk ma tiżviluppax il-potenzjal tagħha. Minħabba dan l-isfond, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat proposta għal riforma tal-Karta Blu tal-UE.

5.4. **B'mod ġenerali, il-proposta tal-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tal-Karta Blu hija żvilupp pożittiv**, minħabba li din għandha l-għan li tindirizza t-temi l-aktar importanti flimkien ma' awtorizzazzjonijiet nazzjonali oħra ta' residenza, il-mobbiltà tal-ħaddiema tas-sengħa minn pajjiżi terzi fi ħdan l-UE, tindirizza l-kriterji ffaċilitati fir-rigward tal-għoti, kif ukoll toffri soluzzjonijiet. **Madankollu, hawnhekk għandhom isiru korrezzjonijiet importanti.**

5.5. Il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea tistabbilixxi li l-ħaddiema immigranti bi kwalifiki għolja minn pajjiżi terzi ma għandhom jingħataw l-ebda awtorizzazzjoni ta' residenza oħra, ħliel il-Karta Blu tal-UE. Għandhom ikunu esklużi biss gruppi professjonali speċifiċi bħal dawk tal-ħaddiema li jaħdmu għal rashom u dawk li jaħdmu bħala xjenzati. Ir-riġidità tagħmilha diffiċli għall-Istati Membri biex ifasslu l-politika tal-immigrazzjoni tagħhom skont il-ħtiġijiet tal-ħaddiema tas-sengħa tagħhom biex jirreaġixxu b'mod speċifiku għal sitwazzjonijiet problematiċi partikolari. **Għalhekk, projbizzjoni stretta ta' modi oħra ta' aċċess għal impjegati bi kwalifiki għolja mhijiex effettiva. Pjuttost, l-Istati Membri għandu jkollhom l-opportunità li jibqgħu jżommu s-sistemi nazzjonali tagħhom.**

5.6. **Madankollu, il-Karta Blu tal-UE għandha tiġi implimentati aħjar fil-politika dwar l-ammissjoni tal-Istati Membri tal-UE.** Għal dan il-għan, għandha tiġi introdotta rakkomandazzjoni fil-premessi tad-Direttiva, wara li l-Istati Membri huma mistiedna jippreferu l-għoti ta' Karta Blu tal-UE fir-rigward ta' permessi ta' residenza nazzjonali jekk il-kandidat jissodisfa l-kriterji għal attribuzzjoni. B'hekk, il-kampijiet ta' applikazzjoni nazzjonali ma jkunux limitati b'mod strett daqs projbizzjoni ta' titoli oħra. Barra minn hekk, wieħed għandu jqijs li s-suċċess tal-Karta Blu tal-UE ma jistax jintlaħaq biss permezz ta' regoli xierqa fid-Direttiva tal-UE, iżda huwa meħtieġ ukoll impenn ċar mill-Istati Membri tal-UE fir-rigward tal-Karta Blu tal-UE. Din tista' tkun ta' suċċess biss meta l-Istati Membri tal-UE jirrikonoxxu l-valur tal-Karta Blu tal-UE.

5.7. Tnaqqis fil-limiti tas-salarji huwa sinifikanti, madankollu, il-proposta tal-Kummissjoni tmur 'il bogħod wisq

5.7.1. Il-limiti minimi attwali tas-salarji ta' mill-inqas 1,5 darbiet tal-medja tas-salarju gross annwali jew 1,2 darbiet f'impjiegi li għandhom nuqqas ta' ħaddiema fl-Istati Membri individwali, jistgħu jkunu ta' ostakolu, b'mod partikolari għal dawk il-professjonisti żgħażaġh. Għalhekk, it-tnaqqis ta' dawn il-limiti jista' jkun pass tajjeb, iżda t-trejdjunjins huma kritiċi. Fil-fehma tal-KESE, għandu jiġi żgurati li żgħażaġh bi kwalifiki għolja għandhom jitħallsu mhux inqas mid-dħul medju. Il-limitu ta' 0,8 darba kif propost mill-Kummissjoni huwa baxx wisq.

5.7.2. Din il-valutazzjoni hija bbażata fuq il-fatt li fil-kalkolu tas-salarju gross medju, jitqiesu l-impjegati kollha u li permezz tal-kwalifiki għolja ż-żgħażaġh għandhom jiksbu salarju ogħla mill-medja matul il-karriera tagħhom permezz ta' impjiegi adegwati. **Meta fi Stat Membru jkun hemm nuqqas ta' ħaddiema tas-sengħa, l-iffissar ta' limiti tas-salarji komparattivament baxxi għall-għoti tal-Karta Blu tal-UE huwa wieħed utli, madankollu l-qgħad huwa għoli wkoll fost il-ħaddiema kkwalifikati u għalhekk normalment jiġu f'fissati limiti ogħla.** Barra minn hekk, ma għandhiex tingħata l-impresjoni li l-Karta Blu tal-UE sservi biex tattira lejn l-UE ħaddiema "irħas". Din tista' wkoll tkun ta' ħsara għall-aċċettazzjoni meħtieġa tar-Regolament.

5.7.3. Barra minn hekk, wieħed għandu jinnota li d-Direttiva xorta waħda **ma tirregolax b'mod ċar kif għandu jiġi stabbilit id-dħul medju applikabbli**, li jista' jkollu influż kbir fuq il-limiti tas-salarju li finalment ikunu validi.

5.8. L-iffaċilitar ulterjuri ppjanat tal-għoti tal-Karta Blu tal-UE huwa fatt pożittiv

5.8.1. **It-tnaqqis** minn 12-il xahar għal 6 xhur **tal-perjodu minimu** tal-kuntratt tax-xogħol sottomess għall-Karta Blu tal-UE propost mill-Kummissjoni huwa pass tajjeb, peress li jagħmilha aktar faċli għall-impjegaturi li jinsabu inċerti dwar il-kapaċitajiet attwali ta' ċittadini bi kwalifiki għolja li ġejjin minn pajjiżi terzi sabiex jikkonkludu kuntratt tal-impjiegi u b'hekk jippromovu l-immigrazzjoni.

5.8.2. Anke l-**possibiltà** eżistenti ulterjuri li l-**grad universitarju jiġi sostitwit permezz ta' esperjenzi rilevanti tax-xogħol** hija żvilupp pożittiv. **Madankollu, għandu jerġa' jiġi kkunsidrat it-tnaqqis tal-esperjenza professjonali essenzjali u meħtieġa minn ħames snin għal tliet snin. F'dan il-kuntest huma utli wkoll indikazzjonijiet** dwar skont liema kriterji għandha ssir il-valutazzjoni, sabiex l-interpretazzjoni ma tkunx differenti ħafna fost l-Istati Membri.

5.8.3. **Il-ftuħ tal-Karta Blu tal-UE għall-benefiċjarji ta' protezzjoni minn pajjiżi terzi** li jissodisfaw ir-rekwiżiti għal immigrazzjoni kwalifikati huwa **utli** minħabba li r-refuġjati bi kwalifiki għolja għandu jkollhom aċċess iffaċilitat għas-suq tax-xogħol.

5.9. **Ir-regolamenti l-ġodda dwar il-mobbiltà tad-detenturi tal-Karta Blu fi ħdan l-UE huma pass importanti.**

5.9.1. Ħaddiema bi kwalifiki għolja għandhom ikunu utli wkoll fi Stati Membri tal-UE oħra jekk ikunu meħtieġa għal perjodu ta' żmien qasir. Għaldaqstant, **ir-regoli ċari dwar żjarat tan-negozju fi Stati Membri oħra tal-UE** proposti mill-Kummissjoni, huma pass importanti fid-direzzjoni t-tajba. Il-perjodu massimu propost ta' 90 jum minn firxa ta' 180 jum għandu jiġi diskuss ukoll mal-prattikanti.

5.9.2. L-opportunità li **wara sena wieħed jista' japplika għal Karta Blu fi Stat Membru ieħor tal-UE mingħajr reviżjoni komprensiva ġdida tal-kwalifiki** huwa pass tajeb sabiex tiġi promossa l-mobbiltà fi ħdan l-UE.

6. **Il-politika ta' integrazzjoni bħala parti importanti mill-istrateġija Ewropea għar-reklutaġġ tal-ħaddiema tas-sengħa**

6.1. Sabiex fid-dawl tat-tibdil demografiku tiġi żgurata l-bażi tal-ħaddiema tas-sengħa fl-Ewropa, mhuwiex biżżejjed li jinkisbu ħaddiema tas-sengħa minn pajjiżi terzi għall-immigrazzjoni. Pjuttost, dawn għandhom jingħataw ukoll **perspettivi tajba ta' integrazzjoni**, sabiex huma jkunu jistgħu jiżviluppaw bis-sħiħ il-potenzjal tagħhom u jagħżlu li jibqgħu fl-Ewropa fit-tul. Għalhekk, il-pjan ta' azzjoni propost mill-Kummissjoni Ewropea għall-integrazzjoni għandu jqis ukoll l-immigrazzjoni ekonomika.

6.2. Kwalunkwe forma ta' immigrazzjoni mixtieqa tirrifletti wkoll iċ-ċaħda tar-rażziżmu u l-ksenofobija. Dan huwa konformi bis-sħiħ mal-valuri tal-UE u huwa prinċipju gwida għall-politika u s-soċjetà.

6.3. Il-fatt li l-pjan ta' azzjoni diġà jqis **iż-żmien ta' qabel il-wasla tagħhom fl-Ewropa**, huwa pożittiv ħafna, peress li diġà jinsabu fis-seħħ prinċipji ewlenin għal integrazzjoni b'suċċess qabel il-wasla tagħhom fil-pajjiż tad-destinazzjoni. B'mod partikolari, dan japplika għat-tagħlim tal-lingwi. Minbarra li l-korsijiet tal-lingwa u dawk is-servizzi edukattivi mmirati lejn l-immigrazzjoni possibbli fl-UE, itejbu l-perspettivi tal-karriera fl-UE, dawn jagħmlu wkoll lill-UE aktar attraenti bħala reġjun fil-mira għall-persuni minn pajjiżi terzi. B'hekk dawn jistgħu jikkontribwixxu b'mod dirett għall-promozzjoni tar-reklutaġġ tal-ħaddiema tas-sengħa minn pajjiżi terzi.

6.4. Anke jekk il-pjan ta' integrazzjoni jinkludi miżuri individwali għal dawk il-ħaddiema bi kwalifiki għolja, bħal kooperazzjoni mill-qrib fir-rigward tar-rikonoxximent ta' kwalifiki minn pajjiżi oħra, il-pjan ta' integrazzjoni huwa prinċipalment immirat lejn gruppi ta' immigranti oħra li għandhom bżonn l-appoġġ. Dan huwa żvilupp pożittiv. Madankollu, lil hinn mill-pjan ta' integrazzjoni eżistenti, l-istrateġija komuni għar-reklutaġġ tal-ħaddiema tas-sengħa minn pajjiżi terzi għandha tgħaqqad flimkien **programmi ta' informazzjoni mmirati lejn dawk il-ħaddiema bi kwalifiki għolja**. F'dan il-kuntest, qed issir referenza għar-rakkomandazzjonijiet tal-Forum Ewropew dwar il-Migrazzjoni ta' April 2016.

Brussell, l-14 ta' Diċembru 2016.

Il-President  
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew  
Georges DASSIS

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-impjieg ta’ ħaddiema fil-qafas ta’ prestazzjoni ta’ servizzi”**

[COM(2016) 128 final – 2016/0070 (COD)]

(2017/C 075/15)

Relaturi: **is-Sinjura Vladimíra DRBALOVÁ** u **s-Sinjura Ellen NYGREN**

Konsultazzjoni	Parlament Ewropew, 11.4.2016
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Ix-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza
Adottata fis-sezzjoni	22.11.2016
Adottata fil-plenarja	14.12.2016
Sessjoni plenarja Nru	521
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	180/84/30

## 1. Konklużjonijiet u proposti

1.1. Il-KESE jilqa’ bi pjaċir l-impenn tal-Kummissjoni Ewropea li taħdem lejn Suq Uniku aktar profond u aktar ġust bħala waħda mill-prijoritajiet ewlenin tal-mandat tagħha, u l-isforzi tagħha biex tingħata spinta addizzjonali għall-provvista ta’ servizzi transkonfinali permezz tal-Pjan ta’ Investiment għall-Ewropa tagħha.

1.2. Il-KESE jappoġġja d-deċiżjoni tal-KE li tintroduċi d-Direttiva dwar l-Infurzar 2014/67/UE <sup>(1)</sup> favur interpretazzjoni u implimentazzjoni komuni u aħjar tad-Direttiva dwar l-Istazzjonar ta’ Ħaddiema 96/71/KE <sup>(2)</sup>.

1.3. Id-Direttiva dwar l-Infurzar u l-proposta attwali għal reviżjoni mmirata tad-Direttiva dwar l-Istazzjonar tal-Ħaddiema jindirizzaw aspetti differenti tal-prattika tal-istazzjonar ta’ ħaddiema. Dawn mhux biss jikkomplementaw lil xulxin, iżda r-riżultati mistennija mill-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Infurzar jistgħu jipprovdu wkoll stampa aktar ċara tas-sitwazzjoni reali.

1.4. Il-KESE jappoġġja fil-prinċipju l-proposta tal-Kummissjoni għal riformulazzjoni tad-Direttiva dwar l-Istazzjonar ta’ Ħaddiema. Il-prinċipju ta’ paga ugwali għal xogħol ugwali fl-istess post huwa l-bażi tal-pilastru tad-drittijiet soċjali fl-Ewropa.

1.5. Il-KESE jqis il-ftehimiet kollettivi huma l-punt ta’ riferiment għal-livelli tar-remunerazzjoni.

1.6. Il-KESE jenfasizza li r-rwol tal-esklużività tal-imsieħba soċjali ma kienx rispettat u jistaqsi għaliex ma tnedietx konsultazzjoni proprja magħhom skont l-Artikolu 154(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

1.7. B’mod ġenerali, il-KESE jilqa’ l-fatt li l-Kummissjoni stipulat b’mod speċifiku t-tul massimu tal-istazzjonar. Il-limitu ta’ 24 xahar huwa pass fid-direzzjoni t-tajba, iżda limitu ta’ 6 xhur ikun eqreb għall-kundizzjonijiet tan-negozju reali.

<sup>(1)</sup> Direttiva 2014/67/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Mejju 2014 dwar l-infurzar tad-Direttiva 96/71/KE dwar l-istazzjonament ta’ ħaddiema fil-qafas tal-prestazzjoni ta’ servizzi u li temenda r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2012 dwar il-koooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta’ Informazzjoni tas-Suq Intern (“ir-Regolament tal-IMI”) (ĠU L 159, 28.5.2014, p. 11).

<sup>(2)</sup> Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Diċembru 1996 dwar l-impjieg ta’ ħaddiema fil-qafas ta’ prestazzjoni ta’ servizzi (ĠU L 18, 21.1.1997, p. 1) (Mhux disponibbli bil-Malti).



1.8. Il-KESE jappella sabiex id-Direttiva dwar l-Istazzjonar ta' Ħaddiema tinkludi kjarifika li d-Direttiva tistabbilixxi standard minimu, u mhux massimu. Għal dan l-għan, il-bażi legali jkollha tiġi estiża.

## 2. Qafas politiku Ewropew

2.1. Il-moviment liberu tal-ħaddiema, il-libertà tal-istabbiliment u l-libertà ta' forniment ta' servizzi huma prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

2.2. Għandha ssir distinzjoni bejn il-moviment liberu tal-ħaddiema u l-libertà ta' forniment ta' servizzi skont l-Artikolu 56 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Il-moviment liberu tal-ħaddiema jagħti lil kull ċittadin id-dritt li jmur liberament fi Stat Membru ieħor biex jaħdem u jirrisjedi hemm għal dak l-għan u jipproteġih mid-diskriminazzjoni fir-rigward ta' impjeg, remunerazzjoni u kondizzjonijiet oħra tax-xogħol meta mqabbla ma' dawk li għandhom in-nazzjonalità ta' dak l-Istat Membru.

2.3. B'kuntrast, *il-libertà ta' forniment ta' servizzi* tagħti lin-negozji d-dritt li jipprovdu servizzi fi Stat Membru ieħor. Għal dan l-għan, jistgħu jstazzjonaw lill-ħaddiema tagħhom stess temporanjament fl-Istat Membru l-ieħor biex jagħmlu x-xogħol meħtieġ biex jipprovdu s-servizzi.

2.4. Fis-16 ta' Diċembru 1996, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adottaw id-**Direttiva 96/71/KE** dwar l-impjeg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi <sup>(3)</sup>.

2.5. Dik id-Direttiva għandha l-għan li tirrikonċilja l-eżerċizzju tal-libertà ta' forniment ta' servizzi transkonfinali skont l-Artikolu 56 tat-TFUE bi protezzjoni adatta tad-drittijiet tal-ħaddiema stazzjonati temporanjament barra minn pajjiżhom għal dan l-għan.

2.6. F'Ottubru tal-2010, fil-Komunikazzjoni tagħha dwar "Lejn Att dwar is-Suq Uniku – Għal ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna – 50 proposta biex intejbu l-ħidma, in-negozju u l-iskambji ma' xulxin" <sup>(4)</sup>, il-Kummissjoni ressqet żewġ proposti maħsuba biex ireġġgħu lura l-fiduċja pubblika u l-appoġġ, waħda dwar il-bilanċ bejn id-drittijiet soċjali fundamentali u l-libertajiet ekonomiċi u l-oħra dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema.

2.7. F'Marzu tal-2010, l-imsieħba soċjali Ewropej ressqu rapport <sup>(5)</sup> dwar il-konsegwenzi tad-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, li ġibdu l-attenzjoni dwar id-diverġenzi kbar fosthom. Filwaqt li **BUSINESSEUROPE** kienet kontra reviżjoni tad-Direttiva (iżda aċċettat il-ħtieġa għal kjarifika ta' ċerti aspetti marbuta mal-infurzar), l-ETUC riedet li tiġi emendata bir-reqqa.

2.8. F'Diċembru tal-2012, il-Kummissjoni ppubblikat proposta dwar l-infurzar tad-Direttiva 96/71/KE. **Id-Direttiva dwar l-Infurzar** <sup>(6)</sup> tistabbilixxi qafas komuni ta' dispożizzjonijiet, miżuri u mekkaniżmi ta' kontroll adatti meħtieġa għal implimentazzjoni prattika, applikazzjoni u infurzar aħjar u aktar uniformi tad-Direttiva 96/71/KE, inklużi miżuri ta' prevenzjoni u sanzjoni għaċ-ċirkomvenzjoni tar-regoli applikabbli jew l-abbuż tagħhom. Din fl-istess ħin tiżgura l-ħarsien tad-drittijiet tal-ħaddiema stazzjonati u t-tneħħija ta' xkiel mhux iġġustifikat għall-forniment liberu ta' servizzi.

2.9. Id-data ta' skadenza għat-traspożizzjoni tad-Direttiva dwar l-Infurzar kienet it-18 ta' Ġunju 2016, u sa mhux aktar tard mit-18 ta' Ġunju 2019 il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tagħha lill-PE, lill-Kunsill u lill-KESE u tipproponi emendi u modifiki fejn ikun meħtieġ. Fir-reviżjoni tagħha, wara konsultazzjoni mal-Istati Membri u l-imsieħba Soċjali Ewropej, il-KE għandha tivvaluta kemm huma adatti u meħtieġa l-miżuri kollha introdotti u applikati, inkluża l-adeqgatezza tad-data disponibbli relatata mal-istazzjonamenti.

<sup>(3)</sup> Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 2.

<sup>(4)</sup> COM(2010) 608 final/2.

<sup>(5)</sup> It-test ġie ppreżentat matul il-Konferenza dwar l-Istazzjonar tal-Ħaddiema u d-Drittijiet tax-Xogħol organizzata mill-Presidenza Spanjola tal-Unjoni Ewropea fit-23 ta' Marzu 2010 f'Oviedo. Id-dibattiti għal darb'oħra wrew il-fehmiet opposti fost il-partijiet interessati.

<sup>(6)</sup> Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 1.



### 3. Proposta għal reviżjoni mmirata tad-Direttiva dwar l-istazzjonar ta' ħaddiema

3.1. Skont l-aktar data riċenti disponibbli, fl-2014, kien hemm aktar minn 1,9 miljun stazzjonament fl-UE, li jirrappreżentaw 0,7 % <sup>(7)</sup> tal-forza tax-xogħol totali tal-UE. Dan jirrappreżenta żieda ta' 10,3 % fuq l-2013 u ta' 44,4 % fir-rigward tal-2010. Din l-istatistika hija bbażata fuq in-numru ta' formoli A1 maħruġin mill-awtoritajiet tas-sigurtà soċjali; in-numru ta' ħaddiema stazzjonati de facto mhux irregjistarti mhuwiex magħruf.

3.2. Id-Direttiva tal-1996 dwar l-istazzjonar ta' ħaddiema tipprovdi qafas regolatorju tal-UE biex jiġi stabbilit bilanċ adatt u ġust bejn l-għanijiet ta' promozzjoni u faċilitar tal-forniment transkonfinali tas-servizzi, il-ħarsien tal-ħaddiema stazzjonati u l-iżgurar tal-kundizzjonijiet ekwi bejn il-kompetituri barranin u dawk lokali.

3.3. Issal-Kummissjoni ressqet proposta għar-reviżjoni mmirata ta' din id-Direttiva, bil-għan li tindirizza kemm il-prattiki inġusti <sup>(8)</sup> kif ukoll tippromovi l-prinċipju li l-istess xogħol fl-istess post għandu jitħallas bl-istess mod.

3.4. Il-proposta għet ippubblikata qabel id-data ta' skadenza għat-traspożizzjoni tad-Direttiva dwar l-Infurzar tal-2014 u qabel ma setgħet titwettaq kwalunkwe valutazzjoni tal-implimentazzjoni tagħha. Ħafna mill-isfidi li jikkonċernaw l-istazzjonar ta' ħaddiema jibqgħu relatati mal-infurzar ħażin u ma' nuqqas ta' kontrolli fl-Istati Membri. Fl-istess ħin, l-għan ewlieni tar-reviżjoni proposta hu li tiċċara l-prinċipju tar-remunerazzjoni ndaqs. Dan l-għan jista' jintlaħaq biss permezz ta' reviżjoni tad-Direttiva 96/71/KE stess.

3.5. F'dan ir-rigward, il-KESE kien diġà għaraf li l-implimentazzjoni effettiva tad-Direttiva dwar l-istazzjonar ta' ħaddiema m'għandhiex teskludi "reviżjoni parzjali tad-Direttiva dwar l-istazzjonar tal-Ħaddiema sabiex il-prinċipju tal-post tax-xogħol jiġi applikat b'mod konsistenti, u jagħmilha possibbli li jiġi stabbilit bil-liġi li l-istess kundizzjonijiet ta' xogħol u ta' ħlas għandhom japplikaw dejjem għall-istess xogħol fl-istess post" <sup>(9)</sup>.

3.6. Il-proposta għet ippubblikata mingħajr ebda konsultazzjoni minn qabel tal-imsieħba soċjali Ewropej, li baġhtu ittra konġunta lill-Kummissjoni fejn talbu li jiġu kkonstati kif suppost skont l-Artikolu 154(2) tat-TFUE.

3.7. Il-pubblikazzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni qanqlet fehmiet differenti li jifirdu l-Istati Membri, l-imsieħba soċjali u l-kumpaniji stess. Id-Direttiva proposta m'għandhiex tipperikola l-kompetittività jew toħloq ostakli ġodda għall-fornituri ta' servizzi transkonfinali. Ir-reviżjoni għandha fl-istess ħin tiggarrantixxi kompetizzjoni ġusta fis-Suq Uniku u tipprevjeni d-diskriminazzjoni bejn il-ħaddiema abbażi tan-nazzjonalità tagħhom.

3.8. Skont il-Protokoll Nru 2 għat-Trattati <sup>(10)</sup>, erbatax-il kamra tal-parlamenti nazzjonali baġhtu opinjonijiet motivati lill-Kummissjoni fejn jiddikjaraw li l-proposta tal-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-istazzjonar ta' ħaddiema ma kinitx konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, u b'hekk tiskatta l-proċedura tal-karta s-safra. B'segwitu għall-analiżi tas-sussidjarjetà tagħha, fl-20 ta' Lulju 2016, il-Kummissjoni kkonkludiet <sup>(11)</sup>, li l-proposta għal reviżjoni mmirata tad-Direttiva 96/71/KE kienet konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà minqux fl-Artikolu 5(3) tat-TUE u li ma kienx meħtieġ l-irtirar jew emenda ta' dik il-proposta. Il-Kummissjoni għalhekk żammet il-proposta.

3.9. Parti mill-komunità tan-negozju hija tal-fehma li l-proposta tmur kontra l-prinċipju tal-proporzjonalità. Uħud mill-kumpaniji jemmu li l-bidliet proposti se jwasslu għal inċertezza legali u piżijiet amministrattivi addizzjonali. Huma jaħsbu li r-reviżjoni tista' tolgot b'mod partikolari lill-kumpaniji mill-Istati Membri b'livelli ta' pagi aktar baxxi li bihsieħhom jipprovdu servizzi transkonfinali fis-Suq Uniku, u li dan imur kontra l-intenzjoni u l-isforzi biex isaħħu l-proċess ta' konverġenza fi ħdan l-UE.

<sup>(7)</sup> Ara Kummissjoni Ewropea "Posting of workers – Report on A1 portable documents issued in 2014", ippubblikat f'Diċembru 2015. Huwa meħtieġ li jitqies il-fatt li s-sitwazzjoni tvarja minn pajjiż għall-ieħor u 0,7 % hija biss medja. Ir-realtà hija x'imkien bejn 0,5 % - 3,6 %, u l-konsegwenzi għall-Istati Membri huma differenti wkoll.

<sup>(8)</sup> Ara wkoll l-Opinjoni tal-KESE dwar "Mobilità iżjed ġusta fi ħdan l-UE", adottata fis-27 ta' April 2016 (ĠU C 264, 20.7.2016, p. 11).

<sup>(9)</sup> Opinjoni tal-KESE dwar "Id-dimensjoni soċjali tas-suq intern", adottata fl-14.7.2010, punt 1.7 (ĠU C 44, 11.2.2011, p. 90).

<sup>(10)</sup> Protokoll Nru 2 tat-Trattati dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.

<sup>(11)</sup> Ara l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Parlamenti Nazzjonali dwar il-proposta għal Direttiva li temenda d-Direttiva dwar l-istazzjonar ta' Ħaddiema, fir-rigward tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, skont il-Protokoll Nru 2, COM(2016) 505 final tal-20 ta' Lulju 2016.

3.10. Oħrajn, inklużi t-trejdjunjins, iqisu li r-reviżjoni proposta – u b'mod partikolari l-idea ta' "paga ndaqs għall-istess xogħol fl-istess post" – ykun tipprovdi għal kundizzjonijiet ekwi għall-kumpaniji u aktar drittijiet indaqs għall-ħaddiema fl-UE. Hija se ssaħħaħ ukoll il-proċess ta' konverġenzi l fuq fl-UE, billi, fost affarijiet oħra, telimina d-differenzi fil-pagi bejn il-ħaddiema mill-Istati Membri l-antiki u dawk ġodda.

3.11. Il-proposta tal-Kummissjoni kienet akkumpanjata minn valutazzjoni tal-impatt<sup>(12)</sup> li tiddikjara li l-miżuri proposti għall-applikazzjoni tad-Direttiva riveduta se jkollhom impatti differenti fuq Stati Membri, setturi u kumpaniji differenti filwaqt li tinnota li l-limitazzjonijiet kbar fir-rigward tad-data dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema għadhom jikkawżaw problema attwali.

3.12. Fl-2010, il-Eurofound ippublikat rapport dwar "Posted workers in the European Union" ("Ħaddiema stazzjonati fl-Unjoni Ewropea")<sup>(13)</sup>, b'analiżi dwar il-fenomeni fl-Istati Membri tal-UE u fin-Norveġja. Dan ir-rapport jidentifika s-sorsi ta' informazzjoni disponibbli dwar l-għadd ta' stazzjonamenti u jipprovdi ċifri għal dawk il-pajjiżi fejn hemm data disponibbli. Ir-riċerka tal-Eurofound turi li hemm nuqqas ta' data rigward l-għadd kumplessiv u l-karatteristiċi ta' ħaddiema stazzjonati madwar l-UE.

3.13. Dan ir-rapport tal-Eurofound kien segwit minn żewġ biċċiet ta' riċerka relatati ma mobiltà aktar ġusta fis-suq tax-xogħol: "Topical update on Member States' progress in transposing Enforcement Directive on posting of workers" u "Exploring the fraudulent contracting of work in the European Union"<sup>(14)</sup>.

#### 4. Bidliet prinċipali fil-proposta għal reviżjoni tad-Direttiva 96/71/KE

##### 4.1. Ir-remunerazzjoni

4.1.1. Il-Kummissjoni tipproponi li tissostitwixxi l-kunċett ta' "rati minimi ta' ħlas" b'"remunerazzjoni". Skont il-proposta tal-KE, ir-remunerazzjoni tkopri l-elementi kollha tar-remunerazzjoni li huma obligatorji fl-Istat Membru ospitanti.

4.1.2. Il-Kummissjoni ressqet il-proposta bi tweġiba għal ħafna appelli biex tittieħed azzjoni biex jiġu indirizzati l-kawżi ta' differenzjali tal-pagi. Skont il-Kummissjoni hemm distakk bejn il-kundizzjonijiet applikati għall-ħaddiema lokali u dawk għall-ħaddiema stazzjonati. Skont il-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-proposta, id-differenzjal tal-pagi bejn il-ħaddiema stazzjonati u dawk lokali huwa smat li jvarja minn 10 % sa 50 % skont il-pajjiż u s-settur. Ir-regoli dwar il-ħlas divrenzjat jgħawġu l-kundizzjonijiet ekwi fost il-kumpaniji. Il-kunċett ta' "rati minimi ta' ħlas" mhuwiex l-istess bħar-regoli obligatorji li huma applikati għal ħaddiema lokali.

4.1.3. Skont il-Kummissjoni, il-kunċett ta' "remunerazzjoni" jkun jista' għalhekk jikkontribwixxi biex jintlaħqu kundizzjonijiet ekwi ta' kompetizzjoni fis-Suq Uniku għas-servizzi. Il-kunċett ta' "remunerazzjoni" jkopri l-elementi kollha li jitħallsu lill-ħaddiema lokali jekk dawn ikunu stipulati bil-liġi jew bi ftehim kollettiv u li ġeneralment huma applikabbli għall-entitajiet kollha simili fiż-żona ġeografika u fil-professjoni jew industrija kkonċernati, u/jew fin-nuqqas ta' tali sistema, bi ftehimiet kollettivi li jkunu ġew konklużi mill-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem u tax-xogħol l-aktar rappreżentattivi fil-livell nazzjonali u li huma applikati fit-territorju kollu. "Ir-remunerazzjoni" tista' tinkludi ċerti elementi li mhumiex inklużi fil-kunċett ta' "rata ta' paga minima", bħal allowances ta' anzjanità, allowances u benefiċċji għal xogħol li jħammeġ, ta' tbatija jew perikoluż, bonuses għall-kwalità, bonuses tat-13-il xahar, spejjeż tal-ivvjaġġar, vawċers għall-ikel – għalkemm bosta pajjiżi ospitanti diġà inkludew diversi minn dawk l-elementi fir-"rata ta' paga minima".

<sup>(12)</sup> Il-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja d-dokument tal-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 96/71/KE dwar l-impjeg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi, SWD(2016) 52 final tat-8 ta' Marzu 2016.

<sup>(13)</sup> Ir-rapport tal-Eurofound dwar "Posted workers in the European Union", Roberto Pedersini u Massimo Pallini, ippublikat fl-2010.

<sup>(14)</sup> Sejbiet preliminari taż-żewġ proġetti ta' riċerka ġew ippreżentati matul il-konferenza tal-Osservatorju tas-Suq tax-Xogħol tal-KESE intitolata "Towards a fairer mobility within the EU" ("Lejn mobiltà iżjed ġusta fi ħdan l-UE") li saret fit-28 ta' Settembru 2016. Ara l-aġġornament tal-Eurofound (2016) EurWORK dwar "Member States' progress in transposing Enforcement Directive on posting of workers" u Eurofound (2016) "Exploring the fraudulent contracting of work in the European Union".

4.1.4. Skont il-Kummissjoni, l-introduzzjoni tal-kunċett ta' "remunerazzjoni" għandha tikkontribwixxi biex ittejjeb iċ-ċarezza dwar l-elementi kostitwenti tar-remunerazzjoni u jitnaqqsu d-differenzi bejn is-setturi eżistenti fl-applikazzjoni mandatorja ta' ftehimiet kollettivi. Il-kunċett tar-remunerazzjoni għandu wkoll ineħħi kwalunkwe inċertezza dwar il-livell ta' paga li għandu jiġi ggarantit lill-ħaddiema stazzjonati. Ir-reviżjoni proposta għandha l-għan li tikkodifika l-każistika tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja fil-kawża Sähköalojen ammattiliitto C-396/13, u b'hekk iżżid b'mod konsiderevoli ċ-ċertezza legali għall-ħaddiema kif ukoll għall-kumpaniji<sup>(15)</sup>.

4.1.5. Il-Kummissjoni tafferma li l-proposta mhix se taffettwa l-kompetenzi u t-tradizzjonijiet tal-Istati Membri fl-iffissar tal-pagi u li din tirrispetta rwol awtonomu qawwi tal-imsieħba soċjali. F'dan il-kuntest, huwa ta' tħassib li l-Kummissjoni tipproponi li titħassar ir-referenza fid-Direttiva attwali li tiddikjara li "r-rati minimi ta' ħlas huma ddefiniti mil-liġi u/jew il-prattika nazzjonali tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jiġi stazzjonat il-ħaddiem". Din id-dispożizzjoni hija importanti sabiex ikun hemm konformità mad-diversi sistemi ta' relazzjonijiet industrijali nazzjonali.

4.1.6. Għall-fini ta' din id-Direttiva, il-kunċett ta' remunerazzjoni għandu jiġi definit mil-liġi, il-ftehimiet kollettivi, u/jew il-prattika nazzjonali tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jiġi stazzjonat il-ħaddiem.

4.1.7. Din id-Direttiva ma għandhiex timpedixxi l-applikazzjoni tal-patti u l-kundizzjonijiet ta' impjeg tal-pajjiż ospitanti jew tal-pajjiż ta' oriġini tal-ħaddiem stazzjonat li huma aktar favorevoli għall-ħaddiema, b'mod partikolari permezz tal-eżerċitar tad-dritt fundamentali tal-ħaddiema u ta' min iħaddem li jinnegozjaw u jikkonkludu ftehimiet kollettivi fil-livelli adatti u li jieħdu azzjoni kollettiva biex jiddefendu l-interessi tagħhom, inklużi azzjoni ta' strajk, biex jiproteġu u jtejbu l-kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol tal-ħaddiema, inkluż id-dritt għal trattament ugwali.

4.1.8. Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni adatta tad-Direttiva dwar l-Infurzar, l-Istati Membri huma obbligati jippubblikaw l-informazzjoni dwar il-patti u l-kundizzjonijiet ta' impjeg applikabbli għall-ħaddiema stazzjonati fit-territorju tagħhom fuq sit web uniku. Dan il-proċess ma għandu jkun influwenzat ħażin minn l-ebda proposta ġdida.

4.1.9. Il-membri tal-KESE ddiskutew il-kwistjoni tar-"remunerazzjoni" fil-fond, filwaqt li qiesu l-implikazzjonijiet kollha ta' dan il-kunċett il-ġdid.

4.1.10. Uħud mill-Membri jqisu li l-kunċett li għadu kif ġie introdott huwa l-uniku mod biex jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol indaqs kemm għall-ħaddiema stazzjonati kif ukoll għal għal lokali, filwaqt li jiġu eliminati d-differenzjali tal-pagi u jiġu garantiti kundizzjonijiet ekwi fost il-kumpaniji. Sabiex tiġi żgurata effettività sħiħa tal-prinċipju tar-remunerazzjoni ndaqs, għandhom jiġu rispettati l-ftehimiet kollettivi li effettivament ikunu applikati fuq il-post tax-xogħol – irrispettivament minn jekk ikunux applikabbli b'mod universali jew ġenerali.

4.1.11. Membri oħrajn jemmnu li l-introduzzjoni ta' dan il-kunċett il-ġdid jista' jwassal għal inqas ċertezza u ċarezza legali u għal żieda fil-piżijiet amministrattivi u finanzjarji. Kwalunkwe diskussjoni dwar l-istazzjonar għandha tqis il-fatt li s-sitwazzjonijiet ta' kumpaniji barrani u domestiċi huma differenti. Fornitur ta' servizz barrani li jrid jistazzjona ħaddiema jġarrab spejjeż addizzjonali li jirriżultaw biss mill-prestazzjoni ta' servizzi fi Stat Membru ieħor – spejjeż operattivi addizzjonali<sup>(16)</sup> u kostijiet tax-xogħol transkonfinali indiretti<sup>(17)</sup>.

<sup>(15)</sup> Fil-Kawża C-396/13 Sähköalojen ammattiliitto tat-12 ta' Frar 2015, il-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea ddeċidiet li "r-rati minimi ta' ħlas" ma jstgħux ikunu fl-għażla ta' impjegatur li jstazzjona lill-ħaddiema bl-għan uniku li joffri xogħol bi prezz iktar baxx minn dak tal-ħaddiema lokali. Il-Qorti ddeċidiet ukoll li l-indennizzi ta' kuljum, li jikkostitwixxu kumpens għal stazzjonament 'il bogħod mid-dar, għandhom jitħallsu wkoll lill-ħaddiema stazzjonati, bl-istess livell bħalma jitħallsu lil ħaddiema lokali f'sitwazzjoni simili. Il-Qorti tal-Ġustizzja għaldaqstant tiċħad it-talba ta' impjegatur li japplika l-iktar livell baxx fil-klifikazzjoni tal-ħlas, irrispettivament mill-kwalifiki u l-anzjanità tal-ħaddiema kkonċernati.

<sup>(16)</sup> Spejjeż indiretti: il-kost biex wieħed jiffamiljarizza ruħu mar-reqwiziti amministrattivi u mar-regolamenti fi Stati Membri oħrajn, eż. proċeduri ta' notifika, traduzzjoni ta' dokumenti, kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-ispezzjoni.

<sup>(17)</sup> Dan il-kost tax-xogħol transkonfinali indirett jista' jiżdid sa 32%. Dawn huma xi wħud mir-riżultati preliminari ta' studju dwar "Labour cost in cross-border services" ("Kost lavorattiv fis-servizzi transkonfinali"), li sar minn Dr Marek Benio tad-Dipartiment tal-Ekonomija u l-Amministrazzjoni Pubblika tal-Università tal-Ekonomija ta' Krakovja. Sejbiet preliminari taż-żewġ proġetti ta' riċerka ġew ippreżentati matul il-konferenza tal-Osservatorju tas-Suq tax-Xogħol tal-KESE intitolata "Towards a fairer mobility within the EU" ("Lejn mobilità iżjed ġusta fi ħdan l-UE") li saret fit-28 ta' Settembru 2016.

## 4.2. Stazzjonar li jaqbeż l-24 xahar

4.2.1. Il-Kummissjoni qed tindirizza l-kwistjoni tat-tul tal-istazzjonamenti billi tintroduċi proposta li, f'każijiet fejn it-tul antiċipat jew effettiv tal-istazzjonar jaqbeż l-24 xahar, l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jiġi stazzjonat il-ħaddiem għandu jitqies bħala l-pajjiż li fih xogħlu/xogħolha jitwettaq abitwalment. Dan huwa applikabbli mill-ewwel jum li fih l-istazzjonar effettivament jaqbeż l-24 xahar. Il-Kummissjoni qed tintroduċi wkoll tul ta' żmien kumulattiv tal-perjodi ta' stazzjonar f'każijiet fejn il-ħaddiema huma sostitwiti.

4.2.2. Id-direttiva oriġinali ma tistabbilixxi ebda limitu fiss u tiddikjara li, għall-finijiet tad-Direttiva, "ħaddiem stazzjonat" tfisser ħaddiem li, *għal perjodu limitat*, jaqbeż ix-xogħol tiegħu/tagħha fit-territorju ta' Stat Membru barra mill-Istat Membru li normalment jaħdem/taħdem fih.

4.2.3. Fil-prinċipju, il-KESE jilqa' bi pjaċir dan il-limitu fuq il-perjodu ta' stazzjonar fil-qasam kopert mid-Direttiva dwar l-Istazzjonar ta' Ħaddiema. Fil-fatt, hija Prattika komuni li jsiru stazzjonamenti fit-tul jew ripetuti jew saħansitra sensieli ta' stazzjonamenti fuq bosta snin. Il-KESE jemmen, madankollu, li l-perjodu ta' 24 xahar mhumiex realistiku fil-prattika u għandu jitnaqqas b'mod sinifikanti. Għall-paragun, it-tul ta' żmien medju ta' stazzjonamenti fl-2014 kien inqas minn erba' xhur (103 jum). Għaldaqstant regola dwar l-akkumulazzjoni u li tkun tapplika biss għal ħaddiema stazzjonati għal mill-inqas sitt xhur ma tkunx effettiva. It-tul massimu tal-istazzjonar għandu jkun limitat għal 6 xhur b'kolloxx.

4.2.4. Għalhekk, il-KESE jitlob regola li tistipula li l-perjodi ta' stazzjonar jiġu aggregati mill-ewwel ġurnata. Biex jiġi żgurat li din ir-regola ma twassalx għal skambju ta' ħaddiema stazzjonati, huwa importanti li ssir referenza għall-post tax-xogħol speċifiku. Min iħaddem għandu jkun mitlub iżomm trasparenza dwar il-postijiet tax-xogħol u, pereżempju, jipprovi lill-impjegati u lill-awtoritajiet kompetenti informazzjoni dwar in-numru ta' ħaddiema impjegati u t-tul tal-impjeg tagħhom fuq il-post tax-xogħol inkwistjoni.

4.2.5. Il-KESE jilqa' bi pjaċir ir-regola li permezz tagħha, meta jinqabeż it-tul ta' żmien massimu tal-istazzjonar, fil-prinċipju tkun tapplika l-liġi tal-Istat Membru ospitanti. Il-KESE jqis li huwa problematiku li l-premessa 8 tirreferi għar-Regolament Ruma I ("L-impjegat għandu, b'mod partikolari, igawdi l-protezzjoni u l-benefiċċji skont ir-Regolament Ruma I."). Skont l-Artikolu 8 tar-Regolament Ruma I, kuntratt ta' impjeg individwali huwa rregolat mil-liġi magħżula mill-partijiet.

## 4.3. Sottokuntrattar

4.3.1. Il-proposta tal-Kummissjoni tagħti lill-Istati Membri l-alternattiva li, għal ħaddiema f'katina ta' sottokuntrattar, japplikaw l-istess kundizzjonijiet bħal dawk applikati mill-kuntrattar prinċipali. Dawn il-kundizzjonijiet ikollhom jiġu applikati bl-istess mod kemm għas-sottokuntratturi nazzjonali kif ukoll transkonfinali, f'konformità mal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni.

4.3.2. Hemm differenzi konsiderevoli bejn il-liġijiet, ir-regolamenti, id-dispożizzjonijiet amministrattivi jew il-ftehimiet kollettivi applikabbli fl-Istati Membri biex jiżguraw li l-għoti ta' sottokuntrattar ma jagħtix lill-impriżi l-possibbiltà li jevitaw regoli li jggarantixxu ċerti patti u kundizzjonijiet tal-impjeg li jkopru r-remunerazzjoni. Ma hemm l-ebda evidenza li turi kemm Stati Membri diġà japplikaw sistema bħal din u, fil-valutazzjoni tal-impatt tagħha, il-Kummissjoni ma ppreżentax analiżi dettaljata tal-konsegwenzi potenzjali ta' tali regoli.

4.3.3. Madankollu, sabiex din il-parti tal-proposta tkun effettiva fil-prattika, jista' jkun utli li ssir referenza għal regola dwar l-obbligazzjoni in solidum matul kwalunkwe katina sottokuntrattwali introdotta mill-Artikolu 12 tad-Direttiva dwar l-Infurzar <sup>(18)</sup>.

4.3.4. Barra minn hekk, il-frażi "ċerti patti u kundizzjonijiet tal-impjeg li jkopru remunerazzjoni" hija vaga u se twassal għal inċertezza legali, interpretazzjonijiet differenti, u kunflitti potenzjali ma' partijiet oħrajn tad-direttiva. Ikun hemm ukoll problemi ta' paragun u ħafna problemi purament prattiċi oħrajn, bħall-aċċess għal informazzjoni (anke f'dak li jirrigwarda l-obbligu tal-gvernijiet biex jippubblikaw tali informazzjoni skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva (UE) 2014/67/UE u d-disponibbiltà ta' ftehimiet kollettivi).

4.3.5. Lanqas ma huwa ċar kif il-Kummissjoni se tiddefinixxi u tapplika testijiet tan-nondiskriminazzjoni u tal-proporzjonalità għal dawn id-dispożizzjonijiet.

<sup>(18)</sup> L-Artikolu 12 tad-Direttiva 2014/67/UE dwar responsabbiltà tas-sottokuntrattar (ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 1).

4.3.6. Barra minn hekk, se jkun meħtieġ li jiġu introdotti dispożizzjonijiet adatti għall-verifika ta' status ta' impjeg indipendenti ġenwin tas-sottokuntratturi, skont l-istandards tal-Istati Membri.

#### 4.4. Xogħol temporanju b'aġenzija

4.4.1. Il-Kummissjoni tintroduċi obbligu ġdid għall-Istati Membri billi żżid paragrafu ġdid li jstabilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ħaddiema msemmija fl-Artikolu 1(3)(c) tad-Direttiva, jiġifieri ħaddiema ingaġġati minn aġenzija temporanja stabbilita fi Stat Membru għajr l-Istat Membru ta' stabbiliment tal-impriża utenti. L-impriżi msemmija fl-Artikolu 1(3)(c) ikollhom jiggarrantixxu lill-ħaddiema stazzjonati l-patti u l-kundizzjonijiet li japplikaw skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/104/KE dwar xogħol temporanju permezz ta' aġenzija <sup>(19)</sup> għal ħaddiema temporanji ingaġġati permezz ta' aġenziji temporanji stabbiliti fl-Istat Membru fejn jitwettaq ix-xogħol.

4.4.2. Il-KESE jemmen li din id-dispożizzjoni ġdida mhijiex meħtieġa, għaliex id-Direttiva oriġinali dwar l-Istazzjonar ta' Ħaddiema diġà kienet tipprovdi għal tali għażla taħt l-Artikolu 3(9). L-Istati Membri jistgħu jipprovdu li l-impriżi msemmija fl-Artikolu 1(1) għandhom jiggarrantixxu lill-ħaddiema msemmija fl-Artikolu 1(3)(c) il-patti u l-kundizzjonijiet li japplikaw għall-ħaddiema temporanji fl-Istat Membru fejn qed isir ix-xogħol. L-għażla li tiġi applikata d-Direttiva 2008/104/KE kienet diġà ttehdet mill-maġġoranza tal-pajjiżi ospitanti.

4.4.3. Il-KESE huwa tal-fehma li l-Kummissjoni għandha tibqa' żżomm l-arranġament eżistenti. Għandu jiġi kkunsidrat il-fatt li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/104/KE huma applikabbli għas-sitwazzjoni fl-Istati Membri differenti, filwaqt li d-Direttiva 96/71/KE tapplika għal attivitajiet transkonfinali. Dan kien rikonoxxut mill-Kummissjoni stess fir-Rapport dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2008/104/KE dwar xogħol temporanju permezz ta' aġenzija <sup>(20)</sup>.

4.4.4. Il-KESE josserva li l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/104/KE huwa ħafna usa' mill-Artikolu 3(9) tad-Direttiva 96/71/KE u li dan jista' paradossalment iwassal għal kundizzjonijiet differenti għall-istazzjonar ta' ħaddiema skont l-Artikolu 1(3) (a) u (b) u l-Artikolu 1(3)(c) tal-liġi attwali.

#### 5. Azzjoni addizzjonali

5.1. Il-Kummissjoni għandha tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jittrasponu d-Direttiva 2014/68/UE <sup>(21)</sup> jekk għadhom ma għamlux dan u tiżgura li l-Istati Membri kollha jimplimentawha sew. Wara sentejn, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-impatt tagħha u tistabilixxi jekk il-miżuri adottati wasslux għal implimentazzjoni u infurzar adatti u effettivi, peress li dawn huma elementi ewlenin fil-ħarsien tad-drittijiet tal-ħaddiema stazzjonati u fl-iżgurar ta' kondizzjonijiet ekwi għall-fornituri ta' servizzi.

5.2. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi analiżi dettaljata tas-sitwazzjoni f'diversi Stati Membri tal-UE, kif ukoll informazzjoni kwantitattiva reali dwar ħaddiema stazzjonati u modi kif tiġi implimentata u infurzata d-direttiva eżistenti.

5.3. Id-disponibbiltà ta' data affidabbli dwar ħaddiema stazzjonati hija prekondizzjoni għal dibattitu effettiv dwar il-karatteristiċi speċifiċi u l-bżonn ta' protezzjoni tagħhom.

5.4. Jekk il-Kummissjoni trid tiżgura kompetizzjoni ġusta, il-passi li jmiss għandhom jiffukaw ukoll fuq il-ġlieda kontra l-prattiki qarrieqa u l-qerda tal-fenomeni ta' xogħol irregolari jew mhux diġarati, primarjament fil-forma ta' abbuż bħala kumpaniji tal-isem.

5.5. Il-Kummissjoni għandha tħaffef il-konverġenza 'l fuq ekonomika u soċjali fi ħdan l-UE, filwaqt li fl-istess ħin tiġi tiżgura mobiltà ġusta tal-ħaddiema fil-kuntest tal-forniment transkonfinali tas-servizzi.

5.6. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-imsieħba soċjali, tirrikonoxxi l-awtonomija tagħhom u tirrispetta l-fehimiet kollettivi li huma rilevanti f'dan il-qasam.

<sup>(19)</sup> Id-Direttiva 2008/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar xogħol temporanju permezz ta' aġenzija (ĠU L 327, 5.12.2008, p. 9).

<sup>(20)</sup> Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2008/104/KE dwar xogħol temporanju permezz ta' aġenzija, COM(2014) 176 final.

<sup>(21)</sup> Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 1.

5.7. Il-KESE jirrakkomanda li r-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Istazzjonar ta' Ħaddiema tiċċara li din mhix biss strument tas-Suq Intern, iżda hija wkoll strument għall-protezzjoni tal-ħaddiema. Dan jirrikjedi l-estensjoni tal-bażi legali biex tinkludi l-liġi dwar il-politika soċjali (Artikoli 153 u 155 tat-TFUE). Ir-reviżjoni tad-Direttiva għandha wkoll tikkoreġi l-interpretazzjoni żbaljata tad-Direttiva bħala standard massimu, li ħarġet minn serje ta' sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (Laval, Rüffert, Commission v. Lussemburgu), u tistabilixxiha mill-ġdid bħala standard minimu.

Brussell, l-14 ta' Diċembru 2016.

*Il-President*  
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*  
Georges DASSIS

---



## ANNEX

Il-kontropinjoni li ġeja nċaħdet waqt id-diskussjoni iżda rċeviet aktar minn kwart tal-voti:

**Kontropinjoni:**

**Issostitwixxi l-Opinjoni kollha bit-test li ġej**(ir-raġuni tinsab fl-aħħar tad-dokument):

**1. Konklużjonijiet u proposti**

1.1. Il-KESE jilqa' bi pjaċir l-impenn tal-Kummissjoni Ewropea li taħdem lejn Suq Uniku aktar profund u aktar ġust bħala waħda mill-prijoritajiet ewlenin tal-mandat tagħha, u l-isforzi tagħha biex tingħata spinta addizzjonali għall-provvista ta' servizzi transkonfinali permezz tal-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa tagħha.

1.2. Il-KESE jappoġġja d-deċiżjoni tal-KE li tintroduċi d-Direttiva dwar l-Infurzar 2014/67/UE<sup>(1)</sup> favur interpretazzjoni u implimentazzjoni komuni tad-Direttiva dwar l-Istazzjonar ta' Ħaddiema 96/71/KE<sup>(2)</sup> li madankollu tirrappreżenta strument ibbilanċjat li jiggwarantixxi kemm id-drittijiet għall-forniment tas-servizzi kif ukoll id-drittijiet tal-ħaddiema stazzjonati.

1.3. Id-Direttiva dwar l-Infurzar u l-proposta attwali għal reviżjoni mmirata tad-Direttiva dwar l-Istazzjonar ta' Ħaddiema jindirizzaw aspetti differenti tal-prattika tal-istazzjonar tal-ħaddiema, iżda huma ma jikkomplementawx biss lil xulxin, però r-riżultati mistennija mill-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Infurzar jistgħu jagħtu stampa aktar ċara tas-sitwazzjoni reali.

1.4. S'iissa, mhux l-Istati Membri kollha lestew it-traspożizzjoni tagħha. Il-KESE jistenna li r-rapport tal-Kummissjoni, skedat għal mhux aktar tard mit-18 ta' Ġunju 2019, għandu jipprovi ħarsa ġenerali affidabbli dwar l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tad-Direttiva. Uħud mill-membri tal-KESE jirrakkomandaw stennija għal dan ir-rapport qabel tiġi proposta kwalunkwe emenda u modifika oħra.

1.5. Uħud mill-membri tal-KESE jaħsbu li l-introduzzjoni tar-reviżjoni mmirata hija prematura u ma tikkonformax mal-prinċipju tar-regolamentazzjoni aħjar. Approċċ bħal dan jista' jwassal għal tnaqqis fir-ritmu tat-traspożizzjoni tad-Direttiva tal-2014 u biex il-miżuri ta' infurzar jitħalltu mal-proposti l-ġodda.

1.6. Il-KESE jħoss li xorta waħda għad hemm nuqqas ta' evidenza relatata mal-istazzjonamenti madwar l-Ewropa u dan jista' jwassal għal tħassib fir-rigward tal-prinċipju tal-proporzjonalità, jiġifieri jekk il-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja r-reviżjoni mmirata tipprovdix stampa ċara tas-sitwazzjoni reali.

1.7. L-introduzzjoni ta' kwalunkwe bidla ġdida bbażata biss fuq valutazzjoni tal-impatt ħafifa ħafna, b'data insuffiċjenti u mingħajr ma jitqiesu l-livelli differenti tal-prestazzjoni ekonomika madwar l-UE tista' twassal biss għal diviżjonijiet ġodda fost l-Istati Membri u tipperikola l-isforzi tal-Kummissjoni biex thegħeġ il-konverġenza, l-integrazzjoni u l-fiduċja fl-Ewropa.

1.8. Il-KESE jenfasizza li r-rwol tal-esklużività tal-imsieħba soċjali ma kienx rispettut u jistaqsi għaliex ma tnedietx konsultazzjoni proprja magħhom skont l-Artikolu 154(2) tat-TFUE.

1.9. Aspett kruċjali tar-reviżjoni mmirata proposta mill-Kummissjoni Ewropea għadu l-kunċett ta' "remunerazzjoni". Il-membri tal-KESE mhumiex waħedhom f'dan ir-rigward meta jqisu sew mill-ġdid kemm l-alternattiva ta' "ħlas minimu" ikkjarifikat mill-każistika kif ukoll mod ġdid għall-kalkolu tar-remunerazzjoni. Uħud mill-membri jqisu dan l-approċċ il-ġdid bħala mezz biex jitteġbu u jiġu żgurati l-istess kundizzjonijiet għall-ħaddiema stazzjonati bħall-ħaddiema lokali. Fl-istess ħin, membri oħrajn ma jqisux din il-proposta bħala waħda adatta għar-realtà tan-negozju, peress li toħloq inċertezza u aktar piżijiet amministrattivi u finanzjarji għall-kumpaniji.

<sup>(1)</sup> Id-Direttiva 2014/67/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar l-Infurzar tad-Direttiva 96/71/KE dwar l-istazzjonament ta' ħaddiema fil-qafas tal-prestazzjoni ta' servizzi u li temenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ("ir-Regolament tal-IMI") (ĠU L 159, 28.5.2014, p. 11).

<sup>(2)</sup> Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar l-impjeg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi (ĠU L 18, 21.1.1997).

1.10. Il-KESE mhuwiex konvint dwar il-ħtieġa li jiġu introdotti regoli stretti dwar it-tul tal-perjodi tal-istazzjonar. L-esperjenza turi li fir-realtà l-istazzjonar twil ħafna mhuwiex problema kbira għan-negozji Ewropej.

## 2. Qafas politiku Ewropew

2.1. Il-moviment liberu tal-ħaddiema, il-libertà tal-istabbiliment u l-libertà ta' forniment ta' servizzi huma prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

2.2. Għandha ssir distinzjoni bejn il-moviment liberu tal-ħaddiema u l-libertà ta' forniment ta' servizzi skont l-Artikolu 56 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Il-moviment liberu tal-ħaddiema jagħti lil kull ċittadin id-dritt li jmur liberament fi Stat Membru ieħor biex jaħdem u jirrisjedi hemm għal dak l-għan u jipproteġih mid-diskriminazzjoni fir-rigward ta' impjeg, remunerazzjoni u kondizzjonijiet oħra tax-xogħol meta mqabbla ma' dawk li għandhom in-nazzjonalità ta' dak l-Istat Membru.

2.3. B'kuntrastr, il-libertà ta' forniment ta' servizzi tagħti lin-negozji d-dritt li jipprovdu servizzi fi Stat Membru ieħor. Għal dan l-għan, jistgħu jistazzjonaw lill-ħaddiema tagħhom stess temporanjament fl-Istat Membru l-ieħor biex jagħmlu x-xogħol meħtieġ biex jipprovdu s-servizzi.

2.4. Fis-16 ta' Diċembru 1996, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adottaw id-Direttiva 96/71/KE dwar l-impjeg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi <sup>(3)</sup>.

2.5. Dim id-Direttiva għandha l-għan li tirrikonċilja l-eżerċizzju tal-libertà ta' forniment ta' servizzi transkonfinali skont l-Artikolu 56 tat-TFUE bi protezzjoni adatta tad-drittijiet tal-ħaddiema stazzjonati temporanjament barra minn pajjiżhom għal dan l-għan.

2.6. F'Ottubru 2010, fil-Komunikazzjoni tagħha dwar "Lejn Att dwar is-Suq Uniku – Għal ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna – 50 proposta biex intejbu l-ħidma, in-negozju u l-iskambji ma' xulxin" <sup>(4)</sup>, il-Kummissjoni ressqet żewġ proposti maħsuba biex iroddu lura l-fiducia u l-appoġġ pubbliku, waħda dwar il-bilanċ bejn id-drittijiet soċjali fundamentali u l-libertajiet ekonomiċi u l-oħra dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema.

2.7. F'Marzu 2010, l-imsieħba soċjali Ewropej ressqu rapport <sup>(5)</sup> dwar il-konsegwenzi tad-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, li ġibdu l-attenzjoni dwar id-diverġenzi kbar fosthom. Filwaqt li BUSINESSSEUROPE kienet kontra reviżjoni tad-Direttiva (iżda aċċettat il-ħtieġa għal kjarifika ta' ċerti aspetti marbuta mal-infurzar), l-ETUC riedet li tiġi emendata bir-reqqa.

2.8. F'Diċembru tal-2012, il-Kummissjoni ppubblikat proposta dwar l-infurzar tad-Direttiva 96/71/KE. **Id-Direttiva dwar l-Infurzar** <sup>(6)</sup> tistabbilixxi qafas komuni ta' dispożizzjonijiet, miżuri u mekkaniżmi ta' kontroll adatti meħtieġa għal implimentazzjoni Prattika, applikazzjoni u infurzar aħjar u aktar uniformi tad-Direttiva 96/71/KE, inklużi miżuri għall-prevenzjoni u s-sanzjoni ta' kwalunkwe ċirkonvenzjoni jew abbuż tar-regoli applikabbli. Din fl-istess ħin tiżgura l-ħarsien tad-drittijiet tal-ħaddiema stazzjonati u t-mehhija ta' xkiel mhux iġġustifikat għall-forniment liberu ta' servizzi.

2.9. Id-data ta' skadenza għat-traspożizzjoni tad-Direttiva dwar l-Infurzar kienet it-18 ta' Ġunju 2016, u sa mhux aktar tard mit-18 ta' Ġunju 2019 il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tagħha lill-PE, lill-Kunsill u lill-KESE u tipproponi emendi u modifiki fejn ikun meħtieġ. Fir-reviżjoni tagħha, wara konsultazzjoni mal-Istati Membri u l-Imsieħba Soċjali Ewropej, il-KE għandha tivvaluta kemm huma adatti u meħtieġa l-miżuri kollha introdotti u applikati, inkluża l-adegwatezza tad-data disponibbli relatata mal-istazzjonamenti.

<sup>(3)</sup> Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 2.

<sup>(4)</sup> COM(2010) 608 final/2.

<sup>(5)</sup> It-test ġie ppreżentat matul il-Konferenza dwar l-istazzjonar tal-Ħaddiema u d-Drittijiet tax-Xogħol organizzata mill-Presidenza Spanjola tal-Unjoni Ewropea fit-23 ta' Marzu 2010 f'Oviedo. Id-dibattiti għal darb'oħra wrew il-fehmiet opposti fost il-partijiet interessati.

<sup>(6)</sup> Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 1.

### 3. Proposta għal reviżjoni mmirata tad-Direttiva dwar l-istazzjonar ta' ħaddiema

3.1. Skont l-aktar data reċenti disponibbli, fl-2014, kien hemm aktar minn 1,9 miljun stazzjonament fl-UE, li jirrappreżentaw 0,7 % <sup>(7)</sup> tal-forza tax-xogħol totali tal-UE. Dan jirrappreżenta żieda ta' 10,3 % fuq l-2013 u ta' 44,4 % fir-rigward tal-2010. Din l-istatistika hija bbażata fuq in-numru ta' formoli A1 maħruġin mill-awtoritajiet tas-sigurtà soċjali; in-numru ta' ħaddiema stazzjonati de facto mhux irregiſtrati mhuwiex magħruf.

3.2. Id-Direttiva tal-1996 dwar l-istazzjonar ta' ħaddiema tipprovdi qafas regolatorju tal-UE biex jiġi stabbilit bilanċ adatt u ġust bejn l-għanijiet ta' promozzjoni u faċilitar tal-forniment transkonfinali tas-servizzi, il-ħarsien tal-ħaddiema stazzjonati u l-iżgurar tal-kundizzjonijiet ekwi bejn il-kompetituri barranin u dawk lokali.

3.3. Madankollu, issal-Kummissjoni ressaqet proposta għar-reviżjoni mmirata ta' din id-Direttiva, bil-għan li tindirizza kemm il-prattiki inġusti <sup>(8)</sup> kif ukoll tippromovi l-prinċipju li l-istess xogħol fl-istess post għandu jitħallas bl-istess mod.

3.4. Il-proposta ġiet ippubblikata qabel id-data ta' skadenza għat-traspożizzjoni tad-Direttiva dwar l-Infurzar tal-2014 u qabel ma setgħet titwettagħ kwalunkwe valutazzjoni tal-implimentazzjoni tagħha. Ħafna mill-isfidi li jikkonċernaw l-istazzjonar ta' ħaddiema jibqgħu relatati mal-infurzar ħażin u ma' nuqqas ta' kontrolli fl-Istati Membri.

3.5. Il-proposta ġiet ippubblikata wkoll mingħajr ebda konsultazzjoni minn qabel tal-imsieħba soċjali Ewropej, li baġhtu ittra konġunta lill-Kummissjoni fejn talbu li jiġu kkonſultati kif suppost skont l-Artikolu 154(2) tat-TFUE. "Issa qegħdin niktbu biex nitolbu lill-Kummissjoni tiegħi l-ħin tagħha sabiex tikkonsulta b'mod adegwat mal-imsieħba soċjali qabel ma tnedi l-proposta tagħha <sup>(9)</sup>."

3.6. Il-pubblikazzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni qanqlet fehmiet differenti li jifirdu l-Istati Membri, l-imsieħba soċjali u l-kumpaniji stess. Id-Direttiva proposta m'għandhiex tipperikola l-kompetittività jew toħloq ostakli ġodda għall-fornituri ta' servizzi transkonfinali.

3.7. B'konformità mal-Protokoll Nru 2 għat-Trattati <sup>(10)</sup>, erbatax-il kamra tal-parlamenti nazzjonali baġhtu opinjonijiet motivati lill-Kummissjoni fejn jiddikjaraw li l-proposta tal-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-istazzjonar ta' Ħaddiema ma kinitx konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, u b'hekk ingħata bidu għall-proċedura tal-karta s-safra. B'segwitu għall-analiżi tagħha tas-sussidjarjetà, fl-20 ta' Lulju, il-Kummissjoni kkonkludiet <sup>(11)</sup> li l-proposta għal reviżjoni mmirata tad-Direttiva 96/71/KE kienet konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà minqax fl-Artikolu 5(3) tat-TUE u li ma kienx meħtieġ li l-proposta tiġi rtrirata jew emendata. Għalhekk, il-Kummissjoni żammet il-proposta.

3.8. Parti mill-komunità tan-negozju hija tal-fehma li l-proposta tmur kontra l-prinċipju tal-proporzjonalità. Uħud mill-kumpaniji jemmnu li l-bidliet proposti se jwasslu għal inċertezza legali u piżijiet amministrattivi addizzjonali. Ir-reviżjoni tista' tolgot b'mod partikolari lill-kumpaniji mill-Istati Membri b'livelli ta' pagi aktar baxxi li biħsiebhom jipprovdu servizzi transkonfinali fis-Suq Uniku, u dan imur kontra l-intenzjoni u l-isforzi biex isaħħu l-proċess ta' konverġenza fi ħdan l-UE.

3.9. Oħrajn, inklużi t-trejdjunjins, iqisu li r-reviżjoni proposta – u b'mod partikolari l-idea ta' "paga ndaqs għall-istess xogħol fl-istess post" – Tkun tipprovdi għal kundizzjonijiet ekwi għall-kumpaniji u aktar drittijiet indaqs għall-ħaddiema fl-UE.

<sup>(7)</sup> Huwa meħtieġ li jitqies il-fatt li s-sitwazzjoni tvarja minn pajjiż għall-ieħor u 0,7 % hija biss medja. Ir-realtà hija x'imkien bejn 0,5 % - 3,6 %, u l-konsegwenzi għall-Istati Membri huma differenti wkoll.

<sup>(8)</sup> Opinjoni tal-KESE dwar "Mobilità iżjed ġusta fi ħdan l-UE", adottata fis-27 ta' April 2016 (ĠU C 264, 20.7.2016, p. 11).

<sup>(9)</sup> Ittra konġunta tal-imsieħba soċjali Ewropej (ETUC, BUSINESSEUROPE, UEAPME, CEEP) lill-President Juncker, 2 ta' Marzu 2016.

<sup>(10)</sup> Protokoll Nru 2 tat-Trattati dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.

<sup>(11)</sup> Ara l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Parlamenti Nazzjonali dwar il-proposta għal Direttiva li temenda d-Direttiva dwar l-istazzjonar ta' Ħaddiema, fir-rigward tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, skont il-Protokoll Nru 2, COM(2016) 505 final tal-20 ta' Lulju 2016.

3.10. Il-proposta tal-Kummissjoni kienet akkumpanjata minn valutazzjoni tal-impatt<sup>(12)</sup> li tiddikjara li l-miżuri proposti għall-applikazzjoni tad-Direttiva riveduta se jkollhom impatti differenti fuq Stati Membri, setturi u kumpaniji differenti filwaqt li tinnota li l-limitazzjonijiet kbar fir-rigward tad-data dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema għadhom jikkawżaw problema kontinwa.

3.11. Ċifri komparabbli huma bbażati fuq id-dokumenti portabbli A1 li jirrikjedu informazzjoni dettaljata minn kumpaniji li jistazzjonaw ħaddiema lejn pajjiż. L-eżattezza tal-informazzjoni li tinsab fid-dokumenti portabbli A1 ma tistax tiġi garantita minħabba nuqqas ta' kontrolli uffiċjali mill-awtoritajiet fil-pajjiżi minn fejn intbagħtu l-ħaddiema. Għalhekk iċ-ċifri ppreżentati fil-valutazzjoni tal-impatt jirrappreżentaw biss stima tan-numru attwali ta' stazzjonamenti li jseħħu u ma jipprovdwx stampa ċara tas-sitwazzjoni reali.

3.12. Fl-2010, il-Eurofound ippublikat rapport dwar "Posted workers in the European Union"<sup>(13)</sup>, b'analiżi dwar il-fenomenu fl-Istati Membri tal-UE u fin-Norveġja. Dan ir-rapport jidentifika s-sorsi ta' informazzjoni disponibbli dwar l-għadd ta' stazzjonamenti u jipprovdwx iċ-ċifri għal dawk il-pajjiżi fejn hemm data disponibbli. Ir-riċerka tal-Eurofound turi li hemm nuqqas ta' data rigward l-għadd kumplessiv u l-karatteristiċi ta' ħaddiema stazzjonati madwar l-UE.

3.13. Dan ir-rapport tal-Eurofound huwa segwit minn żewġ xogħlijiet ta' riċerka reċenti relatati ma' mobilità iżjed ġusta fis-suq tax-xogħol: Analiżi fil-qosor tat-traspożizzjoni min-naħa tal-Istati Membri tal-UE tad-Direttiva 2014/67 dwar "l-infurzar" li ttejjeb l-infurzar tad-Direttiva 96/71 dwar l-istazzjonament ta' ħaddiema u forum qarrieqa ta' xogħol b'kuntratt u impjeg indipendenti<sup>(14)</sup>.

#### **4. Bidliet prinċipali fil-proposta għal reviżjoni tad-Direttiva 96/71/KE**

##### **4.1. Ir-remunerazzjoni**

4.1.1. Il-Kummissjoni tipproponi li tissostitwixxi l-kunċett ta' "rati minimi ta' ħlas" b'"remunerazzjoni". Skont il-proposta tal-KE, ir-remunerazzjoni tkopri l-elementi kollha tar-remunerazzjoni li huma obbligatorji fl-Istat Membru ospitanti.

4.1.2. Il-Kummissjoni ressqet il-proposta bi tweġiba għal ħafna appelli biex tittieħed azzjoni biex jiġu indirizzati l-kawżi ta' differenzjali tal-pagi. Skont il-Kummissjoni hemm distakk bejn il-kundizzjonijiet applikati għall-ħaddiema lokali u dawk għall-ħaddiema stazzjonati. Skont il-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-proposta, id-differenzjal tal-pagi bejn il-ħaddiema stazzjonati u dawk lokali huwa smat li jvarja minn 10% sa 50% skont il-pajjiż u s-settur. Ir-regoli dwar il-ħlas divrenzjat jgħawġu l-kundizzjonijiet ekwi fost il-kumpaniji. Il-kunċett ta' "rati minimi ta' ħlas" mhuwiex l-istess bħar-regoli obbligatorji li huma applikati għal ħaddiema lokali.

4.1.3. Skont il-Kummissjoni, il-kunċett ta' "remunerazzjoni" jkun jista' għalhekk jikkontribwixxi biex jintlaħqu kundizzjonijiet ekwi ta' kompetizzjoni fis-Suq Uniku għas-servizzi. Il-kunċett ta' "remunerazzjoni" jkopri l-elementi kollha li jitħallsu lill-ħaddiema lokali jekk dawn ikunu stipulati bil-liġi jew bi ftehim kollettiv u li ġeneralment huma applikabbli għall-entitajiet kollha simili fiż-żona ġeografika u fil-professjoni jew industrija kkonċernata, jew bi ftehimiet kollettivi li jkunu ġew konklużi mill-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem u tax-xogħol l-aktar rappreżentattivi fil-livell nazzjonali u li huma applikati fit-territorju kollu. "Ir-remunerazzjoni" tista' tinkludi ċerti elementi li mhumiex inklużi fil-kunċett ta' "rata ta' paga minima", bħal allowance ta' anzjanità, allowances u benefiċċji għal xogħol li jħammeġ, ta' tbatija jew perikoluż, bonuses għall-kwalità, bonuses tat-13-il xahar, spejjeż tal-ivvjaġġar, vawċers għall-ikel – għalkemm bosta pajjiżi ospitanti diġà inkludew diversi minn dawk l-elementi fir-"rata ta' paga minima".

4.1.4. Skont il-Kummissjoni, l-introduzzjoni tal-kunċett ta' "remunerazzjoni" għandha tikkontribwixxi biex ittejjeb iċ-ċarezza dwar l-elementi kostitwenti tar-remunerazzjoni u jitnaqqsu d-differenzi bejn is-setturi eżistenti fl-applikazzjoni mandatorja ta' ftehimiet kollettivi.

<sup>(12)</sup> Il-Valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja d-dokument tal-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 96/71/KE dwar l-impjeg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi, SWD(2016) 52 final tat-8 ta' Marzu 2016.

<sup>(13)</sup> Ir-rapport tal-Eurofound dwar "Posted workers in the European Union", Roberto Pedersini u Massimo Pallini, ippublikat fl-2010.

<sup>(14)</sup> Is-sejbiet preliminari taż-żewġ proġetti ta' riċerka ġew ippreżentati matul il-konferenza tal-Osservatorju tas-Suq tax-Xogħol tal-KESE dwar "Towards a fairer mobility within the EU" ("Lejn mobilità iżjed ġusta fi ħdan l-UE") li saret fit-28 ta' Settembru 2016.

4.1.5. Madankollu, it-terminu “remunerazzjoni” fih innifsu jista’ jittqies bħala impreċiż, u jagħti lok għal diversi interpretazzjonijiet, u dan joħloq incerteza legali. Il-kunċett ta’ “rati minimi ta’ ħlas”, minkejja d-diversi dubji li jaqajjem, huwa aktar preċiż u aktar faċli biex jiġi definit.

4.1.6. Il-Kummissjoni tafferma li l-proposta mhix se taffettwa l-kompetenzi u t-tradizzjonijiet tal-Istati Membri fl-iffissar tal-pagi u li din tirrispetta rwol awtonomu qawwi tal-imsieħba soċjali. F’dan il-kuntest, huwa ta’ tħassib li l-Kummissjoni tipproponi li titħassar ir-referenza fid-Direttiva attwali li tiddikjara li “rati minimi ta’ ħlas huma ddefiniti mil-liġi u/jew il-prattika nazzjonali tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jiġi stazzjonat il-ħaddiem”. Din id-dispożizzjoni hija importanti sabiex ikun hemm konformità mad-diversi sistemi ta’ relazzjonijiet industrijali nazzjonali.

4.1.7. Għall-fini ta’ din id-Direttiva, il-kunċett ta’ remunerazzjoni għandu jiġi definit mil-liġi u/jew il-prattika nazzjonali tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jiġi stazzjonat il-ħaddiem.

4.1.8. Din id-Direttiva ma għandhiex timpedixxi l-applikazzjoni tal-patti u l-kundizzjonijiet ta’ impjieġ tal-pajjiż ospitanti jew tal-pajjiż ta’ oriġini tal-ħaddiem stazzjonat li huma aktar favorevoli għall-ħaddiema, b’mod partikolari permezz tal-eżerċitar tad-dritt fundamentali tal-ħaddiema u ta’ min iħaddem li jinnegozjaw u jikkonkludu ftehimiet kollettivi fil-livelli adatti u li jieħdu azzjoni kollettiva biex jiddefendu l-interessi tagħhom, inklużi azzjoni ta’ strajk, biex jipproteġu u jtejbu l-kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol tal-ħaddiema, inkluż id-dritt għal trattament ugwali.

4.1.9. Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni adatta tad-Direttiva dwar l-Infurzar, l-Istati Membri huma obbligati jippubblikaw l-informazzjoni dwar il-patti u l-kundizzjonijiet ta’ impjieġ applikabbli għall-ħaddiema stazzjonati fit-territorju tagħhom fuq sit web uniku. L-Istati Membri jistgħu jipposponu l-istabbiliment tas-sit web uniku, peress li l-patti u l-kundizzjonijiet applikabbli x’aktarx li jinbidlu. Dan il-proċess ma għandu jkun influwenzat ħażin minn l-ebda proposta ġdida.

4.1.10. Il-membri tal-KESE ddiskutew il-kwistjoni tar-“remunerazzjoni” fil-fond, filwaqt li qiesu l-implikazzjonijiet kollha ta’ dan il-kunċett il-ġdid.

4.1.11. Uħud mill-Membri jqisu li l-kunċett li għadu kif ġie introdott huwa l-uniku mod biex jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol indaqs kemm għall-ħaddiema stazzjonati kif ukoll għal dawk lokali, filwaqt li jiġu eliminati d-differenzjali tal-pagi u jiġu garantiti kundizzjonijiet ekwi fost il-kumpaniji.

4.1.12. Membri oħrajn jemmnu li l-introduzzjoni ta’ dan il-kunċett il-ġdid jista’ jwassal għal inqas ċerteza u ċarezza legali u għal żieda fil-piż amministrattiv u finanzjarju. Kwalunkwe diskussjoni dwar l-istazzjonar għandha tqis il-fatt li s-sitwazzjonijiet ta’ kumpaniji barranin u domestiċi huma differenti. Fornitur ta’ servizz barrani li jrid jistazzjona ħaddiema jġarrab spejjeż addizzjonali li jirriżultaw biss mill-prestazzjoni ta’ servizzi fi Stat Membru ieħor – spejjeż operattivi addizzjonali<sup>(15)</sup> u kostijiet tax-xogħol transkonfinali indiretti<sup>(16)</sup>.

4.1.13. Rigward l-estensjoni tal-kamp ta’ applikazzjoni ta’ ftehimiet kollettivi applikabbli globalment għas-setturi kollha, il-KESE jirrakkomanda li jitqies mill-ġdid jekk hemmx bżonn jiġu estiżi awtomatikament is-sorsi tal-istandards tal-impjieġ applikabbli għall-ħaddiema stazzjonati f’dawk is-setturi fejn ma ġiet reġistrata ebda problema kbira rigward l-istazzjonar.

## 4.2. Stazzjonar li jaqbeż l-24 xahar

4.2.1. Il-Kummissjoni qed tindirizza l-kwistjoni tat-tul tal-istazzjonamenti billi tintroduċi proposta li, f’każijiet fejn it-tul antiċipat jew effettiv tal-istazzjonar jaqbeż l-24 xahar, l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jiġi stazzjonat il-ħaddiem għandu jitqies bħala l-pajjiż li fih xogħlu/xogħolha jitwettaq abitwalment. Dan huwa applikabbli mill-ewwel jum li fih l-istazzjonar effettivament jaqbeż l-24 xahar. Il-Kummissjoni qed tintroduċi wkoll tul ta’ żmien kumulattiv tal-perjodi ta’ stazzjonar f’każijiet fejn il-ħaddiema huma sostitwiti.

<sup>(15)</sup> Spejjeż indiretti: il-kost biex wieħed jiffamiljarizza ruħu mar-rekwiżiti amministrattivi u mar-regolamenti fi Stati Membri oħrajn, eż. proċeduri ta’ notifika, traduzzjoni ta’ dokumenti, kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-ispezzjoni.

<sup>(16)</sup> Dan il-kost tax-xogħol transkonfinali indirett jista’ jidied sa 32 %. Dawn huma xi wħud mir-riżultati preliminari ta’ studju pilota dwar “Labour cost in cross-border services” (“Kost lavorattivi fis-servizzi transkonfinali”), li sar mid-Dipartiment tal-Ekonomija u l-Amministrazzjoni Pubblika tal-Università tal-Ekonomija ta’ Krakovja. Dawn ir-riżultati ġew ippreżentati matul il-konferenza tal-Osservatorju tas-Suq tax-Xogħol tal-KESE dwar “Lejn mobilità iżjed ġusta fi ħdan l-UE” li saret fit-28 ta’ Settembru 2016.



4.2.2. Id-direttiva oriġinali ma tistabbilixxi ebda limitu fiss u tiddikjara li, għall-finijiet tad-Direttiva, “ħaddiem stazzjonat” tfisser ħaddiem li, għal perjodu limitat, jagħmel ix-xogħol tiegħu/tagħha fit-territorju ta’ Stat Membru barra mill-Istat Membru li normalment jaħdem/taħdem fih.

4.2.3. Sabiex jiġu evitati sitwazzjonijiet mhux ċari fejn hu diffiċli jiġi stabbilit jekk hemmx stazzjonar jew le skont it-tifsira tad-Direttiva dwar l-Istazzjonament ta’ Ħaddiema, l-Artikolu 3(1) u (2) tad-Direttiva dwar l-Infurzar jistabbilixxi lista mhux eżawrjenti ta’ kriterji kwalitattivi li jikkaratterizzaw kemm in-natura temporanja inerenti fil-kunċett ta’ stazzjonar għall-forniment ta’ servizzi, kif ukoll l-eżistenza ta’ rabta ġenwina bejn min iħaddem u l-Istat Membru li minnu joriġina l-istazzjonar.

4.2.4. Wieħed mill-argumenti ewlenin mqajma kien li la t-TFUE u lanqas ir-Regolament (KE) Nru 593/2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (ir-Regolament “Ruma I”)<sup>(17)</sup> ma jipprovdu bażi għall-adozzjoni ta’ perjodu ta’ 24 xahar bħala l-perjodu ta’ referenza biex jiġi determinat il-pajjiż li fih jitwettag ix-xogħol abitwalment. Barra minn hekk, mhuwiex adatt li tintuża direttiva biex tibdel l-applikazzjoni ta’ regolament, jew biex jiġu definiti t-termini użati fir-Regolament Ruma I b’mod differenti għall-finijiet tad-Direttiva dwar l-istazzjonar ta’ ħaddiema. Skont l-ispjegazzjonijiet mogħtija mis-Servizz Legali tal-Kummissjoni Ewropea fl-opinjoni tiegħu: “... (Artikolu 2a ġdid) din ir-regola ma taffettwax id-dritt tal-impriżi li jistazzjonaw ħaddiema fit-territorju ta’ Stat Membru ieħor li jinwokaw il-libertà li jipprovdu servizzi anki f’ċirkustanzi fejn l-istazzjonar jaqbeż l-24 xahar. L-għan huwa biss li tinħoloq ċertezza ġuridika fl-applikazzjoni tar-Regolament Ruma I għal sitwazzjoni speċifika, mingħajr ma dan ir-Regolament jiġi emendat bl-ebda mod.”<sup>(18)</sup>

4.2.5. Il-KESE mhuwiex favur li jiġi stabbilit tali limitu ta’ żmien fiss. Dan imur kontra n-natura tal-istazzjonar tal-ħaddiema u huwa kuntrarju għall-għan tad-Direttiva. It-tul ta’ żmien medju għal stazzjonar fl-UE hu ta’ 103 ġurnata<sup>(19)</sup> (4-5 % biss tal-istazzjonamenti kollha huma itwal minn 12-il xahar<sup>(20)</sup>). Ma hemm l-ebda evidenza li l-perjodi ta’ stazzjonar itwal minn sentejn huma Prattika mifruxa u problematika li twassal għal abbuż tar-regoli dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema.

4.2.6. Għall-kuntrarju, l-introduzzjoni tat-terminu “tul ta’ żmien mistenni tal-istazzjonar” u l-issettjar ta’ regoli għal sostituzzjoni tal-ħaddiema jistgħu jwasslu għal inċertezza u applikazzjoni mhux uniformi tar-regoli dwar l-istazzjonar ta’ ħaddiema. B’mod partikolari fis-settur tal-kostruzzjoni, se jkun diffiċli biex wieħed jantiċipa “il-perjodu ta’ żmien għat-twettiq tax-xogħol” u biex il-korpi ta’ spezzjoni jagħtu prova ta’ dan.

4.2.7. Id-definizzjoni eżistenti hija biżżejjed, u kwalunkwe ssettjar ta’ limitu ta’ żmien għall-istazzjonar tal-ħaddiema jmur kontra l-prinċipju tal-verifika ta’ x’inhu każ ta’ stazzjonament ġenwin u ġustifikat. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kemm-il darba kkonfermat li t-terminu “temporanju” għandu jiġi kkunsidrat fuq bażi ta’ każ b’każ.

4.2.8. Il-Kummissjoni ssostni li b’din il-bidla d-Direttiva dwar l-Istazzjonar ta’ Ħaddiema tiġi konformi mar-regoli tas-sigurtà soċjali stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 883/2004<sup>(21)</sup>. Madankollu, ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 jagħti lill-Istati Membri l-alternattiva li jestendu – permezz ta’ ftehimiet bilaterali – il-perjodu inizjali ta’ sentejn li matulu jitħallsu l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali fil-pajjiż ta’ oriġini. Il-proposta tal-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Istazzjonar ta’ Ħaddiema tipprovdi li, meta t-tul tal-istazzjonar antiċipat jew effettiv jaqbeż l-24 xahar, il-kundizzjonijiet kollha tax-xogħol tal-pajjiż ospitanti jkollhom jiġu applikati mill-ewwel ġurnata tal-istazzjonar. Dan la huwa meħtieġ u lanqas konsistenti.

### 4.3. Sottokuntrattar

4.3.1. Il-proposta tal-Kummissjoni tagħti lill-Istati Membri l-alternattiva li, għal ħaddiema f’katina ta’ sottokuntrattar, japplikaw l-istess kundizzjonijiet bħal dawk applikati mill-kuntrattur prinċipali. Dawn il-kundizzjonijiet ikollhom jiġu applikati bl-istess mod kemm għas-sottokuntratturi nazzjonali kif ukoll transkonfinali, f’konformità mal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni.

<sup>(17)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I) (ĠU L 177, 4.7.2008, p. 6).

<sup>(18)</sup> Opinjoni tas-servizz legali tal-Kummissjoni Ewropea – fajl istituzzjonali 2016/0070 (COD) tat-28 ta’ Mejju 2016.

<sup>(19)</sup> Dokument ta’ Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni SWD (2016)52 final, p. 39, J. Pacolet u F. De Wispelaere, Posting of Workers. Report on A1 portable document issued in 2014, Diċembru 2015.

<sup>(20)</sup> Dokument ta’ Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni SWD (2016)52 final, p. 39, L&R Sozialforschung, Entwicklungen im Bereich des Lohndumpings, Mejju 2014.

<sup>(21)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta’ April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta’ sistemi ta’ sigurtà soċjali. (ĠU L 166, 30.4.2004 p. 1).



4.3.2. Hemm differenzi konsiderevoli bejn il-liġijiet, ir-regolamenti, id-dispożizzjonijiet amministrattivi jew il-ftehimiet kollettivi applikabbli fl-Istati Membri biex jiżguraw li l-ġhotti ta' sottokuntratt ma jagħtix lill-impriżi l-possibbiltà li jevitaw regoli li jggarantixxu ċerti patti u kundizzjonijiet tal-impjeg li jkopru r-remunerazzjoni. Ma hemm l-ebda evidenza li turi kemm Stati Membri diġà japplikaw sistema bħal din u, fil-valutazzjoni tal-impatt tagħha, il-Kummissjoni ma ppreżentatx analiżi dettaljata tal-konsegwenzi potenzjali ta' tali regoli.

4.3.3. Madankollu, sabiex din il-parti tal-proposta tkun effettiva fil-prattika, jista' jkun utli li ssir referenza għal regola dwar l-obbligazzjoni in solidum matul kwalunkwe katina sottokuntrattwali introdotta mill-Artikolu 12 tad-Direttiva dwar l-Infurzar<sup>(22)</sup>.

4.3.4. Barra minn hekk, il-frażi "ċerti patti u kundizzjonijiet tal-impjeg li jkopru remunerazzjoni" hija vaga u se twassal għal inċertezza legali, interpretazzjonijiet differenti, u kunflitti potenzjali ma' partijiet oħrajn tad-direttiva. Ikun hemm ukoll problemi ta' paragun u ħafna problemi purament prattiċi oħrajn, bħall-aċċess għal informazzjoni (anke fdak li jirrigwarda l-obbligu tal-gvernijiet biex jippubblikaw tali informazzjoni skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva (UE) 2014/67 u d-disponibbiltà ta' ftehimiet kollettivi).

4.3.5. Lanqas ma huwa ċar kif il-Kummissjoni se tiddefinixxi u tapplika testijiet tan-nondiskriminazzjoni u tal-proporzjonalità għal dawn id-dispożizzjonijiet.

4.3.6. Barra minn hekk, se jkun meħtieġ li jiġu introdotti dispożizzjonijiet adatti għall-verifika ta' status ta' impjeg indipendenti ġenwin tas-sottokuntratturi, skont l-istandards tal-Istati Membri.

#### 4.4. Xogħol temporanju b'aġenzija

4.4.1. Il-Kummissjoni tintroduċi obbligu ġdid għall-Istati Membri billi żżid paragrafu ġdid li jstabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ħaddiema msemmija fl-Artikolu 1(3)(c) tad-Direttiva, jiġifieri ħaddiema ingaġġati minn aġenzija temporanja stabbilita fi Stat Membru għajr l-Istat Membru ta' stabbiliment tal-impriża utenti. L-impriża msemmija fl-Artikolu 1(3)(c) ikollhom jggarantixxu lill-ħaddiema stazzjonati l-patti u l-kundizzjonijiet li japplikaw skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/104/KE dwar xogħol temporanju permezz ta' aġenzija<sup>(23)</sup> għal ħaddiema temporanji ingaġġati permezz ta' aġenziji temporanji stabbiliti fl-Istat Membru fejn jitwettaq ix-xogħol.

4.4.2. Il-KESE jemmen li din id-dispożizzjoni ġdida mhijiex meħtieġa, għaliex id-Direttiva oriġinali dwar l-Istazzjonar ta' Ħaddiema diġà kienet tipprovdli għal tali għażla taħt l-Artikolu 3(9). L-Istati Membri jistgħu jipprovdu li l-impriża msemmija fl-Artikolu 1(1) għandhom jggarantixxu lill-ħaddiema msemmija fl-Artikolu 13(c) il-patti u l-kundizzjonijiet li japplikaw għall-ħaddiema temporanji fl-Istat Membru fejn qed isir ix-xogħol. L-għażla li tiġi applikata d-Direttiva 2008/104/KE kienet diġà ttiēhdt mill-maġġoranza tal-pajjiżi ospitanti.

4.4.3. Il-KESE huwa tal-fehma li l-Kummissjoni għandha tibqa' żżomm l-arranġament eżistenti. Għandu jiġi kkunsidrat il-fatt li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/104/KE huma applikabbli għas-sitwazzjoni fl-Istati Membri differenti, filwaqt li d-Direttiva 96/71/KE tapplika għal attivitajiet transkonfinali. Dan kien rikonoxxut mill-Kummissjoni stess fir-Rapport dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2008/104/KE dwar xogħol temporanju permezz ta' aġenzija<sup>(24)</sup>.

4.4.4. Il-KESE josserva li l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/104/KE huwa ħafna usa' mill-Artikolu 3(9) tad-Direttiva 96/71/KE u li dan jista' paradossalment iwassal għal kundizzjonijiet differenti għall-istazzjonar ta' ħaddiema skont l-Artikolu 1(3)(a) u (b) u l-Artikolu 1(3)(c) tal-liġi attwali.

## 5. X'għandu jkun il-fokus prinċipali tal-Kummissjoni Ewropea

5.1. Il-Kummissjoni għandha thegħeġ lill-Istati Membri biex jittrasponu d-Direttiva dwar l-Infurzar<sup>(25)</sup> jekk għadhom ma għamlux dan u tiżgura li l-Istati Membri kollha jimplementawha sew. Wara sentejn, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-impatt tagħha u tistabbilixxi jekk il-miżuri adottati wasslux għal implimentazzjoni u infurzar adatti u effettivi, peress li dawn huma elementi ewlenin fil-ħarsien tad-drittijiet tal-ħaddiema stazzjonati u fl-iżgurar ta' kondizzjonijiet ekwi għall-fornituri ta' servizzi.

<sup>(22)</sup> L-Artikolu 12 tad-Direttiva 2014/67/UE dwar responsabbiltà tas-sottokuntrattar (ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 1).

<sup>(23)</sup> Id-Direttiva 2008/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar xogħol temporanju permezz ta' aġenzija (ĠU L 327, 5.12.2008, p. 9).

<sup>(24)</sup> Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2008/104/KE dwar xogħol temporanju permezz ta' aġenzija, COM(2014) 176 final.

<sup>(25)</sup> ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 1.

- 5.2. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi analiżi dettaljata tas-sitwazzjoni f'diversi Stati Membri tal-UE, kif ukoll informazzjoni kwantitattiva reali dwar ħaddiema stazzjonati u modi kif tiġi implimentata u infurzata d-direttiva eżistenti.
- 5.3. Id-disponibbiltà ta' data affidabbli dwar ħaddiema stazzjonati hija prekundizzjoni għal dibattitu effettiv dwar il-karatteristiċi speċifiċi u l-bżonn ta' protezzjoni tagħhom.
- 5.4. Jekk il-Kummissjoni trid tiżgura kompetizzjoni ġusta, il-passi li jmiss għandhom jiffukaw fuq il-ġhieda kontra l-prattiki qarrieqa u l-qerda tal-fenomeni ta' xogħol illegali, primarjament fil-forma ta' abbuż bħala kumpaniji tal-isem.
- 5.5. Il-Kummissjoni għandha tħaffef il-konverġenza ekonomika u soċjali fi ħdan l-UE, filwaqt li fl-istess ħin tiġi tiżgura mobilità ġusta tal-ħaddiema fil-kuntest tal-forniment transkonfinali tas-servizzi.
- 5.6. L-introduzzjoni ta' kunċett ġdid bħal "remunerazzjoni" tista' tqajjem mistoqsijiet kemm mill-Istati Membri fil-Kunsill kif ukoll minn kumpaniji matul il-konsultazzjoni pubblika. Il-Kummissjoni għandha twettaq analiżi soċjoekonomika dettaljata tal-konsegwenzi għall-konsumaturi, il-kumpaniji u b'mod ġenerali għall-kompetittività u l-impjieġ tal-UE.
- 5.7. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-imsieħba soċjali, tirrikonoxxi l-awtonomija tagħhom u tirrispetta l-ftehimiet kollettivi li huma rilevanti f'dan il-qasam.

#### **Raġuni għall-emenda:**

This amendment seeks to propose a balanced approach to this Commission proposal, which has generated different points of view, both amongst Member States, the social partners and businesses. The aim of this amendment is to adequately reflect those diverging views in a credible and balanced manner, while also showing points where there is a consensus. This amendment, which corresponds to the text submitted by the two SOC section rapporteurs, following the 3rd study group meeting, better presents this balance between different views than the text amended and adopted by the section.

#### **Riżultat tal-votazzjoni:**

Favur	94
Kontra	175
Astensjonijiet	23

---

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta’ applikanti għall-protezzjoni internazzjonali (riformulazzjoni)”**

[COM(2016) 465 final]

u dwar

**“Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar standards għall-kwalifika ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta’ protezzjoni internazzjonali, għal status uniformi għar-rifuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE tal-25 ta’ Novembru 2003 dwar l-istatus ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jkunu residenti fit-tul”**

[COM(2016) 466 final]

u dwar

**“Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi proċedura komuni għal protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE”**

[COM(2016) 467 final]

(2017/C 075/16)

Relatur: **is-Sur José Antonio MORENO DÍAZ**

Korelatur: **is-Sur Cristian PÎRVULESCU**

Konsultazzjoni	Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 7.9.2016 Parlament Ewropew, 12.9.2016
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Ix-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza
Adottata fis-sezzjoni	22.11.2016
Adottata fil-plenarja	14.12.2016
Sessjoni plenarja Nru	521
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	211/2/5

## 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

### 1.1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet ġenerali

1.1.1. Il-KESE huwa tal-fehma li hemm bżonn li ssir riforma ġusta, effettiva u effiċjenti tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil (SEKA) u li tiġi stabbilita proċedura ġenwinament komuni li hija affidabbli, flessibbli u effiċjenti kif ukoll li ttejjeb il-mezz ta’ aċċess ġust u legali għall-Unjoni Ewropea bbażata fuq il-prinċipju tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem ta’ persuni ppersegwitati.

1.1.2. Huwa neċessarju wkoll li wieħed iqis li l-Artikolu 2 tat-TUE jgħid b’mod espliċitu li l-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta’ persuni li jappartjenu lil minoranzi. Dawn il-valuri għandhom ikunu komuni għall-Istati Membri f’soċjetà fejn jipprevalu l-pluraliżmu, in-nondiskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel.

1.1.3. Barra minn hekk, l-Artikolu 78 tat-TFUE jiddetermina li l-UE se tiżviluppa Politika Komuni tal-Asil: għal dak l-għan, għandha tkun proposta sistema komuni u obbligatorja ġenwina għall-Istati Membri kollha sabiex tiġi armonizzata l-leġislazzjoni nazzjonali jew – jekk dan ma jseħħx – tiġi introdotta, bħala minimu, sistema komuni għall-għarfien reċiproku ta' deċiżjonijiet dwar l-asil bejn l-Istati Membri kollha tal-UE. Dan għandu jfisser li Sistema Ewropea Komuni tal-Asil tkun possibbli: inkella, mhux ħa jkun possibbli li jiġu evitati “movimenti sekondarji” fejn persuni li qed ifittxu protezzjoni internazzjonali jfittxu dawk il-pajjiżi li qed joffru l-aħjar kondizzjonijiet fl-UE.

1.1.4. Huwa importanti li jiġi enfasizzat li l-popolazzjoni totali tal-UE-28 hija ta' 510 miljun ruħ u li l-proposti tal-KE tal-Ħarifa tal-2015 biex jiġu sistemati mill-ġdid madwar 160 000 ruħ li qed ifittxu protezzjoni internazzjonali jammonta għal madwar 0,03% tal-popolazzjoni totali tal-UE: stati oħra mhux fl-UE ospitaw miljuni ta' nies li qed ifittxu protezzjoni internazzjonali.

1.1.5. Fi kwalunkwe każ, il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon it-titjib li sar fis-sistema, bħall-kjarifika tad-drittijiet u l-obbligi fir-rigward tal-aċċess għall-proċedura, is-sostituzzjoni tal-kunċett ta' vulnerabbiltà mal-kunċett tal-bżonnijiet speċjali kif ukoll kriterji ċari għall-valutazzjoni tagħha, l-introduzzjoni ta' aktar garanziji għall-minorenni u t-twessigħ tal-kunċett tal-familja.

1.1.6. Il-KESE jinsab imħasseb dwar ir-restrizzjoni tad-drittijiet fundamentali, bħalma huma r-restrizzjoni tal-moviment liberu, il-limitazzjoni tad-dritt tal-minorenni għall-edukazzjoni, l-applikazzjoni ta' proċedura għal minorenni mhux akkumpanjati fil-fruntiera, il-possibilità ta' nuqqas ta' approċċ ta' każ b'każ fil-kuntest tal-analiżi tal-kunċetti ta' pajjiżi siguri, il-limitazzjoni ta' garanziji għal applikazzjonijiet sussegwenti u proċeduri aċċelerati, ir-reviżjoni awtomatika tal-istatuses ta' protezzjoni u l-approċċ ta' sanzjonijiet tar-restrizzjonijiet dwar il-kondizzjonijiet ta' akkoljenza.

1.1.7. Il-KESE jirrakkomanda l-istandardizzazzjoni tal-istatuses ta' protezzjoni, l-eliminazzjoni tad-differenzi bejn l-istatus ta' refuġjat u l-istatus ta' protezzjoni sussidjarja fir-rigward tal-perjodu tal-permess ta' residenza, it-tiġdid tiegħu u l-limitazzjoni fuq l-assistenza soċjali għall-benefiċjarji tal-protezzjoni sussidjarja.

## 1.2. **Rakkomandazzjonijiet dwar il-proposta għar-Regolament dwar il-Kwalifiki**

1.2.1. Il-KESE jirrakkomanda li jiġu inklużi l-kriterji tal-UNHCR għall-valutazzjoni ta' alternattiva interna għat-titjiriet, fi kliem ieħor, analiżi tal-adegwatezza u analiżi tar-raġonevolezza, bl-esklużjoni espliċita tal-applikazzjoni tal-Artikolu 8 fil-każ ta' persekuzzjoni mill-istat.

1.2.2. L-oneru tal-prova għandu jinqasam bejn l-applikant u l-awtorità determinanti, kif stabbilit mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li ssostni li l-obbligu tal-awtorità determinanti għandu jkun li tikkoopera attivament mal-applikant.

1.2.3. Il-KESE jirrakkomanda li tiġi introdotta valutazzjoni ta' proporzjonalità meta jiġu valutati r-raġunijiet għal esklużjoni mill-istatus ta' refuġjat u n-natura restrittiva tal-applikazzjoni ta' dawn il-klawżoli, u li jitneħħa l-Artikolu 12(6) tar-Regolament dwar il-Kwalifiki sabiex tiġi evitata l-applikazzjoni awtomatika tal-kawżi ta' esklużjoni li ma jqsux il-kuntest partikolari tal-applikanti.

1.2.4. Għandha tkun garantita analiżi każ b'każ fil-proċeduri ta' investigazzjoni tal-istatus ta' protezzjoni internazzjonali, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi speċifiċi u l-għoti ta' garanziji proċedurali f'dawn il-proċeduri li ma jstgħux jiġu applikati awtomatikament.

1.2.5. Fir-rigward tar-reviżjoni tal-istatus ta' refuġjat, kull proċedura ġdida se żżid saff ieħor ta' piż amministrattiv u diskrezzjoni. Minħabba l-għadd kbir ta' refuġjati fpajjiż wieħed, is-servizzi amministrattivi jstgħu faċilment jiġu mgħobbija żżejjed u jista' jkun li jieħdu deċiżjonijiet wisq malajr u possibilmment b'mod arbitrarju. Għaldaqstant, huwa meħtieġ li l-awtoritajiet rilevanti jkollhom persunal adatt u mħarreġ biex iwettaq il-verifiki u r-reviżjoni tal-istatus ta' refuġjat.

1.2.6. Huwa neċessarju li ssir distinzjoni bejn it-tmiem, l-esklużjoni, l-irtirar, in-nuqqas ta' tiġdid u t-tmiem tal-istatus ta' protezzjoni, biex b'hekk jiġu evitati r-ripetizzjonijiet u konfużjoni rigward iċ-ċirkostanzi fattwali li jagħtu lok għal kull każ u inklużi kriterji restrittivi għall-applikazzjoni tagħhom.

1.2.7. Għandha tiġi eliminata r-restrizzjoni għal-libertà ta' moviment ta' persuni li jingħataw protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru minħabba li dan imur kontra l-Artikolu 26 tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra.

1.2.8. Għandu jitneħħa l-Artikolu 44 tar-Regolament dwar il-Kwalifiki li jemenda d-Direttiva dwar residenti fit-tul sabiex jinbada mill-ġdid il-perjodu ta' ħames snin ta' residenza jekk il-persuna tinsab illegalment barra l-Istat Membru li kien irrikonoxxa lilu jew lilha għar-raġuni li dan imur kontra l-għan tal-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni ta' Mejju 2015.

### 1.3. **Rakkomandazzjonijiet dwar il-proposta għar-Regolament dwar il-Proċedura Komuni**

1.3.1. Il-KESE jfakkar li l-istabbiliment ta' regoli f'forma ta' regolamenti m'għandux iwassal għal tnaqqis fl-istandards ta' protezzjoni minħabba l-introduzzjoni ta' kriterji ta' eliġibbiltà ristrettivi u l-limitazzjoni tad-drittijiet u l-garanziji proċedurali.

1.3.2. Il-KESE jirrakkomanda li tiġi eliminata awtomatikament l-applikazzjoni tal-kunċetti ta' pajjiż terz bla periklu, l-ewwel pajjiż ta' asil u pajjiż ta' oriġini sikur, u tat-tnaqqis tal-limitu ta' żmien, u jirrakkomanda li jiġi garantit l-effett suspensiv awtomatiku tal-appelli.

1.3.3. Għandhom jiżiedu l-garanziji ta' evalwazzjoni każ b'każ, abbażi tal-kriterji tal-proporzjonalità, in-neċessità u ċirkostanzi eċċezzjonali f'każi ta' restrizzjoni tal-libertà jew detenzjoni.

1.3.4. Għandhom jiżiedu wkoll il-garanziji fil-kuntest ta' detenzjoni amministrattiva, jiġu stabbiliti limiti ta' żmien ta' detenzjoni ċari u d-detenzjoni tkun ristretta għal każijiet eċċezzjonali.

1.3.5. Tiġi eliminata l-esklużjoni tad-dritt għal għajjuna legali b'xejn fil-każ meta l-applikazzjonijiet jitqiesu infondati jew applikazzjonijiet sussegwenti li ma jkunx fihom evidenza jew argumenti ġodda, minħabba li dan jikser id-dritt għal rimedju effettiv kif previst skont l-Artikolu 13 tal-KEDB.

1.3.6. Jiġu stipulati l-istess garanziji proċedurali għal proċeduri aċċelerati, fuq il-fruntiera u l-applikazzjonijiet sussegwenti rigward il-proċedura regolari.

1.3.7. Qabel ma tinbada l-applikazzjoni proprja, l-applikanti għandhom jingħataw perijodu ta' mistrieħ u ta' rkupru.

### 1.4. **Rakkomandazzjonijiet dwar il-proposta għad-Direttiva dwar il-Kondizzjonijiet ta' Akkoljenza**

1.4.1. Huwa neċessarju li jiġi adottat approċċ ta' inċentivi pożittivi sabiex jiġu evitati movimenti sekondarji, minflok approċċ punitiv ta' esklużjoni, tnaqqis, irtirar jew sostituzzjoni tal-kundizzjonijiet ta' akkoljenza, eċċ. Dan huwa partikolarment sproporzjonat fil-każ ta' applikanti li ma jitolbux protezzjoni internazzjonali fl-ewwel pajjiż ta' dħul irregolari jew residenza legali.

1.4.2. L-istess strument legali għandu jintuża biex jirregola l-kundizzjonijiet ta' akkoljenza, il-proċeduri u l-kriterji ta' eliġibbiltà sabiex ikunu evitati diverġenzi fl-applikazzjoni diretta ta' dispożizzjonijiet relatati ma' xulxin.

1.4.3. Il-kunċetti ġuridiċi indeterminati bħal "livell ta' għajxien dinjituż" jew "riskju ta' ħarba" għandhom ikunu ristretti jew eliminati minħabba l-konsegwenzi serji li jiġibu magħhom u d-diskrezzjoni tal-Istati Membri meta jistabbilixxu l-kriterji determinanti.

1.4.4. Il-membri oħra tal-familja bħal aħwa u qraba oħra għandhom jiġu inklużi, f'konformità mal-proposta tar-Regolament ta' Dublin.

1.4.5. L-aċċess għas-suq tax-xogħol m'għandux jiġi eskluż għal applikanti minn pajjiżi ta' oriġini bla periklu peress li dan jikkostitwixxi diskriminazzjoni fuq il-bażi tan-nazzjonalità.

1.4.6. Huwa meħtieġ li jkun eliminati l-kundizzjonijiet fuq id-dritt ta' aċċess għas-suq tax-xogħol, is-sigurtà soċjali u l-assistenza soċjali.

1.4.7. Huwa neċessarju wkoll li jiġi żgurat id-dritt assolut tal-minorenni għall-edukazzjoni, bl-istess termini bħalma huwa d-dritt għas-saħħa.

## 2. Kummenti dwar ir-Regolament dwar il-Kwalifiki

2.1. Il-KESE jappoġġja aktar armonizzazzjoni tal-istandards għal proċeduri, ir-rikonossiment u l-protezzjoni tal-asil fuq il-livell tal-UE. Hemm differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-proċeduri użati, ir-rati ta' rikonossiment, il-kontenut tal-protezzjoni mogħtija u l-kundizzjonijiet ta' akkoljenza għall-applikanti u l-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali.

2.2. Għal diversi raġunijiet, l-Istati Membri żviluppaw prattiki istituzzjonali speċifiċi fil-qasam tal-asil. Dan iħeġġeġ movimenti sekondarji u jikkomprometti t-trattament ugwali tal-applikanti fit-territorju tal-Unjoni. Id-differenzi bejn l-Istati Membri jistgħu jħallu impatt sinifikanti fuq il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, inkluż il-protezzjoni tad-dinjità tal-bniedem, ir-rispett għall-ħajja privata u tal-familja, id-dritt tal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, id-dritt għall-edukazzjoni, il-libertà professjonali u d-dritt ta' aċċess għas-suq tax-xogħol, il-libertà ta' intrapriża, id-dritt għall-asil, in-nuqqas ta' diskriminazzjoni, id-drittijiet tat-tfal, is-sigurtà soċjali u l-assistenza soċjali u l-kura tas-saħħa, kif definiti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

2.3. Il-KESE jilqa' l-iżvilupp ta' sistema li tiġbor, torganizza u xxerred informazzjoni dwar is-sitwazzjoni fil-pajjiżi tal-orijini u ta' tranżitu taħt l-awspiċi tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil. Hija tirrappreżenta l-bażi għal deċiżjonijiet dwar armonizzazzjoni reali ta' deċiżjonijiet dwar l-għoti ta' protezzjoni internazzjonali. Madankollu mhux iebes ċar sa liema punt l-awtoritajiet nazzjonali se jikkunsidraw l-informazzjoni pprovduta kif ukoll kif jista' jiġi żgurat li jagħmlu dan. Sabiex jiġi evitati deċiżjonijiet diverġenti ħafna, is-sistema għandha ttipprovi indikazzjoni sempliċi u ċara ta' pajjiżi li huma kkunsidrati mhux sikuri.

2.4. Fir-rigward tal-Artikolu 7 dwar l-atturi ta' protezzjoni huwa importanti li jiġi evalwati b'mod korrett il-kapaċitajiet tal-atturi privati u organizzazzjonijiet internazzjonali biex jipprovdu protezzjoni. Minħabba riżorsi skarsi u inċertezza legali huwa diffiċli ħafna, kemm biex tiġi żgurata protezzjoni b'saħħitha kif ukoll fit-tul, speċjalment f'sitwazzjonijiet ta' gwerra ċivili jew repressjonijiet governattivi intensi.

2.5. Il-protezzjoni interna possibbli li applikant jista' jirċievi hija fattur rilevanti biex jiġi ddeterminat l-għoti ta' protezzjoni. L-awtoritajiet rilevanti għandhom jikkunsidraw il-firxa sħiħa ta' riskji li spostament intern jista' joħloq għas-sigurtà individwali. It-territorji sikuri malajr jistgħu jsiru perikolużi, għal varjetà ta' raġunijiet – telfa militari, għajjnuna barranija u interventi, sabutaġġ u attakki terroristiċi. Għalkemm l-Artikolu 8 huwa ċar fid-definizzjoni ta' xi tfisser li tkun sikur – inkluż l-ivvjaġġar sikur u d-disponibbiltà ta' protezzjoni, huwa f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali Ewropej li jinterpretaw il-fatti u d-data disponibbli.

2.6. Id-definizzjoni ta' atti ta' persekuzzjoni fl-Artikolu 9 hija komprensiva, skont l-Artikolu 1(A) tal-Konvenzjoni dwar l-Istatus tar-Refuġjati (il-Konvenzjoni ta' Ġinevra). Dan l-artikolu, flimkien mal-Artikolu 10 dwar ir-raġunijiet għal persekuzzjoni u l-Artikolu 6 dwar l-atturi ta' persekuzzjoni jew ħsara gravi, għandhom jiġu interpretati b'mod li jitqiesu l-atti ta' persekuzzjoni mwettqa kemm mill-awtoritajiet statali kif ukoll mill-atturi mhux statali. Il-prattika ta' repressjoni politika u l-gwerer interni juru li atti vjolenti jitwettqu minn diversi gruppi paramilitari u viġilanti taħt l-ogħla protezzjoni tal-awtoritajiet tal-istat li normalment jinnegaw kwalunkwe involviment.

2.7. Il-KESE ilu jisħaq dwar l-armonizzazzjoni tal-kontenut tal-protezzjoni mogħtija lir-refuġjati u lill-persuni li jkollhom protezzjoni sussidjarja<sup>(1)</sup>. Il-kontenut tal-protezzjoni kien xprun ewlieni ieħor għal movimenti sekondarji fl-Unjoni. Iżda b'mod kruċjali, il-Kumitat irrakkomanda li l-armonizzazzjoni għandha timmira għall-ogħla livell ta' protezzjoni u mhux l-aktar wieħed baxx. Il-proposta tal-Kummissjoni tippreżenta numru ta' passi pożittivi f'din id-direzzjoni.

2.8. Hija neċessarja kjarifika dwar l-għoti ta' informazzjoni, permessi ta' residenza u dokumenti tal-ivvjaġġar. Ta' min jinnota li l-aċċess għas-suq tax-xogħol ġie ċċarat u l-livell ta' protezzjoni żdied, pereżempju fil-qasam tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, il-libertà ta' affiljazzjoni u l-aċċess għal opportunitajiet ta' edukazzjoni relatati mal-impjieg, fejn il-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali għandhom l-istess drittijiet bħal daww ta' ċittadini tal-Istati Membri. Dan huwa l-każ ukoll fir-rigward tar-rikonossiment tal-kwalifiki, is-sigurtà soċjali, l-assistenza soċjali u l-kura tas-saħħa.

<sup>(1)</sup> Ara l-Opinjoni tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-“Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar standards minimi għall-kwalifika u l-istatus ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali u l-kontenut tal-protezzjoni mogħtija” COM(2009) 551 finali/2 – 2009/0164 (COD)” (ĠU C 18, 19.1.2011, p. 80).



2.9. L-aċċess għall-miżuri ta' integrazzjoni – korsijiet tal-lingwa, programmi ta' orjentazzjoni u integrazzjoni ċivika u t-taħriġ vokazzjonali – huma elementi ewlenin ta' integrazzjoni b'suċċess. Il-miżuri li jiffaċilitaw l-integrazzjoni huma milqugħa tajjeb ħafna u għandhom jitħeġġu.

2.10. Fl-istess ħin, li miżuri ta' parteċipazzjoni fl-integrazzjoni jkunu prekondizzjoni biex jaċċessaw servizzi oħra bħall-assistenza soċjali (ara l-Artikolu 34) jista' johlq il-problemi u l-formulazzjoni għandha ssir b'attenzjoni. Il-miżuri ta' integrazzjoni għandhom ikunu aċċessibbli ħafna u utli biex tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni. Il-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali jistgħu jiġu esklużi minn miżuri ta' integrazzjoni u minn servizzi li għalihom il-parteċipazzjoni fil-miżuri ta' integrazzjoni hija meħtieġa, pereżempju t-tagħlim tal-lingwi, l-educazzjoni u l-impjiegi.

### 3. Kummenti dwar il-proposta għar-Regolament dwar il-Proċedura Komuni

3.1. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta u l-għan maħsub li tiġi stabbilita proċedura tasew komuni għall-protezzjoni internazzjonali li hija effiċjenti, ġusta u bilanċjata. L-għażla ta' strument – regolament li japplika direttament fl-Istati Membri kollha – hija meħtieġa sabiex jintlaħaq livell ogħla ta' armonizzazzjoni u uniformità akbar fl-eżitu tal-proċeduri tal-asil fl-Istati Membri kollha. Il-KESE jikkunsidra r-regolament bħala pass fid-direzzjoni t-tajba, jillimita l-movimenti sekondarji bejn l-Istati Membri u b'hekk ikun iffaċilitat l-eżerċizzju tal-prinċipju ta' solidarjetà.

3.2. Il-proċeduri għandhom ikunu ċari u jiżguraw il-previdibilità. Iż-żamma tal-limitu ta' żmien ta' sitt xhur sabiex applikant jaċċedi għall-proċedura u għall-konklużjoni tal-eżami ta' applikazzjonijiet fil-livell amministrattiv u għudizzjarju huwa raġonevoli.

3.3. Fir-rigward tal-eċċezzjonijiet, id-definizzjoni ta' talbiet infondati u inammissibbli trid tiġi ċċarata.

3.4. Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ l-għoti ta' assistenza mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil lill-Istati Membri li jirċievu għadd sproporzjonat ta' applikazzjonijiet simultanji.

3.5. Il-KESE jilqa' l-istabbiliment ta' garanziji proċedurali li jissalvagwardjaw id-drittijiet tal-applikanti. Dan huwa qasam fejn il-pożizzjoni tal-Kumitat minn dejjem kienet ċara. L-applikanti kollha li jilħqu Stat Membru jinsabu fi stat ta' vulnerabbiltà, u kważi kollha jkunu vvjaġġaw distanzi twal u wara li jkunu esperjenzaw diffikultajiet u periklu. Hemm ostakli lingwistiċi, kulturali u psikoloġiċi li jridu jingħelbu sabiex jadattaw u jikkooperaw mal-awtoritajiet. Minkejja li l-proċeduri ġodda proposti huma aktar ċari, huma l-awtoritajiet tal-Istati Membri li jridu jimplimentawhom. Jekk l-awtoritajiet ikollhom diffikultajiet jaħdmu mal-proċeduri l-ġodda, jeħtieġ li jiġu identifikati forum ta' għajjnuna u appoġġ.

3.6. Fir-rigward tal-intenzjoni li jiġu armonizzati r-regoli dwar pajjiżi sikuri, b'mod ġenerali l-KESE jappoġġja l-bidla progressiva lejn armonizzazzjoni sħiħa billi l-listi tal-pajjiżi sikuri nazzjonali jiġu sostitwiti b'listi Ewropej jew indikazzjonijiet fil-livell tal-Unjoni fi żmien ħames snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament <sup>(2)</sup>.

3.7. F'termini tal-proċedura ta' appell, il-proposta tal-KE tistabbilixxi d-dritt għal rimedju effettiv, b'limiti ta' żmien espliċiti u b'effett sospensiv awtomatiku, ħliet f'każijiet ta' rifjut ta' ammissjoni fi proċeduri aċċelerati, nuqqas ta' dħul mill-ewwel pajjiż ta' asil u l-applikazzjoni sussegwenti, rifjuti minħabba l-irtirar impliċitu jew espliċitu, u deċiżjonijiet dwar rikors preċedenti.

3.8. Il-perjodu li għalih tingħata protezzjoni għandu impatt dirett fuq il-prospetti ta' integrazzjoni. Il-perjodu għandu jkun twil biżżejjed biex jipprovidi inċentivi għall-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, l-awtoritajiet u min iħaddem.

<sup>(2)</sup> Il-pożizzjoni tal-KESE dwar is-suġġett kienet ifformulata fl-Opinjoni dwar l-"Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar 'Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi lista komuni tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu għall-finijiet tad-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali, u li jemenda d-Direttiva 2013/32/UE [COM(2015) 452 final]" (ĠU C 71, 24.2.2016, p. 82).

#### 4. Kummenti dwar id-Direttiva dwar il-Kondizzjonijiet ta' Akkoljenza

4.1. Il-KESE kien promotur attiv tal-armonizzazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' akkoljenza għall-applikanti għal protezzjoni internazzjonali mhux biss biex jitnaqqsu l-movimenti sekondarji tagħhom iżda primarjament biex jiżdiedu l-possibilitajiet tagħhom ta' integrazzjoni b'suċċess u protezzjoni sħiħa tad-drittijiet fundamentali.

4.2. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon ir-rekwiżit li l-Istati Membri jrid ikollhom lesti pjani ta' kontinġenza biex tiġi żgurata akkoljenza xierqa tal-applikanti f'każi fejn iħabbtu wiċċhom ma' għadd sproporzjonat ta' applikanti.

4.3. Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ l-għan stabbilit mill-Kummissjoni biex tiżdied l-awtonomija tal-applikanti u l-prospetti ta' integrazzjoni possibbli. Dan l-objettiv huwa konformi mal-pożizzjoni tal-Kumitat li huwa favur aċċess aktar rapidu għas-suq tax-xogħol kif ukoll aċċess għal servizzi u programmi li jiffaċilitaw l-integrazzjoni (pereżempju fir-rigward ta' lingwa). Għalhekk it-tnaqqis tal-limitu ta' żmien għall-aċċess għas-suq tax-xogħol minn sa mhux aktar minn disa' xhur sa mhux aktar tard minn sitt xhur minn meta titressaq l-applikazzjoni huwa pass fid-direzzjoni t-tajba.

Brussell, l-14 ta' Diċembru 2016.

*Il-President*  
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*  
Georges DASSIS

---

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta’ gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-Qafas ta’ politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rapportar ta’ emissjonijiet ta’ gassijiet serra u għar-rapportar ta’ informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima”**

[COM(2016) 479 final – 2016/0230(COD)]

u dwar

**“Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta’ gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 għal Unjoni tal-Enerġija reżiljenti u biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta’ Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u għar-rapportar ta’ emissjonijiet ta’ gassijiet serra u ta’ informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima”**

[COM(2016) 482 final – 2016/0231(COD)]

(2017/C 075/17)

Relatur: **is-Sinjura Tellervo KYLÄ-HARAKKA-RUONALA**

Korelatur: **is-Sur Mindaugas MACIULEVIČIUS**

Konsultazzjoni	Kunsill, 25.8.2016 Parlament Ewropew, 12.9.2016 Kummissjoni Ewropea, 20.7.2016
Bażi legali	Artikolu 192(1) u Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	L-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent
Adottata fis-sezzjoni	24.11.2016
Adottata fil-plenarja	14.12.2016
Sessjoni plenarja Nru	521
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	210/0/2

## 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jilqa’ b’sodisfazzjon il-proposti f’waqthom min-naħa tal-Kummissjoni biex timplimenta l-impenn tal-UE li tnaqqas il-gassijiet b’effett ta’ serra tagħha sal-2030 fis-setturi kollha tal-ekonomija u tas-soċjetà. Madankollu, il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li fl-istess ħin tikkunsidra l-isfida globali fit-tul ta’ mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. Dan jeħtieġ evalwazzjoni bir-reqqa dwar jekk l-approċċ ta’ politika attwali dwar il-klima tal-UE, fir-rigward ta’ sforzi fil-livelli globali, tal-UE u nazzjonali, huwiex adegwat biex iwitti t-triq għal dinja ħielsa mill-karbonju.

1.2. Fir-rigward tal-kondiviżjoni tal-isforzi, il-KESE jaqbel bis-sħiħ mal-fehma li d-differenzi bejn l-Istati Membri għandhom jiġu kkunsidrati sabiex jiġi żgurat li l-proċess ikun ġust u kosteffettiv. Biex tinkiseb kosteffettività ġenwina u b’mod ġust, il-kalkoli tal-kondiviżjoni tal-isforzi għandhom, madankollu, jindirizzaw iż-żewġ aspetti fl-istess ħin u fl-Istati Membri kollha u jiġu stabbiliti l-miri b’tali mod li l-ispejjeż relattivi jkunu l-istess għal kull pajjiż. Minħabba n-nuqqasijiet tal-kondiviżjoni tal-isforzi, il-KESE jħoss li huwa importanti li jiġu introdotti mekkaniżmi ta’ flessibilità u li dawn ikomplu jiġu żviluppati.

1.3. L-integrazzjoni tal-użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija (LULUCF) fil-qafas tal-2030 iwasslu għal element ġdid importanti fil-politika tal-UE dwar il-klima. Il-KESE jemmen li jinħtieġ li l-integrazzjoni għandha sseħħ b’mod li ttejjeb in-newtralità tal-karbonju fit-tul. L-użu sostenibbli u l-ġestjoni attiva ta’ riżorsi naturali b’bażi bijoloġika, jiġifieri bijoekonomija sostenibbli, inklud il-ġestjoni sostenibbli tal-foresti u l-produzzjoni tal-ikel li tirrispetta l-klima, huwa

element fundamentali ta' din it-tranżizzjoni u għandu jiġi indirizzat b'attenzjoni sabiex jinkiseb tkabbir sostenibbli mil-lat ambjentali, ekonomiku u soċjali.

1.4. Ir-rwol tal-agrikoltura u l-forestrija jitlob approċċ olistiku mill-politika dwar il-klima tal-UE. Jeħtieġ li jiġu kkunsidrati kemm it-tnaqqis tal-emissjonijiet kif ukoll is-sekwestru tal-karbonju bħalma jiġu kkunsidrati l-isfidi ta' adattament u s-sigurtà tal-ikel. Il-Ftehim ta' Pariġi jintroduċi obbligu b'saħħtu li tittieħed azzjoni sabiex it-tisħin globali jinżamm "sew inqas minn 2 °C [...] u jsir kull sforz biex iż-żieda fit-temperatura tkun limitata għal 1.5 °C", "biex tiżdied il-kapaċità ta' adattament għall-impatti negattivi tat-tibdil fil-klima u titrawwem ir-reżiljenza tal-klima u l-iżvilupp ta' emissjonijiet baxxi ta' gassijiet b'effett ta' serra, b'mod li ma jheddidx il-produzzjoni tal-ikel". Għalhekk, huwa importanti li tiġi indirizzata l-ħtieġa għal aktar reżiljenza fis-settur agrikolu filwaqt li jittaffa t-tibdil fil-klima.

1.5. Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jirrikonoxxu r-rwol kruċjali u l-potenzjal tal-foresti u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti bħala bir ta' karbonju u l-benefiċċji soċjali, ambjentali u ekonomiċi assoċjati.

1.6. Is-sekwestru tal-karbonju mhijiex biss kwistjoni ta' art tal-foresti iżda l-ewwel u qabel kollox li jiżdied it-tkabbir tal-foresti u l-fotosinteżi qawwija permezz ta' ġestjoni attiva tal-foresti u ż-żieda fl-użu tal-bijomassa tal-injam għall-prodotti u l-enerġija. Ir-restrizzjoni tal-użu ta' riżorsi tal-foresti tista' eventwalment tirriżulta fi tnaqqis tal-bjar minħabba ż-żmien, u għalhekk il-foresti li jikbru bil-mod. B'mod simili, fuq l-uċuh tar-raba' u tal-bwar, iċ-ċiklu ta' tkabbir u l-ħsad tar-rendiment jiżguraw li t-tneħħija tad-diossidu tal-karbonju tibqa' kemm jista' jkun effiċjenti.

1.7. Il-KESE jqis li huwa importanti li l-emissjonijiet u t-tneħħija tal-gassijiet b'effett ta' serra għandhom jiġu evalwati xjentifikament bi trasparenza u kejl komuni. Huwa jappella lill-Kummissjoni biex tiżviluppa regoli tal-kontabilità għall-ġestjoni tal-art u l-foresti b'tali mod li jirriflettu r-rati attwali tal-emissjonijiet u s-sekwestru. Barra minn hekk, il-livelli ta' referenza nazzjonali għall-foresti jeħtieġ li jkunu stabbiliti mill-Istati Membri f'konformità mal-użu sostenibbli previst tar-riżorsi tal-foresti. L-UE għandha tiżviluppa wkoll għodda preċiża abbażi ta' satellita għall-monitoraġġ globali tal-foresti. Barra minn hekk, għandhom jiġu żviluppati metodi ta' kontabilità xierqa għas-sekwestru tal-karbonju minn pjanti mingħajr injam f'ħamrija agrikola. Huwa importanti wkoll li tiġi evitata l-kontabilità doppja ta' emissjonijiet tal-LULUCF relatati mal-bijomassa f'setturi oħra.

1.8. Il-KESE jhegġegħ lill-Istati Membri individwali biex jipprovdu politiki nazzjonali ambizzjużi, minn isfel għal fuq (bottom-up) għas-settur tal-LULUCF, bl-involvement mill-qrib tas-soċjetà ċivili fil-proċess fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali.

1.9. Il-KESE jagħraf li s-suċċess ta' dawn il-proposti ambizzjużi jeħtieġ riżorsi finanzjarji sostanzjali, u jhegġegħ lill-Kummissjoni, biex minbarra l-faċilitajiet ta' finanzjament eżistenti, tistabbilixxi strument ta' finanzjament separat, flimkien mal-BEI, biex tappoġġja l-kisba ta' dawn l-għanijiet. Hemm ukoll il-ħtieġa għal riċerka intensiva u l-innovazzjoni biex jiġu żviluppati u adottati metodi għodda għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.

## 2. Introduzzjoni

2.1. Fl-20 ta' Lulju 2016, il-Kummissjoni Ewropea ressqet proposti għal Regolament dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 (Kondivizzjoni tal-Isforzi 2030) u għal Regolament dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra u l-assorbimenti mill-użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija (LULUCF) fil-Qafas għall-Klima u l-Enerġija għall-2030. Fl-istess waqt, il-Kummissjoni nediet Komunikazzjoni dwar strateġija Ewropea għal mobiltà b'livell baxx ta' emissjonijiet. F'din l-opinjoni, il-KESE jesprimi fehmietu dwar ir-regolamenti proposti filwaqt li l-fehmiet dwar il-Komunikazzjoni dwar it-trasport huma ppreżentati f'opinjoni oħra (TEN/609).

2.2. Il-proposti huma parti mill-implimentazzjoni tal-impenn tal-UE li tnaqqas l-emissjonijiet tagħha ta' gassijiet serra b'tal-inqas 40 % sal-2030, meta mqabbel mal-livell tal-1990. Kif maqbul mill-UE, il-mira tal-2030 tesiġi tnaqqis ta' 43 % tal-emissjonijiet fis-setturi li jaqgħu taħt l-iskema tal-UE għan-negożjar tal-emissjonijiet (ETS) u 30 % f'setturi oħra (mhux ETS), it-tnejn meta mqabbla mal-livelli tal-2005. Ir-reviżjoni tad-direttiva dwar l-ETS qed tiġi indirizzata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill. Il-KESE esprima fehmietu dwar din ir-reviżjoni fl-opinjoni tiegħu NAT/675.

2.3. Ir-Regolament propost japplika għal setturi li ma jaqgħux taħt l-ETS u attivitajiet bħat-trasport, il-bini, l-agrikoltura u l-iskart, kif ukoll l-użu tal-art u l-forestrija. Il-miri tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-Istati Membri huma estensjoni għad-Deċizzjoni dwar il-Kondivizzjoni tal-Isforzi attwali dwar il-miri tal-klima tal-UE għall-2020, mentri l-użu tal-art u l-forestrija huma inklużi għall-ewwel darba fil-qafas tal-UE dwar l-enerġija u l-klima. S'issa, dawn ġew ikkunsidrati fil-kuntest tal-Protokoll ta' Kjoto.

2.4. Il-Kummissjoni tipproponi miri nazzjonali diversifikati għat-tnaqqis tal-emissjonijiet bl-għan li jaderixxu mal-prinċipji ta' ekwiwità u kosteffettività mitluba mill-Kunsill Ewropew. Il-miri tal-Istati Membri individwali għall-2030 ivarjaw minn 0 % sa 40 %. Rigward l-użu tal-art u l-forestrija, il-Kummissjoni tipproponi li l-emissjonijiet u l-assorbimenti, ikkalkulati skont ir-regoli tal-kontabbiltà, għandhom ikunu f'bilanċ f'kull Stat Membru.

2.5. Il-Kummissjoni tipproponi li tissokta sistema ta' flessibilità li tippermetti li l-allokkazzjonijiet tal-emissjonijiet jiġu trasferiti bejn l-Istati Membri u matul iż-żmien. Il-Kummissjoni tipproponi wkoll flessibilitajiet ġodda li jippermettu lis-settur tal-kondiviżjoni tal-isforzi biex iwettaq ċerti kompromessi mal-ETS u s-setturi LULUCF.

2.6. Ir-regolamenti proposti jindirizzaw ukoll il-monitoraġġ u r-rapportar tal-gassijiet b'effett ta' serra, inklużi r-regoli ta' kontabbiltà għall-użu tal-art u l-forestrija.

### 3. Kummenti ġenerali

3.1. B'mod ġenerali, il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-proposti f'waqthom mill-Kummissjoni biex timplimenta l-impenn tal-UE li tnaqqas il-gassijiet b'effett ta' serra tagħha sal-2030 fis-setturi kollha tal-ekonomija u tas-soċjetà. Madankollu, huwa jenfazizza l-ħtieġa li fl-istess ħin tiġi kkunsidrata l-isfida globali fit-tul ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. Dan ifisser li l-politiki u l-miżuri għandhom ikunu kompatibbli mal-għan fit-tul li tinkiseb dinja newtrali fir-rigward tal-karbonju.

3.2. Fl-opinjoni tiegħu (NAT/690) il-KESE appella lill-UE biex timmira lejn iż-żieda tal-impatt pożittiv tagħha fuq il-klima globali ("carbon handprint") minflok ma ssir enfasi biss fuq it-tnaqqis tal-emissjonijiet tagħha stess. Għandu għalhekk jitħeġġeġ ukoll il-provvediment ta' soluzzjonijiet klimatiċi għall-implimentazzjoni ta' proġetti konġunti ma' pajjiżi terzi fil-kuntest tal-politika dwar il-klima tal-2030, b'kont meħud tal-fatt li l-Ftehim ta' Pariġi jirreferi għal mekkaniżmu ġdid ta' kooperazzjoni internazzjonali għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima.

3.3. Fl-opinjoni msemmija hawn fuq il-KESE appella wkoll għal "Unjoni Klimatika" aktar effettiva fejn l-aspetti tal-klima jiġu integrati mill-qrib fil-politiki relatati mas-suq uniku. Id-diviżjoni tal-mira konġunta għat-tnaqqis tal-emissjonijiet f'sottomiri nazzjonali tista' tiċċaqtaq b'mod aktar frammentat u f'direzzjoni diżintegrata. Għalhekk il-KESE jitlob lill-Kummissjoni tevalwa wkoll opzjonijiet u possibbiltajiet għal approċċ komunitarju aktar koerenti fis-settur li mhux parti mill-ETS rigward il-politika tal-UE dwar il-klima għall-perjodu ta' wara l-2030.

3.4. L-approċċ settorjali, għall-kuntrarju ta' kondiviżjoni tal-isforzi bejn l-Istati Membri, hija rotta possibbli oħra tal-politika dwar it-tibdil fil-klima. Il-komunikazzjoni dwar it-trasport hija bbażata fuq dan l-approċċ. Il-KESE jqis li huwa importanti li ssir distinzjoni bejn kwistjonijiet relatati mas-suq uniku u dawk li huma ta' natura nazzjonali. B'mod ġenerali, l-approċċ settorjali jaqbel aktar mas-suq uniku, mentri approċċ speċifiku għal kull pajjiż huwa rilevanti fi kwistjonijiet bħall-ġestjoni ta' riżorsi naturali domestiċi. Dan jgħodd b'mod partikolari fir-rigward tal-politika dwar il-foresti.

3.5. L-integrazzjoni tal-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas tal-2030 twassal għal element ġdid importanti fil-politika tal-UE dwar il-klima. Il-KESE jqis li jinħtieġ li l-integrazzjoni sseħħ b'mod li ttejjeb in-newtralità tal-karbonju fit-tul u t-tkabbir sostenibbli, minflok tiffoka fuq azzjonijiet fuq perjodu qasir u medju biss.

3.6. Il-ħtieġa li jitnaqqsu l-emissjonijiet u jiżdied il-ħżin tal-karbonju sserve biex jiġi xprunat l-użu tal-bijomassa bħala materja prima għal diversi tipi ta' prodotti tal-bijomassa u bħala sors ta' enerġija rinnovabbli, inkluż l-użu tal-bijoenerġija sostenibbli flimkien mad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport. Il-bijoeconomija sostenibbli, jiġifieri l-użu sostenibbli u l-ġestjoni ta' riżorsi naturali bijoloġiċi, hija element essenzjali fit-tranżizzjoni għan-newtralità tal-karbonju.

3.7. Is-settur tal-foresti jista' jkollu rwol kruċjali fit-tnaqqis tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju, b'hekk iżid l-enerġija rinnovabbli u jippromovi l-konsum sostenibbli. Ir-riżorsi tal-foresti tal-UE qed jikbru, permezz ta' investimenti fit-tul fil-ġestjoni tal-foresti bl-għan li jiżdiedu l-livelli sostenibbli għall-ħsad fil-futur. Iż-żieda fl-użu tal-bijomassa ser teħtieġ ukoll il-ġestjoni attiva tal-foresti fil-futur.

3.8. Il-KESE jixtieq jenfazizza li l-politika dwar il-klima tal-UE ma għandhiex tistabbilixxi limiti għall-użu tal-foresti, sakemm il-ħsad ma jaqbiżx it-tkabbir tar-riżorsi tal-foresti u jiġu segwiti l-prattiki ta' ġestjoni sostenibbli tal-foresti. Ir-restrizzjoni fuq perjodu qasir ta' żmien tal-użu tal-foresti tista' eventwalment tirriżulta fit-tnaqqis tal-bjar.

3.9. It-tibdil fil-klima huwa wkoll marbut mill-qrib mas-sigurtà tal-ikel, partikolarment fil-livell globali. Għalhekk huwa importanti li wieħed ikun kapaċi jirrispondi b'mod simultanju għall-isfidi ta' sigurtà tal-ikel u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. Id-disponibbiltà tal-art għall-kultivazzjoni u l-perssonijiet tal-urbanizzazzjoni għandhom iwasslu għal żieda sostenibbli tal-produttività sabiex l-Ewropa tikkontribwixxi sehemha biex tiġi indirizzata l-isfida globali tas-sigurtà tal-ikel.

3.10. Rigward l-emissjonijiet netti tas-settur agrikolu, il-KESE jfakkar li hemm ukoll proposta ambizzjuża b'mod simili dwar il-Limiti Nazjonali tal-Emissjonijiet (NEC) u jitlob għall-konsistenza u l-evitar tal-piż ta' duplikazzjoni fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' diversi biċċiet ta' leġislazzjoni.

#### 4. Kummenti speċifiċi dwar il-proposta dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi

4.1. Il-Kummissjoni laqgħet l-appell tal-Kunsill Ewropew biex jiġu kkunsidrati l-prinċipji ta' ġustizzja u kosteffettività fil-proposta tagħha. Il-KESE jaqbel bis-sħiħ mal-fehma li d-differenzi bejn l-Istati Membri għandhom jiġu kkunsidrati sabiex ikunu żgurati kemm il-ġustizzja kif ukoll il-kosteffettività. Dan huwa relatat mad-differenzi fil-karatteristiċi speċifiċi u l-punti tat-tluq tal-pajjiżi, kif ukoll il-potenzjal ekonomiku u soċjali tat-tnaqqis tal-emissjonijiet.

4.2. Il-KESE, madankollu, jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-approċċ propost ma jwassalx għar-riżultat l-aktar effettiv fil-livell tal-UE, peress li l-ġustizzja u l-kosteffettività jiġu kkunsidrati separatament minn xulxin. Biex tinkiseb kosteffettività ġenwina u b'mod ġust, il-kalkoli għandhom ikopru iż-żewġ aspetti fl-istess ħin u fl-Istati Membri kollha.

4.3. Idealment, tinstab is-soluzzjoni l-aktar kosteffikaċi billi jiġu kkalkulati x-xejriet tal-ispejjeż tat-tnaqqis ta' emissjonijiet f'kull pajjiż u jiġu stabbiliti l-miri sal-punt fejn l-ispejjeż marġinali meta mqabbla mal-PDG huma l-istess. Dan għandu jelimina wkoll il-problema possibbli ta' allokkazzjoni żejda. Alternattiva oħra hija li tiġi stabbilita l-istess mira relattiva għal kull pajjiż u mbagħad jintużaw mekkaniżmi ta' flessibbiltà sabiex tinstab l-aħjar soluzzjoni.

4.4. Rigward ir-riżultat tal-kondiviżjoni tal-isforzi, il-KESE jinnota li huwa diffiċli li dan jiġi vverifikat. Għaldaqstant, il-KESE jenfasizza l-importanza tat-trasparenza fil-preżentazzjoni tad-data u s-suppożizzjonijiet tal-kalkoli kif ukoll fil-metodoloġija użata.

4.5. Sabiex tiżdied il-prevedibbiltà, il-KESE jqis li huwa importanti li jitqiesu u jitħejjew għall-impatti possibbli tal-"Brexit" dwar il-kondiviżjoni tal-isforzi. Min-naħa l-oħra, in-Norveġja u l-Islanda esprimew l-intenzjoni tagħhom li jipparteċipaw fl-azzjoni konġunta mill-UE, li jista' jkollu impatt fuq l-implimentazzjoni tal-kondiviżjoni tal-isforzi.

4.6. Minħabba n-nuqqasijiet inevitabbli fil-kondiviżjoni tal-isforz, huwa importanti li jiġu introdotti mekkaniżmi ta' flessibbiltà u regoli li jagħmluha possibbli li jinkisbu l-ogħla benefiċċji fl-effiċjenza. Forom ġodda ta' flessibbiltà transsettorjali għandhom jiġu eżaminati wkoll. Barra minn hekk, jeħtieġ li jkun hemm sistema effiċjenti u trasparenti biex jiġu ssorveljati r-riżultati tal-flessibiltajiet.

4.7. Il-flessibbiltà li tipprovdi l-possibbiltà ta' negozjar tal-allokkazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet bejn l-Istati Membri u l-implimentazzjoni ta' miżuri fi Stat ieħor tikkontribwixxi kemm biex tiżdied il-kosteffettività kif ukoll il-ġustizzja. L-opzjoni li jiġu trasferiti l-allokkazzjonijiet tal-emissjonijiet matul iż-żmien hija meħtieġa wkoll u għandha tkun inqas ristretta, minħabba li fil-prattika l-miżuri ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ma jsewewwux trajettorja lineari minn sena għal sena.

4.8. Il-proposta tal-Kummissjoni dwar l-opzjoni tal-użu ta' kwoti ta' emissjonijiet mis-settur tal-ETS biex jikkompensaw għall-emissjonijiet minn setturi oħra hija milqugħa iżda għandha wkoll l-għan li jiġi ottimizzat it-tnaqqis tal-emissjonijiet. Fl-istess ħin wieħed għandu jirrikonoxxi li l-kanċellazzjoni tal-kwoti tal-emissjonijiet f'pajjiż wieħed għandu wkoll impatt fuq pajjiżi oħra, minħabba l-iskema għall-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet madwar l-UE kollha.

4.9. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-possibbiltà li jintużaw l-assorbimenti tal-karbonju u t-tnaqqis tal-emissjonijiet fis-settur tal-LULUCF biex jiġu kkompensati emissjonijiet f'setturi oħra. L-inklużjoni possibbli ta' ġestjoni tal-foresti f'mekkaniżmi ta' flessibbiltà għandha titfassa b'tali mod li tinċentiva l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti u t-tkabbir tal-foresti u ma tfixkilx l-użu tar-riżorsi tal-foresti bħala materja prima tal-bijoeconomija.



## 5. Kummenti speċifiċi dwar il-proposta dwar l-LULUCF

5.1. Ir-rwol tal-agrikoltura u l-forestrija jitlob approċċ olistiku mill-politika dwar il-klima tal-UE. Minbarra l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, l-agrikoltura u l-forestrija wkoll qed jaffaċċaw l-isfida li jadattaw għat-tibdil fil-klima peress li huma setturi l-aktar milquta minn avvenimenti klimatiċi avversi. Għal din ir-raġuni, għandu jitħeġġeġ pjan ta' mitigazzjoni bl-inqas impatt negattiv fuq il-produzzjoni. Kif imsemmi fil-proposta tal-Kummissjoni, huwa importanti li tiġi kkunsidrata l-pożizzjoni tal-UE fix-xena globali u jittieħed kont tal-bilanċ globali tal-Ftehim ta' Pariġi, speċjalment fir-rigward tal-integrità ambjentali u l-effetti negattivi possibbli tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju.

5.2. Skont il-Ftehim ta' Pariġi, l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra kkawżati mill-bniedem mis-sorsi u l-assorbimenti minn bjar bħall-foresti għandhom ikunu bbilanċjati sat-tieni nofs tas-seklu. Huwa għalhekk kruċjali li jinżammu l-foresti bħala bjar u biex tiġi evitata s-saturazzjoni tal-karbonju fil-foresti li qed jixxjehu.

5.3. Il-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, flimkien mal-użu tal-injam bħala materja prima għal prodotti u s-sostituzzjoni tal-karburanti fossili mal-bijoenerġija, huma mezz effettiv biex jiġi kkontrollat il-bilanċ tal-karbonju. Biex jiġi evitat li tiddgħajfef l-integrità ambjentali, l-emissjonijiet fossili minn setturi oħra m'għandhomx jiġu kkumpensati permezz ta' bjar forestali b'tali mod li jnaqqsu d-disponibbiltà tal-injam għall-iskopijiet tal-bijoeconomija.

5.4. Il-ġestjoni tal-bjar tal-foresti mhijiex biss kwistjoni ta' art tal-foresti iżda l-ewwel u qabel kollox it-tisħiħ tat-tkabbir tal-foresti permezz ta' ġestjoni attiva tal-foresti, u ż-żieda fl-użu tal-prodotti tal-injam. Il-KESE għalhekk iqis li huwa importanti li l-prodotti tal-injam maħsud (HWP) jiġu inklużi fis-settur tal-LULUCF, u l-Istati Membri għandhom jagħmlu użu sħiħ mill-potenzjal ipprovdut minn dawn għall-ħażna tal-karbonju u l-krediti ġġenerati minn dan. Barra minn hekk, għandu jkun possibbli li jkun permess li l-emissjonijiet ikkawżati mid-deforestazzjoni jiġu kkumpensati permezz ta' żieda fir-riżorsi tal-foresti miksuba mill-ġestjoni sostenibbli tal-foresti.

5.5. Sabiex jintuża l-potenzjal sinifikanti tal-ġestjoni<sup>(1)</sup> sostenibbli tal-foresti fil-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, il-KESE jstieden lill-Kummissjoni biex tiffoka sforzi intensivi fuq l-iżvilupp tar-regoli tal-kontabilità tal-ġestjoni tal-foresti. Ir-regoli għandhom jirriflettu r-rati attwali tat-tkabbir tal-foresti u s-sekwestru sabiex tiġi evitata l-problema tar-regoli attwali, li hija li f'ċerti każijiet ikun hemm bjar reali li jiġu definiti bħala sors ta' emissjoni.

5.6. Ir-regoli ta' kontabilità proposti dwar il-livelli ta' referenza għall-foresti huma iktar ikkumplikati minn qabel u ma jħeġġux biżżejjed it-tisħiħ tat-tkabbir tal-foresti jew tal-bijoeconomija. Il-KESE jipproponi li, minflok jiġu stabbiliti kriterji ddetaljati wisq, il-livelli ta' referenza nazzjonali għall-foresti għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri skont l-użu previst tar-riżorsi tal-foresti, filwaqt li jiġi żgurat li l-ħsad annwali ma jaqbiżx it-tkabbir annwali fit-tul.

5.7. Il-KESE jilqa' n-nota tal-Kummissjoni li sabiex tiġi evitata l-kontabilità doppja tal-emissjonijiet, l-użu tal-bijomassa fis-settur tal-enerġija għandha titqies bħala newtrali fil-karbonju, skont il-linji ta' gwida IPCC. Barra minn hekk, kwalunkwe kontabilità doppja oħra tal-emissjonijiet għandha tiġi evitata.

5.8. Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni biex tistinka għal regoli ta' kontabilità globali ssemplifikati għal-LULUCF. Biex jitħeġġu pajjiżi oħra biex jinvolvu ruħhom fil-proċess, ir-regoli għandhom ikunu sempliċi kemm jista' jkun. Fil-livell internazzjonali, l-UE għandha tikkontribwixxi wkoll l-għarfien tagħha stess fir-rigward tal-inventarji tar-riżorsi tal-foresti u l-metodi ta' monitoraġġ u b'mod partikolari tiżviluppa sistema satellitari tal-UE bil-kapaċità li tipprovdri data globali attwali.

5.9. Bħal fil-każ tal-ġestjoni tal-foresti, il-ġestjoni attiva tar-raba' u tal-bwar tikkontribwixxi wkoll għall-għieda kontra t-tibdil fil-klima, filwaqt li tikkontribwixxi għas-sigurtà alimentari globali. It-titjib tal-ġestjoni tar-raba' u tal-bwar, inkluż il-produttività tal-ħamrija, il-ħsad u t-tħawwil mill-ġdid, isaħħaħ is-sekwestru tal-karbonju u għalhekk għandu jkun akkreditat b'mod xieraq. Il-limitazzjoni tal-produzzjoni tal-bijomassa tista' eventwalment tirriżulta f'inqas u inqas tneħħija ta' gassijiet serra mill-atmosfera minħabba t-tnaqqis tal-fotosinteżi. L-ispeċjalità tal-ħamrija organika għandha tiġi kkunsidrata wkoll u l-possibbiltajiet offruti biex titkompla l-biedja fiha.

<sup>(1)</sup> Nabuurs et al. 2015. Rwol ġdid għall-foresti u s-settur tal-foresti fil-miri dwar il-klima għal wara l-2020 tal-UE.

5.10. Sabiex isir użu sħiħ tal-potenzjal sinifikanti tal-ġestjoni tar-raba' u tal-bwar sabiex jiżdiedu l-bjar tal-karbonju tal-ħamrija u jiġi indikat titjib possibbli fil-prestazzjoni tagħhom, il-KESE jappella għar-riċerka dwar u l-iżvilupp tar-regoli tal-kontabilità għall-bijomassa assoċjata ma' pjanti annwali u perenni mingħajr injam. Il-potenzjal ta' approċċ dinamiku għall-ġestjoni tal-ħamrija li jiffoka fuq li jottimizza l-funzjonijiet tiegħu, filwaqt li jieħu inkunsiderazzjoni l-kundizzjonijiet lokali, jista' jkun ta' benefiċċju mhux biss għall-klima u l-ambjent, iżda wkoll jikkontribwixxi għas-sostenibbiltà ekonomika u soċjali tas-settur tal-biedja, speċjalment irziezet zġġar tal-familja.

5.11. Kollox ma' kolloxx, is-suċċess f'Pariġi nkiseb b'approċċ minn isfel għal fuq bl-istabbiliment ta' miri nazzjonali, ibbażati fuq il-punti b'saħħithom u l-opportunitajiet ipprovduti mill-Istati individwali. Il-KESE jirrikonoxxi wkoll id-differenzi bejn l-Istati Membri fis-settur tal-LULUCF. Il-politiki għandhom għalhekk jifasslu fil-livell nazzjonali, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà u s-settur tal-LULUCF għandu jinżamm bħala pilastru separat tal-politika dwar il-klima.

5.12. Il-KESE ser ihegġegħ lill-Istati Membri individwali biex jistabbilixxu politiki ambizzjużi għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima fis-settur tal-LULUCF, filwaqt li tinħoloq viżjoni fit-tul għall-użu sostenibbli tal-art u tal-forestrija, u b'mod partikolari li tinvolvi s-soċjetà ċivili u l-imsieħba soċjali fil-proċess fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali.

5.13. Biex il-politiki ambizzjużi jkun jistgħu jiġu implimentati, jeħtieġ li jkun hemm riżorsi finanzjarji sostanzjali. Għal dan l-għan, il-KESE jappella lill-Kummissjoni biex, minbarra il-faċilitajiet ta' finanzjament eżistenti, jitwaqqaf strument ta' finanzjament separat, flimkien mal-BEI, b'appoġġ għall-kisba ta' dawn l-għanijiet. Barra minn hekk, hemm ħtieġa ċara għal aktar investiment fir-riċerka u l-iżvilupp immirat lejn metodi ġodda ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.

Brussell, l-14 ta' Diċembru 2016.

*Il-President*  
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*  
Georges DASSIS

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet demersali fil-Baħar tat-Tramuntana u s-sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 676/2007 u li jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1342/2008”**

[COM(2016)0493 final – 2016/0238 (COD)]

(2017/C 075/18)

Relatur: **is-Sur Thomas McDONOGH**

Konsultazzjoni	Parlament, 12.9.2016 Kunsill, 26.9.2016
Bażi legali	Artikolu 43(2) u Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Deċiżjoni tal-Bureau	20/09/2016
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni Speċjalizzata għall-Agricoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent
Adottata fis-sezzjoni	24.11.2016
Adottata fil-plenarja	14.12.2016
Sessjoni plenarja Nru	521
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	211/1/3

## 1. Kummenti u rakkomandazzjonijiet ġenerali u speċifiċi

1.1. Il-Politika Komuni tas-Sajd ġiet introdotta fis-sinjuri 60 u 70 u teħtiegħ rieżami kontinwu. Il-Kumitat jilqa' b'sodisfazzjon dan il-proċess għall-aġġornament tal-politika biex jinżamm il-pass mal-bidliet teknoloġiċi, bil-għan li titjeb il-konservazzjoni u l-protezzjoni tal-istokkijiet tal-ħut. Il-Kumitat jilqa' b'sodisfazzjon l-azzjonijiet proposti mill-Kummissjoni, li ħafna minnhom huma ssuġġeriti fir-rapport WGNSSK tal-2016<sup>(1)</sup>. Dan għandu jgħin sabiex il-liġi Ewropea dwar is-sajd tiġi aġġornata u tiġi protetta industrija siewja ħafna.

1.2. Is-sajd fil-Baħar tat-Tramuntana u ż-żoni li jmissu miegħu huwa kumpless ferm, u jinvolvi bastimenti minn tal-inqas seba' Stati Membri kostali, kif ukoll min-Norveġja, li jużaw varjetà wiesgħa ta' rkapti differenti li jimmiraw għal medda wiesgħa ta' speċijiet differenti ta' ħut u ta' frott tal-baħar bil-qoxra. Kwistjoni ewlenija hija li ħafna mill-iżjed stokkijiet demersali importanti (jiġifieri daww li jgħixu f'qiegħ il-baħar jew qribu) jinqabdu fis-sajd imħallat. Fil-prattika, dan ifisser li kull darba li bastiment jiġbed l-irkaptu tiegħu, il-qabda tiegħu tkun tikkonsisti minn taħlita ta' speċijiet differenti. Il-kompożizzjoni ta' din it-taħlita tinbidel skont it-tip ta' rkaptu li jintuża, u skont meta u fejn jintuża.

1.3. Għall-bastimenti li jaqdbu stokkijiet tal-ħut soġġetti għall-qabdi totali permissibbli (TACs), dan ifisser li jeħtiegħ li jieqfu jistadu ladarba l-kwota tagħhom għal dak l-istokk tkun ġiet eżawrita. Qabel l-adozzjoni tar-Regolament Bażiku<sup>(2)</sup>, il-bastimenti ma kienx ikollhom jieqfu jistadu ladarba l-kwota tagħhom għal waħda minn dawn l-ispeċijiet tkun ġiet eżawrita. Minflok, setgħu jkomplu jistadu għal speċijiet oħrajn fil-mira u, b'riżultat ta' dan, kienu jkomplu jaqdbu l-ispeċijiet li għalihom kienu diġà nqabżu l-kwoti, anke jekk ma setgħux legalment iħottu l-art dawn il-qabdi. Dawn il-qabdi li jaqdbu l-kwota kien ikollhom jiġu skartati. Ladarba l-kwota għal dak l-istokk tkun ġiet eżawrita, ittemm l-opportunitajiet biex jittkompla s-sajd għal stokkijiet oħrajn. Għalhekk, ikun tajjeb li jitqies il-fatt li xi stokkijiet jinqabdu flimkien f'sajd imħallat meta jiġu stabbiliti t-TACs għal dawn l-istokkijiet. Dan l-approċċ għandu jkollu vantaġġi kemm għall-konservazzjoni kif ukoll għall-isfruttar tal-istokkijiet. Din il-proposta tiegħu dan l-approċċ.

<sup>(1)</sup> Ir-rapport tal-ICES (Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar), Grupp ta' Ħidma dwar il-Valutazzjoni tal-Istokkijiet Demersali fil-Baħar tat-Tramuntana u Skagerrak, imlaqqa' f'Hamburg, il-Ġermanja, mis-26 ta' April sal-5 ta' Mejju 2016.

<sup>(2)</sup> Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22-61).

1.4. Ir-Regolament Bażiku għandu l-għan li jsołvi l-problemi tas-sajd eċċessiv u r-rimi tal-ħut b'mod aktar effettiv mil-leġislazzjoni preċedenti. Għalhekk, għandhom jittieħdu l-miżuri adatti sabiex jiġu evitati konsegwenzi ekonomiċi u soċjali negattivi għall-industrija tas-sajd. L-ewwel pass lejn ġestjoni adattiva bħal din ikun li l-istokkijiet rilevanti kollha jiġu inkorporati fi pjan ta' ġestjoni wieħed. Dan ikun jinkludi l-miri tal-mortalitajiet mis-sajd espressi f'meded għal kull wieħed mill-istokkijiet, fejn ikunu disponibbli, li jkun il-bażi għall-istabbiliment tat-TACs annwali għal daww il-istokkijiet.

## 2. Kummenti u rakkomandazzjonijiet oħrajn

2.1. Għandha tiġi stabbilita kummissjoni indipendenti biex tirrevedi l-kwoti nazzjonali. Madankollu, ir-riġenerazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut ma tiddependix biss mill-mortalità mis-sajd iżda wkoll minn fatturi oħra bħat-tibdil fil-klima. Kwalunkwe approċċ favur is-sajd sostenibbli ser jitlob l-adattament tal-bastimenti u l-irkaptu tas-sajd (li jiswa l-flus), data xjentifika soda u miżuri kontinwi favur it-taħriġ u s-sensibilizzazzjoni fost is-sajjieda. L-aspett soċjali tas-sajd jeħtieġ li jiġi kkunsidrat ukoll peress li s-sajjieda fuq skala żgħira qed jutilfu xogħolhom. Hija prijorità ż-żamma tal-impjiegi eżistenti fil-komunitajiet f'bosta żoni kostali fl-UE li jiddependu mis-sajd.

2.2. Jeħtieġ li ssir aktar riċerka dwar l-effetti tat-trobbija tal-ħut fuq l-istokkijiet selvaġġi. Is-salamun selvaġġ huwa fil-periklu tal-estinzjoni – l-aktar minħabba s-sajd eċċessiv u r-regolazzjoni fqira, iżda l-effett tal-farms tal-ħut fuq is-salamun selvaġġ mhux magħruf. Bis-saħħa ta' kummerċjalizzazzjoni adegwata, is-salamun selvaġġ għandu jkiseb prezz primjum meta mqabbel mas-salamun imrobbi. Is-sajd sportiv jagħmel kontribuzzjoni kbira ħafna għall-ekonomija f'żoni iżjed imbiegħda: huwa stmat li kull salamun selvaġġ maqbud jikkontribwixxi medja ta' EUR 1 200 lill-ekonomija lokali bis-saħħa tal-pagi lill-persuni li jagħmluha ta' gwida fuq spedizzjonijiet tas-sajd, l-akkomodazzjoni, it-trasport, eċċ.

2.3. Jeħtieġ li jittieħdu miżuri sabiex jitreġġa' lura t-tnaqqis fis-sajd tas-sallur. Il-problema tal-qbid ta' ħut li għadu qed jikber għandha tiġi ttrattata billi jiżdied id-daqs minimu tal-malji tax-xibka. Għandu jkun hemm restrizzjonijiet fuq ix-xbieki tal-għażel "monofilament" (mono-filament nets).

2.4. Il-penali għandhom jiżdiedu għall-ksur tal-liġijiet tas-sajd. Għandhom jittieħdu miżuri qawwija kontra l-impjeg tal-immigranti illegali fuq id-dgħajjes tas-sajd, li ħafna minnhom lanqas biss jitħallsu u li tista' tgħid huma priġunieri peress li l-passaporti tagħhom jiġu ssekwestrati (dan ġara lil persuni mill-Amerika Ċentrali). Il-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol fuq il-baħar għandhom jirrispettaw l-ogħla standards tal-UE. Dan japplika wkoll għall-ħaddiema li mhumiex fl-UE.

Brussell, l-14 ta' Diċembru 2016.

*Il-President*  
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*  
Georges DASSIS

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomika u Soċjali Ewropew dwar “Il-pakkett tal-avjazzjoni II,  
li jinkludi**

**Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jstabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill”**

[COM(2015) 613 final – 2015/0277 (COD)]

u dwar

**“Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – Il-Programm Ewropew tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni”**

[COM(2015) 599 final]

(2017/C 075/19)

Relatur: **is-Sur Raymond HENCKS**

Korelatur: **is-Sur Stefan BACK**

Konsultazzjoni	Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 19.1.2016
Bażi legali	L-Artikolu 100(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni Speċjalizzata għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Infommazzjoni
Adottata fis-sezzjoni	15.11.2016
Adottata fil-plenarja	14.12.2016
Sessjoni plenarja Nru	521
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	184/01/02

### 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE huwa favur l-approċċ il-ġdid ibbażat fuq il-valutazzjoni tar-riskju u l-prestazzjoni, sakemm jibqgħu fis-seħħ regoli preskrittivi kulfejn meħtieġ biex tkun żgurata s-sikurezza. Il-KESE jqis li l-implimentazzjoni b'suċċess ta' din il-bidla fil-metodi u l-kultura tax-xogħol tirrikjedi ż-żmien u riżorsi adegwati. Il-KESE jenfasizza wkoll li din it-tranżizzjoni għandha ssir b'involvement mill-qrib mal-persunal u l-partijiet interessati.

1.2. Il-KESE jaqbel li l-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA) għandha taqsam responsabbiltà akbar għas-sigurtà, f'kooperazzjoni u bi qbil mal-Istati Membri, inkluż fir-rigward ta' regoli speċifiċi dwar l-emerġenzi, bil-kundizzjoni li jingħataw riżorsi adegwati sabiex jippermettu lill-EASA twettaq il-kompiti tagħha f'dan il-qasam. Il-KESE jemmen ukoll li r-Regolament (KE) Nru 300/2008 għandu jiġi rieżaminat fid-dawl tal-iżviluppi mill-2008 'l hawn.

1.3. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-kuntest li qed jinbidel malajr li jopera fih is-settur tal-avjazzjoni ċivili, kemm minħabba l-iżvilupp tekniku mgħaġġel, inkluża d-diġitalizzazzjoni, kif ukoll minħabba l-iżvilupp ta' mudelli ta' negozju ġodda u mudelli ġodda ta' impjeg u forniment ta' servizzi. Il-KESE jagħti importanza kbira għall-ewalwazzjoni regolari tar-Regolament il-ġdid kull ħames snin, prevista fil-proposta. Huwa importanti li l-aspetti tas-sikurezza u s-sigurtà potenzjali ta' żviluppi bħal dawn jiġu evalwati b'mod eżawrjenti fil-valutazzjoni tal-impatt u li l-miżuri adatti jiġu pplanati u mwettqa fil-ħin.

1.4. Il-KESE jilqa' l-inklużjoni tas-servizzi fuq l-art (ground handling) fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u jissuġġerixxi li jitqies rekwiżit ta' ċertifikazzjoni għall-fornituri tas-servizzi fuq l-art u l-persunal bi rwoli kruċjali għas-sikurezza.

1.5. Il-KESE jilqa' l-iżvilupp ta' standards ta' ċertifikazzjoni għall-ekwipaġġ tal-kabina iżda jiddispijaċih li l-Kummissjoni ma tipproponix sistema ta' liċenzji għall-ekwipaġġ tal-kabina.

1.6. Il-KESE japprova l-inklużjoni ta' vetturi tal-ajru mingħajr bdot fl-ambitu tal-proposta u jenfasizza l-importanza li jiġu stabbiliti standards għoljin.

1.7. Il-KESE jixtieq iwissi kontra kumplessità mhux meħtieġa u dupplikazzjoni ta' rekwiżiti ta' kontroll jew ta' ċertifikazzjoni fir-rigward ta' tagħmir tal-ajrudromi, ħliet fejn ikun iġġustifikat b'mod ċar għal raġunijiet ta' sikurezza.

1.8. Il-KESE jinnota b'sodisfazzjon il-kompiti ta' supervizzjoni, kooperazzjoni u assistenza fir-rigward tal-awtoritajiet nazzjonali li huma previsti fil-proposta u jittama li dawn iwasslu għal standards għolja, armonizzati u effiċjenti kontinwi fir-rigward ta' sikurezza, skambju mtejjeb ta' informazzjoni u valutazzjoni komparattiva, li ser jiżguraw użu aktar effiċjenti tar-riżorsi. F'dan il-kuntest, il-KESE jieħu nota tal-Pjan Ewropew tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni u tal-Programm Ewropew tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni u l-possibbiltà li jipprevedu l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' standards ta' sikurezza ogħla u armonizzati.

1.9. Il-KESE jappoġġja l-mekkaniżmu propost ta' trasferiment volontarju ta' funzjonijiet mill-awtoritajiet nazzjonali lill-EASA, inklużi regoli speċifiċi dwar l-emerġenzi.

1.10. Il-KESE huwa tal-fehma li l-possibbiltà prevista, li tippermetti lill-operaturi Ewropej li joperaw f'diversi pajjiżi tal-UE biex jagħżlu l-EASA bħala l-awtorità kompetenti tagħhom, għandha tkun tirrikjedi n-notifika tal-awtorità jew awtoritajiet kompetenti nazzjonali. Il-possibbiltà għall-operaturi msemmija hawn fuq li jagħżlu l-EASA bħala l-awtorità kompetenti ma tistax tiġi applikata għal miżuri li jaqgħu taħt l-Artikoli 59 u 60.

1.11. Il-KESE jinnota l-importanza tal-iskambju tal-informazzjoni u jenfasizza li l-informazzjoni miksuba għal skopijiet ta' titjib tas-sikurezza ma għandhiex tintuża fis-sistema ġudizzjarja ħliet f'ċirkostanzi eċċezzjonali, bħal imġiba ħażina intenzjonali. Il-kultura ġusta għandha tiġi salvagwardjata u l-KESE jenni l-proposta tiegħu li għandha tiġi żviluppata u implimentata Karta dwar il-Kultura Ġusta.

1.12. Barra minn hekk, il-KESE jieħu nota tal-proposta li tiġi introdotta dispożizzjoni dwar tariffi għal servizzi tal-Ajru Uniku bħala mezz ta' finanzjament għall-attivitajiet tal-EASA minkejja l-fatt li r-regoli sostantivi dwar dawn it-tariffi se jiddaħħlu f'dispożizzjonijiet li għadhom mhumiex fis-seħħ. Barra minn hekk mhumiex ċar kif it-tariffi pjanati se jkunu jirrelataw mas-sistema tal-imposti għar-rotot attwalment immexxija mill-EUROCONTROL fisem l-Istati li huma partijiet għal ftehim multilaterali. F'dan il-kuntest, il-KESE jikkunsidra li jkun prematur li tiddaħħal leġislazzjoni dwar l-użu ta' imposta li għad ma teżistix u fejn diversi alternattivi huma possibbli rigward il-konfigurazzjoni tagħha. Għalhekk, il-KESE jissuġġerixxi li din il-proposta tiġi miċħuda.

1.13. Meta jitqies li l-EASA għandha tistabbilixxi regoli dwar iċ-ċertifikazzjoni u kriterji ta' sikurezza li jistgħu jkunu wkoll ta' interess għall-pubbliku ġenerali, il-KESE jissuġġerixxi li t-testi ta' dan it-tip jiġu tradotti fil-lingwi uffiċjali tal-UE kollha. Għal raġunijiet ta' trasparenza, is-sit web tal-EASA għandu jkun disponibbli wkoll f'lingwi oħra minbarra l-Ingliż. F'dan il-kuntest, il-KESE jiġbed l-attenzjoni wkoll dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 21 tagħha.

1.14. Fir-rigward tal-proposta biex jittaffew il-formalitajiet dwar il-kiri ta' vetturi tal-ajru bl-ekwipaġġ, il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-proposta tittratta primarjament kwistjonijiet dwar is-sikurezza, filwaqt li l-kwistjonijiet li jirrelataw mal-kiri bl-ekwipaġġ huma relatati mal-operazzjonijiet kummerċjali, l-aċċess għas-suq u l-kompetizzjoni. Dawn jistgħu wkoll ikollhom dimensjoni soċjoekonomika. Għaldaqstant, il-KESE jirrakkomanda kontra l-emedar tad-dispożizzjonijiet sostantivi dwar il-kiri bl-ekwipaġġ, u jqis li din il-kwistjoni għandha tiġi indirizzata meta r-Regolament (KE) Nru 1008/2008 jiġi rieżaminat.

1.15. Fir-rigward tal-evalwazzjoni kontinwa tar-Regolament (UE) Nru 996/2010, il-KESE jirreferi għall-importanza tan-Netwerk Ewropew tal-Awtoritajiet tal-Investigazzjoni tas-Sikurezza fl-Avjazzjoni Ċivili (ENCASIA) u jikkunsidra li huwa essenzjali li jiġu pprovduti riżorsi adatti għal din l-attività importanti. Il-KESE jirreferi wkoll għad-dikjarazzjoni tiegħu dwar "Kultura Ġusta" f'punt 1.11 hawn fuq.



## 2. Introduzzjoni

2.1. Il-proposta għal Regolament dwar is-sikurezza <sup>(1)</sup> (il-proposta) hija għal sostituzzjoni tar-Regolament tal-2008 <sup>(2)</sup>. Il-proposta żżomm u/jew taġġorna uħud mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-2008 u tintroduċi miżuri ġodda. Din hija bbażata fuq l-istandards tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) u fuq konsultazzjonijiet pubbliċi fost l-Istati Membri u l-partijiet interessati, inklużi l-imsieħba soċjali. Hija bbażata fuq rapport mill-Kummissjoni dwar il-Programm Ewropew tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni <sup>(3)</sup> u fuq għadd ta' studji. Dan huwa pass lejn l-implimentazzjoni tal-Komunikazzjoni *Strateġija tal-Avjazzjoni għall-Ewropa* <sup>(4)</sup>.

2.2. Il-proposta tintroduċi approċċ għal regoli tas-sikurezza bbażat fuq l-antiċipazzjoni, il-valutazzjoni tar-riskju u l-prestazzjoni, biex tittejjeb l-effiċjenza fir-riżorsi u tiġi indirizzata aħjar il-ħidma ta' sorveljanza fil-livelli kollha. L-għan tagħha huwa li tagħlaq lakuni eżistenti fis-sikurezza u tqis aktar l-interkonnessjonijiet bejn is-sikurezza tal-avjazzjoni u oqsma oħrajn, bħalma huma s-sigurtà tal-avjazzjoni u l-protezzjoni ambjentali.

2.3. Il-proposta għandha l-għan li tiżgura livell għoli ta' infurzar u sorveljanza madwar l-UE permezz ta' kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet fil-livell Ewropew u l-livell nazzjonali, inkluż l-iskambju ta' informazzjoni u ta' kontroll u monitoraġġ effettiv. Din taġġorna r-Regolament tal-2008 biex tkopri l-iżviluppi tekniċi, bħal vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ.

2.4. Il-Kummissjoni qed twettaq evalwazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 996/2010 dwar l-investigazzjoni u l-prevenzjoni ta' inċidenti fis-settur tal-avjazzjoni ċivili (ir-Regolament) u talbet l-opinjoni tal-KESE (Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 996/2010). Fl-2010, il-KESE ħareġ opinjoni dwar il-proposta għal dan ir-Regolament <sup>(5)</sup>.

## 3. Kummenti ġenerali

3.1. Il-KESE jaqbel mal-miri tal-proposta biex jissaħħu r-regoli dwar is-sikurezza u s-sigurtà fl-avjazzjoni ċivili, u biex jiġi ċċarat ir-rwol tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA) fis-sigurtà. Barra minn hekk, il-KESE jaqbel mal-proposta li l-EASA tipprovdi għajnuna teknika lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-leġislażzjoni dwar is-sikurezza u sabiex tingħata s-setgħa li tiegħu miżuri relatati, bil-qbil tal-Kummissjoni u wara konsultazzjoni mal-Istati Membri.

3.2. Il-KESE jaqbel li l-EASA għandha taqşam aktar responsabbiltà għas-sigurtà, fkooperazzjoni u bi qbil mal-Istati Membri, inklużi r-regoli speċifiċi dwar l-emerġenzi, bil-kundizzjoni li jingħataw riżorsi adatti sabiex jippermettu lill-EASA twettaq il-kompiti tagħha f'dan il-qasam. Il-KESE huwa wkoll tal-fehma li *r-Regolament (KE) Nru 300/2008 li jistabbilixxi regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili* ġie ssuperat mill-iżviluppi li seħħew sa mill-2008 u għalhekk għandu jiffassal mill-ġdid.

3.3. Il-proposta għandha l-għan li tħejji l-qafas regolatorju tas-sikurezza tal-avjazzjoni tal-UE għall-isfidi fl-għaxar jew ħmistax-il sena li ġejjin. Il-KESE jemmen li l-previżjonijiet fuq perjodu daqshekk twil se jiġu superati mill-iżvilupp teknoloġiku u r-riskji ta' sikurezza li dejjem qed jinbidlu, bħat-tfiġġija ta' vetturi tal-ajru mingħajr bdot abbord, forom ġodda ta' kriminalità ċibernetika, ir-riskju ta' llandjar imfixkel minn lejżers, eċċ. Għalhekk, il-KESE huwa tal-fehma li r-regoli ta' sikurezza tal-avjazzjoni ċivili għandhom jiġu rieżaminati regolarment u ta' spiss. Għaldaqstant, il-KESE jappoġġja l-proposta għal evalwazzjoni tar-Regolament il-ġdid kull ħames snin.

3.4. Il-KESE jtenni <sup>(6)</sup> li s-sikurezza hija l-pedament għal strateġija tal-avjazzjoni sostenibbli u li ma hemmx lok għal kompjaċenza dwar dan is-suġġett. Għalhekk l-approċċ tal-proposta għandu jiġi vvalutat skont dawn ir-reqwiżiti, partikolarment fid-dawl tal-mira tal-Kummissjoni <sup>(7)</sup> li tidentifika u tindirizza r-riskji tas-sikurezza aktar malajr u b'mod aktar effettiv permezz ta' tranżizzjoni għal mentalità bbażata fuq ir-riskju u fuq il-prestazzjoni, filwaqt li jinżamm mill-inqas l-istess livell ta' sikurezza ġenerali.

<sup>(1)</sup> COM(2015) 613 final.

<sup>(2)</sup> ĠU L 79, 19.3.2008, p. 1.

<sup>(3)</sup> COM(2015) 599 final.

<sup>(4)</sup> COM(2015) 598 final; ĠU C 389, 21.10.2016, p. 86.

<sup>(5)</sup> ĠU C 21, 21.1.2011, p. 62.

<sup>(6)</sup> ĠU C 13, 15.1.2016, p. 169.

<sup>(7)</sup> COM(2015) 598 final.

3.5. Il-metodu propost huwa *approċċ aktar proporzjonat u flessibbli għar-regolamentazzjoni tas-sikurezza* L-għan huwa li jiġu identifikati u jitnaqqsu r-riskji għas-sikurezza iktar malajr u b'mod iktar effettiv, permezz ta' approċċ ibbażat fuq il-valutazzjoni tar-riskju u fuq il-prestazzjoni, sabiex jiġi żgurat livell ogħla ta' sikurezza ġenerali. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon dan l-approċċ, iżda jirrimarka li ċerti regoli preskrittivi għandhom jibqgħu fis-seħħ sabiex jiggarrantixxu kundizzjonijiet ekwi. Barra dan, tali tranżizzjoni sinifikanti tirrikjedi riżorsi adatti u proċess ta' transizzjoni li jkun trasparenti għall-partijiet interessati kollha inkluż il-persunal, u li joffri ż-żmien meħtieġ għall-bidla fil-kultura meħtieġa għal implimentazzjoni sħiħa tal-approċċ il-ġdid.

3.6. Studju kkummissjonat mill-Kummissjoni dwar id-disponibbiltà, l-effiċjenza tal-użu u l-evoluzzjoni tar-riżorsi umani tal-awtoritajiet tal-avjazzjoni, kif ukoll dwar il-finanzjament tas-sistema tas-sikurezza tal-avjazzjoni Ewropea (l-istudju ta' appoġġ dwar ir-riżorsi), sab li l-bilanċ bejn ir-riżorsi u l-volum tax-xogħol mar għall-aghhar matul dawn l-aħħar għaxar snin u identifika nuqqasijiet rigward il-kwalifiki tal-persunal. L-istudju jiddeskrivi sensiela ta' alternattivi sabiex tissolva din id-dilemma. Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li tinstab soluzzjoni fil-qafas ta' djalogu soċjali.

3.7. Studju ieħor, dwar l-iskemi ta' prestazzjoni u l-approċċ ibbażat fuq il-prestazzjoni, sħarreg il-possibiltà li jiġu inkorporati elementi ta' prestazzjoni fil-ġestjoni tas-sikurezza tal-avjazzjoni (l-istudju ta' appoġġ dwar il-prestazzjoni). Dan ikkonkluda li din hija fattibbli, iżda wissa kontra introduzzjoni rapida għal raġunijiet tekniċi. L-istudju sab li huwa impossibbli li jiġu kkwantifikati l-benefiċċji ta' approċċ ibbażat fuq il-prestazzjoni qabel l-implimentazzjoni tiegħu. Fil-fehma tal-KESE, il-konklużjonijiet ta' dan l-istudju jenfasizzaw l-importanza tal-implimentazzjoni tal-approċċ il-ġdid kemm b'mod prudenti kif ukoll b'mod konsistenti.

3.8. F'dan il-kuntest, il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-kwistjoni tal-iżvilupp soċjetali u soċjali, inklużi forom ġodda ta' impjeg u forom ġodda ta' mudelli ta' negozju ta' spiss marbuta mal-ekonomija diġitali fis-suq tal-avjazzjoni wkoll u l-implikazzjonijiet tas-sikurezza ta' dan l-iżvilupp. Il-Komunikazzjoni dwar Strateġija tal-Avjazzjoni għall-Ewropa <sup>(8)</sup> u diversi opinjonijiet tal-KESE <sup>(9)</sup> jqisu li għandha tingħata kunsiderazzjoni adatta għal dawn il-kwistjonijiet. Il-KESE jqijs li għandhom jiġu kkunsidrati wkoll fl-implimentazzjoni tal-proposta, inkluż meta jiġi vvalutat l-impatt tal-miżuri ta' implimentazzjoni.

3.9. L-EASA għandha tivvaluta l-prestazzjoni ta' korpi fil-kuntest tal-Pjan Ewropew għas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EPAS) iżda għadha ma stabbilietx miri ta' prestazzjoni tas-sikurezza għall-korpi li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tagħha. Dan jenfasizza għal darb'oħra l-importanza li l-problemi ta' riżorsi msemmija fil-punt 3.6 iktar 'il fuq jissolvew malajr u b'mod effettiv.

3.10. Ir-regoli, l-attivitajiet u l-proċeduri li jagħmlu parti mill-Programm Ewropew tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASP) għandhom jiġu mmonitorjati, biex jiġu vvalutati r-relevanza u l-effettività tagħhom. Il-monitoraġġ għandu jkun bbażat fuq indikaturi bħalma huma l-konformità mar-regoli, il-frekwenza ta' ċerti tipi ta' avvenimenti li jaffettwaw is-sikurezza, l-għadd ta' inċidenti u mwiet u l-maturità tas-sistemi ta' ġestjoni tas-sikurezza. Indikaturi bħal dawn jintużaw mill-Istati sabiex jiġi stabbilit il- "livell aċċettabbli ta' prestazzjoni tas-sikurezza" f'pajjiżhom, b'konformità mar-rekwiżiti tal-ICAO. Il-proposta tenfasizza l-kooperazzjoni bejn l-EASA u l-awtoritajiet nazzjonali, inkluż ir-rwol tal-EASA bħala manijer tar-repożitorju tal-informazzjoni ġdid imsemmi fl-Artikoli 61 sa 63. Il-KESE jenfasizza l-importanza ta' dan il-pass biex tittejjeb is-sistema ta' superviżjoni u infurzar.

## 4. Kummenti speċifiċi

### 4.1. Protezzjoni ambjentali

Il-KESE japprova ż-żieda ta' dispożizzjoni ġdida dwar kwistjonijiet ambjentali, inkluża r-rieżami ambjentali li għandha tiġi ppubblikata mill-EASA kull tliet snin.

### 4.2. Rikonoximent ta' ċertifikati ta' pajjiżi terzi

Il-KESE jenfasizza l-importanza ta' ftehimiet ta' rikonoximent reċiproku ma' pajjiżi msieħba importanti, sabiex jappoġġjaw lill-industrija avjonika tal-UE u l-kummerċ industrijali f'dan is-settur.

<sup>(8)</sup> COM(2015) 598 final, Sezzjoni 2.3.

<sup>(9)</sup> ĠU C 13, 15.1.2016, p. 169, punt 3.1.3; ĠU C 13, 15.1.2016, p. 110, punt 2.7 u ĠU C 389, 21.10.2016, p. 86, punt 1.3.

### 4.3. *Servizzi fuq l-art (ground handling)*

4.3.1. Il-KESE jilqa' bi pjaċir il-fatt li s-servizzi fuq l-art iddaħħlu fl-ambitu ta' dan ir-Regolament, bħala parti importanti fil-katina ta' sikurezza tal-avjazzjoni ċivili.

4.3.2. Madankollu, il-KESE jissuġġerixxi li jiġi kkunsidrat rekwiżit ta' ċertifikazzjoni dwar il-fornituri ta' servizzi fuq l-art kif ukoll għall-persunal tas-servizzi fuq l-art li għandhom rwoli kruċjali tas-sikurezza. Ir-rekwiżiti essenzjali inklużi fl-Anness VII tal-proposta għandhom jiġu żviluppatti aktar u ddettaljati, prinċipalment f'termini ta' standards ta' taħriġ u kwalifiki.

4.3.3. Kwistjonijiet oħrajn li għandhom jitqiesu jinkludu:

— in-numru ta' persunal u fornituri differenti madwar l-inġenju tal-ajru f'dak li jirrigwarda l-perjodu ta' ħin bejn il-waqfien fid-destinazzjoni u t-tluq lura;

— ir-riskji għas-saħħa li jirriżultaw minn espożizzjoni għat-tniġġis tal-arja fuq it-tarmak.

### 4.4. *Tagħmir tal-ajrudromi*

4.4.1. Rigward ir-rekwiżit ta' ċertifikazzjoni għat-tagħmir tal-ajrudromi stipulat fl-Artikolu 31 tar-Regolament, il-KESE jinnota li tagħmir tal-ajrudrom huwa tipikament ċertifikat taħt skemi għat-tagħmir elettriku u sistemi oħra. Skema ta' ċertifikazzjoni oħra tista' t'fisser regolamentazzjoni doppja mingħajr ebda benefiċċju jew benefiċċju insinifikanti. Għalhekk, il-KESE jissuġġerixxi li l-Artikolu 31 propost jiġi sostitwit b'test li jgħid li l-EASA se twieġeb kif adatt meta d-data tas-sikurezza turi li t-tagħmir użat jew maħsub biex jintuża fl-ajrudromi soġġetti għar-Regolament il-ġdid jikkostitwixxi riskju għas-sikurezza.

### 4.5. *Ekwipaġġ tal-kabina*

Il-KESE jilqa' bi pjaċir ir-rekwiżiti essenzjali ġodda fl-Anness IV u l-konsolidazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar l-ekwipaġġ tal-kabina fl-Artikolu 21. Jinnota b'dispaċir l-użu tat-terminu "attestazzjoni" u mhux "liċenzja" fil-proposta minkejja l-fatt li r-rekwiżiti tal-Anness 4 (4) fir-rigward tal-ekwipaġġ tal-kabina huma ekwivalenti għal dawk li jirrikjedu liċenzja jew ċertifikat. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza, l-ekwipaġġ tal-kabina għandu għalhekk jingħata liċenzja maħruġa minn awtorità nazzjonali tal-avjazzjoni jew mill-EASA.

### 4.6. *Dispożizzjonijiet ta' salvagwardja u ta' flessibilità, miżuri tal-Aġenzija*

4.6.1. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni dwar l-estensjoni ta' miżuri ta' emerġenza u dispożizzjonijiet ta' flessibilità fl-Artikoli 59 u 60 tal-proposta meta mqabbla mad-dispożizzjonijiet attwali tal-Artikoli 14 u 22 tar-Regolament (KE) Nru 216/2008, b'mod partikolari fir-rigward ta' limitazzjonijiet ta' ħin tat-titjir u miżuri oħra li jaffettwaw il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-persunal.

4.6.2. Il-KESE huwa tal-fehma li ma għandux jiġi estiż il-perjodu ta' xahrejn mingħajr nnotifika lill-EASA f'każijiet ta' miżuri relatati ma' salvagwardja (Artikolu 59) jew dispożizzjonijiet ta' flessibilità (Artikolu 60). Bl-istess raġunar, il-KESE huwa kontra l-estensjoni għal tmien xhur fl-Artikolu 65(4) dwar miżuri tal-Aġenzija.

4.6.3. Il-KESE jqis li għandu jkun hemm obbligu li jinkiseb il-qbil min-naħa tal-persunal ikkonċernat qabel tittieħed deċiżjoni dwar miżuri ta' urġenza u flessibilità li taffettwa l-kundizzjonijiet tax-xogħol tiegħu. Fejn tkun ittieħdet deċiżjoni mingħajr qbil bħal dan, l-EASA għandha immedjatament tibda l-proċedura ta' valutazzjoni prevista fl-Artikoli 59(2) u 60(2).

### 4.7. *Kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-EASA, trasferiment tar-responsabbiltajiet*

4.7.1. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta għal kooperazzjoni msaħħa bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-EASA f'dak li għandu x'jaqsam ma' ċertifikazzjoni, sorveljanza u infurzar. Huwa jappoġġja miżuri bħalma huma t-twaqqif ta' grupp ta' sperturi u t-trasferiment b'emerġenza ta' responsabbiltajiet lill-EASA sakemm dan ma jaffettwax ħażin it-termini u l-kundizzjonijiet tal-impjeg tal-ħaddiema kkonċernati. Kemm il-kriterji u r-rekwiżiti għat-trasferimenti ta' emerġenza kif ukoll ir-rekwiżiti għal sorveljanza lura lill-Istat Membru għandhom ikunu dokumentati b'mod ċar.

4.7.2. Il-KESE jenfasizza n-natura volontarja tat-trasferiment tar-responsabbiltajiet lill-EASA minn Stat Membru skont l-Artikolu 53, ħliet għat-trasferiment ta' emerġenza skont l-Artikolu 55, sabiex jissolvew nuqqasijiet ta' sikurezza urġenti. L-Artikolu 53.2, fl-aħħar paragrafu, jassigura li t-trasferimenti jsiru bl-attenzjoni dovuta għal-liġi nazzjonali u l-kunsens tal-Istat Membru kkonċernat. Fil-fehma tal-KESE s-salvagwardji proċedurali u salvagwardji oħrajn jiżguraw li trasferiment jaħdem tajjeb u b'kunsiderazzjoni adatta għas-sigurtà legali. Għaldaqstant, il-KESE jappoġġja l-mekkaniżmu ta' trasferiment propost.

4.7.3. L-abbiltà tal-Istati Membri li jitrasferixxu s-sorveljanza lil Stat Membru ieħor għandha tibqa' fuq bażi volontarja, bil-possibilità li Stat jikseb mill-għdid l-awtorità delegata.

4.7.4. Il-KESE jinnota l-introduzzjoni tal-possibbiltà għal operaturi multinazzjonali biex jagħżlu l-EASA bħala l-awtorità kompetenti tagħhom. Skont l-opinjoni tiegħu dwar it-trasferiment volontarju tar-responsabbiltajiet, il-KESE jista' japprova din il-proposta, soġġetta għall-kunsens tal-awtorità jew awtoritajiet nazzjonali kkonċernati u dment li l-miżura ma tolqotx ħażin it-termini u l-kundizzjonijiet tal-impjeg tal-persunal involut.

#### **4.8. Ġbir, skambju u analiżi ta' informazzjoni**

4.8.1. Bħal fil-każ tal-proposti għal kooperazzjoni akbar bejn l-EASA u l-awtoritajiet nazzjonali tal-avjazzjoni, il-KESE jappoġġja d-dispożizzjonijiet imsaħħa dwar il-ġbir, l-iskambju u l-analiżi tal-informazzjoni. Madankollu, huwa jitlob li tittieħed azzjoni ulterjuri biex tiġi żgurata l-protezzjoni tad-data personali bħalma pereżempju l-inklużjoni ta' dan l-aspett fis-sistema ta' awditjar tal-IT jew it-titjib tal-livell ta' anonimità tad-data miġbura. Sabiex tiżdided it-trasparenza, id-data li tkun tneħhietla kull sors ta' identifikazzjoni għandha ssir disponibbli għall-partijiet interessati kollha.

4.8.2. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon ukoll it-twaqqif ta' repożitorju li jkun jinkludi ċertifikati, akkreditazzjonijiet, miżuri, deċiżjonijiet tal-Kummissjoni, deċiżjonijiet tal-Istati Membri, trasferiment ta' responsabbiltajiet, notifikati, talbiet u informazzjoni oħra.

#### **4.9. Ġestjoni tas-sikurezza tal-avjazzjoni**

4.9.1. Filwaqt li l-KESE jappoġġja l-inklużjoni tar-referenza għall-EASP, kif ukoll għal Programmi Nazzjonali tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, il-KESE jiġbed l-attenzjoni dwar l-isfida ta' miżuri u materjal li jkunu komprensibbli għal ħaddiema l-aktar esposti (frontline workers). Għaldaqstant, huwa essenzjali li l-EASP u l-pjani nazzjonali jkunu bbażati fuq approċċ minn isfel għal fuq kull fejn possibbli. Inkella, it-testi jistgħu ma jkunux ta' għajna biex iġibu l-bidla mixtieqa.

#### **4.10. Vetturi tal-ajru mingħajr bdot abbord (drones)**

4.10.1. Il-KESE japprova l-inklużjoni ta' vetturi tal-ajru mingħajr bdot abbord fl-ambitu tal-proposta iżda jtenni s-sejħa tiegħu għal prudenza fl-implimentazzjoni ta' approċċ ibbażat fuq il-prestazzjoni.

4.10.2. Għalhekk, għandhom jiġu żviluppanti regolamenti komprensivi biex jiżguraw sikurezza adatta. Il-KESE jqis li hija sfida li tiġi żgurata l-kompatibilità ta' dawn l-attivitajiet ġodda tal-avjazzjoni ta' vetturi tal-ajru mingħajr bdot abbord mat-traffiku tal-ajru ġenerali, u għalhekk ir-regolamentazzjoni dwar din it-tema hija essenzjali. Il-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru hija diġà kumplessa, b'kontrolluri tat-traffiku tal-ajru li jgħorru responsabilitajiet konsiderevoli, u l-KESE jappella sabiex dawn il-ħaddiema ma jingħatawx responsabbiltajiet mhux ġustifikati sabiex jadattaw għal sitwazzjoni fejn jittajru vetturi tal-ajru mingħajr bdot abbord. Għandu jiddaħħal approċċ koerenti ta' liċenzjar għall-operat u l-pussess ta' vettura tal-ajru mingħajr bdot abbord, inkluż fir-rigward tar-reġistrazzjoni. Obbligju biex tinkiseb liċenzja – skont il-karatteristiċi tal-vettura tal-ajru mingħajr bdot – iġib miegħu sensibilizzazzjoni, ikun jirrikjedi għarfien tar-regolamenti u r-restrizzjonijiet applikabbli u jgħin biex jiġu żviluppanti l-ħiliet meħtieġa.

#### **4.11. Theddid ċibernetiku**

4.11.1. Il-KESE huwa partikolarment imħasseb dwar kwistjonijiet relatati maċ-ċibersigurtà. Minkejja d-diġitalizzazzjoni, il-fattur uman ser jibqa' element kruċjali għall-verifika tad-data u l-protezzjoni kontra ndħil illegali. Filwaqt li d-disponibbiltà ta' data rilevanti abbord ttejjeb is-sikurezza, il-KESE jirrimarka li l-ekwipaġġ tat-titjira għandujibqa' jkollu l-kontroll tal-ajruplan. Bl-istess argument, għall-vetturi tal-ajru mingħajr bdot abbord għandha tiġi żviluppata sistema robusta ta' protezzjoni kontra theddid ċibernetiku.

#### 4.12. *Tranżizzjoni lejn approċċ ibbażat fuq il-prestazzjoni*

4.12.1. Wieħed mill-vantaġġi ewlenin tas-sistema bbażata fuq il-konformità huwa li tiggarantixxi trattament ugwali fost l-operaturi. Il-KESE jqis li t-tranżizzjoni għal sistema bbażata fuq il-valutazzjoni tar-riskju u l-prestazzjoni għandha tiffaċilita l-aġġustamenti għal kultura ġdida u tippreżerva l-fiduċja fis-sistema tas-sikurezza u l-kapaċità tagħha li tiżgura titjib kontinwu tal-livelli ta' sikurezza fsistema bbażata fuq il-prestazzjoni. Dan jirrikjedi aġġustament u adattament fil-livelli kollha. F'faktar dettall dwar il-kummenti ġenerali fil-punti 3.4 u 3.5 hawn fuq, il-KESE jqis li dawn l-elementi li ġejjin huma essenzjali għal transizzjoni b'suċċess:

- għandhom ikunu disponibbli riżorsi suffiċjenti biex jiżguraw livelli adatti ta' sikurezza f'kull ħin;
- it-tranżizzjoni għandha tiġi implimentata b'tali mod li l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-persunal ikunu jistgħu jiġu ppjanati bil-quddiem. Jeħtieġ li jkun hemm trasparenza dwar il-bidliet ippjanati;
- l-implimentazzjoni tas-sistema l-ġdida għandha tkun akkumpanjata minn djalogu kontinwu mal-partijiet interessati, inkluż djalogu soċjali;
- ir-ritmu tal-implimentazzjoni għandu jippermetti tranżizzjoni sikura għas-sistema l-ġdida, filwaqt li titqies il-ħtieġa li tiġi żgurata bidla fil-kultura.

4.12.2. Il-KESE huwa tal-fehma li tranżizzjoni gradwali għal sistema ġdida u kultura ġdida ser jieħdu ż-żmien. Bħalissa, hemm dubju dwar jekk is-sikurezza hix qatt se tkun kompletament koperta minn regolament ibbażat fuq il-prestazzjoni.

#### 4.13. *Ir-rappurtar tal-okkorrenzi, u kultura ġusta*

4.13.1. Bħal fl-opinjoni jiet preċedenti tiegħu <sup>(10)</sup>, il-KESE jsostni li għandha tkun applikata kultura ġusta għall-industrija kollha tal-avjazzjoni. Il-KESE jiddubita kemm il-proposta jew kwalunkwe leġislazzjoni oħra eżistenti tal-UE biss hix biżżejjed sabiex tiżgura konformità ma' kultura ġusta. Jeħtieġ li jsir ħafna xogħol fl-Istati Membri għall-promozzjoni ta' kultura ġusta u biex tinżamm distinzjoni ċara u prevedibbli bejn ir-rappurtar relatati mas-sikurezza u s-sistema ġudizzjarja. Għalhekk, il-KESE jtenni l-proposta tiegħu għal karta jew kodiċi ta' kondotta biex tappoġġja Prattiki tajbin.

#### 4.14. *Multi u penali*

4.14.1. Il-Kumitat jemmen li s-sistema attwali ta' multi u ħlasijiet perjodiċi ta' penali intwera li mhijiex effettiva. It-test tal-Artikolu 72(1) li jgħid li "*Il-Kummissjoni tista' [...] timponi fuq persuna ġuridika jew fiżika [...] multa*" għandu jinbidel għal "*Il-Kummissjoni għandha [...]...*" Għandu jiġi mfakkar li l-Artikolu 72(3) għadu joffri marġni ta' diskrezzjoni. Il-Kummissjoni, meta teżamina jekk għandhiex timponi penali, għandha tidħol f'kuntatt mal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti biex tiżgura approċċ konsistenti mal-infurzar tal-liġi nazzjonali.

#### 4.15. *L-iffinanzjar tal-EASA*

Il-KESE jqis li l-proposta għall-inklużjoni ta' imposti mħallsa f'konformità mad-dispożizzjonijiet li se jiddaħħlu bir-Regolament dwar l-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew hija prematura, u wisq mhux ċara. Għalhekk, pereżempju, ma hemmx ċarezza dwar jekk hux se tinħoloq sistema ta' imposti tal-Ajru Uniku separata, jew dwar l-għan ta' modifika fis-sistema preżenti tal-imposti għar-rotot attwalment immexxija mill-EUROCONTROL (Ftehim Multilaterali dwar l-imposti tar-rotot – edizzjoni mhux uffiċjali – Ottubru 2006, disponibbli fuq is-sit web tal-EUROCONTROL). Lanqas ma huwa ċar jekk it-tariffi ppjanati hux se jkun għal servizzi tal-Ajru Uniku biss, jew jintużawx biex jiffinanzjaw il-baġit ġenerali tal-Aġenzija. Għal dawn ir-raġunijiet, il-KESE jidherli li din il-proposta hija prematura u għandha tiġi miċħuda.

#### 4.16. *Metodi ta' ħidma u involviment tal-partijiet interessati*

4.16.1. L-involviment tal-partijiet interessati huwa u għandu jibqa' fattur essenzjali tal-ħidma tal-EASA. Għalhekk, nissuġġerixxu li t-test "*kulmeta meħtieġ*" jitneħħa mill-Artikolu 104(1)(b) sabiex jiġu evitati deċiżjonijiet arbitrariji dwar jekk il-partijiet interessati jkunux se jiġu involuti fl-attivitajiet tal-Aġenzija.

<sup>(10)</sup> ĠU C 21, 21.1.2011, p. 62 u ĠU C 198, 10.7.2013, p. 73.

#### 4.17. *Arranġamenti lingwistiċi*

Minkejja li l-Ingliż huwa lingwa mitkellma sew fil-komunità tal-avjazzjoni, għad hemm ċerti oqsma ġeografiċi u ta' attività fejn il-lingwi nazzjonali huma prevalenti. Il-KESE jemmen li f'konformità mal-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni minħabba raġunijiet ta' lingwa stipulata fl-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, għall-inqas l-Ispesifikazzjonijiet ta' Ċertifikazzjoni u l-Mezzi Aċċettabbli ta' Konformità għandhom jiġu tradotti u ppubblikati bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE. Barra minn hekk, is-sit web tal-EASA għandu jkun disponibbli f'lingwi tal-UE minbarra l-Ingliż, sabiex tiżdied it-trasparenza u s-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku.

#### 4.18. *Struttura interna*

It-test propost tal-Artikolu 90 se jagħti sinifikament aktar setgħa lill-Kummissjoni għad-detriment tal-Parlament Ewropew. Għaldaqstant, il-KESE jinsisti li rappreżentant wieħed tal-Kummissjoni u rappreżentant wieħed tal-Parlament Ewropew jingħataw post fuq il-Bord Maniġerjali.

#### 4.19. *Kiri*

Il-KESE jopponi bil-qawwa l-proposta għall-emendar tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 dwar il-kiri. Peress li l-valutazzjoni ta' dan ir-Regolament hija skedata li ssir fl-2017-2018, din għandha tiġi ttrattata b'mod separat.

#### 5. **Evalwazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 996/2010 dwar l-investigazzjoni u l-prevenzjoni ta' aċċidenti u inċidenti fl-avjazzjoni ċivili**

Kif diġà ġie msemmi fil-punt 4.13 hawn fuq, il-KESE jtenni l-bżonn li tiġi salvagwardjata l-kultura ġusta u s-suġġeriment tiegħu dwar karta għal dak l-għan. Il-KESE jappoġġja approċċ ta' liġi mhux vinkolanti u jappoġġja l-kooperazzjoni b'suċċess fi ħdan L-ECANSIA bħala forum biex jinġabru flimkien ir-riżorsi u l-għarfien u bħala forum biex jitħeġġu studji u joħorġu rakkomandazzjonijiet dwar is-sikurezza u jiġu stabbiliti livelli referenzjali. Għal dan l-għan, huwa importanti ħafna li jkunu disponibbli riżorsi adatti.

Fil-fehma tal-KESE, il-ħidma futura fil-qasam irregolat minn dan ir-Regolament, għandha tiffoka fuq l-implimentazzjoni tajba aktar milli fuq il-bidla tal-qafas legali.

Brussell, l-14 ta' Diċembru 2016.

*Il-President*  
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*  
Georges DASSIS

---



**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Pjattaformi Online u s-Suq Uniku Diġitali – Opportunitajiet u Sfidi għall-Ewropa”**

[COM(2016) 288 final]

(2017/C 075/20)

Relatur: **is-Sur Thomas McDONOGH**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 25.5.2016
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni Speċjalizzata għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Infommazzjoni
Adottata fis-sezzjoni	15.11.2016
Adottat fis-sessjoni plenarja	14.12.2016
Sessjoni plenarja Nru	521
Riżultat tal-votazzjoni:	175/0/3
(favur/kontra/astensjonijiet)	

## 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-Kumitat jilqa' l-pjan ta' azzjoni ppreżentat mill-Kummissjoni, li jinkludi revizzjoni tad-Direttivi dwar it-telekomunikazzjoni u dwar il-privatezza elettronika fir-rigward tal-pożizzjoni ta' servizzi ta' komunikazzjoni onlajn “over the top” (OTT), eżerċizzju ta' mmappjar relatat mal-miżuri volontarji tal-pjattaformi li jista' jwassal għal dokument ta' gwida, eżerċizzju ta' tiftix ta' fatti dwar Prattiki B2B, il-finanzjament ta' proġetti ta' open data, u eventwalment strateġija biex tiffaċilita u tappoġġja l-ħruġ ta' pjattaformi Ewropej kompetittivi.

1.2. Il-KESE jenfasizza li ħafna pjattaformi onlajn huma elementi importanti tal-ekonomija kollaborattiva u jafferma mill-ġdid il-konklużjonijiet tiegħu dwar l-ekonomija kollaborattiva, speċjalment dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi, il-ħaddiema u l-persuni li jaħdmu għal rashom.

1.3. Madankollu, il-KESE jinsab imħasseb li l-veloċità li biha jseħħu l-iżviluppi fis-swieq diġitali mhix l-istess veloċità li biha huma żviluppati r-regolamenti u l-istrateġiji tal-UE, wisq inqas għall-implimentazzjoni tagħhom fil-livell tal-Istati Membri. Il-KESE jixtieq jara kif tista' titjeb il-koordinazzjoni bejn il-partijiet differenti fil-Kummissjoni u l-Istati Membri u liema tip ta' mekkaniżmi jistgħu jkunu ta' għajnuha.

1.4. Il-Kumitat jenfasizza l-bżonn li jiġi indirizzat ir-riskju tal-frammentazzjoni u l-ħtieġa ta' approċċ koerenti tal-UE. Inkella regoli nazzjonali differenti ser jgħolqu inċertezza, ser jikkomplicaw it-tkabbir ta' intrapriżi li għadhom jibdew u potenzjalment jillimitaw id-disponibbiltà ta' servizzi diġitali. Dan huwa dejjem aktar meħtieġ fid-dawl tal-fatt li xi Stati Membri diġà huma fil-proċess jew qegħdin jikkunsidraw li jintroduċu miżuri speċifiċi sabiex jiġu miġġielda l-prattiki żleali ta' kummerċ, li jgħolqu riskju ta' frammentazzjoni tas-Suq Uniku Diġitali.

1.5. Il-Komunikazzjoni ma fihix proposti speċifiċi, u tistabilixxi ftit soluzzjonijiet utli. Filwaqt li hemm deskrizzjoni ta' xi soluzzjonijiet, it-tweġibiet għall-mistoqsijiet verament ewlenin dwar jekk il-pjattaformi jagħmlux ħsara lill-fornituri tagħhom fxi swieq jiġu diferiti.

1.6. It-tixrid ta' pjattaformi onlajn pproduċa benefiċċi kbar għall-fornituri, il-konsumaturi u għall-ekonomija u l-istil ta' ħajja b'mod ġenerali. Madankollu hemm u ser ikun hemm problemi; għaldaqstant il-KESE jirakkomanda li tiġi definita b'mod aktar preċiż l-aktar ħsara kritika għan-negozji u l-konsumaturi, u mbagħad b'mod effiċjenti u eżatt jiġi indirizzat sa liema punt dawn it-tħassibiet huma komuni għall-pjattaformi onlajn kollha, huma speċifiċi għas-settur jew huma speċifiċi għal intrapriżi individwali. Il-KESE jappella wkoll għal kooperazzjoni transettorjali u monitoraġġ tal-iżvilupp tal-pjattaformi onlajn sabiex jiġu indirizzati kwistjonijiet li jseħħu matul iż-żmien.

1.7. Il-Kumitat jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni beħsiebha teżamina miżuri biex jiġu ffaċilitati l-bdil u l-portabbiltà tad-data fost pjattaformi onlajn differenti u servizzi tal-cloud computing, kemm għall-utenti kummerċjali kif ukoll privati.

1.8. Il-KESE jitlob biex il-programmi jissensibilizzaw u jipprovdu aktar kompetenza diġitali għaċ-ċittadini kollha ta' kull età, li fosthom l-aktar vulnerabbli huma l-iżgħar u l-ikbar fl-età. Il-KESE jilqa' l-introduzzjoni ta' edukazzjoni sistematika dwar dan bħala standard Ewropew.

1.9. Il-KESE jappella lill-Kummissjoni biex tistudja l-ħtieġa li l-pjattaformi juru sommarji faċli għall-udent, sabiex ikun ċar meta jkun qiegħed iseħħ prezzar personalizzat u l-bażi li biha jikklassifikaw ir-riżultati, u wkoll sabiex jiġi permess li jiġi eżerċitat id-dritt li wieħed jintesa' mingħajr kundizzjonijiet u b'mod sempliċi mil-lat amministrattiv.

1.10. Il-KESE jilqa' l-indikazzjoni tal-Kummissjoni li qiegħda taħdem ma' pjattaformi onlajn dwar kodiċi ta' kondotta mfassla biex jiġi miġġieled id-diskors ta' mibegħda onlajn u kontenut li jagħmel ħsara lill-minorenni. Madankollu, il-KESE jaħseb li hemm bżonn li jiġu introdotti xi tip ta' sanzjonijiet għal dawk negliġenti fit-tneħħija ta' kontenut bħal dan meta jkunu jafu bih.

1.11. Il-Kumitat jiddispaċiħ li l-Kummissjoni għal darb'oħra naqset milli tqis id-dimensjoni soċjali tal-pjattaformi onlajn. Il-KESE jenfasizza li hemm bżonn li r-responsabbiltà soċjali tal-pjattaformi lejn il-ħaddiema tagħhom, kemm dawk impjegati b'mod regolari kif ukoll impjegati li jaħdmu f'forom ġodda ta' impjegi, għandha tiġi definita b'mod aktar preċiż. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lil dawn tal-aħħar, u għandhom jiġu pprovvuti kundizzjonijiet ġusti tax-xogħol, protezzjoni soċjali adegwata, saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol, negozjar kollettiv, taħriġ u dritt li ħaddiem jissieħeb fi trejdnunjin għall-ħaddiema kollha tal-pjattaformi <sup>(1)</sup>, waqt li jiġu rikonoxxuti l-isfidi li rriżultaw minn pjattaformi onlajn fl-ekonomija kollaborattiva.

1.12. Kuntrarjament għall-evalwazzjoni tal-Kummissjoni li l-qafas legali eżistenti huwa fil-qofol suffiċjenti, il-Kumitat isejjaħ għal qafas tal-UE dwar il-crowdworking sabiex jiġi prevenut li jiddgħajfu jew evitati r-rati minimi ta' pagi, ir-regolamenti dwar il-ħin tax-xogħol u dwar is-sigurtà soċjali.

1.13. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tistudja l-aspetti fiskali relatati mal-attività tal-pjattaformi onlajn, biex jiġu miġġielda Prattiki li jostakolaw il-kundizzjonijiet ekwivalenti.

## 2. Sinteżi tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni

2.1. Permezz tal-Komunikazzjoni reċenti tagħha u d-dokument ta' ħidma tal-persunal, u b'mod aktar ġenerali l-istrategġija tas-suq uniku diġitali, il-Kummissjoni qed tfittex li tinkoraġġixxi l-innovazzjoni u l-kompetizzjoni effettiva bejn il-pjattaformi onlajn, filwaqt li fl-istess ħin jiġu protetti d-drittijiet tal-konsumaturi u l-privatezza.

2.2. Il-Komunikazzjoni tiddekrivi fil-qosor **il-kwistjonijiet ewlenin identifikati fil-valutazzjoni tagħha tal-pjattaformi onlajn u tistabbilixxi l-approċċ tagħha għall-pjattaformi onlajn fil-futur.**

2.3. Il-Komunikazzjoni ma tipproponix sett komprensiv ta' regolamenti ġodda tal-UE dwar il-pjattaformi.

2.4. Il-Kummissjoni tipproponi li tintroduċi biss miżuri regolatorji li jindirizzaw problemi identifikati b'mod ċar marbuta ma' kategorija jew attività speċifika tal-pjattaformi onlajn, minflok regoli preventivi li jistgħu joħonqu l-innovazzjoni.

2.5. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-pjattaformi onlajn jiġu f'diversi forom u huma differenti fid-daqs, u qed jevolvu kontinwament, u dan ifisser li ma hemmx kunsens dwar definizzjoni unika ta' pjattaformi onlajn.

2.6. Fil-fehma tal-Kummissjoni, l-adozzjoni ta' approċċ uniformi għar-regolazzjoni tal-pjattaformi ma jkunx mod xieraq biex jintlaħqu l-isfidi differenti li ġejjin minn tipi differenti ta' pjattaforma onlajn.

2.7. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-qafas legali eżistenti huwa pjuttost suffiċjenti biex jiġu regolati l-pjattaformi, minkejja li dan il-qafas legali ma jidħolx eżattament taħt il-ġurisdizzjoni ta' regolatur wieħed.

<sup>(1)</sup> ĠU C 71, 24.2.2016, p. 65.

2.8. Il-Komunikazzjoni tipprovdi pjan direzzjonali u l-prinċipji għal intervent fil-ġejjieni:

- **kundizzjonijiet ekwivalenti għas-servizzi diġitali komparabbli;**
- **imġiba responsabbli tal-pjattaformi onlajn biex jiġu żgurati l-valuri ewlenin;**
- **trasparenza u korrettezza biex tinżamm il-fiduċja tal-utenti u tiġi ssalvagwardjata l-innovazzjoni;**
- **swieq miftuħa u mhux diskriminatorji f'ekonomija mmexxija mid-data.**

2.9. Il-Kummissjoni ser tfitteż li tinkiseb il-parità fil-qasam regolatorju fis-settur tat-**telekomunikazzjonijiet**, potenzjalment, permezz ta' deregolamentazzjoni u regoli speċifiċi għal fornituri tas-servizzi ta' komunikazzjoni "over-the-top".

2.10. Il-Kummissjoni ser tikkunsidra li testendi d-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika għas-servizzi tal-komunikazzjoni onlajn

2.11. Il-Kummissjoni tippromovi, permezz ta' **Direttiva ġdida dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva**, li l-pjattaformi għall-iskambju tal-vidjos għandu jkollhom obbligi ġodda biex jittrattaw il-kontenut dannuż.

2.12. Il-Kummissjoni ser tivvaluta r-reġim ta' **responsabbiltà** tal-intermedjarji onlajn, inklużi:

- il-ħtieġa għal gwida dwar ir-responsabbiltà meta jidħlu fis-seħħ miżuri volontarji biex jiġi miġġieled il-kontenut illegali onlajn; u
- il-ħtieġa għal proċeduri formali ta' avviż u azzjoni.

2.13. Il-Kummissjoni ser tkompli tħeġġeġ (u regolarment tirrevedi l-effettività ta') sforzi awtoregulatorji kkoordinati mifruxa mal-UE pjattaformi onlajn f'termini tal-indirizzar tal-kontenut illegali onlajn.

2.14. Il-pjattaformi onlajn ser jiġu mħeġġa jittrattaw r-reċensjonijiet onlajn foloz u qarrieqa.

2.15. Il-Kummissjoni ser toħroġ prinċipji u gwida dwar l-Interoperabbiltà tal-eID fl-2017.

2.16. Proposti ġodda dwar **id-drittijiet tal-awtur**, li ġew adottati reċentement mill-Kummissjoni, għandhom l-għan li jiksibu allokazzjoni aktar ġusta tal-valur iġġenerat mid-distribuzzjoni onlajn ta' kontenut protett bid-drittijiet tal-awtur minn pjattaformi onlajn li jipprovdu aċċess għal tali kontenut.

2.17. Ir-**Regolament dwar Kooperazzjoni fil-Protezzjoni tal-Konsumatur** huwa ppreżentat flimkien ma' din il-Komunikazzjoni, biex jiġi ffaċilitat aktar infurzar effiċjenti tal-liġi tal-UE tal-konsumatur f'sitwazzjonijiet transkonfinali.

2.18. Il-Kummissjoni rivediet il-gwida dwar id-**Direttiva dwar Prattiki Kummerċjali Żleali** biex tiġi adottata flimkien ma' din il-Komunikazzjoni. Hija ser tivvaluta aktar kwalunkwe ħtieġa addizzjonali li jiġu aġġornati r-regoli eżistenti dwar il-protezzjoni tal-konsumatur fir-rigward ta' pjattaformi bħala parti mill-kontroll tal-idoneità regolatorju tal-liġi tal-UE dwar il-konsumatur u l-kummerċjalizzazzjoni fl-2017.

2.19. Il-Kummissjoni beħsiebha twettaq eżerċizzju mmirat ta' ġbir ta' informazzjoni dwar il-prattiki **business-to-business** li jitwettqu fi ħdan l-ambjent tal-pjattaformi onlajn sabiex "tiddetermina jekk hijiex meħtieġa azzjoni addizzjonali tal-UE" sar-rebbiegħa tal-2017.

2.20. Il-Kummissjoni qed tippjana li teżamina l-ostakli potenzjali għal suq uniku ta' data tal-UE li jistgħu jirriżultaw minn inċertezzi legali rigward is-sjeda u l-użu ta', jew l-aċċess għal, data u – bħala parti mill-**inizjattiva tal-fluss liberu tad-data** skedata għall-aħħar tal-2016 – biex tesplora miżuri biex jiffaċilitaw il-bdil u l-portabbiltà tad-data.

### 3. Kummenti ġenerali

3.1. Jekk l-Ewropa trid taqbeż il-limitu ta' tkabbir annwali tal-PGD ta' 1,5 % matul l-għaxar snin li ġejjin, ser tkun fundamentament importanti ekonomija diġitali dinamika (ara r-Rapport tal-Global Aġenda Council on Europe dwar il-Forum Ekonomiku Dinji).

3.2. L-intrapriżi bbażati fuq il-pjattaformi onlajn saru fost l-aktar prezzjużi u influwenti fid-dinja u r-rwol tagħhom fl-ekonomija dinjija ser ikompli jiżdied.

3.3. L-UE tirrappreżenta biss 4 % tal-kapitalizzazzjoni totali tas-suq tal-pjattaformi onlajn <sup>(2)</sup>.

3.4. Madwar ħamsin operatur kbir Ewropew tal-kummerċ elettroniku huma soġġetti għal 28 qafas regolatorju nazzjonali distinti, filwaqt li s-sitt operaturi l-kbar tas-suq Amerikan u t-tliet ġganti tas-suq Ċiniż huma kkontrollati minn qafas regolatorju uniku <sup>(3)</sup>.

3.5. Kwistjonijiet relatati mal-pjattaformi onlajn ħolqu pressjoni biex tittieħed azzjoni fil-livell tal-Istati Membri u żiedu l-frammentazzjoni.

3.6. L-armonizzazzjoni tal-liġi kuntrattwali u l-protezzjoni tal-konsumatur huma fundamentament importanti għall-iżvilupp sostenibbli u t-tkabbir progressiv tal-pjattaformi onlajn.

3.7. Il-KESE jħeġġeġ li tingħata attenzjoni akbar lill-inizjattivi legiſlattivi u mhux legiſlattivi li għandhom jitressqu sal-aħħar tal-2016 biex jinholq Suq Uniku Diġitali integrat totalment. L-2016 u l-2017 ser jiddeterminaw jekk l-Ewropa toħloqx pjan direzzjonali diġitali biex jiġu appoġġjati l-kompetittività u t-tkabbir, jew taqax fil-medjokrità diġitali.

3.8. Il-Komunikazzjoni tidentifika għadd ta' oqsma fejn il-Kummissjoni hija konxja li teżisti problema iżda ma għandhiex biżżejjed evidenza biex tiddeċiedi liema azzjoni, jekk ikun il-każ, hija meħtieġa. Ewlenin fost dawn huma l-kwistjonijiet B-2-B. Hija tipproponi li l-istudju jiġġedded għal sitt xhur oħra qabel ma tittieħed deċiżjoni fir-rebbiegħa tal-2017.

3.9. Il-Kumitat jistenna dibattitu importanti ieħor meta l-Kummissjoni tippreżenta l-konklużjonijiet tar-riċerka tagħha dwar dan il-qasam kmieni s-sena d-dieħla.

3.10. Regolazzjoni eċċessiva jew mhux flessibbli ddgħajfef il-kontribut pożittiv tal-pjattaformi onlajn għall-ekonomija diġitali tal-UE u m'għandhomx isiru bidliet fir-regolazzjoni a skapitu tal-protezzjoni tal-konsumaturi u l-ħaddiema.

3.11. Kondizzjonijiet ekwivalenti għas-servizzi diġitali komparabbli f'suq uniku diġitali m'għandux ikollhom impatt negattiv fuq id-dħul mit-taxxi u m'għandhomx jiffaċilitaw erożjoni ulterjuri tal-bażi tat-taxxa korporattiva billi jippermetti li l-kumpaniji jħallsu t-taxxa f'għurisdiżjoni waħda, anke meta jinholq valur f'għurisdiżjoni oħra. It-taxxa fuq il-profitti għandhom jitħallsu fejn isseħħ l-attività ekonomika korrispondenti.

### 4. Kummenti speċifiċi

4.1. Skont id-deskrizzjoni tal-Kummissjoni, b'mod ġenerali, bi pjattaformi wieħed jifhem swieq bilaterali jew multilaterali fejn operatur ta' pjattaforma jgħaqqad l-utenti sabiex tiġi ffaċilitata interazzjoni.

4.2. Madankollu, il-lista tal-Kummissjoni, li tkopri l-midja soċjali u l-magni tat-tiftix għal sistemi ta' ħlas u pjattaformi ta' reklamar, teskludi intrapriżi tradizzjonali bbażati fuq pjattaforma li issa joperaw onlajn, iżda tinkludi xi pjattaformi diġitali li mhumiex multilaterali.

<sup>(2)</sup> COM(2016) 288 final.

<sup>(3)</sup> Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 1.

- 4.3. Barra minn hekk, il-lista tal-Kummissjoni stess teskludi l-għadd dejjem jikber ta' pjattaformi li jipprovdu forza tax-xogħol. Għalhekk, tonqos li tindirizza l-problemi speċifiċi ta' dawn il-pjattaformi, speċjalment fir-rigward ta' xogħol ġust u protezzjoni soċjali adegwata. Bil-għan li jiġi żgurat li ma jiġux evitati d-drittijiet tal-ħaddiema u l-istandards tax-xogħol, u li dawn l-istandards jiġu garantiti, il-KESE jappella għal azzjoni leġislattiva dwar id-drittijiet relatati mal-impjeg u l-protezzjoni għall-ħaddiema onlajn/tal-pjattaformi, partikolarment dawk li jaħdmu f'forom ġodda ta' impjeg<sup>(4)</sup>. Għandha tiddefinixxi lill-ħaddiema impjegati f'xogħol fuq pjattaformi onlajn bħala ħaddiema, tassumi d-dritt tagħhom għal trattament indaqs meta mqabbel ma' impjeg regolari u tiżgura infurzar effettiv ta' dawn id-dispożizzjonijiet (pereżempju, AppJobber, Applause, Clickworker, content.de, Crowd Guru, Designenlassen.de, Freelancer, greatcontent, Jovoto, Local Motors, Microworkers, MyLittleJob, Streetspotr, Testbirds, testIO, Textbroker, Twago, Upwork, 99designs).
- 4.4. Hemm ħafna vantaġġi għal min jagħmel l-ewwel pass u jista' jkun diffiċli li jkun hemm kompetizzjoni ma' pjattaformi li jirnexxihom jisfruttaw l-effetti tan-netwerk u li għalhekk jiġu ttrasformati fimsieheb kummerċjali indispensabbli għall-intrapriżi.
- 4.5. Il-pjattaforma onlajn għar-riżoluzzjoni ta' tilwim tista' tintuża bħala soluzzjoni alternattiva għat-tilwim għal tilwimiet bejn in-negozji, iżda l-ewwel għandha tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva tal-mekkaniżmu onlajn għat-tilwim għal tilwimiet bejn in-negozji u l-konsumaturi.
- 4.6. Il-biża' ta' ritaljazzjoni kummerċjali mill-pjattaformi onlajn li jiddependu fuqhom tista' tipprevjeni lill-ilmentaturi milli javviċinaw lill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni. Il-KESE jirrakkomanda miżuri ġodda li jipproteġu lill-ilmentaturi f'dawn is-swieq.
- 4.7. Dawk li jaħdmu wara websajts u l-fornituri tas-servizz tal-Internet (ISPs) li jagħtuhom l-aċċess ta' spiss joperaw minn barra l-Ewropa jew jaħbu l-identità tagħhom. Waqt li oriġinarjament ġew żviluppatti sabiex jindirizzaw fornituri tas-servizz tal-Internet li jospitaw websajts b'kontenut piratat, l-inguzzjonijiet kontra l-ISPs sabiex jiġi mblukkat kontenut li jikser ir-regoli jistgħu jkunu għodda indispensabbli għad-detenturi tad-drittijiet filwaqt li ordnijiet li jimblukkaw il-websajts jistgħu jiġu u ġew applikati fil-ġlieda sabiex jiġu protetti l-marki u l-konsumaturi mill-bejgħ ta' prodotti ffalsifikati onlajn.
- 4.8. Is-saħħa tas-suq tal-kapital ta' riskju tal-Istati Uniti meta mqabbel ma' dik tal-UE hija iċċentiv ieħor għall-kumpaniji emerġenti biex jiċċaqqalqu lejn l-Istati Uniti.
- 4.9. L-akkwiżizzjonijiet ta' kumpaniji b'fatturat baxx mhumiex koperti taħt ir-rekwiżiti attwali ta' notifika, anke f'każijiet fejn il-kumpanija akkwiżita għandha data kummerċjalment prezzjuża jew għandha potenzjal tas-suq konsiderevoli. Is-sistema eżistenti ta' kontroll ta' fużjoni tista' tiġi mmodifikata billi jiġu kkomplementati l-limiti bbażati fuq il-fatturat permezz ta' rekwiżiti addizzjonali ta' notifika abbażi tal-volum tat-tranżazzjonijiet.
- 4.10. L-awtoritajiet tal-kompetizzjoni jistgħu jagħmlu użu akbar minn miżuri interim u limiti ta' żmien sabiex jitħaffu l-attivitajiet ta' infurzar fi swieq li jinbidlu malajr.
- 4.11. Il-pjattaformi onlajn ta' spiss jitolbu informazzjoni diversa mill-utenti tagħhom li mhix direttament rilevanti għall-kontenut tal-pjattaformi, u jeħtiġuhom jaċċettaw termini u kondizzjonijiet li kieku ma jaċċettawx taħt kondizzjonijiet normali iżda jridu jagħmlu dan sabiex ikunu jistgħu jużaw is-servizz tal-pjattaforma.
- 4.12. Id-data personali hija l-valuta tas-suq diġitali tal-lum iżda ħafna konsumaturi ma jidhrux li huma konxji li qegħdin jiskambjaw id-data personali tagħhom sabiex ikollhom aċċess għal ħafna mill-hekk imsejħa servizzi b'xejn u li d-data tagħhom tista' tinbiegħ jew tiġi kondiviża ma' partijiet terzi. Barra minn hekk, irrispettivament mill-miżuri kollha eżistenti u pplanati dwar il-protezzjoni tal-konsumatur, l-użu tal-Internet u l-ksib tar-rispett tal-ħajja privata huma, f'sens tekniku, kontraddizzjoni, peress li dejjem hemm il-possibiltà li speċjalisti kwalifikati ħafna iksbu aċċess għal prattikament kwalunkwe data. Huwa għalhekk neċessarju li ċ-ċittadini kollha ta' kwalunkwe età – li fosthom l-iżgħar u l-ikbar fl-età huma l-aktar vulnerabbli – jsiru wkoll konxji ta' theddid bħal dan.

Brussell, l-14 ta' Diċembru 2016.

*Il-President*  
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew  
Georges DASSIS

<sup>(4)</sup> ĠU L 303, 19.8.2016, p. 54.

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Insaħħu r-Reżiljenza tal-UE għaċ-Ċibersigurtà u Nrawmu Industrija taċ-Ċibersigurtà Kompetittiva u Innovattiva”**

[COM(2016) 410 final]

(2017/C 075/21)

Relatur: **is-Sur Thomas McDONOGH**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 18.8.2016
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni Speċjalizzata għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Infommazzjoni
Adottata fis-sezzjoni	15.11.2016
Adottata fil-plenarja	14.12.2016
Sessjoni plenarja Nru	521
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	148/0/1

## 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-Kumitat jilqa' l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar it-tisħiħ tar-reżiljenza ċibernetika tal-UE u t-trawwim ta' sistema kompetittiva u innovattiva tal-industrija taċ-ċibersigurtà. Il-Kumitat għandu l-istess tħassib tal-Kummissjoni dwar il-vulnerabilità kontinwa tal-Ewropa għal attacchi ċibernetiċi, filwaqt li jinnotta li tal-inqas 80 % tal-kumpaniji Ewropej esperjenzaw mill-inqas inċident wieħed taċ-ċibersigurtà tul l-aħħar sena u n-numru ta' inċidenti ta' sigurtà fl-industriji kollha madwar id-dinja żdied b'38 % fl-2015 (The Global State of Information Security Survey 2016, PWC). Naqblu mal-Kummissjoni li tinħtieġ firxa ta' miżuri biex tissaħħaħ ir-reżiljenza ċibernetika tal-Ewropa u biex titrawwem industrija taċ-ċibersigurtà kompetittiva u innovattiva fl-Ewropa.

1.2. Il-Kumitat b'mod partikolari jilqa' b'sodisfazzjon din il-proposta fil-kuntest tad-Direttiva dwar is-Sigurtà tan-Networks u tal-Infommazzjoni adottata reċentement (id-Direttiva NIS)<sup>(1)</sup>, li għandha l-għan li tarmonizza l-approċċ għaċ-ċibersigurtà fi ħdan l-Unjoni Ewropea, u l-Istrateġija taċ-Ċibersigurtà<sup>(2)</sup>, li għandha ambitu usa' u tiddekrivi l-viżjoni attwali dwar l-aħjar mod kif nistgħu nevitaw u nirreaġixxu għal tfixkil u attacchi ċibernetiċi, sabiex jtkomplew il-valuri Ewropej tal-libertà u d-demokrazija u jkun żgurat li l-ekonomija diġitali tista' tikber b'mod sigur.

1.3. Il-KESE jaqbel li hemm bżonn ta' miżuri komprensivi biex jiproteġu iżjed l-infrastruttura u s-servizzi vitali diġitali tal-Ewropa minn theddid għas-sigurtà u bi pjaċir ninnutaw li l-miżuri li qed jiġu proposti huma pass importanti lejn l-implimentazzjoni ta' ħafna mir-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat f'bosta Opinjonijiet preċedenti<sup>(3)</sup> dwar it-tisħiħ taċ-ċibersigurtà madwar l-Unjoni.

<sup>(1)</sup> ĠU L 194, 19.7.2016, p. 1.

<sup>(2)</sup> JOIN(2013) 1.

<sup>(3)</sup> ĠU C 97, 28.4.2007, p. 21 (mhux disponibbli bil-Malti);

ĠU C 175, 28.7.2009, p. 92.

ĠU C 255, 22.9.2010, p. 98.

ĠU C 54, 19.2.2011, p. 58.

ĠU C 107, 6.4.2011, p. 58.

ĠU C 229, 31.7.2012, p. 90.

ĠU C 218, 23.7.2011, p. 130.

ĠU C 24, 28.1.2012, p. 40.

ĠU C 229, 31.7.2012, p. 1.

ĠU C 351, 15.11.2012, p. 73.

ĠU C 76, 14.3.2013, p. 59.

ĠU C 271, 19.9.2013, p. 127.

ĠU C 271, 19.9.2013, p. 133.

ĠU C 451, 16.12.2014, p. 31.



1.4. Il-KESE huwa kument li l-Kummissjoni ffirmat is-Sħubija Pubblika Privata kuntrattwali (cPPP) dwar iċ-ċibersigurtà li mistennija tagħmel disponibbli EUR 1,8 biljun f'investiment fl-industrija taċ-ċibersigurtà tal-UE biex titrawwem kooperazzjoni fl-istadji bikrin tal-proċess tar-riċerka u l-innovazzjoni u biex jinbnew soluzzjonijiet taċ-ċibersigurtà għal diversi setturi, bħall-enerġija, is-saħħa, it-trasport u l-finanzi. Ninsabu partikolarment ħerqanin li naraw din is-cPPP użata biex tappoġġja kumpaniji taċ-ċibersigurtà fi stadju bikri madwar l-Unjoni.

1.5. Il-Kumitat jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tevalwa l-ħtieġa li timmodifika jew testendi l-mandat tal-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Networks u l-Infommazzjoni (ENISA) sa tmiem l-2017 u nistennew b'interess li niġu kkonsultati dwar dan mill-Kummissjoni. Il-KESE jemmen li kwalunkwe estensjoni tal-mandat tal-ENISA għandu jinkludi rwol aktar operattiv għall-Aġenzija biex b'mod aktar effettiv iżżid l-għarfien dwar it-theddid taċ-ċiberattakki u r-rispons għalihom fl-Unjoni, kif ukoll responsabbiltà iktar diretta għall-edukazzjoni dwar iċ-ċibersigurtà u programmi ta' sensibilizzazzjoni mmirati b'mod partikolari lejn iċ-ċittadini u l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (SMEs).

1.6. Sabiex tiġi pprovduta t-tmexxija soda u l-integrazzjoni li hemm b'żonn fil-livell tal-UE sabiex jiġu indirizzati l-komplessitajiet tal-implimentazzjoni ta' politika effettiva taċ-ċibersigurtà mifruxa fl-Ewropa kollha, il-Kumitat jitlob lill-Kummissjoni tivvaluta l-possibbiltà li l-istatus tal-ENISA jinbidel f'awtorità taċ-ċibersigurtà fil-livell tal-UE, li tixbah lill-awtorità ċentrali fl-industrija tal-avjazzjoni, l-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA). Jekk din il-bidla fil-mandat tal-ENISA ma tkunx fattibbli, il-KESE jirrakkomanda l-ħolqien mill-bidu nett ta' awtorità bħal din.

1.7. Il-KESE jappella lill-Kummissjoni sabiex tikkunsidra toħloq mudell tal-iżvilupp nazzjonali fil-qasam taċ-ċibersigurtà u sistema ta' klassifikazzjoni, abbażi tal-Mudell tal-Maturità tal-Kapaċitajiet (Capability Maturity Model – CMM) fl-industrija tal-IT, biex jitkejjel b'mod oġġettiv l-istatus tar-reżiljenza taċ-ċibersigurtà ta' kull Stat Membru.

1.8. Il-Kumitat jinnota li l-Kummissjoni se tikkunsidra l-b'żonn li taġġorna l-Istrateġija taċ-Ċibersigurtà tal-UE tal-2013 fil-futur qrib u nistennew b'interess li niġu kkonsultati dwar l-ideat tal-Kummissjoni meta jasal iż-żmien.

1.9. Minħabba l-importanza taċ-ċibersigurtà u t-theddida dejjem tikber taċ-ċiberkriminalità, il-KESE jitlob għall-allokazzjoni ta' finanzjament u riżorsi adegwati liċ-Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità fl-Europol u l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża.

1.10. Meta wieħed iqis l-importanza konsiderevoli tal-ħarsien tal-infommazzjoni personali taċ-ċittadini li tinħażen minn istituzzjonijiet u aġenziji ta' amministrazzjoni pubblika, il-Kumitat jitlob għal taħriġ speċjali dwar il-governanza tal-infommazzjoni, il-protezzjoni tad-data u ċ-ċibersigurtà għall-impjegati f'impjegati ta' amministrazzjoni pubblika.

1.11. Minn perspettiva komprensiva tal-ħarsien tal-UE miċ-ċiberkriminalità u miċ-ċiberattakki, kif ukoll billi tinbena industrija ċibernetika b'saħħitha fl-Ewropa, il-KESE jaħseb li l-politika u l-istrateġija taċ-ċibersigurtà tal-UE għandhom jaħdmu fuq dawn il-punti: tmexxija tajba tal-UE; politiki taċ-ċibersigurtà li jżidu s-sigurtà filwaqt li jħarsu d-drittijiet tal-privatezza u drittijiet fundamentali oħrajn; sensibilizzazzjoni fost iċ-ċittadini u t-tħeġġiġ ta' approċċi ta' ħarsien proattiv; governanza komprensiva tal-Istati Membri; azzjoni kummerċjali informata u responsabbli; sħubija soda bejn il-gvernijiet, is-settur privat u ċ-ċittadini; livelli adegwati ta' investiment, standards tekniċi tajbin u biżżejjed investimenti fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni; u impenn internazzjonali.

## 2. Il-kontenut essenzjali tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni

2.1. Din il-Komunikazzjoni tippreżenta miżuri li għandhom l-għan li jsaħħu s-sistema Ewropea tar-reżiljenza ċibernetika u jrawmu industrija taċ-ċibersigurtà kompetittiva u innovattiva fl-Ewropa, kif imħabbar fl-Istrateġija tal-UE dwar iċ-Ċibersigurtà u fl-istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali.

2.2. Biex jintlaħaq dan l-għan, il-miżuri proposti mill-Kummissjoni jagħmlu użu mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva NIS biex jissaħħu l-kooperazzjoni fiċ-ċibersigurtà, il-kondivizzjoni tal-infommazzjoni, it-taħriġ u l-organizzazzjoni tas-sigurtà madwar l-Unjoni. Il-Kummissjoni se ttejjem ukoll evalwazzjoni tal-ENISA sa tmiem l-2017 u se tqis il-ħtieġa li timmodifika jew testendi l-mandat tal-ENISA.

2.2.1. Il-Kummissjoni ser taħdem b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, l-ENISA, is-SEAE u korpi rilevanti oħrajn tal-UE biex tiġi stabbilita pjattaforma ta' taħriġ taċ-ċibersigurtà.

2.2.2. Hemm għadd ta' miżuri proposti sabiex jiġu indirizzati l-interdipendenzi intersettorjali u biex tittejjeb ir-reżiljenza tal-infrastruttura tan-netwerks pubbliċi ewlenin, inkluż l-iżvilupp ta' Ċentri ta' Analiżi u ta' Kondiviżjoni ta' Informazzjoni Settorejali Ewropej u l-kollaborazzjoni tagħhom mas-CSIRTs (Skwadri ta' Rispons għal Inċidenti relatati mas-Sigurtà tal-Kompjuters). Il-Kummissjoni qed tipproponi wkoll li l-awtoritajiet nazzjonali jkunu jistgħu jitolbu li s-CSIRTs iwettqu kontrolli regolari tal-infrastrutturi tan-netwerks ewlenin.

2.3. Il-miżuri proposti mill-Kummissjoni ser jindirizzaw ukoll il-ħtieġa li jiżdied l-appoġġ għat-tkabbir u l-iżvilupp ta' industrija Ewropea taċ-ċibersigurtà b'saħħitha b'taħriġ, investment, ir-reqwiziti tas-suq uniku u l-ħolqien ta' sħubija pubblika-privata ġdida dwar iċ-ċibersigurtà li hija mistennija li tiġġenera EUR 1,8 biljun f'investimenti sal-2020.

2.3.1. Huwa propost ukoll li tiġi żviluppata proposta għal qafas ta' ċertifikazzjoni tas-sigurtà tal-ICT Ewropea, li għandha tiġi ppreżentata sa tmiem l-2017, u li jiġu vvalutati l-fattibbiltà u l-impatt ta' qafas Ewropew haġif ta' tikkettar taċ-ċibersigurtà.

2.3.2. Sabiex jinżied l-investment fiċ-ċibersigurtà fl-Ewropa u jiġu appoġġjati l-SMEs, il-Kummissjoni se tnedi kampanja ta' sensibilizzazzjoni dwar il-mekkaniżmi ta' finanzjament eżistenti fost il-komunità taċ-ċibersigurtà; iżjed l-użu ta' għodod u strumenti tal-UE biex jappoġġjaw SMEs innovattivi fl-esplorazzjoni ta' sinerġiji bejn is-swieq ta' ċibersigurtà ċivili u ta' difiża (Pereżempju, in-Netwerk Enterprise Europe u n-Netwerk Ewropew ta' Reġjuni relatati mad-Difiża se jipprovdur opportunitàet ġodda għar-reġjuni biex jesploraw il-kooperazzjoni transkonfinali fil-qasam tal-użu doppju, inkluża ċ-ċibersigurtà, u għall-SMEs biex iwettqu attivitajiet ta' tlaqqigħ); teżamina l-fattibbiltà li jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-investment permezz ta' Pjattaforma ta' Investment fiċ-Ċibersigurtà maħsuba apposta jew għodod oħrajn; u tiżviluppa Pjattaforma ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti taċ-Ċibersigurtà biex tgħin lill-Istati Membri u r-reġjuni interessati li jinvestu fis-settur taċ-ċibersigurtà (RIS3).

2.3.3. Barra minn hekk, sabiex tiġi stimolata u titrawwem l-industrija Ewropea taċ-ċibersigurtà permezz tal-innovazzjoni, il-Kummissjoni se tiffirma mal-industrija Sħubija Pubblika-Privata kuntrattwali (cPPP) dwar iċ-ċibersigurtà; tnedi sejħiet fil-qafas tal-Orizzont 2020 għal proposti relatati mas-cPPP dwar iċ-ċibersigurtà, u tiżgura l-koordinazzjoni tas-cPPP dwar iċ-ċibersigurtà mal-istrategġiji settorjali rilevanti, l-istrumenti tal-Orizzont 2020 u l-PPPs settorjali.

### 3. Kummenti ġenerali

3.1. L-ekonomija diġitali tiġġenera iktar minn parti waħda minn kull ħamsa tat-tkabbir tal-PDG fl-UE u l-biċċa l-kbira tal-Ewropej jixtru minn fuq l-Internet kull sena. Niddependu mill-Internet u t-teknoloġija diġitali konnessa biex nappoġġjaw is-servizzi vitali tagħna tal-enerġija, is-saħħa, l-amministrazzjoni u s-servizzi finanzjarji. Madankollu, l-infrastruttura u s-servizzi diġitali kritiċi li jaqdu rwol tant essenzjali fil-ħajja ekonomika u soċjali tagħna huma vulnerabbli għal riskju li qed jikber ta' ċiberkriminalità u ċiberattakki li jheddu l-prosperità u l-kwalità ta' haġjitna.

3.2. Ħafna informazzjoni personali fuq iċ-ċittadini kollha attwalment tinżamm f'forma elettronika minn gvernijiet u istituzzjonijiet u aġenziji pubbliċi. Għaldaqstant, governanza soda tal-informazzjoni, iċ-ċibersigurtà u l-protezzjoni tad-data huma ta' importanza kbira għaċ-ċittadini madwar l-Unjoni, li għandhom bżonn jiġu żgurati li l-informazzjoni personali u l-privatezza tagħhom jiġu mħarsin skont id-direttivi u r-regolamenti tal-UE. Dan huwa l-każ b'mod partikolari rigward data personali li tikkonċerna kwistjonijiet ta' saħħa u finanzi, kwistjonijiet legali u oħrajn li tista' tintuża biex tinsteraq identità jew tiġi żvelata b'mod mhux xieraq lil partijiet terzi. Hija ta' importanza fundamentali li l-persunal kollu li jaħdem fis-settur pubbliku jkun imħarreġ tajjeb fil-governanza tal-informazzjoni, iċ-ċibersigurtà u l-protezzjoni tad-data.

3.3. It-tagħlim taċ-ċibersigurtà personali liċ-ċittadini, inkluża s-sigurtà tad-data, għandu jkun parti fundamentali tal-kurrikuli kollha ta' kompetenza diġitali. Programm ta' edukazzjoni mmexxi mill-UE jista' jappoġġja l-isforzi ta' Stati Membri anqas attivi u jiżgura wkoll li l-istrategġija tinftiehem sew, u b'hekk titnaqqas il-biża' ta' theddid lill-privatezza u tiżdied il-fiduċja fl-ekonomija diġitali. Programm bħal dan jista' jiġi implimentat bil-kontribut ta' assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili madwar l-Unjoni, fosthom l-istituzzjonijiet edukattivi li jaqdu l-bżonnijiet taċ-ċittadini anzjani.

3.4. Kull Stat Membru għandu jawtorizza lill-organizzazzjonijiet eżistenti tiegħu għall-iżvilupp industrijali sabiex jinformat, jedukaw u jappoġġjaw lis-settur tal-SMEs dwar kwistjonijiet fil-qasam taċ-ċibersigurtà. L-intrapriżi l-kbar jistgħu faċilment jakkwistaw l-għarfien li għandhom bżonn iżda l-SMEs għandhom bżonn appoġġ.

3.5. Ikun siewi ħafna li jkun hemm qies oġġettiv tal-livell tar-reżiljenza taċ-ċibersigurtà ta' kull Stat Membru sabiex il-paraguni jkunu jistgħu jintużaw biex jindirizzaw il-punti dgħajfa u jagħtu spinta lit-titjib. Forsi jista' jinħoloq mudell tal-iżvilupp nazzjonali fil-qasam taċ-ċibersigurtà u sistema ta' klassifikazzjoni, abbażi tal-Mudell tal-Maturità tal-Kapaċitajiet fl-industrija tal-IT, biex jitkejjel l-istatus tar-reżiljenza taċ-ċibersigurtà ta' kull Stat Membru.

3.6. Strategġija ta' ċibersigurtà komprensiva għandha tinkludi l-azzjonijiet li ġejjin:

- tmexxija soda tal-UE li tistabbilixxi l-politiki, il-liġijiet u l-istituzzjonijiet sabiex jiġu appoġġjati livelli għolja ta' ċibersigurtà fl-Unjoni;
- politiki taċ-ċibersigurtà li jtejbu s-sigurtà individwali u kollettiva filwaqt li jħarsu d-drittijiet tal-privatezza u valuri u libertajiet fundamentali oħrajn taċ-ċittadini;
- sensibilizzazzjoni mifruxa fost iċ-ċittadini kollha dwar ir-riskji tal-użu tal-Internet u l-inkoraġġiment ta' approċċ proattiv għall-ħarsien tat-tagħmir diġitali, l-identitajiet, il-privatezza u t-tranżazzjonijiet onlajn tagħhom;
- governanza komprensiva min-naħa tal-Istati Membri kollha sabiex jiġi żgurat li l-infrastrutturi kritiċi tal-informazzjoni jkunu siguri u reżiljenti;
- azzjoni infurmata u responsabbli min-naħa tal-intrapriżi kollha biex jiżguraw li s-sistemi tal-ICT tagħhom huma siguri u reżiljenti biex iħarsu l-operazzjonijiet tagħhom u l-interessi tal-klijenti tagħhom;
- approċċ proattiv tal-ISP's għall-protezzjoni tal-konsumaturi tagħhom miċ-ċiberattakki;
- approċċ ta' sħubija profonda b'rabta maċ-ċibersigurtà fl-UE bejn il-gvernijiet, is-settur privat u iċ-ċittadini, fil-livell strateġiku u operattiv;
- approċċ ibbażat fuq id-disinn sabiex tiġi stabbilita iċ-ċibersigurtà meta jkunu qed jiġu żviluppati t-teknoloġiji u s-servizzi tal-Internet;
- livelli adegwati ta' investiment fl-għarfien taċ-ċibersigurtà u l-iżvilupp tal-ħiliet sabiex tikber forza tax-xogħol soda fil-qasam taċ-ċibersigurtà;
- standards tekniċi taċ-ċibersigurtà tajbin u biżżejjed investiment fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni sabiex jiġu appoġġjati l-iżvilupp ta' industrija tajba taċ-ċibersigurtà u soluzzjonijiet tal-aqwa livell;
- impenn internazzjonali attiv ma' pajjiżi li mhumiex membri fl-UE sabiex tiġi żviluppata politika globali koordinata u rispons għat-theddid taċ-ċibersigurtà.

#### 4. Kummenti speċifiċi

4.1. Filwaqt li tibni fuq il-qafas ta' governanza taċ-ċibersigurtà deskritt fid-Direttiva NIS u l-miżuri l-oħrajn li issa huma inklużi f'din il-Komunikazzjoni, l-UE għandha tqis l-idea li tindirizza l-approċċ frammentat għat-titjib taċ-ċibersigurtà madwar l-Unjoni permezz tal-ħolqien ta' awtorità taċ-ċibersigurtà ċentralizzata soda, li tixbah lill-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA) jew lill-kariga ta' Kap Uffiċjal Federali tas-Sigurtà tal-Infurmazzjoni li nħolqot reċentement fl-Istati Uniti (Cybersecurity National Action Plan, White House, 9 ta' Frar 2016), bir-responsabbiltà li tissorvelja l-implimentazzjoni tal-politika taċ-ċibersigurtà fil-livell tal-UE u li tintegra l-azzjonijiet ta' diversi aġenziji li jaħdmu f'dan il-qasam.

4.2. Il-Kumitat jinsab impressjonat bil-kompetenza li l-ENISA żviluppat matul is-snin u aħna nemmnu li dan jista' jikkontribwixxi aktar għar-reżiljenza u iċ-ċibersigurtà tal-Ewropa. Il-mandat operazzjonali tal-ENISA għandu jissaħħaħ sabiex tiżdied b'mod aktar effettiv is-sensibilizzazzjoni dwar it-theddida taċ-ċiberattakki u r-rispons fl-Unjoni. Rieżami tal-mandat, fid-dawl tal-fatt li l-ambjent taċ-ċibersigurtà nbidel minn meta twaqqfet l-ENISA. Filwaqt li tibni fuq id-Direttiva NIS, forsi r-rwol operattiv tal-ENISA jista' jiġi estiż sabiex jiżdied l-valur li tista' tagħti lill-UE, lill-Istati Membri, liċ-ċittadini u lill-kumpaniji, permezz tal-ingranaġġ tal-kompetenzi u s-sinerġiji tagħha mal-ħidma ta' istituzzjonijiet, aġenziji u korpi oħrajn tal-UE u tal-Istati Membri, bħal CERT-EU, iċ-Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità u l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża. L-ENISA għandha wkoll tingħata responsabbiltà iktar diretta għall-edukazzjoni dwar iċ-ċibersigurtà u programmi ta' sensibilizzazzjoni mmirati b'mod partikolari lejn iċ-ċittadini u l-SMEs.

4.3. Meta ċ-Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità (EC3) twaqqaf fl-2013, huwa kellu biss baġit operattiv ta' EUR 7 miljun, anqas minn 10 % tal-baġit totali tal-Europol (Kummissjoni Ewropea, Memo/13/6 tad-9 ta' Jannar 2012). Fl-2014, id-Direttur ta' EC3 qal li t-tnaqqis kien illimita ħafna r-riżorsi allokati għall-unità tiegħu u li huma kienu qed ibatu biex ilaħħqu mat-theddiet ta' ċiberkriminalità li kienu qed jevolvu b'rata mgħaġġla (Security Magazine 1.11.2014). Il-KESE jemmen li r-riżorsi allokati lill-Europol biex tkun miġġielda ċ-ċiberkriminalità jeħtieġ li jżiedu b'mod sinifikanti sabiex ilaħħqu mat-theddid li qed jevolvi. Il-baġit tal-Europol tal-2016 għadu biss ta' EUR 100 miljun <sup>(4)</sup>.

4.4. Il-Kumitat jilqa' d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva NIS u l-azzjonijiet proposti fil-komunikazzjoni mmirati għat-titjib tal-kooperazzjoni fil-qasam taċ-ċibersigurtà bejn l-Istati Membri. Għas-sigurtà taċ-ċittadini kollha u biex tinkiseb reżiljenza ċibernetika soda fl-UE kollha, fejn is-sistemi tal-informazzjoni ta' infrastrutturi kritiċi huma sikwit interkonnessi, huwa importanti li l-miżuri ta' kooperazzjoni jindirizzaw id-distakk dejjem jikber bejn il-pajjiżi bl-iżjed kompetenzi avvanzati fil-qasam taċ-ċibersigurtà u dawk l-Istati Membri b'kompetenzi inqas żviluppati.

Brussell, l-14 ta' Diċembru 2016.

*Il-President*  
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*  
Georges DASSIS

---

<sup>(4)</sup> ĠU C 113, 30.3.2016, p. 144.

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “It-tisħiħ tar-relazzjonijiet kummerċjali bilaterali bejn l-UE u t-Turkija u l-modernizzazzjoni tal-Unjoni Doganali”**

(2017/C 075/22)

Relatur: **Dimitris DIMITRIADIS**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, Ittra Annwali 2016, 20.4.2016
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni Speċjalizzata għar-Relazzjonijiet Esterni
Adottata fis-sezzjoni speċjalizzata	16.11.2016
Adottata fil-plenarja	14.12.2016
Sessjoni plenarja Nru	521
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	252/4/7

## 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jemmen li l-iżviluppi li għaddejjin bħalissa wasslu għall-obsolenza tal-ftehim attwali dwar l-Unjoni Doganali, u li l-partijiet għall-ftehim għandhom jibdew negozjati serji dwar it-tisħiħ tar-rabtiet ekonomiċi tagħhom billi jistabbilixxu tip ġdid ta' ftehim kummerċjali li jirrifletti l-bżonnijiet attwali.

1.2. Il-KESE għadu huwa tal-fehma li t-Turkija tibqa' sieħeb importanti ħafna u li teżisti r-rieda politika biex jiżdedu l-livelli ta' kooperazzjoni, iżda biss jekk jiġu żgurati l-osservanza tal-valuri fundamentali Ewropej u l-prinċipji tad-demokrazija, tal-istat tad-dritt u tad-drittijiet tal-bniedem.

1.3. Il-KESE jemmen li l-proċedura rigward l-Unjoni Doganali tista' ssir jew permezz ta' rieżami tad-Deċiżjoni Nru 1/95, jew deċiżjoni ġdida tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, jew fl-aħħar mill-aħħar, protokoll ġdid tal-Ftehim ta' Adeżjoni.

1.4. Il-KESE jikkundanna t-tentattiv ta' kolp ta' stat tal-15 ta' Lulju, iżda huwa mħasseb ħafna wkoll dwar ir-reazzjonijiet tal-Gvern Tork u l-iżvilupp politiku konsegwenti, li jmorru ferm lil hinn minn prosekuzzjoni kriminali tal-kolp ta' Stat, ma jaqblux mal-miżuri ta' Stat tad-dritt u jikkontradixxu l-prinċipji demokratiċi.

1.5. Il-KESE jistieden lit-Turkija, bħala pajjiż kandidat għall-adeżjoni, tipproteġi u tosserva d-drittijiet fundamentali tal-bniedem u tirrispetta l-istandards demokratiċi u l-istat tad-dritt. Il-KESE jiddeplora t-tentattiv biex jitwaqqa' l-gvern elett demokratikament tat-Turkija, iżda jesprimi wkoll it-tħassib tiegħu dwar ir-rispons tal-awtoritajiet Torok u b'mod espliċitu jappella li d-drittijiet tal-bniedem jiġu kompletament rispettati u applikati mingħajr diskriminazzjoni, speċjalment il-libertà tal-espressjoni u l-mod partikolari kif timmanifesta ruħha fil-libertà tal-istampa, u li l-istat tad-dritt ikun kompletament restawrat.

1.6. Fil-fehma tal-KESE, it-Turkija għandha effettivament turi li hija għadha impenjata għal status ta' stat aderenti, li għad għandha skont il-liġi u skont it-Trattati, u dan billi tkompli n-negozjati mal-UE kif ukoll b'konformità stretta mal-*acquis* tal-UE u r-rekwiżiti kollha kif maqbula s'issa.

1.7. Il-kundizzjonijiet ġodda fil-kummerċ dinji li żviluppaw matul dawn l-aħħar snin ġiegħlu lill-UE tniedi ċiklu ġdid ta' ftehimiet kummerċjali globali li jiffokaw fuq dispożizzjonijiet imtejba f'firxa wiesgħa ta' oqsma bl-għan li tippromovi forum moderni ta' kummerċ u tapplika l-prinċipji u l-*acquis* tal-UE. Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar “Kummerċ għal kulħadd” għandha tikkostitwixxi l-bażi għal negozjati bejn l-UE u t-Turkija. L-aġġustamenti riċenti u l-aħjar Prattiki implimentati f'diversi ftehimiet kummerċjali ttrasformaw il-mudelli għas-sostenibbiltà, it-trasparenza u l-involvement tal-insieba soċjali u tas-soċjetà ċivili fi ftehimiet kummerċjali internazzjonali.

1.8. Il-KESE jqis li kemm l-impatti ex-ante u ex-post kif ukoll l-evalwazzjonijiet tal-fattibbiltà tan-negozjati għandhom jitwettqu minn qabel sabiex jiġu identifikati l-effetti fuq l-ambjent, l-ekonomija u s-soċjetà. L-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandhom ikunu involuti f'dawn il-proċeduri. Barra minn hekk, il-KESE jqis li l-Kummissjoni għandha tkompli tissorvelja mill-qrib is-sitwazzjoni ekonomika u soċjali li għaddejja fit-Turkija f'kull stadju tan-negozjati.

1.9. Wieħed għandu jżomm f'moħħu li matul dawn l-aħħar għoxrin sena, minn meta l-Unjoni Doganali daħlet fis-seħħ, l-*acquis* tal-UE għe estiż għal oqsma li qabel ma kinux regolati.

1.10. Il-KESE jemmen li huwa meħtieġ ftehim modern dwar l-Unjoni Doganali, u jirrifjuta l-idea li jinżamm l-istatus quo jew li l-konverżjoni fi ftehim kummerċjali reġjonali mhix realistika. Jemmen li l-ftehim il-ġdid għandu jinkludi kapitoli ġodda li jirriflettu ż-żidiet fir-rigward tal-liġi u l-prattika fl-UE, peress li dawn dejjem ikomplu jespandu u jiġu riveduti, flimkien ma' dispożizzjonijiet aġġornati li jindirizzaw l-oqsma li rriżultaw li huma problematiċi matul l-implimentazzjoni tal-Unjoni Doganali mat-Turkija u r-rekwiżiti preliminari.

1.11. Il-KESE huwa tal-fehma wkoll li negozjati ġodda għandhom jiffokaw b'mod partikolari fuq l-implimentazzjoni immedjata tar-riformi radikali meħtieġa fil-leġislazzjoni Torka.

1.12. Il-KESE jipproponi li dawn l-oqsma jiġu inklużi fil-qafas regolatorju tal-ftehim il-ġdid:

- l-agrikoltura (flimkien mar-rekwiżiti kollha stipulati aktar "l isfel f'din l-opinjoni)
- is-servizzi
- l-akkwist pubbliku
- il-prodotti mhux ipproċessati u l-materja prima
- il-protezzjoni tal-konsumatur
- il-protezzjoni ambjentali u l-iżvilupp sostenibbli
- l-ekwivalenza tar-reġimi regolatorji għal miżuri veterinarji, sanitarji u fitosanitarji u tal-politika dwar is-sikurezza tal-ikel
- il-protezzjoni effettiva tad-drittijiet tax-xogħol u impjegi deċenti
- il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol
- l-iffaċilitar tal-kummerċ elettroniku u l-introduzzjoni ta' aġenda diġitali li tistabbilixxi l-moviment liberu tad-data diġitali
- il-politika tal-enerġija u s-sigurtà tal-enerġija
- il-promozzjoni tal-innovazzjoni u l-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali
- il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus
- inċentivi aħjar għall-SMEs
- proċeduri amministrattivi semplifikati u spejjeż amministrattivi mnaqqsa
- l-investment u l-aġġornar tal-leġislazzjoni dwar l-investment bl-għan li jiġu protetti l-investituri, u l-introduzzjoni ta' proċedura imparzjali għas-soluzzjoni tat-tilwim;
- it-titjib tal-proċedura għat-traspożizzjoni u l-inkorporazzjoni tal-leġislazzjoni Ewropea fis-sistema legali Torka
- aktar dispożizzjonijiet robusti biex jiżguraw li l-kontenut tal-ftehim rivedut u d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni jkunu konformi mal-*acquis* tal-UE.



1.13. Il-KESE jqis li, fir-rigward tal-asimmetrija li tkun taffettwa r-relazzjonijiet kummerċjali tat-Turkija ma' pajjiżi terzi li magħhom l-UE qed tikkonkludi tip ġdid ta' ftehim kummerċjali, il-klawżola rilevanti ma tistax tittejjeb lil hinn mill-provvista ta' inċentivi politiċi għall-pajjiżi msieħba tal-UE, bl-alternattiva addizzjonali għall-Kummissjoni biex tipprovdi servizzi ta' intermedjazzjoni effettiva.

1.14. Il-KESE jemmen li kull tip ta' ftehim kummerċjali bejn l-UE u t-Turkija jkollu jinkludi konsultazzjoni effettiva u l-inklużjoni tal-imsieħba soċjali (l-impjegaturi u l-impjegati) u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kemm fl-istadju tan-negozjati kif ukoll f'dak tal-implimentazzjoni.

## 2. Relazzjonijiet kummerċjali bejn l-UE u t-Turkija

2.1. Fl-1959 it-Turkija applikat biex issir membru assoċjat ta' dik li qabel kienet il-Komunità Ekonomika Ewropea (KEE) u li issa hija l-Unjoni Ewropea (UE). Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni <sup>(1)</sup> kien iffirmat fl-1963 u fl-istess ħin ipprova għall-ħolqien ta' Unjoni Doganali bejn il-KEE u t-Turkija.

2.2. Bħala riżultat, fl-1970 ġie abbozzat Protokoll Addizzjonali li jabolixxi t-tariffi u l-kwoti għall-prodotti, li kien jirrappreżenta passi ulterjuri lejn l-Unjoni Doganali, li l-iżvilupp sħiħ tagħha kien ikkompletat fl-1995 <sup>(2)</sup> u kienet tirrikjedi t-tneħħija tal-ostakli għall-kummerċ. **Ftehim ta' Kummerċ Ħieles** (FTA) ġie ffirmat <sup>(3)</sup> fl-istess sena, u jkopri l-faħam u l-azzar ma' dik li kienet il-KEFA.

2.3. It-Turkija ntalbet ukoll tadotta t-Tariffi Esterni Komuni tal-UE (CET) <sup>(4)</sup> fuq l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi u tadotta l-ftehimiet preferenzjali kollha preeżistenti u futuri.

2.4. L-Unjoni Doganali kienet idea innovattiva u oriġinali dak iż-żmien u kienet toffri opportunità kbira biex jiġu approfonditi r-relazzjonijiet bilaterali, billi dan kien wieħed mill-ewwel ftehimiet li kien fih armonizzazzjoni tal-leġislazzjoni ma' Stat mhux Membru.

2.5. Fl-1997 l-UE bdiet proċess parallel ibbażat fuq l-Artikoli 2 u 49 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, wara l-applikazzjoni tat-Turkija għal assoċjazzjoni fl-1987.

2.6. In-negozjati tal-adeżjoni bdew fl-2005 u jinkludu 34 kapitoli *tal-acquis* tal-UE u kapitoli wieħed mixxellanju, jiġifieri 35 b'kollox.

2.7. Filwaqt li jqis l-appelli tal-partijiet interessati rilevanti, il-KESE għandu viżjoni pożittiva tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles tal-faħam u l-azzar, li għandu jibqa' kif inhu, iżda jenfasizza l-ħtieġa li tiġi riformata l-Unjoni Doganali sabiex ir-relazzjonijiet ta' kummerċ jiġu modernizzati;

## 3. Is-sitwazzjoni politika fit-Turkija sa mill-15 ta' Lulju

3.1. Is-sitwazzjoni fit-Turkija wara l-attentat ta' kolp ta' stat tal-15 ta' Lulju – li l-KESE jikkundanna b'mod espliċitu – hija kawża ta' tħassib kbir. It-trattament tal-awtoritajiet tal-parteċipanti suspettati fil-kolp ta' stat, kif ukoll tal-oppożizzjoni u persuni tas-soċjetà ċivili mhux involuti fil-kolp ta' stat u tal-istampa u l-midja li ma jappoġġjawx il-gvern, huwa inkompatibbli mal-istandards Ewropej u qed jagħmel pressjoni kbira fuq in-negozjati bejn l-UE u t-Turkija.

<sup>(1)</sup> Ftehim li jstabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija u l-Protokoll Addizzjonali tat-12 ta' Settembru 1963 (ĠU 217, 29.12.1964): [http://ec.europa.eu/enlargement/pdf/turkey/association\\_agreement\\_1964\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/enlargement/pdf/turkey/association_agreement_1964_en.pdf)

<sup>(2)</sup> Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar l-implimentazzjoni tal-fażi finali tal-Unjoni Doganali (96/142/KE).

<sup>(3)</sup> 96/528/ECSC: *Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Frar 1996 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar u r-Repubblika tat-Turkija dwar il-prodotti koperti mit-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar* (ĠU L 227, 7.9.1996): <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/HTML/?uri=CELEX:31996D0528&from=EN>.

<sup>(4)</sup> Nomenklatura Magħqda, Tariffa Doganali Komuni u Tariffa Integrata tal-Unjoni Ewropea (TARIC), ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffi u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni (ĠU L 256, 7.9.1987): <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=URISERV:l11003&from=MT>.

3.2. Wara l-avvenimenti tal-15 ta' Lulju Ankara biddlet il-pożizzjoni, u n-negozjaturi Torok qed jitolbu impenji diretti mill-UE, li s'issa wriet **indeċizzjoni u nuqqas ta' rieda politika u għan politiku** dwar diversi punti, flimkien mat-Turkija li naqset milli turi r-rieda tajba meħtieġa għall-implimentazzjoni tat-testi adottati (eż. rigward il-protokoll tal-Ftehim ta' Ankara, eċċ.), li qed ikompli jxekkel il-ħolqien tal-atmosfera ta' fehim li hemm bżonn.

3.3. Il-KESE qed jissorvelja u se jkompli jsewgi bl-akbar attenzjoni u tħassib l-avvenimenti li qed iseħħu wara l-attentat ta' kolp ta' stat, u jqis li l-bidu ta' negozjati dwar l-Unjoni Doganali biex jittejjbu r-relazzjonijiet kummerċjali bħala opportunità biex jibdeu jiġu normalizzati r-relazzjonijiet bejn l-UE u t-Turkija kif ukoll biex l-ekonomija Torka terġa' tqum fuq saqajha.

3.4. Għalhekk, f'dan il-mument diffiċli huwa fl-interess tat-Turkija li timpenja ruħha fit-tul lejn programm ta' riformi li jinkludi bidla radikali kemm fl-isferi ekonomiċi kif ukoll politiċi.

#### 4. L-ekonomija tat-Turkija

4.1. Sa mill-2015 it-Turkija laħqet is-somma fenomenali ta' USD 1,576 triljun (stima tal-2015) ta' Prodott Domestiku Gross f'parità tal-kapaċità tal-akkwist, li wasslitha fit-18-il post fil-klassifika ekonomika globali. Fi stimi ta' tkabbir, il-pajjiż niżel għal 3,8 % fl-2015, rata li baqgħet sodisfaċenti, u żamm il-102 post fuq livell globali. Id-dejn pubbliku tal-pajjiż niżel għal rata moderata ta' 33,1 % tal-PDG, filwaqt li r-rati tal-inflazzjoni baqgħu għoljin, madwar 7,7 % sa mill-2015 <sup>(5)</sup>.

4.2. F'dawn l-aħħar f'it snin, l-ekonomija tat-Turkija għet trasformata minn settur tradizzjonalment agrikolu għal ekonomija xprunata mis-servizzi u t-turiżmu u settur tal-manifattura orjentat lejn l-esportazzjoni. Parti mir-raġuni għal dan hija l-Unjoni Doganali, li ħolqot opportunitajiet importanti li ġew sfruttati minnufih bl-adozzjoni ta' qafas legali għdid u l-implimentazzjoni tal-istandards tal-UE.

4.3. Mill-2012, madankollu, il-pass tat-tkabbir naqas minħabba t-tnaqqis fl-investment dirett barrani, kif ukoll l-iżviluppi politiċi u ekonomiċi, li f'ħafna każijiet wasslu għal tnaqqis fit-tkabbir ekonomiku u kienu sors ta' inċertezza. Fil-perjodu 2013-2016 il-kunfidenza marret lura minħabba inkwiet politiku, ċaqliq ġeopolitiku, allegazzjonijiet ta' korruzzjoni, u tensjonijiet ma' pajjiżi ġirien peress li l-pajjiż fittex li jkollu rwol politiku aktar kruċjali fir-reġjun. Dan laqat ħażin l-ekonomija u ħa prevalenza fuq il-progress tal-ekonomija Torka aktar minn qatt qabel, peress li minħabba d-defiċit fil-kont kurrenti ġie espost għal flutwazzjonijiet tal-munita u tas-suq, li lkoll skoraġġixxew u dgħajfu l-influssi ta' investment. Wara t-tentattiv ta' kolp ta' stat, l-ekonomija sofriet daqqa oħra, bi tnaqqis ulterjuri u tnaqqis drammatiku fit-turiżmu.

4.4. L-iżviluppi politiċi preokkupanti u l-konsegwenzi diretti tagħhom ikkawżaw ħafna ħsara lill-ekonomija f'termini kemm ta' fiduċja tas-suq fl-istabbiltà kif ukoll tar-robustezza tal-ambjent ekonomiku u ta' investment fit-Turkija <sup>(6)</sup>, filwaqt li hemm dubju dwar il-kapaċità tal-gvern Tork biex jerġa' jpoġġi l-ekonomija fit-triq tat-tkabbir, u l-kredibbiltà tiegħu u l-valur tal-lira Torka sofrew b'mod konsiderevoli <sup>(7)</sup>.

#### 5. L-impatt tal-Unjoni Doganali fuq l-ekonomija Torka, nuqqasijiet fil-qafas regolatorju u kwistjonijiet ta' implimentazzjoni

5.1. B'mod ġenerali l-previżjonijiet għall-Unjoni Doganali kienu pjuttost pessimisti, u għalhekk ġew imfixkla mar-realtà: kien previst li l-PDG tat-Turkija ma jikbrix b'aktar minn 1-1,5 %, li għalkemm meqjus sostanzjali m'għandux x'jaqsam maż-żieda attwali.

<sup>(5)</sup> Statistika mogħtija kortesija tal-Factbook tas-CIA u r-Rapporti tal-Pajjiżi tal-Bank Dinji flimkien ma' data statistika miġbura mill-Bank Ċentrali tar-Repubblika tat-Turkija.

<sup>(6)</sup> <http://www.bloomberg.com/news/articles/2016-09-26/lira-drops-most-among-emerging-peers-after-turkey-cut-to-junk>  
<http://www.bloomberg.com/news/articles/2016-07-21/turkish-assets-extend-selloff-after-s-p-cut-state-of-emergency>  
<https://www.ft.com/content/779ef1f6-5b22-11e6-9f70-badea1b336d4>

<sup>(7)</sup> <https://www.ft.com/content/5bbbcce4-83b2-11e6-a29c-6e7d9515ad15>  
<http://www.forbes.com/forbes/welcome/?toURL=http://www.forbes.com/sites/dominicdudley/2016/07/18/turkeys-economy-could-slump-in-aftermath-of-failed-coup/&refURL=https://www.google.gr/&referrer=https://www.google.gr/>

5.2. Għat-Turkija, l-UE hija s-sieħeb ewlieni tal-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet filwaqt li t-Turkija tinsab fis-seba' post fis-suq tal-importazzjoni tal-UE u fil-ħames post fis-suq tal-esportazzjoni tal-UE. L-esportazzjonijiet tat-Turkija lejn l-UE huma l-aktar il-makkinarju u t-tagħmir tat-trasport, segwiti minn prodotti manifatturati. L-esportazzjoni mill-UE għat-Turkija hija ddominata mill-makkinarju u t-tagħmir tat-trasport, prodotti kimiċi u prodotti manifatturati.

5.3. Il-kummerċ mal-UE kiber bi 22% bejn l-1995 u l-2014. Ġie ssuġġerit ukoll li l-Unjoni Doganali kkawżat devjazzjoni tal-kummerċ<sup>(8)</sup>, iżda din mhix sinifikanti meta titqies mil-lat tal-perċentwal totali ta' kummerċ<sup>(9)</sup>.

5.4. Fi kwalunkwe każ, dan wassal għall-applikazzjoni ta' tariffi mit-Turkija fuq il-prodotti industrijali u b'hekk ma kienx meħtieġ li jiġu introdotti regoli ta' oriġini għall-kummerċ bilaterali.

5.5. Uħud mill-iżvantaġġi inerenti ewlenin tal-Unjoni Doganali jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej:

— l-użu eċċessiv u mhux meħtieġ ta' Strumenti għad-Difiża tal-Kummerċ bħal miżuri kumpensatorji, ta' antidumping, ta' salvagwardja u ta' sorveljanza qed jaffettwa l-kummerċ bilaterali<sup>(10)</sup>;

— in-nuqqas ta' mekkaniżmu effettiv ta' konformità u ta' proċedura għas-soluzzjoni tat-tilwim, li mingħajrhom huwa impossibbli li jingħata rimedju effettiv għall-implimentazzjoni selettiva tal-Unjoni Doganali f'ċerti każijiet, u l-adozzjoni ta' miżuri diskriminatorji indiretti għad-detriment tal-prodotti tal-UE. Il-proċedura attwali għas-soluzzjoni tat-tilwim hija limitata għal tilwimiet speċifiċi (speċifikament, il-ġurisdizzjoni hija valida biss għall-perjodu li fih il-miżuri protezzjonisti huma fis-seħħ)<sup>(11)</sup> li jistgħu jiġu eżaminati mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, li huwa primarjament korp politiku li jieħu deċiżjonijiet fuq bażi ta' kunsens.

— il-kamp ta' applikazzjoni limitat tal-Unjoni Doganali, li jkopri biss prodotti industrijali, inklużi komponenti u prodotti agrikoli pproċessati magħmula fl-UE jew fit-Turkija, kif ukoll beni magħmula kollha jew parzjalment minn prodotti li joriġinaw minn pajjiżi terzi sakemm dawn jiċċirkolaw liberament ġewwa l-UE jew ġewwa it-Turkija. Speċifikament, il-prodotti agrikoli jirrappreżentaw 10% u s-servizzi 60% fal-PDG tat-Turkija, iżda t-tnejn li huma jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Unjoni Doganali;

— il-proċess tal-armnizzazzjoni mad-dritt tal-UE huwa problematiku wkoll, kif ukoll l-effettività tal-metodu għall-provvista ta' informazzjoni dwar dan il-proċess; konsegwentement il-komunità tan-negozju tiffaċċja żbilanċ leġislativ matul il-proċess tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni tal-istess prodotti, bir-riżultat li la huma stess, permezz tal-korpi rappreżentattivi uffiċjali tagħhom (il-kmamar tal-kummerċ, l-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi, eċċ) u lanqas l-awtoritajiet rilevanti (l-uffiċċji tad-dwana, l-aġenziji tal-esportazzjoni, il-korpi tas-sorveljanza tas-suq) ma jkunu jistgħu jibqgħu aġġornati<sup>(12)</sup>.

5.6. Minbarra d-dominji problematiċi fil-qafas regolatorju tal-Unjoni Doganali, l-implimentazzjoni mhux adegwata tagħha jew id-deċiżjonijiet unilaterali meħudin min-naħa Torka joħlqu dubji fir-rigward ta' kwistjonijiet tal-prattiki tad-dwana jew tariffarji **li jidhru li qed jiksru b'mod ċar it-termini miftiehma**. Hemm dubji wkoll minħabba li t-Turkija qed tirrifjuta li tippermetti l-prattika tal-kummerċ ħieles mar-Repubblika ta' Ċipru, Stat Membru tal-UE, li huwa ksur sfaċċat tal-liġi tal-Komunità u tal-ftehimiet ta' kummerċ bejn l-UE u t-Turkija.

<sup>(8)</sup> C.S.P. Magee, "Trade creation, trade diversion, and the general equilibrium effects of regional trade agreements: a study of the European Community-Turkey customs union", *Review of World Economics*, Meju 2016, Volum 152, Harga 2, pp 383-399.

<sup>(9)</sup> "Evaluation of the EU-Turkey Customs Union" (Evalwazzjoni tal-Unjoni Doganali tal-UE-Turkija), Rapport Nru 85830-TR, 28 ta' Marzu 2014, disponibbli fuq [https://ec.europa.eu/neighbourhood-enlargement/sites/near/files/pdf/finacial\\_assistance/phare/evaluation/2014/20140403-evaluation-of-the-eu-turkey-customs-union.pdf](https://ec.europa.eu/neighbourhood-enlargement/sites/near/files/pdf/finacial_assistance/phare/evaluation/2014/20140403-evaluation-of-the-eu-turkey-customs-union.pdf)

<sup>(10)</sup> Sal-2013, fit-Turkija kien hemm fis-seħħ tlettax-il Strument għad-Difiża tal-Kummerċ kontra prodotti tal-UE. Aktar taġġir jista' jinkiseb minn: <http://ec.europa.eu/trade/policy/accessing-markets/trade-defence/actions-against-exports-from-the-eu/> (aċċessat fit-30.5.2016).

<sup>(11)</sup> Għall-kuntrarju tal-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim taħt il-ftehim ta' Ankara, li jkopri firxa usa' ta' tilwim iżda jeħtieġ l-unanimità fost iż-żewġ partijiet għall-attivazzjoni ta' soluzzjoni.

<sup>(12)</sup> Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 9.

5.7. L-allinjament attwali tat-Turkija mal-liġi tas-suq intern tal-UE mexxa 'l quddiem f'ċerti oqsma, bħall-moviment liberu tal-prodotti, il-politika dwar il-kompetizzjoni u l-politika dwar l-ghajjnuna mill-istat, l-enerġija, ekonomika u monetarja, u l-politika tal-intrapriża u industrijali, iżda l-Kummissjoni Ewropea enfasizzat il-fatt li t-Turkija konsistentement qed tinjora aspetti prinċipali tal-ftehim billi tadotta miżuri protezzjonisti f'kolloxx, għall-kuntrarju ta' dak previst fl-Unjoni Doganali.

5.8. Madankollu, it-Turkija mhux qed timplimenta b'mod xieraq il-liġi relatata mal-ghajjnuna mill-Istat u l-istabbiliment ta' skemi ta' monitoraġġ, u tidher li qed issibha bi tqila biex tippermetti kompletament il-moviment liberu tal-prodotti permezz tat-tneħħija ta' restrizzjonijiet moħbija; fl-aħħar nett, din naqset milli tadotta u timplimenta b'mod effettiv miżuri ta' infurzar kontra l-ksur tad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali.

5.9. Permezz tal-valutazzjoni tal-benefiċċji globali tal-Unjoni Doganali, nistgħu nindikaw bħala l-akbar kontribut tagħha l-fatt li din intużat bħala mezz ta' riforma ekonomika li ppromoviet l-integrazzjoni tat-Turkija fis-swieq globali, li għenet biex treġġa' lura l-kredibbiltà tat-Turkija u, finalment, din saħħet il-miżuri meħudin biex trażżan l-inflazzjoni u stabbilizzat il-valur tal-lira Torka.

5.10. L-immodernizzar tal-kummerċ Tork kompli wkoll b'ritmu tajjeb u saħħet il-kompetizzjoni bejn il-produtturi u l-bejjiegħa Torok li, permezz tas-suq tal-UE, kisbu aċċess għal ambjent kummerċjali globali aktar fertili u b'aktar sfidi.

## 6. Tqabbil bejn l-Unjoni Doganali u FTAs aktar riċenti

6.1. Is-snin li ġejjin se jirrappreżentaw era ekonomika ġdida inawgurata bil-kostruzzjoni u l-implimentazzjoni ta' sensiela ta' inizjattivi regolatorji fil-livell internazzjonali li se jaffettwaw ir-relazzjonijiet ekonomiċi bejn l-UE u t-Turkija u se jirrikjedu aġġornament tal-Unjoni Doganali. Fl-istess ħin l-UE ffokat fuq it-tisħiħ tar-relazzjonijiet ekonomiċi esterni ma' pajjiżi terzi bl-għan li jiġu mtejba l-istandards tal-għajxien u tiżdied il-prosperità. **Is-Sħubija Trans-Atlantika ta' Kummerċ u ta' Investiment (TTIP), il-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn l-UE u l-Kanada u l-Ftehim dwar il-Kummerċ fis-Servizzi (TiSA),** kif ukoll in-negozjati dwar **il-ftehim ta' kummerċ mal-Ġappun**, huma l-inizjattivi l-aktar prominenti li qed jiġu segwiti fil-preżent <sup>(13)</sup>.

6.2. Bħala riżultat tal-kundizzjonijiet ġodda, l-Unjoni Doganali skaduta diġà poġġiet l-ekonomija tat-Turkija fi żvantaġġ minħabba l-asimmetrija intrinsika tagħha <sup>(14)</sup>: l-Unjoni Doganali tippermetti lit-Turkija tinneozja ftehimiet kummerċjali ma' pajjiżi terzi biss wara li l-UE tkun ikkonkludiet u ffirmat ftehimiet ta' kummerċ ħieles ġodda magħhom, u b'hekk it-Turkija ma tingħatax l-ambitu li tintervjeni fi kwalunkwe stadju matul in-negozjati. Min-naħa l-oħra, il-"klawżola tat-Turkija" hija politika ta' gwida u ma tobbligax lill-pajjiżi terzi jaċċettaw li jmexxu negozjati, aħseb u ara li jiffirmaw ftehim. Anke jekk jintlaħaq ftehim, dan id-dewmien iqiegħed in-negozji Torok fi żvantaġġ kompetittiv.

6.3. Barra minn hekk, it-Turkija kienet obligata tadotta t-Tariffa Esterna Komuni (CET), li tesiġi minnha li taġġusta għall-bidliet – l-aktar it-tnaqqis – introdotti mill-UE minħabba l-ikonkluzjonijiet tal-ftehimiet ta' kummerċ ħieles, mingħajr ma prodotti Torok jibbenefikaw minn dan il-privileġġ fi swieq oħra fin-nuqqas ta' ftehim. Dan wassal għal-liberalizzazzjoni gradwali tas-sistema ta' tariffi tat-Turkija.

6.4. L-imsemmija nuqqasijiet fl-arkitettura tal-Unjoni Doganali llum il-ġurnata qed isiru aktar evidenti, aktar minn għoxrin sena wara li ġiet konkluzja.

6.5. Fl-2014, mit-48 imsieħeb kummerċjali tal-UE, 17 biss fasslu ftehimiet mat-Turkija filwaqt li fost il-pajjiżi li qed jipprovdu ftehimiet ta' kummerċ ħieles tal-ġenerazzjoni l-ġdida, hija biss il-Korea t'Isfel li qabliet li tikkonkludi ftehim mat-Turkija, fejn aċċettat l-istadina formulata fil-"klawżola tat-Turkija" tal-KOREU.

<sup>(13)</sup> Kienu ffirmati wkoll ftehimiet mal-Istati tal-Lvant tal-Afrika, l-Ekwador, Singapore, il-Vjetnam, u l-Punent tal-Afrika. L-ebda wieħed minn dawn il-ftehimiet ma ddaħħal fis-seħħ, anke fejn ġie finalizzat.

<sup>(14)</sup> Global Economics Dynamics Study, Turkey's EU integration at a crossroads, What Consequences does the new EU trade policy have for economic relations between Turkey and Europe, and how can these be addressed?, Bertelsmann Stiftung, April 2016.

## 7. Tisħiħ tar-relazzjonijiet kummerċjali bilaterali

7.1. Il-kooperazzjoni ekonomika u politika bejn l-UE u t-Turkija hija rekwiżit meħtieġ, u tkun biżżejjed biex tinkiseb l-istabbiltà f'parti partikolarment volatili tad-dinja; u l-aġġornament tal-Unjoni Doganali jista' jibgħat sinjal pożittiv ċar ta' kooperazzjoni u stabbiltà.

7.2. Ġew diskussi bir-reqqa għażliet alternattivi għar-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi bejn l-UE u t-Turkija, inkluż potenzjalment (i) li jinżamm l-istatus quo, (ii) li l-Unjoni Doganali tiġi sostitwita jew issupplimentata bi ftehim kummerċjali reġjonali, jew (iii) li l-Unjoni Doganali tiġi aġġornata. Minn dawn, il-KESE jqis l-alternattiva tal-aħħar bħala dik ideali f'termini ta' promozzjoni u approfondiment tar-relazzjonijiet bilaterali, abbażi ta' vantaġġ reċiproku.

7.3. Ix-xenarju fejn "ma jsir xejn" – b'kont meħud ukoll tal-orizzont ta' żmien fit-tul tan-negozjati ta' adeżjoni – ma jirrappreżentax soluzzjoni alternattiva realistika, minħabba li jitqies li huwa essenzjali li jingħelbu l-problemi deskritti hawn fuq u biex b'mod immedjat jinhatat il-potenzjal mhux sfruttat ta' relazzjonijiet kummerċjali.

## 8. Elementi ewlenin tar-reviżjoni

8.1. Fil-kuntest tal-politika l-ġdida tal-UE dwar il-kummerċ u l-investiment immedja fl-2015 bil-pubblikazzjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar *Kummerċ għal Kulħadd*<sup>(15)</sup>, diġà jidher ċar li l-UE hija impenjata lejn l-użu tal-pożizzjoni ta' tmexxija tagħha fil-qasam tal-kummerċ biex twieġeb għall-isfidi l-ġodda ta' suq globalizzat u l-ħtiġijiet tal-ambjent kummerċjali modern, biex tippromovi l-iżvilupp u taħdem għal bidla istituzzjonali billi tistabbilixxi prijoritajiet ta' riforma<sup>(16)</sup>.

8.2. Huwa evidenti fir-rigward ta' dan l-isforz li politika kummerċjali ġdida ma tistax tkun unidimensjonali iżda jrid ikollha livelli diversi u tkun kumplessa, u tħaddan diversi oqsma ta' attività, jekk trid tkun meqjusa bħala effettiva u ta' benefiċċju għal numru ikbar minn dawk li qed jiġu affettwati, bħall-ħaddiema, il-konsumaturi, u l-SMEs.

8.3. Speċifikament, l-inklużjoni tal-valuri Ewropej fl-istess qafas ta' prinċipji għandha sinifikat f'diversi livelli minħabba li n-negozjati dwar il-ftehimiet kummerċjali u ta' investiment issa jidhru li manifestament **mhumix ta' natura ekonomika biss iżda jikkostitwixxu proġett soċjoekonomiku usa' biex jiġu introdotti riformi multidimensjonali u f'diversi livelli.**

8.4. **L-iżvilupp sostenibbli u l-protezzjoni tal-ambjent** issa huma ta' importanza ugwali u integrali għal dawn il-valuri, b'mod partikolari wara l-adozzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi (COP21) mill-UE u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) ġodda mill-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tan-NU<sup>(17)</sup>.

8.5. Din il-karatteristika hija ovvjament iżjed prominenti fejn il-pajjiżi li magħhom qed jiġi negozjat ftehim huma fil-proċess tat-taħditiet dwar l-adeżjoni, bit-Turkija tkun l-aqwa eżempju.

8.6. Ir-reviżjoni għandha tkun ibbażata wkoll fuq standards internazzjonali u konvenzjonijiet għall-protezzjoni tad-drittijiet tax-xogħol<sup>(18)</sup>.

8.7. Għalhekk l-UE ddeċidiet li tipproċedi fuq il-bażi ta' tliet prinċipji bażiċi biex tikseb dak t'hawn fuq. Dawn il-prinċipji huma:

- (a) **Effettività:** sabiex kemm il-ħtiġijiet makroekonomiċi (eż. is-sitwazzjoni ekonomika tal-pajjiżi tal-UE fi kriżi) kif ukoll dawk mikroekonomiċi (eż. l-SMEs) jingħataw kunsiderazzjoni, u tiġi żgurata l-adattabilità għal proġetti kummerċjali ġodda;

<sup>(15)</sup> [http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2015/october/tradoc\\_153846.pdf](http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2015/october/tradoc_153846.pdf)

<sup>(16)</sup> KESE (J. Peel – Relatur), Opinjoni dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Kummerċ għal kulħadd: Lejn politika aktar responsabbli għall-kummerċ u l-investiment, – COM(2015) 497 final (ĠU C 264, 20.7.2016, p. 123).

<sup>(17)</sup> Ir-rabta ta' impenji naturalment tinkludi l-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima u l-Protokoll ta' Kyoto. Għall-ftehim ta' Pariġi, ara FCCC/CP/2015/L.9, 2015.

<sup>(18)</sup> L-Istandards Fundamentali tax-Xogħol tal-ILO, il-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali, u l-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem.

- (b) **Trasparenza:** permezz ta' aktar viżibilità u l-parteċipazzjoni ta' kemm jista' jkun partijiet interessati fin-negozjati;
- (c) **Valuri u mudelli Ewropej:** kunċett li qed jevolvi li issa ġie estiż biex jinkludi kwistjonijiet bħall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali (inklużi dawk tal-ħaddiema), l-iżvilupp sostenibbli u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni.

8.8. Kull tentattiv ta' konverġenza mal-imsieħba kummerċjali għandu għalhekk jinkludi:

1. studji ta' livell għoli dwar ktajjen tal-valur globali (GVCs) u ktajjen ta' provvista globali (GSCs) eżistenti;
2. miżuri aġġornati li jipromovu l-kummerċ u s-servizzi sabiex dawn jirriflettu s-sitwazzjoni globali attwali ta' produzzjoni frammentata ibbażata fuq is-sottokuntrattar (outsourcing), fuq il-produzzjoni tiġi esternalizzata barra mill-pajjiż (offshoring) u fuq l-istabiliment ta' ferġat ("branching");
3. miżuri biex jiffaċilitaw il-kummerċ elettroniku u l-mobbiltà, kif ukoll l-estensjoni effettiva ta' kooperazzjoni formali kemm waqt il-fażi tan-negozjati kif ukoll meta tiġi evalwata u sorveljata l-implimentazzjoni ta' ftehimiet.

## 9. Il-proċess ta' konklużjoni u l-kontenut tal-ftehim il-ġdid

9.1. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-ftehim il-ġdid għandu jkun estiż biex jinkludi setturi oħrajn bħal:

- (a) **I-agrikoltura** (b'applikazzjoni stretta ta' standards Ewropej u t-traċċabbiltà tal-prodotti, iżda wkoll wara riċerka dwar l-impatt tal-liberalizzazzjoni tal-importazzjoni fuq il-bdiewa Ewropej); b'kunsiderazzjoni mogħtija wkoll għaż-żamma jew l-introduzzjoni ta' miżuri protezzjonisti temporanji lil hinn mill-perjodu ta' aġġustament jekk dan jitqies assolutament essenzjali sabiex jiġu protetti l-prodotti Ewropej;
- (b) **I-investment;**
- (c) **ir-regolazzjoni tal-akkwist pubbliku;**
- (d) **is-servizzi;**
- (e) **oqsma topiċi oħrajn bħall-iżvilupp sostenibbli, il-protezzjoni ambjentali, is-settur tal-enerġija, eċċ., kif ukoll il-materja prima u prodotti mhux ipproċessati, eċċ.**
- (f) il-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur u l-privattivi.

Il-ftehim għandu jinkludi wkoll dispożizzjonijiet vinkolanti għat-traspożizzjoni u l-inkorporazzjoni immedjata tal-leġislazzjoni Ewropea, kif ukoll dispożizzjonijiet speċjali għar-riżoluzzjoni obbligatorja ta' tilwim li jinqala' matul l-implimentazzjoni tiegħu permezz ta' mekkaniżmu **li ma jirrikjedix deċiżjoni politika biex din tiġi attivata**, mhux bħas-sitwazzjoni s'issa, li qed tagħmilha diffiċli ħafna li jiġi solvut it-tilwim b'mod effettiv u b'mod trasparenti.

9.2. Huwa kkunsidrat ukoll ta' importanza kbira li l-isforz kollu jkun marbut mal-approċċ kummerċjali rivedut tal-UE, fejn l-UE tqiegħed fuq il-mejda sejħiet mhux negozjabbli għad-demokratizzazzjoni u t-trasparenza fit-teħid ta' deċiżjonijiet, kemm fil-livell internazzjonali kif ukoll dak nazzjonali, kif ukoll enfasi fuq ir-rwol tal-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili fil-proċessi tad-djalogu pubbliku u n-negozjar, bil-għan li tinkiseb implimentazzjoni tal-ftehim rivedut aktar effettiva u aktar iffukata fuq in-nies.

9.3. Relazzjonijiet kummerċjali msaħħa permezz tal-Ftehim il-ġdid dwar Unjoni Doganali jista' jkollhom bosta effetti pożittivi, fosthom:

— il-liberalizzazzjoni ta' setturi rregolati dan l-aħħar se tiġġenera dħul u żieda fl-investment dirett barrani;



- il-liberalizzazzjoni bilaterali tal-akkwist pubbliku permezz tat-tneħħija tal-ostakli għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu jixtiequ jieħdu sehem f'sejħiet għall-offerti se tkun ta' benefiċċju għall-kumpaniji Ewropej peress li dawn jirrappreżentaw 7 % tal-PDG tal-pajjiż;
  - ser jinħolqu opportunitajiet għall-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju, u b'hekk jissaħħaħ id-dħul medju fit-Turkija, bil-ħolqien ta' impjiegi ġodda u aktar produttività.
- 9.4. Il-proċess ta' konklużjoni tal-ftehim irid jinbada bin-negozjati minnufih u bl-involvement tal-imsieħba soċjali u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, li għandhom jitmexxew abbażi ta' proċeduri trasparenti.
- 9.5. Il-KESE jilqa' l-konsultazzjoni pubblika u jirakkomanda li jitwettqu studji komparabbli dwar l-indikaturi soċjali u tal-benessri, u f'oqsma oħrajn bħal, pereżempju, id-drittijiet tal-konsumaturi u tal-ħaddiema.
- 9.6. Il-KESE jemmen li għandu jiġi ċċarat mill-bidu li l-proċess huwa parti min-negozjati usa' tal-adeżjoni u mhux sempliċement approfondiment monolitiku tal-kooperazzjoni kummerċjali bejn l-UE u t-Turkija, kif ukoll li l-konklużjoni b'suċċess tat-taħdidiet se tirrikjedi armonizzazzjoni sħiħa tal-aspetti li ntlaħaq qbil dwarhom s'issa.
- 9.7. Fil-ftehim il-ġdid ma għandhomx jiġu indirizzati biss il-kwistjonijiet attwali, iżda jrid jitwessa' biex jinkludi kapitoli speċifiku dwar il-protezzjoni ambjentali, l-iżvilupp sostenibbli u s-sigurtà tal-enerġija u l-kooperazzjoni (sorsi rinnovabbli u konvenzjonali).
- 9.8. Il-KESE jqis ukoll li huwa meħtieġ li jifassal qafas ġdid għall-kooperazzjoni fl-investment, bi standards imtejba għall-protezzjoni tal-investituri flimkien ma' dispożizzjoni għal mekkaniżmu imparzjali għas-soluzzjoni tat-tilwim, aspekk li se jsaħħaħ il-fiduċja tas-suq fil-kapaċità tal-ekonomija biex tegħleb turbulenzi politiċi fil-ġejjieni. Tali qafas għandu jikkunsidra it-tħassib dwar il-protezzjoni tal-investitur <sup>(19)</sup>.
- 9.9. Ovvjament il-ftehim il-ġdid irid ikun fiha dispożizzjonijiet rigorużi dwar miżuri protezzjonisti u diskriminatorji kontra prodotti barranin u tariffi supplimentari jew moħbija, li l-leġislazzjoni kummerċjali tal-UE riveduta tirregola kontra tagħhom. Aktar leġislazzjoni robusta se tkun meħtieġa wkoll fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, il-korruzzjoni u l-ekonomija klandestina, u jrid ikun hemm kooperazzjoni istituzzjonali aktar mill-qrib fil-ġlieda kontra l-kriminalità transkonfinali.

Brussell, l-14 ta' Diċembru 2016.

*Il-President*  
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*  
Georges DASSIS

---

<sup>(19)</sup> Xi wħud minn dawn il-punti ta' tħassib kienu miġbura fil-qosor fil-punt 8.8 tal-Opinjoni tal-KESE "Il-pożizzjoni tal-KESE dwar kwistjonijiet speċifiċi ewlenin fin-negozjati tas-Sħubija Trans-Atlantika ta' Kummerċ u ta' Investment (TTIP)" (ĠU C 487, 28.12.2016, p. 30).

**Opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Komitat tar-Reġjuni ‘Lejn Ħajja b’Dinjità: minn dipendenza fuq l-ghajjnuna għal ħajja indipendenti — Lejn Ħajja b’Dinjità: minn dipendenza fuq l-ghajjnuna għal ħajja indipendenti”**

[COM(2016) 234 final]

(2017/C 075/23)

Relatur: **is-Sur Michael McLOUGHLIN**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea: 21.6.2016
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Relazzjonijiet Esterni
Adottata fis-sezzjoni speċjalizzata	16.11.2016
Adottata fil-plenarja	14.12.2016
Sessjoni plenarja Nru	521
Riżultat tal-votazzjoni	203/0/1
(favur/kontra/astensjonijiet)	

## 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

### Rakkomandazzjonijiet dwar “Lejn Ħajja b’Dinjità”

1.1. Il-Komitat jaħseb li l-komunikazzjoni “Lejn Ħajja b’Dinjità” hija dokument ambizzjuż u f’waqtu li jsegwi l-aħjar Prattika fl-ghajjnuna għall-iżvilupp u umanitarju. L-UE trid tkun konxja tal-isfidi involuti biex dan iseħħ.

1.2. Il-Komitat jaħseb li r-reġjuni ġeografiċi definiti u ċari li joħlqu l-ispustar furzat joffru l-opportunità biex l-azzjonijiet ikunu speċifiċi u ffokati u jiġu żgurati reazzjonijiet konġunti madwar il-Kummissjoni Ewropea u istituzzjonijiet oħra.

1.3. Il-Komitat jirrakkomanda li s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, b’rabta mal-Istati Membri, għandu jiżviluppa strateġija politika ta’ livell għoli biex jikkollabora mal-istati u l-organizzazzjonijiet internazzjonali fir-rigward tal-Komunikazzjoni dwar “Lejn Ħajja b’Dinjità”, fid-dawl tal-isfidi ġeopolitiċi ewlenin involuti.

1.4. Il-Komitat jirrakkomanda li flimkien mal-Komunikazzjoni għandhom jiġu żviluppati approċċi ddedikati għal kwistjonijiet ewlenin għan-nisa u ż-żgħażaġh, u dawn il-gruppi jridu jkunu kkonsultati u involuti fi kwalunkwe implimentazzjoni.

1.5. Il-Komitat jaħseb li filwaqt li approċċ imsejjes fuq l-iżvilupp jista’ jipproduċi riżultati konsiderevoli bil-baġit attwali, il-possibilità tal-bżonn għal iżjed riżorsi għandu jibqa’ jitqies.

1.6. Il-Komitat jappoġġja l-proposta li s-soċjetà ċivili, l-utenti aħħarin, l-imsieħba fl-iżvilupp u l-NGOs għandhom jiġu involuti fl-implimentazzjoni u biex il-Komunikazzjoni tkun operattiva.

1.7. Il-Komitat jirrakkomanda li jiġu msaħħa u mtejba strutturi u proċessi ta’ dialoġu soċjali u ċivili fil-pajjiżi msieħba u ospitanti sabiex jgħinu fl-implimentazzjoni tal-Komunikazzjoni.

1.8. Il-Komitat jirrakkomanda azzjoni ekonomika fir-reġjuni affettwati sabiex tiġi appoġġjata u żviluppata l-intraprenditorija bħala triq ta’ żvilupp fattibbli għal ħafna persuni spostati b’mod furzat.

1.9. Il-Kumitat jirrakkomanda li l-azzjonijiet dwar is-saħħa għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lis-saħħa mentali u l-mard mentali u jkunu konsistenti mal-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar Persuni b'Diżabilità.

1.10. Il-Kumitat jirrakkomanda li l-azzjonijiet dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ għandhom jissejju fuq approċċ ta' taġlim tul il-ħajja u l-possibilità li l-programmi tal-UE jkunu disponibbli għall-persuni spustati b'mod furzat, fejn rilevanti.

1.11. Il-Kumitat jirrakkomanda li l-ogħla standards ta' responsabbiltà u trasparenza għandhom jiġu applikati fl-applikazzjoni ta' approċċ ta' żvilupp.

1.12. Il-Kumitat jappella għal responsabbiltà parlamentari fil-livell tal-UE u nazzjonali, kif ukoll sorveljanza minn korpi rilevanti oħrajn bħala parti minn sforz lejn approċċ immexxi mill-iżvilupp.

## 2. Kuntest

2.1. L-għadd ta' persuni spustati b'mod furzat (rifuġjati, persuni spustati internament u persuni li jitolbu aži) huwa wieħed mill-kwistjonijiet ewlenin għall-komunità internazzjonali, u sfortunatament jidher li m'hemm l-ebda soluzzjoni għall-kunflitti fis-Sirja, partijiet fl-Afrika, u postijiet oħra. Fil-qalba ta' din l-isfida ta' politika hija l-emerġenza ta' klassi permanenti ta' persuni spustati li jibqgħu fl-istess post għal ħafna snin wara li ġew spustati oriġinarjament.

2.2. Din is-sitwazzjoni tippreżenta għadd ta' kwistjonijiet, l-ewwel nett li t-tweġibiet tal-komunità internazzjonali huma ddominati minn rispons "ta' emerġenza" meta reġim aktar fit-tul imsejjes fuq l-iżvilupp kien ikun iżjed adatt. Is-soluzzjoni ta' din id-dilemma hija diffiċli, billi l-bidliet jistgħu jqajmu ħafna kwistjonijiet għall-pajjiżi ospitanti, id-donaturi, l-NGOs u l-persuni spustati stess li jiddependu fuq l-approċċ.

2.3. Iżjed minn ħamsa u sittin miljun ruħ kienu kkunsidrati spustati b'mod furzat fl-2015, b'21,2 miljun ta' dawn ikunu refuġjati u 40,8 miljun spustati internament, filwaqt li 3,2 miljun kienu qed jitolbu asil. Il-pajjiżi li jipprovdu l-biċċa l-kbira tal-persuni spustati b'mod furzat huma s-Sirja, l-Afganistan, is-Somalja, is-Sudan t'Isfel u r-Repubblika Demokratika tal-Kongo. Pajjiżi ġirien qed jakkomodaw ammont kbir ta' refuġjati filwaqt li persuni spustati internament jibqgħu fil-konfini ta' dawn l-istati.

2.4. Għar-refuġjati, il-pajjiżi ewlenin fil-viċinat huma l-Pakistan, l-Iran, it-Turkija, il-Lebanon, il-Ġordan u l-Etjopja. Fid-dinja kollha, it-Turkija hija l-pajjiż bl-ikbar ammont ta' refuġjati. Barra minn hekk, iċ-ċifri huma għoljin immens għal ħafna pajjiżi, bħall-Ġordan u l-Lebanon fuq bażi *per capita*. Għall-persuni spustati internament, il-pajjiżi ewlenin huma s-Sirja (6,6 miljun), Kolombja (3,6 miljun), l-Iraq (3,3 miljun), is-Sudan (3,2 miljun), il-Jemen (2,5 miljun) u n-Niġerja (2,1 miljun).

2.5. L-Unjoni Ewropea hija l-entità prinċipali ta' appoġġ għall-għajnuna għall-iżvilupp u l-għajnuna ta' emerġenza fid-dinja llum. Dan il-fatt huwa wieħed mill-karatteristiċi kruċjali tal-valuri tal-UE u l-Istati Membri tagħha. L-UE fittxet ukoll għal aktar koerenza u effikaċja fl-għajnuna tagħha u r-risponsi ta' emerġenza permezz ta' aktar koordinazzjoni fil-pajjiżi fil-mira tal-isforzi tal-Istati Membri u l-approċċ tal-UE.

2.6. L-UE pprovdi aktar minn EUR 1 biljun ta' għajnuna umanitarja ddedikata għall-persuni spustati b'mod furzat fl-2015. F'April 2016 il-Kummissjoni Ewropea fassoċjazzjoni mal-SEAE adottat approċċ immexxi mill-iżvilupp lejn l-ispostar b'mod furzat. Il-Komunikazzjoni "Lejn Ħajja b'Dinjità" tispjega għall-ewwel darba kif l-UE tħares lejn sforzi favur dispensa fil-qasam tal-appoġġ għal persuni spustati b'mod furzat.

2.7. "Lejn Ħajja b'Dinjità" tfisser l-isfidi li qed jiffaċċjaw persuni spustati b'mod furzat. Tispjega b'mod ċar l-argument li l-vulnerabilità tal-persuni spustati għandha tkun ta' kunsiderazzjoni primarja, anke qabel l-istatus legali tagħhom. Il-komunikazzjoni hija bbażata fuq approċċ komprensiv lejn l-għajnuna għall-iżvilupp u l-approċċ tal-UE lejn ir-reżiljenza f'dan il-qasam, u b'hekk tevita "approċċ lineari". Qed tfttx li timxi lil hinn minn approċċ ta' "sajlos" lejn approċċ ta' politika u li jingħalaq id-distakk bejn id-dinja umanitarja u dik li qed tiżviluppa, li xi kultant jaf ikun kbir.

2.8. Il-Kummissjoni temmen li m'għandux ikun hemm spiża żejda involuta f'dan l-approċċ ġdid, peress li huwa mod kif jiġu magħquda finanzjamenti li diġà jeżistu. Tingħata enfasi kbira lill-gvernijiet ospitanti u lill-imsieħba implimentattivi. B'mod simili, huma appoġġjati sistemi ta' twissija bikrija u l-involvement bikri tal-atturi kollha. Huma msemmeja eżempji ta' prattiki li diġà jeżistu relatati ma' ppjanar konġunt tal-pajjiżi u l-ipprogrammar strateġiku. Miri komuni u programmar huma prijoritizzati.

2.9. Żewġ elementi ta' qafas ta' politika ġdid huma previsti b'azzjonijiet supplimentari, bħal: relazzjoni iżjed b'saħħitha bejn il-qasam umanitarju u dak tal-iżvilupp u impenn strateġiku mal-imsieħba, inkluż is-settur privat. Hemm ukoll fokus settorjali b'azzjonijiet fl-edukazzjoni, is-suq tax-xogħol (inkluż id-djalogo soċjali) u l-aċċess għal diversi servizzi bħall-akkomodazzjoni, l-ilma, is-sanitazzjoni, eċċ.

### 3. Kummenti ġenerali

#### Kunsiderazzjonijiet ġeopolitiċi

3.1. B'mod globali, il-Komunikazzjoni "Lejn Ħajja b'Dinjità" hija inizjattiva li għandha tiġi mfaħħra, li tniedi viżjoni kuraġġuża għall-aġġustament strateġiku fil-politika mmirat lejn l-indirizzar ta' kwistjonijiet reali u b'enfasi fuq il-ħtieġa ta' bidla sabiex jieħdu benefiċċju dawk li jeħtiġuh l-iżjed. Hi konformi ma' ħafna mill-iżvilupp fil-ħsieb fis-settur u ta' dawk li jaħdmu fil-qasam, tagħlaq id-distakk bejn il-ħidma umanitarja u tal-għajnuna, u tiffoka fuq il-ħtiġijiet l-iżjed fit-tul bħas-saħħa u l-edukazzjoni. L-UE għandha awtorità konsiderevoli f'dan il-qasam u hija parti interessata importanti, u flimkien mal-Istati Membri tista' tħalli impatt reali. Nilqgħu l-ambizzjoni tal-proposti f'din il-Komunikazzjoni. L-UE u atturi oħra ridu jkunu ċari dwar id-daqs tal-kompitu, filwaqt li jżommu l-approċċ ambizzjuż involut.

3.2. Għandha tiġi meqjusa b'mod adegwat l-importanza tal-ġeopolitika f'dan il-qasam. Fil-fatt, il-koll kemm aħna rajna kif fl-UE stess sfaxxaw fix-xejn il-pjani b'intenzjonijiet tajba relatati mar-risistemazzjoni ta' għadd ħafna iżgħar ta' refuġjati. Persuni spostati jkunu ġejjin minn kunflitti kumplessi u sensitivi u sfortunatament ma jiqfux ikunu soġġetti għal dawn il-kunflitti wara li jkunu spostati. Kull bidla fil-politika jew fl-approċċ, tkun kemm tkun b'intenzjonijiet tajba jew b'appoġġ wiesa' tad-donaturi, jista' jkollha l-potenzjal li twassal għal riżultati jew impatti mhux mistennija b'xi mod mhux mistenni fuq il-kunflitt stess. Dan l-impatt jista' jkun fuq l-istati jew ir-reġjuni fil-viċinat jew fuq bilanċi sottili ħafna ta' etniċità, setgħa jew ġeopolitika. Dan jista' jkun il-każ b'mod partikolari jekk popolazzjoni li hija "temporanja" tibda titqies "permanenti". Pajjiżi bħal-Lebanon u l-Ġordan diġà qed iħossu dawn il-pressjonijiet. Eżempji pożittivi mill-Komunikazzjoni bħall-aċċess għall-art fl-Uganda jistgħu jgħinu f'dan ir-riġward.

3.3. L-istati li huma l-bażi għal għadd konsiderevoli ta' persuni spostati b'mod furzat ġieli jkunu stati fraġili jew dgħajfa li jfisser li l-kwistjoni ta' sensitività ġeopolitika ssir iżjed reali. F'każi oħra, l-istat "ospitanti" jista' jkun reġim awtokratiku, iżda s-sensittività tkompli. Inevitabbilmment, jista' jkun diffiċli tiddistingwi bejn "ġirien", "ospiti" u partijiet fil-kunflitt, u jafu jkunu pjuttost fluwidi. Fil-fatt, ta' sikwit ikun hemm rabtiet bejn il-kunflitt innifsu u l-pajjiżi ġirien jew sottokategoriji tal-popolazzjonijiet fit-tnejn li huma. Ospitu, ġar jew reġjun jistgħu "jakkwistaw" jew "jartilfu" minn kwalunkwe bidla fl-istatus ta' persuni spostati b'mod furzat, u jistgħu jirreaġixxu.

3.4. Ta' min ifaħħar li hija tema rikorrenti fil-Komunikazzjoni li jissemmew il-vuċijiet lokali. Madankollu, f'ċirkostanzi limitati, dawn jistgħu jkunu ilħna partiġġjani jew influwenzati mill-kunflitt, jew mis-sensiela ta' ċirkostanzi usa' li wasslu għall-kunflitt. L-isfida li titħeġġeġ ix-xewqa f'ħafna reġjuni għal iżjed permanenza tal-persuni spostati ma tistax tiġi sottovalutata. Id-deċiżjoni reċenti biex jingħalaq il-kamp ta' Dadaab fil-Kenja, li ilu jeżisti 24 sena, u l-offerta ta' inċentivi finanzjarji lil refuġjati mill-Afganistan fil-Pakistan, huma eżempju tal-isfidi involuti. X'aktarx hija realtà ta' dwejjaq iżda inevitabbli li s-sovraniċità tal-ospitu tibqa' suprema fil-liġi internazzjonali, minkejja l-ħtieġa li ssir enfasi fuq il-persuni spostati b'mod furzat.

3.5. Peress li s-sigurtà hija meqjusa b'mod konsistenti bħala l-motivatur ewlieni għal persuni biex jibqgħu jew jartilqu, il-kunċett ta' twissija bikrija kif imqajjem fil-Komunikazzjoni huwa vitali. Barra minn hekk, ħafna movimenti qed jitqiesu prevedibbli. Għal darb' oħra dan isaħħaħ il-ħtieġa għal azzjonijiet politiċi b'saħħithom u l-impenn aktar qawwi biex jitmexxew 'il quddiem l-għanijiet tal-Komunikazzjoni.

### Politiki Konġunt

3.6. Il-Komunikazzjoni għustament issemmi l-ħtieġa għal politika konġunt u ħsieb konġunt, b'mod partikolari bejn id-dinja tar-rispons ta' emerġenza u dik tal-politika tal-iżvilupp. Huwa u jilqa' dan b'sodisfazzjon, il-KESE jħeġġeġ aktar ambizzjoni f'din id-direzzjoni. Jista' jkun possibbli li jiġu kkunsidrati sett usa' ta' politiki fejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha jkunu jistgħu jtejbu ħajjet dawk spostati b'mod furzat. Fid-dawl tas-sett definit ta' pajjiżi, l-oqsma jistgħu jinkludu l-kummerċ, l-għajnuna, l-armi u d-drittijiet tal-bniedem. Il-Komunikazzjoni hija wkoll b'saħħitha ħafna f'dak li jirrigwarda sinerġiji u ħsieb konġunt; dan irid jimxi lil hinn minn oqsma tradizzjonali bħal rispons ta' emerġenza u għajnuna fl-iżvilupp. Ikun interessanti li nisimgħu x'jistgħu jikkontribwixxu għal din il-ħidma d-DGs l-oħra tal-Kummissjoni, bħall-Kummerċ. Il-Komunikazzjoni tipprovi xi eżempji pożittivi, bħal dokument dwar Qafas Konġunt għall-Iżvilupp Umanitarju għall-malnutrizzjoni fit-Tramuntana tan-Niġerja, iżda jkun importanti li nuru li dan l-approċċ huwa sistematiku, partikolarment fi Brussell.

3.7. Xi NGOs umanitarji esprimew dubji dwar jekk dawn il-kompiti humiex adatti għall-umanitarji u jekk il-karattru distintiv tal-assistenza umanitarja jinżammx f'azzjoni bħal din. L-ODI bbażat f'Londra temmen li s-sistema ta' assistenza umanitarja teħtieġ bidla radikali fid-dawl taċ-ċirkostanza mibdula li tinsab fiha u minħabba l-għadd limitat ta' donaturi u riċevituri.

Filwaqt li l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tgħid li m'għandux ikun hemm kwalunkwe spiża ġdid fl-implimentazzjoni ta' "Lejn Ħajja b'Dinjità", m'għandhiex tiġi injorata l-kapaċità li jiġi attratt finanzjament ġdid jew li jiġu stabbiliti sinerġiji akbar.

### Politiki tal-UE dwar ir-Refuġjati u Persuni li qed ifittxu l-Ażil

3.8. "Lejn Ħajja b'Dinjità" tindirizza kwistjonijiet separati u distinti mill-politiki proprji tal-UE dwar refuġjati u l-ażil. Madankollu, hemm xi ftit ta' konnessjoni, b'mod partikolari f'relazzjoni mal-bżonn ta' politika tanġibbli u kontinwa ta' risistemazzjoni, għal ċertu għadd ta' persuni spostati b'mod furzat. Barra minn hekk, l-awtorità morali tal-UE f'dan il-qasam tista' tonqos wara l-arranġamenti stabbiliti mat-Turkija, l-istess bħalma jista' jkun il-każ fir-rigward ta' ċerti Stati Membri. Dan ifisser li hija dejjem iżjed importanti l-aderenza għall-ogħla livelli ta' liġi internazzjonali u l-aħjar Prattika meta tiġi implimentata din il-Komunikazzjoni. Huwa importanti l-involvement tal-utenti aħħarin fit-twassil tal-politika. Id-djalogu soċjali u ċivili joffri potenzjal kbir hawnhekk. Il-politiki ta' integrazzjoni fl-UE wkoll iridu jittejjeb u huma rilevanti għall-ispustar b'mod furzat billi r-risistemazzjoni ta' ħafna persuni li ġew spostati b'mod furzat trid tkun alternattiva. Dawn jinkludu d-dritt għal impjeg, l-appoġġ lingwistiku u miżuri kontra d-diskriminazzjoni. L-iżvilupp reċenti ta' "kurituri umanitarji" piloti, b'mod partikolari mill-Gvern Taljan iżda wkoll f'pajjiżi oħra tal-UE, l-Iżvizzera, il-Kanada u l-Istati Uniti, għandu jkun rakkomandat f'termini ta' risistemazzjoni.

### Monitoraġġ, Sorveljanza u Responsabbiltà

3.9. Hija ċara l-ħtieġa għall-ogħla standards ta' responsabbiltà u trasparenza għall-finanzjament kollu umanitarju u ta' iżvilupp. Kwalunkwe sforz lejn approċċ ġdid għall-persuni spustati b'mod furzat irid jissodisfa l-ogħla standards ta' responsabbiltà. L-infiq kollu għandu jkun soġġett għal sorveljanza mill-Parlament Ewropew, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, l-OLAF u l-Ombudsman Ewropew, kif ukoll il-korpi nazzjonali ekwivalenti fejn dan ikun rilevanti.

## **4. Kummenti speċifiċi**

4.1. Filwaqt li l-Komunikazzjoni tiffoka fuq kunflitti u żoni minsija b'għadd kbir ta' persuni spustati b'mod furzat, qed jiġu enfasizzati dawk bl-ikbar numru ta' persuni spustati fuq tul ta' żmien twil. Minkejja s-sensitivitajiet politiki ta' sitwazzjonijiet partikolari, xi kunflitti jitolbu attenzjoni speċifika minħabba n-natura mtawla ħafna tagħhom. Il-każi tal-punent tas-Sahara u tal-Palestinjani hawnhekk huma rilevanti. Is-sitwazzjoni fl-Ukrajna titlob attenzjoni speċjali wkoll, billi l-pajjiż jinsab fil-viċinat immedjat tal-UE.

4.2. Il-Komunikazzjoni tgħid b'mod ammirvoli li l-istatus legali ta' persuni spostati b'mod furzat m'għandux jitqies fir-rigward ta' assistenza umanitarja u għajnuna għall-iżvilupp fuq medda itwal ta' żmien; dan il-punt huwa milqugħ b'sodisfazzjon. Madankollu, f'ċerti ċirkostanzi jista' jkun hemm vantaġġ fejn status legali jagħti xi sigurtà u utilità lil persuna spustata, pereżempju meta il-persuna tissodisfa l-kriterji taħt il-Konvenzjoni tal-1951, meta jkollha ċittadinanza tal-pajjiżi ospitanti jew ta' pajjiż terz, meta t-ftal tagħha għandhom tali ċittadinanza jew meta hi nnfisha tkun minuri jew f'sitwazzjonijiet oħra rilevanti. Dan pereżempju għandu jkun rilevanti ħafna għall-minorenni mhux akkumpanjati.

4.3. L-approċċ tal-Komunikazzjoni jista' jibbenefika minn xi verifiki minn barra jew indipendenti u minn rigorożità akkademika mill-oqsma tax-xjenzi soċjali jew il-psikoloġija. Eżempji ta' dawn l-approċċi jistgħu jinkludu l-ġerarkija ta' bżonnijiet ta' Maslow jew l-iżvilupp komunitarju msejjes fuq l-assi. Naturalment, hemm ħafna eżempji ta' dawn, iżda hija meħtieġa enfasi fuq bżonnijiet umani ogħla mill-eżistenza fiha nnifisha biss.

4.4. L-approċċ prinċipali tal-Komunikazzjoni lejn it-turija tad-dimensjoni operattiva tal-bidla prevista huwa permezz ta' eżempji attwali. Dawn huma ta' valur kbir. Filwaqt li d-dimensjoni operattiva tista' tkun għall-futur, ikun ta' valur li tiġi ċċarata u żviluppata. Fi kliem ieħor, kif se tkun tidher, liema huma l-istrumenti proprji, u se tkun immexxija biss mill-għajnuna? Dawn huma kwistjonijiet importanti għal ħafna partijiet interessati bħall-Istati Membri, l-NGOs, il-ħaddiema fil-qasam tal-assistenza, u naturalment il-persuni spustati wkoll. Kull proċess ta' bidla jista' joħloq il-biża'. Anke meta tqis in-nuqqas ta' funzjonament ta' kwalunkwe reġim, l-alternattiva ssoltu jkollha t-telliefa u r-rebbieħa u l-istabbiliment bikri tal-aspetti operattivi jista' jgħin biex dan jiġi indirizzat.

4.5. B'mod simili, ikun importanti li jiġu stabbiliti t-tweġġiq u t-trażmissjoni ta' approċċ ġdid, b'mod partikolari f'relazzjoni mal-aġenziji multilaterali rilevanti, l-istati li mhumiex fl-UE u l-NGOs. Filwaqt li l-UE hija attur importanti u fil-fatt titqies bħala mexxejja f'dan il-qasam, mhijiex l-unika wieħed. Dawn il-partijiet interessati jista' jkollhom prijoritajiet differenti u li jikkompetu bejniethom. Meta wieħed iqis it-taħlita ta' fondi u sforzi involuti f'ħafna operazzjonijiet, aġenda komuni hija ta' importanza kritika.

4.6. Id-demokrazija u l-governanza tajba huma essenzjali jekk l-għajnuna se tkun vantaġġuża u fir-realtà tasal għand dawk li kienu maħsuba biex ikunu l-benefiċjarji tagħha. L-istat tad-dritt huwa ta' importanza fundamentali hawnhekk, l-istes bħal miżuri effettivi kontra l-korruzzjoni. Fil-passat kien stmat li sa 40 % tal-finanzjament ġie allokat jew għax-xiri ta' armi jew għall-arrikkiment personali ta' politiċi ewlenin. L-istat tad-dritt huwa essenzjali wkoll biex jiġi żgurat li s-soċjetà ċivili jkollha vuċi effettiva u taqdi rwol importanti ta' monitoraġġ, mingħajr il-biża' ta' intimidazzjoni jew priġunerija sussegwenti.

4.7. Ġustament qed issir enfasi konsiderevoli fuq l-ippjanar fid-dokument; madankollu, l-avvenimenti jistgħu jipprogressaw b'aktar ħeffa f'dan il-qasam u l-ħin huwa ta' importanza essenzjali. Kwalunkwe approċċ jew pjan operattiv għandu jkun kapaċi jiġi implimentat malajr ħafna.

4.8. Bħal fl-oqsma kollha jista' jkun hemm lingwaġġ u terminoloġija speċifiċi għal dan il-qasam fil-Komunikazzjoni u bnadi oħra. L-iżvilupp ta' politika għandu kemm jista' jkun jevita l-użu ta' kliem tekniku. Qed tingħata ħafna attenzjoni lil ideat bħal sinerġiji, strateġiji, pjani u ħsieb konġunt. Approċċi jew direzzjonijiet iżjed konkreti jistgħu jintużaw f'dawn l-oqsma.

4.9. Id-dispożizzjonijiet dwar id-djalogu soċjali fil-Komunikazzjoni huma milqugħa b'sodisfazzjon u għandhom jiġu rikonoxxuti fid-dispożizzjonijiet rilevanti kollha tagħha. L-elementi edukattivi u tas-suq tax-xogħol tal-azzjonijiet proposti għandhom jikkunsidraw enfasi akbar fuq l-impjeg awtonomu u l-intraprenditorija. Tali attività ta' spiss tkun viżibbli fil-kampijiet għall-persuni spostati u l-kreattività tista' ssir riżultat inevitabbli tas-sitwazzjoni li jsibu ruħhom fiha dawn il-persuni. Dan huwa kkonfermat minn rapport tal-Bank Dinji dwar l-ispustar bil-forza.

4.10. Huwa raġonevoli li wieħed jistaqsi liema approċċ għandu jittieħed għall-futur. Bħal kull bidla fil-politika, ser ikun hemm perjodu ta' tranżizzjoni. Se jkun hemm akkumululu jew sistema fuq żewġ binarji? 25,1 miljun ruħ bħalissa jitqiesu li huma spustati għal żmien imtawwal iżżejjed. Ambjent differenti kif jista' jiġi ġestit jekk tkompli din is-sitwazzjoni?

4.11. L-involvement tas-soċjetà ċivili fil-livell lokali kif ukoll l-utenti aħħarin (il-persuni spustati) huwa ta' tħassib importanti. Strutturi konsultattivi ġeneralment jeżistu fil-kampijiet iżda fil-każ tal-pajjiżi ospitanti? Dan jista' jkun sfida konsiderevoli iżda minkejja kollox, irid ikun parti minn kwalunkwe bidla fil-politika. Mhuwiex diffiċli li wieħed jipprevedi kemm se tista' tkun diffiċli għal persuni spustati internament f'ħafna kunflitti.

4.12. Bħal kull bidla ewlenija fil-politika, u partikolarment fid-dawl tal-ħtieġa għal iżjed trasparenza, għandhom jiġu żgurati miżuri ta' sorveljanza għall-approċċ il-ġdid, inklużi l-atturi rilevanti tas-soċjetà ċivili u l-NGOs. Jista' jkun utli hawnhekk l-eżempju ta' mekkaniżmi ta' monitoraġġ tas-soċjetà ċivili li jkopru l-kapitoli dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli fi ftehimiet ta' kummerċ eżistenti tal-UE.



4.13. Ir-riġenerazzjoni ekonomika tar-reġjuni se tkun meħtieġa jekk il-persuni spustati b'mod furzat li jgħixu fihom se jkunu jistgħu jibbenefikaw. Ir-reġjuni fejn l-ispustat furzat huwa kkonċentrat madankollu huma wħud mill-ifqar fid-dinja u jipprovdu wkoll ambjent ħażin għall-protezzjoni tan-negozji u l-ħarsien soċjali. Għal darb' oħra, in-natura ffokata mil-ġeografiku tal-ispustar furzat għandha toffri soluzzjonijiet hawnhekk, bħal pjani ta' investment reġjonali, politiki fiskali u l-iżvilupp tal-infrastruttura. L-appoġġ akbar għall-intraprenditorija għandu jkun inkluż fi kwalunkwe approċċ għall-iżvilupp ekonomiku. Id-dinjità fl-impjieg u impjieg ta' kwalità jridu wkoll jingħataw prijorità flimkien mal-involvement mal-imsieħba soċjali.

4.14. Ħafna mir-reġjuni u l-pajjiżi li jospitaw persuni spustati b'mod furzat għandhom prestazzjoni baxxa skont ħafna mill-indikaturi ekonomiċi u jistgħu jitqiesu bħala diffiċli għal negozji biex joperaw fihom. Il-bżonn ta' data ta' kwalità huwa msemmi wkoll mill-Bank Dinji u oħrajn. L-opportunità ekonomika trid tkun fiċ-ċentru ta' rispons immexxi mill-iżvilupp lejn l-ispustar furzat u dan iżid il-ħtieġa li atturi oħrajn fl-UE jappoġġjaw b'mod attiv il-Komunikazzjoni.

4.15. L-impjieg minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili lokali u fil-kampijiet, u fir-rispons ġenerali għall-ispustar, bħalissa huwa komuni u jitqies bħala l-aħjar Prattika. Dan għandu jkun aspett importanti u ċar tal-azzjonijiet rigward l-impjieg.

4.16. Azzjonijiet dwar is-saħħa għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lis-saħħa mentali u l-mard mentali – qasam importanti ħafna u ġieli mogħti l-ġenb għal persuni spustati b'mod furzat. Il-maġġoranza kbira tal-persuni spustati b'mod furzat tbatiminn PTSD u problemi mentali oħrajn minħabba tranżizzjonijiet stressanti ħafna. Il-kura sistematika u fit-tul tas-saħħa mentali tagħhom fil-pajjiżi ospitanti hija mxeġkka minn nuqqas ta' ħaddiema kwalifikati tal-kura tas-saħħa. Dan in-nuqqas jista' jiġi kkompensat billi l-persuni spustati b'mod furzat li għandhom problemi mentali jiġu involuti fis-servizzi pubbliċi għal appoġġ psikoloġiku u billi jiġu meħjuna inizjattivi tas-soċjetà ċivili li jipprovdu servizzi ta' konsulenza psikoloġika għal persuni spustati fil-livell lokali.

4.17. Il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, u b'mod partikolari l-Artikolu 11, għandha tkun id-dokument determinanti fl-indirizzar tad-dispożizzjonijiet għal persuni b'diżabilità spustati b'mod furzat.

4.18. L-impatt tal-ispustar furzat fuq in-nisa u l-bniet huwa partikolarment gravi. Għalkemm jeħtieġ iżjed informazzjoni, kwistjonijiet ewlenin huma riskju ikbar ta' vjolenza sesswali u vjolenza bbażati fuq il-ġeneru, kif ukoll it-traffikar. Barra minn hekk, għandha tiġi rispettata s-sensittività għall-ġeneru fil-forniment ta' servizzi, pereżempju rigward kwistjonijiet bħall-privatezza. Riskji ikbar tal-kumplikazzjonijiet fit-tqala wkoll ġew osservati.

4.19. Il-forniment tal-edukazzjoni naturalment huwa rispons importanti. Kwalunkwe ċaqliq lejn approċċ iżjed effettiv fuq perjodu ta' żmien itwal għandu jkun evidenti fit-tip, il-livell u l-ammont ta' appoġġ fl-edukazzjoni. Approċċ ta' tagħlim tul il-ħajja jista' jgħin f'dan ir-rigward sabiex tiġi rikonoxxuta d-diversità ta' ħtiġijiet. Fid-dawl tal-importanza u l-ammont ta' tfal u żgħażaġħ fost dawk spustati b'mod furzat, għandha tiġi kkunsidrata l-estensjoni tal-programmi tal-UE biex jinkludu żgħażaġħ spustati b'mod furzat, pereżempju l-Erasmus jew programmi rilevanti oħrajn.

4.20. L-ispustar bil-forza qed isir dejjem iżjed kwistjoni urbana minflok ikun ristrett għall-kampijiet. Hemm bżonn ta' bidla fil-perċezzjoni tal-pubbliku u d-donaturi f'dan ir-rigward. Jidher ċar li t-taħlita ta' politika involuta sabiex isir ċaqliq lejn approċċ immexxi mill-iżvilupp trid tirrifletti dan f'termini ta' ppjanar u kwistjonijiet bħall-akkomodazzjoni, it-trasport, is-saħħa u l-edukazzjoni.

Brussell, l-14 ta' Diċembru 2016.

*Il-President*  
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*  
Georges DASSIS

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Politika integrata tal-Unjoni Ewropea  
dwar l-Artiku”**

[JOIN(2016) 21 final]

(2017/C 075/24)

Relatur: **is-Sur Stéphane BUFFETAUT**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 27.4.2016
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Relazzjonijiet Esterni
Adottata fis-sezzjoni	16.11.2016
Adottata fil-plenarja	14.12.2016
Sessjoni plenarja Nru	521
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	218/1/4

### 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jagħraf sew l-importanza tar-reġjun tal-Artiku għall-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari għar-Renju tad-Danimarka, il-Finlandja u l-Iżvezja, li huma membri tal-Kunsill tal-Artiku.

1.2. Iżda huwa daqstant ieħor konxju tal-fatt li l-Unjoni Ewropea taġixxi biss bħala osservatur fil-Kunsill tal-Artiku, anke jekk *de facto*, setgħet tmur lil hinn mir-rwol strett ta' osservatur. Fil-passat, il-Kumitat xtaq li jissaħħaħ ir-rwol tal-UE fir-reġjun tal-Artiku (ara l-Opinjoni REX/371 tas-Sur Hamro-Drotz) <sup>(1)</sup>.

1.3. Il-KESE jenfasizza li l-UE għandha siġġu jew tipparteċipa f'korpi internazzjonali oħra li jittrattaw ukoll kwistjonijiet marbutin mal-Artiku u li, għalhekk, hija f'pożizzjoni li testendi l-influwenza tagħha. Dan huwa partikolarment minnu fir-rigward tat-tibdil fil-klima, il-ftehimiet marittimi u l-liġi tal-baħar, is-sajd u anke ċerti aspetti tal-politika spazjali.

1.4. Minn naħa, il-Komunikazzjoni hija bbażata fuq tliet pilastru, li huma t-tibdil fil-klima, l-iżvilupp sostenibbli u l-kooperazzjoni internazzjonali filwaqt li, min-naħa l-oħra, l-effettività tiddependi mir-riżultati ta' din il-kooperazzjoni internazzjonali, u l-iżvilupp sostenibbli huwa l-prijorità għar-rappreżentanti tal-popli li jgħixu fir-reġjun. Fid-dawl ta' dan, il-KESE jissuġġerixxi li tinqaleb l-ordni ta' preżentazzjoni tal-għanijiet tal-UE għal raġunijiet ta' leġġibbiltà u effettività, peress li l-għanijiet u l-proġetti msemmijin mill-Kummissjoni huma ta' min ifaħħarhom u l-intenzjoni tagħhom ma tantx tista' tiġi kkritikata.

1.5. Waħda mill-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima kienet il-ftuħ tal-passaġġi fuq l-ilma ġodda fit-Tramuntana, il-famuż “passaġġ tat-Tramuntana” li kien diġà pprova jiskopri Chateaubriand mingħajr suċċess fl-aħħar tas-seklu 18. Dan l-iżvilupp jiftaħ possibbiltajiet konkreti ġodda għat-tbajr, is-sajd u saħansitra t-tħaffir li min-naħa tagħhom iwasslu għal żieda fir-riskji tal-“inċidenti tal-baħar” jew inċidenti tat-tħaffir li jirrikjedu infrastruttura ta' salvataġġ li mhumiex preżenti fuq il-post. Il-Kumitat għalhekk jirrakkomanda li tingħata l-akbar importanza lill-kwistjonijiet ta' sigurtà u sikurezza, mhux biss fil-qasam tat-trasport iżda wkoll f'dak tat-tħaffir. U jenfasizza li għad ma nafux il-konsegwenzi ambjentali tal-ftuħ ta' dawn il-passaġġi navigabbli minħabba li s-silġ qed idub.

1.6. F'dan ir-rigward, il-Kumitat jenfasizza li l-użu ta' Galileo jista' jikkontribwixxi għas-sorveljanza u l-prevenzjoni ta' diżastri marittimi u tat-tniġġis, u l-fatt li għad trid tingħata prova tal-utilità tiegħu fil-każ speċifiku tar-reġjun tal-Artiku. Il-KESE jisħaq ukoll fuq l-importanza li politiki Ewropej oħra – apparti, naturalment, il-politiki klimatiċi u ambjentali – jintegraw il-konsiderazzjonijiet marbutin mal-Artiku. Dan japplika b'mod partikolari għall-politika strutturali, il-politika agrikola komuni, il-politika tas-sajd u l-politika marittima tal-UE.

<sup>(1)</sup> ĠU C 198, 10.7.2013, p. 26.

1.7. Il-KESE huwa tal-fehma li l-prinċipji tas-sajd responsabbli huma intiżi sabiex japplikaw fir-reġjun tal-Artiku u li l-iżvilupp potenzjali tat-turiżmu u attivitajiet ekonomiċi oħra għandu jsewgi loġika ta' responsabbiltà u ta' konservazzjoni ta' dan l-ambjent – li huwa fraġli daqskemm hu sensitiv – u li diġà ġie affettwat b'mod qawwi mit-tisħin tal-emisfera tat-Tramuntana.

1.8. Huwa jenfasizza wkoll li l-popolazzjonijiet lokali, filwaqt li għandhom l-għan li jippreservaw il-kulturi tagħhom, jixtiequ wkoll ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-opportunitajiet ipprovduti mill-iżvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli, li l-iżjed li jsiru possibbli huwa permezz ta' titjib fil-mezzi ta' komunikazzjoni tanġibbli u intanġibbli. Il-KESE jitlob li s-soċjetà ċivili tkun tista' taqdi rwol attiv favur il-promozzjoni tal-interessi u l-preokkupazzjonijiet tal-popolazzjonijiet lokali li ma għandhomx ikunu spettaturi iżda atturi tal-politiki marbutin mal-Artiku. Il-KESE huwa favur protezzjoni aħjar tar-riżorsi tal-Artiku li huma l-kapital naturali tal-ġenerazzjonijiet futuri, u li wieħed jara l-bidliet ambjentali attwali fl-Artiku bħala l-kejl tal-progress Ewropew u globali dwar il-protezzjoni tal-klima. Il-preservazzjoni tar-reġjuni tal-Artiku u l-għieda kontra t-tibdil fil-klima m'għandhomx isiru mingħajr ma jitqiesu l-abitanti jew b'mod li jkun għad-detriment tagħhom.

1.9. L-għanijiet tal-politika integrata dwar l-Artiku tal-Unjoni Ewropea ma jistgħux jiġu segwiti mingħajr il-ftehim u l-appoġġ ta' Stati li mhumiex u qatt ma jistgħu jsiru Stati Membri tal-UE. Uħud minnhom huma superpotenzi globali li ma għandhomx l-istess għanijiet ekonomiċi u strateġiċi tagħhom bħal tal-UE. Is-suċċess u l-effetti konkreti ta' din il-politika tal-Artiku ser jiddependu għalhekk mill-ħila diplomatika tal-Unjoni, il-kapaċità tagħha li tagħmel dawn l-għanijiet preokkupazzjoni trasversali fl-azzjoni diplomatika tagħha f'oqsma li jmorru lil hinn mill-Artiku fis-sens strett tal-kelma, u l-kapaċità tagħha li torjenta Stati oħra lejn pożizzjonijiet li jikkonverġu mal-pożizzjoni tagħha. Il-kooperazzjoni internazzjonali hija u ser tibqa' kruċjali għal kwalunkwe politika tal-Artiku.

## 2. Introduzzjoni

2.1. Tmien pajjiżi huma stati tal-Artiku, fosthom tliet Stati Membri tal-UE: ir-Renju tad-Danimarka, il-Finlandja u l-Iżvezja. Żewġ membri li mhumiex fl-UE taż-Żona Ekonomika Ewropea, l-Islanda u n-Norveġja, kif ukoll il-Kanada, l-Istati Uniti u r-Russja huma wkoll pajjiżi Artiċi. Permezz tad-Dikjarazzjoni ta' Ottawa tal-1996, dawn it-tmien Stati waqqfu l-Kunsill tal-Artiku, li l-għan tiegħu huwa li jippromovi l-iżvilupp sostenibbli fir-reġjun mil-lat soċjali, ekonomiku u ambjentali.

2.1.1. Għaldaqstant, u mingħajr ma jiġu affettwati r-responsabbiltajiet nazzjonali, l-UE ma setgħetx tinjora l-Artiku, żona strateġika importanti, iżda l-Kummissjoni tpoġġi ħafna enfasi fuq il-kwistjoni tal-klima, fuq il-bażi tal-prinċipju li dan ir-reġjun tad-dinja jaqdi rwol ewlieni fil-qasam tal-klima filwaqt li jbati l-konsegwenzi tal-effetti tat-tibdil fil-klima. Skont studji reċenti, l-Artiku qed jisħon darbtejn iżjed mill-bqija tad-dinja. Barra minn hekk, minbarra li l-Artiku jġarrab l-effetti ta' dan it-tibdil, huwa għandu wkoll impatt qawwi ħafna fuqu. Ta' min josserva wkoll li f'dan l-ispazju jgħixu popli indiġeni.

2.1.2. Madankollu, l-UE mhijiex membru tal-Kunsill tal-Artiku iżda għandha stedina permanenti biex tattendi bħala osservatur. Iċ-Ċina, Franza, il-Ġappun, il-Ġermanja, l-Indja, l-Italja, il-Korea t'Isfel, in-Netherlands, il-Polonja, ir-Renju Unit, Singapore u Spanja għandhom status ta' osservatur. L-UE applikat għal status permanenti ta' osservatur fl-2008; għad trid tittieħed deċiżjoni finali dwar din it-talba. In-numru kbir ta' Stati li huma osservaturi fi ħdan dan il-Kunsill juri kemm il-kwistjoni tal-Artiku hija kwistjoni importanti għall-komunità internazzjonali.

2.1.3. Sadanittant, l-istituzzjonijiet rappreżentattivi u l-assoċjazzjonijiet tal-popli indiġeni huma "parteċipant permanenti" (Sami, Athabascans, il-popli indiġeni tat-Tramuntana, tas-Siberja u tal-Lvant Imbiegħed Russu, il-Kunsill Artiku tal-Alaska, eċċ.) li juri rieda ġenwina li jitqiesu d-destin u x-xewqat tagħhom mil-lat tal-iżvilupp. Dawn il-gruppi ta' popolazzjonijiet huma żgħar iżda preżenti ħafna fl-Artiku, u jirrappreżentaw kultura rikka ħafna.

2.2. Jidher li ż-żona tal-Artiku tista' tkun qasam ewlieni tal-politika tal-Unjoni li għandha l-għan li tiġġieled kontra t-tibdil fil-klima u li tillimita ż-żieda fit-temperatura iżda l-UE ma taġixxix waħidha u tiddependi minn setgħat li l-prijoritajiet tagħhom huma pjuttost orjentati lejn strateġiji militari, ekonomiċi u tat-trasport marittimu. Barra minn hekk, s'issa, il-preokkupazzjoni ewlenija tal-Kunsill tal-Artiku kienet il-kwistjoni tal-iżvilupp – sostenibbli, ovvjament – tar-reġjun.

2.3. It-tibdil fil-klima jista' jkollu impatt qawwi fuq il-kundizzjonijiet tal-għajxien tal-popolazzjonijiet li jgħixu f'din iż-żona. Huwa ċar li l-politiki dwar it-tibdil fil-klima ma għandhomx jaħdmu kontra l-popolazzjonijiet iżda għandhom ikunu pari passu magħhom u jaħdmu favurilhom.

2.4. L-importanza ekonomika taż-żona tal-Artiku għall-UE mhijiex negliġibbli. Fil-fatt tikkonsma ħafna prodotti mill-Artiku, b'mod partikolari prodotti tas-sajd u sorsi tal-enerġija. Barra minn hekk, m'għandhomx jintesew il-konsegwenzi ekonomiċi, soċjali u ambjentali tal-ftuħ ta' passaġġi fuq l-ilma ġodda. Barra minn hekk, dak li jgħodd għall-UE jgħodd ukoll għall-Istati preżenti f'din iż-żona. Għalhekk, l-Istati Uniti awtorizzaw it-tħaffir fl-Artiku.

2.5. Id-dokument tal-Kummissjoni huwa strutturat madwar tliet temi li jindirizzaw il-prijoritajiet tagħha. Il-kwistjoni hija jekk dawn humiex rilevanti:

- l-indirizzar tat-tibdil fil-klima u l-ħarsien tal-ambjent tal-Artiku;
- il-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli;
- l-appoġġ għall-kooperazzjoni internazzjonali dwar kwistjonijiet marbutin mal-Artiku.

2.6. Jeħtieġ jiġi enfasizzat li dan l-aħħar punt huwa essenzjali u, fl-aħħar mill-aħħar, jaffettwa l-ewwel żewġ punti peress li l-kontribut dirett tal-UE huwa fil-forma ta' tliet Stati Membri u din trid takkomoda tliet potenzi kbar bħall-Istati Uniti, ir-Russja u l-Kanada, il-koll b'interessi ekonomiċi u politiċi sostanzjali fir-reġjun tal-Artiku. Ta' min jinnota li ċerti Stati Asjatiċi wrew interess kbir fir-reġjun, partikolarment iċ-Ċina, il-Ġappun, il-Korea t'Isfel u Singapor.

2.7. Huwa wkoll leġittimu li wieħed jistaqsi dwar ir-rwol mogħti lil kwistjonijiet dwar it-tibdil fil-klima u l-ambjent, li huma l-preokkupazzjoni ewlenija tal-Kummissjoni iżda mhux neċessarjament tal-imsieħba internazzjonali tagħna, li jqisu l-iżvilupp sostenibbli ta' importanza konsiderevoli iżda mhux prijorità.

### 3. Kummenti ġenerali

3.1. Evidentement, il-Kummissjoni ser tagħti prijorità lill-ġlieda kontra l-effetti tat-tibdil fil-klima fl-Artiku. Hija tinsab imħassba b'mod partikolari dwar il-kwistjoni tal-permafrost li qed iddub, li l-impatt tagħha jista' jkun katastrofiku f'dak li jirrigwarda l-emissjoni tal-metan u s-CO<sub>2</sub>, u dwar il-ħarsien tal-ekosistemi lokali. Dawn il-preokkupazzjonijiet huma leġittimi iżda l-UE waħidha m'għandhiex il-mezzi biex issolvi dawn il-problemi.

3.2. Sabiex jiġu indirizzati aħjar dawn l-isfidi, il-Kummissjoni tenfasizza l-importanza tar-riċerka u l-isforzi ta' monitoraġġ tal-Artiku u tfakkar fl-isforzi finanzjarji li saru għal dan l-għan. Hija tiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa ta' kooperazzjoni internazzjonali akbar u titlob għal aċċess transnazzjonali għall-infrastruttura tar-riċerka u d-data.

3.2.1. Din l-osservazzjoni turi, jekk dan ikun hemm b'żonn, li l-effettività tal-politika tal-UE tiddependi mill-effettività tal-kooperazzjoni internazzjonali.

3.2.2. Il-Kummissjoni tistabbilixxi l-għanijiet tagħha ta' "politika klimatika" billi tagħmel referenza għall-każ partikolari tal-Artiku. Fil-prattika, il-Kummissjoni tiffaċċja din l-isfida globali: ma tistax taġixxi b'mod effettiv jekk l-għanijiet tagħha ma jkunux kondiviżi fil-livell dinji, b'mod partikolari mill-istati tal-Artiku, anke jekk tieħu miżuri speċifiċi permezz tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej. Ir-ratifika tal-Ftehim ta' Pariġi dwar it-tibdil fil-klima għandha ssaħħaħ l-effettività tal-miżuri u l-politiki fir-reġjun tal-Artiku.

3.3. Il-Kummissjoni targumenta ġustament favur protezzjoni msaħħa tal-bijodiversità, il-ħolqien ta' żoni protetti tal-baħar, kif ukoll favur il-ġlieda kontra t-tniġġis tal-metalli tqal u s-sustanzi tqal li jniġġsu. Għandu jiġi enfasizzat, madankollu, li ż-żoni protetti tal-baħar fl-ibħra internazzjonali huma ftit li xejn effettivi, ħlief fil-każ tal-projbizzjoni tas-sajd. Fil-fatt, skont id-definizzjoni, huma impossibbli li jiġu kkontrollati u protetti peress li jinsabu fi fluss kontinwu, kemm fir-rigward tal-ilmijiet u l-ispeċijiet li jgħixu fihom u l-ħin kollu jiċċaqilqu.

3.4. Bl-istess mod, hija tenfasizza l-b'żonn ta' kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tal-attivitajiet taż-żejt u tal-gass, b'mod partikolari biex jiġu evitati inċidenti kbar. Hawnhekk ukoll, l-effettività tiddependi mill-qawwa tar-relazzjonijiet internazzjonali konklużi mal-Istati oħra involuti fl-Artiku. F'dan ir-rigward, ta' min jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li r-relazzjonijiet diffiċli mar-Russja ma kellhomx impatt negattiv f'dak li jirrigwarda l-Artiku, fejn il-kooperazzjoni miexja 'l quddiem b'mod sodisfaċenti.

3.5. Filwaqt li għandu bosta riżorsi mfittxija – ħut, minerali, żejt u gass – ir-reġjun vast u b'popolazzjoni baxxa tal-Artiku ma għandux konnessjonijiet faċli tat-trasport. Il-Kummissjoni titlob għall-iżvilupp ta' ekonomija sostenibbli, li hija ferm iżjed meħtieġa fid-dawl tal-fatt li ż-żoni naturali huma fraġli u għaddejnin minn taqlib minħabba t-tibdil fil-klima. Ir-riżorsi naturali tal-Artiku għandhom jiġu protetti bħala riżerva għal użu ġejjieni, filwaqt li jiġu ppreservati l-interessi tal-popolazzjonijiet lokali. Il-KESE huwa favur protezzjoni aħjar tar-riżorsi tal-Artiku li huma l-kapital naturali tal-ġenerazzjonijiet futuri, u li wieħed jara l-bidliet ambjentali attwali fl-Artiku bħala l-kejl tal-progress Ewropew u globali dwar il-protezzjoni tal-klima. Il-preservazzjoni tar-reġjuni tal-Artiku u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima m'għandhomx isiru mingħajr ma jitqiesu l-abitanti jew b'mod li jkun għad-detriment tagħhom.

3.6. Jeħtieġ li l-UE tappoġġja l-introduzzjoni ta' teknoloġiji innovattivi, b'mod partikolari biex tindirizza l-ħruxija tax-tiewi fl-Artiku. Il-programm InnovFin jista' jintuża fl-Artiku. Il-Kummissjoni titlob ukoll għal aċċess effettiv għas-suq uniku. Attwalment, dan il-prospett għadu wisq "il bogħod. Iżda hemm involuti politiki Ewropej oħra: il-politika agrkola komuni" il-politika tas-sajd u l-politika marittima.

3.7. Il-Kummissjoni beħsiebha twaqqaf forum bil-għan li ssaħħaħ il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn il-programmi differenti ta' finanzjament tal-UE. Dan il-forum għandu jistabbilixxi l-prijoritajiet marbutin mal-investment u r-riċerka.

3.7.1. B'mod parallel, bħala parti minn Interreg, jitwaqqaf netwerk ta' awtoritajiet tal-ġestjoni u partijiet interessati li jista' jwassal għal konferenza annwali tal-partijiet interessati tal-Artiku. L-idea tidher interessanti, bil-kundizzjoni li l-implimentazzjoni tagħha tkun flessibbli, reattiva u tista' tiġi adattata.

3.8. Rigward l-investment, il-Kummissjoni tenfasizza b'mod partikolari n-netwerks tat-trasport, li huma meħtieġa biex jgħinu lir-reġjuni tal-Artiku joħorġu mill-iżolament, u jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li n-naħa tat-Tramuntana tal-Finlandja, l-Iżvezja u n-Norveġja tagħmel parti min-netwerk trans-Ewropew tat-trasport. Hija ħaġa ċara li dan l-aspett huwa kruċjali biex ir-reġjun jinfetaħ għall-bqija tad-dinja.

3.9. Id-daqs tal-Artiku u d-densità baxxa tal-popolazzjoni tiegħu jfissru li l-użu tat-teknoloġiji spazjali huma partikolarment adatti. Il-programmi Copernicus u Galileo ser ikunu estremament siewja għar-reġjun. L-approċċ tal-Kummissjoni jistħoqqlu l-appoġġ tagħna f'dan ir-rigward.

3.10. Il-fatt li s-silġ qed idub wassal għall-ftuħ tal-passaġġ tal-Grigal; għandu jiġi żgurat li n-navigazzjoni f'dawn ir-rotot ġodda tkun sigura. L-approċċ tal-Kummissjoni jistħoqqlu l-appoġġ tagħna f'dan ir-rigward. Għandha tinżamm l-idea ta' forum tal-gwardjani tal-kosta tal-Artiku.

3.11. Huwa s-suċċess tal-kooperazzjoni internazzjonali li ser jiddetermina jekk il-politiki segwiti jirnexxux jew le.

3.11.1. Il-Kummissjoni telenka d-diversi strumenti legali u l-korpi rilevanti u tenfasizza l-ħtieġa li l-UE timpenja ruħha bil-qawwa, filwaqt li tfakkar fil-ħtieġa ta' kooperazzjonijiet bilaterali, b'mod partikolari mal-atturi ewlenin bħall-Istati Uniti, ir-Russja u l-Kanada, iżda wkoll Greenland u ċerti Stati Asjatiċi li għandhom interess qawwi fil-kwistjoni tal-Artiku.

3.12. Il-Kummissjoni tenfasizza l-ħtieġa ta' djalogu mal-popli indiġeni li, ta' min ifakkar, huma l-ewwel fost dawk ikkonċernati u m'għandhomx ibatu l-konsegwenzi ta' politiki li jmorru kontrihom, b'mod partikolari mill-perspettiva tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli tar-reġjun. Għalhekk, jeħtieġ li s-soċjetà ċivili taqdi bis-sħiħ ir-rwol tagħha sabiex il-preokkupazzjonijiet tal-popolazzjonijiet indiġeni jiġu kkunsidrati ġenwinament, kemm mil-lat ekonomiku kif ukoll dak soċjali. F'dan ir-rigward, il-KESE jista' jwassal il-fehmiet tal-Unjoni Ewropea.

3.13. Mil-lat tal-ekonomija, u f'dan l-ispirtu, il-Kummissjoni tilqa' b'sodisfazzjon id-dikjarazzjoni dwar l-attivajiet tas-sajd iffirmata minn ħames stati kostali tal-Oċean Artiku iżda tenfasizza, għustament, li l-kwistjoni ma tikkonċernax lill-istati kostali biss.

3.14. Fl-aħħar nett, fil-qasam tar-riċerka, il-Kummissjoni tiddefendi l-idea ta' kooperazzjoni xjentifika msaħħa, speċjalment fi ħdan l-Alleanza Transatlantika u Artika għar-Riċerka dwar l-Oċeani, u tixtieq tfassal mappa tal-qiegħ tal-baħar sal-2020, mira ta' interess xjentifiku ewlieni li wieħed ma jistax ħlief li jappoġġja, iżda li għandha implikazzjonijiet lil hinn mis-sempliċi konnoxxenza xjentifika, kemm f'dak li jirrigwarda s-sigurtà kif ukoll f'dak li jirrigwarda t-trasport u l-isfruttament ekonomiku.

Brussell, l-14 ta' Diċembru 2016.

*Il-President  
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew  
Georges DASSIS*

---









ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)  
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**  
2985 Il-Lussemburgu  
IL-LUSSEMBURGU

**MT**